IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1) u (4) tat-TFUE u l-Artikoli 129 u 143 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1525/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007 u l-Artikoli 139 u 156 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew tal-Iżvilupp

**il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea, fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Settembru 2010, adottat**

**IR-RAPPORTI ANNWALI**

**tagħha għas-sena finanzjarja 2009.**

Ir-rapporti, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti, intbagħtu lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-istituzzjonijiet l-oħra.

Il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri huma:
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA (President), Hubert WEBER, Maarten B. ENGWIRDA, David BOSTOCK, Morten Louis LEVYSOHN, Ioannis SARMAS, Igors LUDBORŽS, Jan KINŠT, Kersti KALJULAID, Kikis KAZAMIAS, Massimo VARI, Juan RAMALLO, Olavi ALA-NISSILÄ, Lars HEIKENSTEN, Karel PINXTEN, Ovidiu ISPIR, Nadejda SANDOLOVA, Michel CRETIN, Harald NOACK, Henri GRETHEN, Eoin O'SHEA, Szabolcs FAZAKAS, Louis GALEA, Ladislav BALKO, Augustyn KUBIK, Milan Martin CVIKL, Rasa BUDBERGYTĖ.

# IR-RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

(2010/C 303/01)

# WERREJ

*Paġna*


| | | |
|---|---|---|
| Introduzzjoni ġenerali | | 7 |
| Kapitolu 1 | — Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn | 9 |
| Kapitolu 2 | — Dħul | 37 |
| Kapitolu 3 | — Agrikoltura u riżorsi naturali | 55 |
| Kapitolu 4 | — Koeżjoni | 95 |
| Kapitolu 5 | — Riċerka, enerġija u trasport | 115 |
| Kapitolu 6 | — Ghajnuna esterna, żvilupp u tkabbir | 135 |
| Kapitolu 7 | — Edukazzjoni u ċittadinanza | 161 |
| Kapitolu 8 | — Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji | 175 |
| Kapitolu 9 | — Nefqa amministrattiva u nefqiet oħra | 195 |
| Anness I | — Informazzjoni finanzjarja dwar il-baġit ġenerali | 219 |
| Anness II | — Lista tar-Rapporti Speċjali adottati mill-Qorti tal-Awdituri sa mill-aħħar Rapport Annwali | 242 |

## INTRODUZZJONI ĠENERALI

0.1. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-istituzzjoni mwaqqfa bit-Trattat biex twettaq il-verifika tal-finanzi tal-Unjoni Ewropea (UE). Bħala l-awditur estern tal-UE hija tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u taġixxi bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni. Aktar informazzjoni dwar il-Qorti tista' tinstab fir-rapport ta' attività annwali tagħha li, flimkien mar-rapporti speċjali tagħha dwar programmi ta' nfiq tal-UE u dħul u l-opinjonijiet tagħha dwar leġiżlazzjoni ġdida jew emendata, huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Qorti: www.eca.europa.eu.

0.2. Dan huwa t-33 rapport annwali tal-Qorti u jkopri s-sena finanzjarja 2009. Twettqu impenji li jammontaw għal EUR 142,5 biljun u pagamenti li jammontaw għal EUR 118,4 biljun [1]. Rapport annwali separat ikopri l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

0.3. Il-baġit ġenerali tal-UE huwa deċiż kull sena mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Ir-rapport annwali tal-Qorti, flimkien mar-rapporti speċjali tagħha, jagħti l-bażi għall-proċedura ta' kwittanza, li fiha l-Parlament Ewropew jiddeċiedi jekk il-Kummissjoni Ewropea tkunx wettqet ir-responsabbiltajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit b'mod sodisfaċenti. Barra minn hekk, il-Qorti din is-sena, qiegħda tressaq għall-ewwel darba, ir-rapport annwali tagħha lil parlamenti nazzjonali fl-istess ħin li tibgħat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, kif previst skont il-Protokoll nru 1 tat-Trattat ta' Lisbona.

0.4. Il-parti ċentrali ta' dan ir-rapport hija d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti (id-"DAS") dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet (imsemmija fir-rapport bħala "regolarità ta' tranżazzjonijiet"). Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni stess tibda r-rapport. Ħafna mill-materjal ta' wara jirrapporta dwar ix-xogħol ta' verifika li fuqu hi bbażata d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

0.5. Ir-rapport hu organizzat kif ġej [2]:

— Il-Kapitolu 1 jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet: taqsira tar-riżultati prinċipali tal-verifika tal-Qorti dwar l-affidabbiltà ta' kontijiet u dwar ir-regolarità ta' tranżazzjonijiet, u analiżi tal-kapaċità korrettiva ta' sistemi ta' sorveljanza u kontroll;

— Il-Kapitoli 2 sa 9 jagħtu s-sejbiet tal-verifika dettaljati fl-għamla ta' "evalwazzjonijiet speċifiċi" tad-dħul u n-nefqa tal-UE. Il-Kapitolu 2 jittratta n-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE; il-kapitoli 3 sa 9 jittrattaw is-seba' gruppi tal-oqsma ta' politika li l-infiq mill-baġit tal-UE hu awtorizzat u rreġistrat fi ħdanhom. Dawn il-gruppi ta' oqsma ta' politika jikkorrispondu b'mod wiesa' għall-intestaturi użati fil-Qafas Finanzjarju tal-2007-13, li jistipula l-pjanijiet wiesgħa ta' nfiq multiannwali.

0.6. L-evalwazzjonijiet speċifiċi huma bbażati prinċipalment fuq: ir-riżultati tal-ittestjar mill-Qorti tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet; fuq evalwazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll prinċipali li jiggvernaw id-dħul jew in-nefqa involuta; u fuq reviżjoni tal-affidabbiltà ta' rappreżentazzjonijiet ta' ġestjoni tal-Kummissjoni.

0.7. Ir-risposti tal-Kummissjoni għall-osservazzjonijiet tal-Qorti – jew dawk ta' istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-UE, fejn huwa xieraq – huma ppreżentati fi ħdan id-dokument. Id-deskrizzjoni tal-Qorti tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tqis ir-risposta korrispondenti ta' min ġie vverifikat. Hija r-responsabbiltà tal-Qorti, bħala l-awditur estern indipendenti, li tirrapporta s-sejbiet tagħha, tiġbed konklużjonijiet minn dawk is-sejbiet, u b'hekk tagħti valutazzjoni imparzjali tal-affidabbiltà tal-kontijiet u tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

(1) Informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għall-2009 tista' tinstab fil-Parti B II tal-Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea, is-Sena Finanzjarja 2009 u mir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Baġit u dik Finanzjarja, is-Sena Finanzjarja 2009 ppreparati mid-DĠ għall-Baġit. Figuri dettaljati huma wkoll ipprovduti fl-***Anness I*** ta' dan ir-Rapport Annwali.

(2) Kien hemm bidla fl-istruttura tar-rapport annwali ta' din is-sena. Il-Kapitoli 2 u 3 preċedenti (li jkopru kontroll intern u ġestjoni tal-baġit rispettivament) mhumiex inklużi għall-2009; osservazzjonijiet marbuta mal-kontrolli interni tal-Kummissjoni ġew integrati fi ħdan stimi speċifiċi.

## IL-KAPITOLU 1

## Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti mogħtija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – ir-rapport tal-awditur indipendenti | I-X |
| L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet | VII-VIII |
| L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet | IX-X |
| Ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet | 1.1-1.50 |
| Introduzzjoni | 1.1-1.5 |
| L-affidabbiltà tal-kontijiet | 1.6-1.20 |
| Il-kuntest ġenerali | 1.6 |
| Is-sejbiet għas-sena finanzjarja 2009 | 1.7-1.20 |
| Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet u l-effettività tas-sistemi | 1.21-1.26 |
| L-istruttura tal-evalwazzjonijiet speċifiċi tad-DAS | 1.21 |
| Sejbiet għas-sena finanzjarja 2009 | 1.22-1.25 |
| Paragun mar-riżultati tas-snin ta' qabel | 1.26 |
| L-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment mill-Kummissjoni | 1.27-1.31 |
| Ir-Rapporti ta' Attività Annwali u d-Dikjarazzjonijiet mid-Diretturi-Ġenerali | 1.27-1.28 |
| Ir-rapport ta' sinteżi tal-Kummissjoni | 1.29-1.31 |
| Mekkaniżmi ta' rkupru u korrezzjoni | 1.32-1.50 |
| Introduzzjoni | 1.32-1.36 |
| Informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni mal-kontijiet tal-2009 | 1.37-1.48 |
| Konklużjoni dwar il-kapaċità korrettiva tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll | 1.49-1.50 |

## ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI MOGĦTIJA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL – IR-RAPPORT TAL-AWDITUR INDIPENDENTI

I. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) il-Qorti vverifikat

(a) il-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" li jikkonsistu fir-"Rendikonti finanzjarji konsolidati" ([1]) u r-"Rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" ([2]) għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009; u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

*Ir-responsabbiltà tal-maniġment*

II. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju, il-maniġment ([3]) huwa responsabbli mill-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ġusta tal-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom:

(a) Ir-responsabbiltà tal-maniġment dwar il-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" tinkludi: it-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ġusta ta' rendikonti finanzjarji li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politika tal-kontabilità xierqa, abbażi tar-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni ([4]); u l-kalkolu ta' estimi tal-kontabilità li huma raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Skont l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tapprova l-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" wara li l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni jkun ikkonsolidahom abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet ([5]) u l-korpi ([6]) l-oħrajn u jkun stabbilixxa nota, li takkompanja lill-kontijiet konsolidati, li tiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu assigurazzjoni raġonevoli li jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fl-aspetti materjali kollha.

(b) Il-mod li bih il-maniġment iħaddem ir-responsabbiltà tiegħu biex jiżgura l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi jiddependi fuq il-metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit. Fil-każ ta' ġestjoni ċentralizzata u diretta, il-kompiti ta' implimentazzjoni jitwettqu mid-dipartimenti tal-Kummissjoni. Taħt ġestjoni maqsuma, il-kompiti ta' implimentazzjoni huma ddelegati lill-Istati Membri, taħt ġestjoni deċentralizzata lil pajjiżi terzi u taħt ġestjoni ċentralizzata u indiretta lil korpi oħrajn. Fil-każ ta' ġestjoni konġunta, il-kompiti ta' implimentazzjoni huma maqsuma bejn il-Kummissjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali (l-Artikoli 53 sa 57 tar-Regolament Finanzjarju). Il-kompiti ta' implimentazzjoni għandhom jikkonformaw mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, li jeħtieġ tfassil, implimentazzjoni u żamma ta' kontroll intern effettiv u effiċjenti li jinkludi miżuri ta' sorveljanza adegwati u miżuri xierqa biex jevitaw l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk hemm bżonn, proċeduri legali biex jiġu rkuprati fondi mħallsa jew użati ħażin. Ikun xi jkun il-metodu ta' implimentazzjoni applikat, il-Kummissjoni tħaddan ir-responsabbiltà finali għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li l-kontijiet tal-Unjoni Ewropea huma bbażati fuqhom (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

---

([1]) Ir-"Rendikonti Finanzjarji Konsolidati" jinkludu l-karta tal-bilanċ, il-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rendikont tat-tibdil fl-attiv nett u sommarju tal-politika tal-kontabilità sinifikanti u noti oħrajn ta' spjegazzjoni (bir-rappurtar tas-segmenti inkluż).

([2]) Ir-"Rapporti Konsolidati dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit" jinkludu r-rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħrajn ta' spjegazzjoni.

([3]) Fil-livell tal-Istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, il-maniġment jinkludi l-Membri tal-Istituzzjonijiet, id-Diretturi tal-Aġenziji, l-Uffiċjali li Jawtorizzaw b'delegazzjoni u b'subdelegazzjoni, l-Uffiċjali tal-Kontabilità u l-persunal prinċipali tal-unitajiet finanzjarji, tal-verifika jew tal-kontroll. Fil-livell tal-Istati Membri u Stati Benefiċjarji, il-maniġment jinkludi l-Uffiċjali li Jawtorizzaw, l-Uffiċjali tal-Kontabilità u l-persunal prinċipali tal-awtoritajiet tal-pagament, tal-korpi li jiċċertifikaw u tal-aġenziji tal-implimentazzjoni.

([4]) Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni huma meħudin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fl-assenza ta' dawn, Standards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/ Standards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabilità. Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-"Rendikonti Finanzjarji Konsolidati" għas-sena finanzjarja 2009 huma ppreparati (bħalma kienu sa mis-sena finanzjarja 2005) abbażi ta' dawn ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, li jadattaw il-prinċipji tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti għall-ambjent speċifiku tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li r-"Rapporti Konsolidati dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit" għadhom ibbażati primarjament fuq ċaqliq tal-flus kontanti.

([5]) Qabel l-adozzjoni tal-Kontijiet Annwali mill-istituzzjonijiet, l-uffiċjali tal-kontabilità differenti jiffirmawhom, u b'hekk jiċċertifikaw li għandhom assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni (l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju).

([6]) Il-Kontijiet Annwali tal-korpi huma ppreparati mid-diretturi rispettivi u mibgħuta lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni flimkien mal-opinjoni tal-bord amministrattiv involut. Barra dan, l-uffiċjali tal-kontabilità rispettivi jiffirmawhom, u b'hekk jiċċertifikaw li għandhom assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-korpi (l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju).

*Ir-responsabbiltà tal-awditur*

III. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, abbażi tal-verifika tagħha, tagħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi ta' Verifika tal-INTOSAI, safejn dawn japplikaw għall-kuntest tal-Unjoni Ewropea. Dawn l-istandards jitolbu li l-Qorti tippjana u twettaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi humiex legali u regolari.

IV. Verifika tinvolvi t-twettiq ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-verifika dwar l-ammonti u t-tagħrif fil-kontijiet konsolidati u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq l-evalwazzjoni tal-awditur, inkluża l-evalwazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni żbaljata materjali fil-kontijet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball. Meta jagħmel dawk l-evalwazzjonijiet tar-riskju, l-awditur jikkunsidra l-kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet konsolidati, u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jitfasslu proċeduri tal-verifika li jixirqu ċ-ċirkostanzi. Verifika f'dan il-kuntest tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politika tal-kontabilità użata u r-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni ġenerali tal-kontijiet konsolidati u r-rapporti ta' attività annwali.

V. Fil-kuntest tad-"Dħul", il-verifika tal-Qorti dwar ir-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u fuq id-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) tieħu, bħala l-punt tat-tluq tagħha, il-wasla għand il-Kummissjoni tal-aggregati makroekonomiċi mħejjija mill-Istati Membri, u mbagħad tevalwa s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tad-*data* sakemm jiġu inklużi fil-kontijiet finali u sakemm il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew irċevuti. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, il-Qorti teżamina l-kontijet tal-awtoritajiet tad-dwana u tanalizza l-fluss tad-dazji taħt sorveljanza doganali sakemm l-ammonti jiġu rreġistrati fil-kontijiet finali u jaslu għand il-Kummissjoni.

VI. Il-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

## L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

VII. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-"Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea" jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha ([7]), il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2009, u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u tal-likwidità tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

VIII. Mingħajr ma tixħet dubju fuq l-opinjoni espressa fil-paragrafu VII, il-Qorti tinnota li d-dgħufijiet fis-sistemi tal-kontabilità ta' ċerti Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni (partikolarment għall-finanzjament minn qabel, għall-qtugħ relatat ma' dan kif ukoll għall-fatturi/klejms tal-ispejjeż) għad iridu jkunu solvuti.

## L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

IX. Fl-opinjoni tal-Qorti, "Id-Dħul", l-impenji għall-gruppi tal-politika kollha u l-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għall-gruppi tal-politika "L-Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji" u "In-Nefqa amministrattiva u nefqa oħra" huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

([7]) Skont l-Istandard Internazzjonali dwar il-Verifika 700 "Forming an opinion and reporting on financial statements" (It-Tiswir ta' opinjoni u r-rappurtar dwar rendikonti finanzjarji) (ISA 700, il-paragrafu 35), it-termini "present fairly, in all material aspects" (jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha) jew "give a true and fair view" (jagħtu stampa vera u ġusta) huma l-istess.

X. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil–31 ta' Diċembru 2009 għall-grupp tal-politika "L-Agrikoltura u r-riżorsi naturali", "il-Koeżjoni", "ir-Riċerka, l-enerġija u t-trasport", "l-Għajnuna esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir" u "l-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza" huma materjalment milquta minn żbalji. Is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll huma parzjalment effettivi biex jevitaw jew isibu u jikkoreġu r-rimborż ta' spejjeż ddikjarati iżjed jew ineliġibbli.

Id-9 ta' Settembru 2010

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide de Gasperi, 1615 Luxembourg, LUXEMBOURG

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

# ĦARSA ĠENERALI LEJN IS-SEJBIET

## Introduzzjoni

1.1. Skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Awdituri tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi ("id-DAS"). It-Trattat jawtorizza wkoll lill-Qorti biex tissupplimenta din id-dikjarazzjoni b'evalwazzjonijiet speċifiċi ta' kull qasam prinċipali ta' attività tal-UE.

1.2. L-għan tax-xogħol fuq l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-Unjoni Ewropea huwa li tinkiseb biżżejjed evidenza xierqa li twassal għall-konklużjoni dwar il-punt sa fejn id-dħul, in-nefqa, l-attiv u l-passiv ġew irreġistrati kif suppost u li l-kontijiet annwali jippreżentaw b'mod veru u ġust il-pożizzjoni finanzjarja fil-31 ta' Diċembru 2009, u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-likwidità għas-sena li ntemmet (ara l-paragrafi 1.6 sa 1.20).

1.3. L-objettiv tax-xogħol tal-verifika tal-Qorti dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-2009 huwa li tinġabar biżżejjed evidenza xierqa, ta' natura diretta jew indiretta, biex tagħti opinjoni dwar jekk humiex skont ir-regolamenti applikabbli jew id-dispożizzjonijiet kuntrattwali, u jekk kinux ikkalkulati tajjeb (ara l-paragrafi 1.21 sa 1.25 għal ħarsa ġenerali tar-riżultati u l-kapitoli 2 sa 9 għal aktar dettalji).

1.4. Il-Qorti analizzat l-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni, jiġifieri d-Dikjarazzjonijiet tad-Diretturi Ġenerali u r-Rapporti ta' Attività Annwali tas-servizzi tal-Kummissjoni u r-Rapport ta' Sinteżi relatat sabiex tevalwa l-punt safejn dawn jagħtu evalwazzjoni ġusta dwar il-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja, u b'mod partikolari kemm ir-riżervi huma kompleti u suffiċjenti (ara l-paragrafi 1.27 u 1.28 u "L-Affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni" fil-kapitoli 2 sa 9).

1.5. Barra minn hekk, il-Qorti eżaminat l-arranġamenti biex isiru u jiġu kkomunikati l-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji (ara l-paragrafi 1.32 sa 1.50).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## L-affidabbiltà tal-kontijiet

### *Il-kuntest ġenerali*

1.6. Il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2009, ippreparati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni u approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 ([8]) u rċevuti mill-Qorti fit-23 ta' Lulju 2010. Il-kontijiet jinkludu r-"rendikonti finanzjarji konsolidati" - li jkopru, partikolarment, il-karta tal-bilanċ b'deskrizzjoni tal-attiv u l-passiv fi tmiem is-sena kif ukoll il-kont tar-riżultat ekonomiku - u r-"rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" - li jkopru d-dħul u n-nefqa għas-sena.

### *Is-sejbiet għas-sena finanzjarja 2009*

1.7. Il-verifika mill-Qorti tar-rendikonti finanzjarji konsolidati sabithom ħielsa minn dikjarazzjonijiet żbaljati materjali. Iżda, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-kwistjonijiet segwenti li ġew irrappurtati wkoll fl-2008 u fi snin preċedenti:

— rappreżentazzjonijiet nieqsa jew mhux kompleti mill-Uffiċjali tal-Kontabilità għal ċertu organizzazzjonijiet li l-kontijiet tagħhom kienu konsolidati ma' dawk tal-Kummissjoni (ara l-paragrafu 1.8);

— is-sistemi lokali tal-ġestjoni finanzjarja identifikati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni (ara l-paragrafi 1.9 u 1.10);

— it-trattament ta' finanzjament minn qabel u kontijiet pagabbli matul is-sena u fil-proċedura ta' qtugħ (ara l-paragrafi 1.11 sa 1.13);

— l-informazzjoni dwar l-irkupri wara irregolaritajiet (ara l-paragrafi 1.14 sa 1.19).

**1.7.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni li tibqa' dejjem pożittiva tal-Qorti rigward l-affidabbiltà fil-kontijiet.*

— *Il-Kummissjoni għamlet progress f'dan il-qasam u se tenfasizza t-titjib li sar f'dawn l-għoti ta' informazzjoni fil-kontijiet tal-2009. Nota numru 6 ġiet imtejba u mkabbra sabiex tipprovdi aktar informazzjoni komprensiva dwar l-aspetti kollha tal-proċessi ta' irkupru.*

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1) l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9), jirrikjedi li l-kontijiet finali għandhom jintbagħtu qabel il-31 ta' Lulju tas-sena finanzjarja ta' wara.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**L-ittra ta' rappreżentazzjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabilità**

1.8. L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni fl-ittra tar-rappreżentazzjoni tal-maniġment dwar il-kontijiet konsolidati enfasizza li l-Uffiċjali tal-Kontabilità ta' tliet entitatjiet konsolidati kienu naqsu milli jittrasmettu jew immodifikaw ir-rappreżentazzjonijiet. B'mod partikolari, l-informazzjoni meħtieġa dwar il-validazzjoni tas-sistemi tal-kontabilità u dawk lokali ma ngħatatx (9).

**1.8.** *Il-Kummissjoni tinnota li minn total ta' 40 entita' kkontrollata, dawn it-3 entitajiet biss ma provdewx l-informazzjoni kompluta meħtieġa fl-ittri ta' rappreżentazzjoni li huma bagħtu lill-Qorti. Din tirrappreżenta titjib sinifikanti mis-sena ta' qabel.*

**Il-validazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja lokali** (10)

1.9. Minħabba fi problemi kontinwi fil-ġestjoni tal-kontijiet sospiżi u l-proċeduri tal-kontabilità tal-attiv, l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni xorta ma setax jivvalida s-sistemi lokali ta' żewġ Direttorati Ġenerali (11).

**1.9.** *Iż-żewġ Direttorati Ġenerali, RELEX u JLS, għamlu progress tajjeb fl-2009 fl-identifikazzjoni tal-insuffiċċjenzi. L-uffiċjal tal-kontabbiltà se jibqa' jitlob għal aktar progress lejn validazzjoni sħiħa tas-sistemi lokali.*

1.10. Il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Kontabilità minn snin preċedenti ġew implimentati. Il-kwistjonijiet li kien għad fadal ma kellhomx impatt materjali fuq l-affidabilità tal-kontijiet fl-2009, imma n-natura u s-sinifikat tagħhom huma tant li għandhom jibqgħu jirċievu l-attenzjoni tal-Kummissjoni, b'mod notevoli ċerti aspetti tal-proċeduri ta' qtugħ, l-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' finanzjamenti minn qabel, il-puntwalità tar-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet, u l-konsistenza tad-*data* bejn is-sistemi lokali u l-ABAC.

**Finanzjament minn qabel, kontijiet pagabbli u proċeduri ta' qtugħ**

1.11. Il-Qorti vverifikat kampjuni rappreżentattivi tal-finanzjament minn qabel li rrappreżentaw EUR 48 827 miljun wara qtugħ u tal-fatturi/klejms tal-ispejjeż ta' madwar EUR 15 260 miljun. Hija identifikat żbalji tal-kontabilità b'impatt finanzjarju ġenerali immaterjali imma bi frekwenza għolja. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal aktar titjib fil-preċiżjoni tad-*data* tal-kontabilità bażika fil-livell ta' ċerti Direttorati Ġenerali. It-tipi ta' żbalji l-aktar komuni huma:

— entrati nieqsa jew iddupplikati;

— reġistrazzjoni ta' ammonti inkorretti;

— tranżazzjonijiet irreġistrati fil-kont il-ħażin.

**1.11.** *Il-Kummissjoni tieħu nota li l-Qorti sabet li m'hemm l-ebda żbalji materjali li jaffettwaw il-kontijiet, abbażi tal-kampjuni tagħha. Din se tibqa' taħdem fuq it-titjib tal-eżatezza tad-dejta tal-kontijiet tagħha permezz ta' azzjonijiet li jibqgħu għaddejjin bħall-proġett ta' kwalità tal-kontijiet u l-validazzjoni tas-sistemi lokali.*

(9) L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni, il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizijia u l-Impriża Konġunta tal-Mediċini Innovattivi.

(10) Ħafna Direttorati Ġenerali jużaw is-sistemi tal-IT lokali tagħhom stess għal skopijiet ta' ġestjoni finanzjarja u għall-ħolqien ta' tranżazzjonijiet li jintbagħtu lis-sistema tal-kontabilità ċentrali (ABAC) permezz ta' interface. Skont l-Artikolu 61, il-paragrafu 1e tar-Regolament Finanzjarju l-Uffiċjal tal-Kontabilità għandu jivverifika dawn is-sistemi sabiex jevalwa jekk hux qed joperaw kif xieraq jew le.

(11) Direttorati Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni u għal-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 1.12. Fir-rigward tar-reġistrazzjoni fil-kotba tal-ammonti ffinanzjati minn qabel, il-Qorti identifikat ukoll il-problemi li ġejjin: | **1.12.** |
| — L-approvazzjoni ta' finanzjamenti minn qabel li huma pendenti mhux dejjem titwettaq tajjeb. Għadd ta' approvazzjonijiet ma twettqu xejn jew inkella kienu rreġistrati b'ammonti inkorretti. Dan irriżulta f'dikjarazzjoni minfuħa immaterjali fil-bilanċ tal-finanzjament minn qabel fl-aħħar tas-sena. | — *Il-Kummissjoni se tanalizza s-sitwazzjoni dwar il-finanzjament minn qabel fis-servizzi differenti u tieħu miżuri korrettivi fejn hu meħtieġ.* |
| — Xi Direttorati Ġenerali fil-familja tar-Riċerka ma jipproċessawx l-informazzjoni disponibbli dwar il-progress li jkun sar u l-ispejjeż relatati mġarrba u ma jawtorizzawx il-finanzjament minn qabel korrispondenti skont dan il-progress, imma jużaw approssimazzjonijiet meta jkunu qegħdin jiddeterminaw il-qtugħ (eż. *pro rata temporis*). | — *Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hemm bżonn li jsir titjib f'dan il-qasam. Il-kwistjoni diġà qed tiġi indirizzata permezz ta' inizjattivi bħal eżempju l-programm ta' kwalità tal-kontijiet u gwida ċentrali oħra u kontrolli tas-servizzi tal-kontijiet.* |
| 1.13. Fir-rigward ta' fatturi/klejms għall-ispejjeż, xi Direttorati Ġenerali ma rrispettawx il-ħtieġa li jirreġistraw il-fatturi u r-rendikonti tal-ispejjeż fi żmien ħames ġranet ta' xogħol ([12]) wara l-wasla tagħhom. | **1.13.** *Id-Direttorati-Ġenerali ħadu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex inaqqsu mid-dewmien żejjed u ttieħdet nota tat-titjib li sar. Dewmien żejjed fir-reġistrazzjoni ta' fatturi ta' xiri/talbiet għall-ispejjeż qed jiġu indirizzati bħala parti mill-proġett ta' kwalità tal-kontijiet.* |
| **Informazzjoni dwar irkupri u korrezzjonijiet finanzjarji** | |
| 1.14. Il-verifika tal-Qorti turi li l-Kummissjoni qiegħda tirrapporta ċifri affidabbli dwar korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri b'mod li jvarja ħafna bejn is-servizzi differenti tagħha (ara wkoll il-paragrafi 1.37 sa 1.50). | **1.14.** *Il-Kummissjoni tagħmel referenza għar-risposti tagħha fuq din il-kwistjoni mogħtija skont paragrafi 1.38-1.50.* |
| 1.15. Xi servizzi jippreżentaw ċifri għal korrezzjonijiet finanzjarji li għadhom għaddejjin meta tinħareġ ittra dwar il-pożizzjoni finali biss, filwaqt li oħrajn jibbażaw il-kalkolu tagħhom fuq estimi statistiċi bl-estrapolazzjoni ta' esperjenza ta' qabel saħansitra bl-inklużjoni ta' korrezzjonijiet għal ammonti li għalihom il-proċedura ta' approvazzjoni għadha ma bdietx. | **1.15.** *L-informazzjoni kollha relatata mal-irkupri issa tinsab f'dikjarazzjoni unika, nota 6 tal-kontijiet kkonsolidati. Aktar informazzjoni dettaljata hi inkluża taħt "Korrezzjonijiet finanzjarji li għadhom qed isiru". Skont politiki ta' kontabbiltà u prinċipji ta' kontabbiltà li huma ġeneralment aċċettati, il-Kummissjoni tista' tuża stimi għat-tħejjija tal-kontijiet annwali. Dan huwa l-każ għall-ammont ta' nfiq li probabbilment se jkun eskluż mill-finanzjament tal-UE minn deċiżjonijiet ta' konformità futuri bħal dawn. Din l-istima tikkunsidra l-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. Peress li xi korrezzjonijiet huma deċiżi għal kull sena finanzjarja ta' nefqa, huwa għalhekk possibbli li wieħed jikkalkula l-medja ta' korrezzjonijiet għal kull sena finanzjarja magħluqa u li jestrapola dan il-persentaġġ għal aktar snin finanzjarji reċenti li fuqhom għad qed isiru l-verifiki.*<br><br>*L-affidabbilità ta' din l-istima hi stmata fuq il-bażi tat-tqabbil mal-ammonti ta' korrezzjonijiet finanzjarji li għadhom qed jitwettqu għas-snin preċedenti fejn din l-informazzjoni hi disponibbli.* |

([12]) Hekk kif stabbilit fl-istruzzjonijiet interni tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni tal-10.7.2009.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 1.16. L-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' korrezzjoni finanzjarja (irtirar u rkupri) mogħtija mill-Istati Membri, fil-qasam tal-Koeżjoni u inkluża fin-nota 6 ta' mar-rendikonti finanzjarji għadha mhijiex sħiha u affidabbli (ara wkoll il-paragrafu 4.31). | **1.16.** *Dejta sottomessa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fl-ewwel nofs tal-2010 dwar is-sena 2009 hi inkluża fin-nota numru 6 tal-kontijiet annwali kkonsolidati. Ir-reviżjoni ta' fuq il-post tad-dejta tal-Istati Membri li twettqet mill-Kummissjoni, uriet li s-sistemi tar-reġistrazzjoni u rappurtar tad-dejta għadhom mhumiex attendibbli b'mod komplet fl-Istati Membri kollha (ara wkoll ir-risposti għall-paragrafi 1.34 u 1.36). Il-Kummissjoni ssegwi kwalunkwe inkonsistenza f'din id-dejta u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri għat-titjib.*<br><br>*Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għar-risposta tagħha għal paragrafu 4.31.* |
| 1.17. Abbażi tal-eżami tax-xogħol tal-korpi li jiċċertifikaw u tal-analiżi tal-Kummissjoni li tirreferi għal dan, il-Qorti ttenni d-dubju tagħha rigward l-affidabbiltà tar-riċevibbli mill-Istati Membri fil-qasam tal-agrikoltura (il-kontijiet tad-debituri tal-FAEG) ([13]) (ara wkoll il-paragrafu 3.54). | **1.17.** *Il-Kummissjoni kisbet mill-korpi ta' ċertifikazzjoni (korpi ta' verifika professjonali indipendenti) informazzjoni affidabbli dwar debituri għal raġunijiet ta' approvazzjoni u kontabbiltà. Korrezzjonijiet li jammontaw għal EUR 14,8 miljun ġew proposti mill-Kummissjoni fir-rigward tas-sena finanzjarja 2009 abbażi tal-valutazzjoni tagħha tal-iżbalji misjuba mill-korpi ta' ċertifikazzjoni fir-rapporti tagħhom. L-iżbalji finanzjarji misjuba jibqgħu jiġu segwiti permezz tal-approvazzjoni normali tal-proċeduri ta' kontabbiltà.* |
| 1.18. Għalkemm in-noti ta' spjegazzjoni relatati mal-kontijiet annwali fihom informazzjoni dwar il-fatt li xi wħud mill-pagamenti x 'aktarx li jkunu kkoreġuti aktar tard mis-servizzi tal-Kummissjoni jew mill-Istati Membri, l-ammonti u l-oqsma tan-nefqa li jistgħu jkunu soġġetti għal aktar verifikazzjoni u approvazzjoni tal-proċeduri tal-kontijiet għadhom mhux identifikati fin-noti ([14]). | **1.18.** *Ir-Regolament Finanzjarju jippermetti lill-Kummissjoni sabiex tagħmel verifiki fuq in-nefqiet kollha għal bosta snin wara s-sena attwali ta' nefqa. Il-kontijiet m'għandhomx jimplikaw li, minħabba verifiki fis-snin li ġejjin, l-infiq kollu kkonċernat għad irid jiġi aċċettat. Inkella, l-infiq baġitarju kollu se jkun kkunsidrat bħala proviżorju sakemm ma ssirx verifika ex-post jew il-perjodu ta' limitazzjoni msemmi jkun skada. Fejn l-ammonti ta' rkupri potenzjali huma kwantifikabbili, dawn jiġu ddikjarati fin-nota numru 6 tal-kontabbilità kkonsolidata.*<br><br>*Fl-agrikultura, deċiżjoni ta' approvazzjoni finanzjarja tittieħed madwar sitt xhur wara l-aħħar tas-sena finanzjarja kkonċernata, u permezz tagħha l-Kummissjoni tistabbilixxi l-ammont ta' nfiq rikonoxxut li għandu jitħallas mill-baġit tal-UE għal dik is-sena. Dan ir-rwol tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni finanzjarja mhux qed jiġi ddubitat mill-fatt li korrezzjonijiet finanzjarji sussegwenti jistgħu jiġu imposti fuq Stati Membri permezz ta' deċiżjonijiet ta' konformità. L-ammont ta' nfiq li probabbilment se jkun eskluż mill-finanzjament tal-UE minn deċiżjonijiet ta' konformità futuri bħal dawn se jiġi żvelat f'nota mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.* |

([13]) Ara l-paragrafu 5.61 tar-Rapport Annwali tal-2006, il-paragrafu 5.44 tar-Rapport Annwali tal-2007 u l-paragrafu 5.56 tar-Rapport Annwali tal-2008.

([14]) Ara l-paragrafi 1.10 u 1.11 tar-Rapport Annwali tal-2002, il-paragrafu 1.11 tar-Rapport Annwali tal-2003, il-paragrafi 1.12 u 1.13 tar-Rapport Annwali tal-2004, il-paragrafu 1.57 tar-Rapport Annwali tal-2005, il-paragrafu 1.34 tar-Rapport Annwali tal-2006 u l-paragrafu 1.28 tar-Rapport Annwali tal-2007.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.19. Minħabba l-kumplessità tal-mekkaniżmi ta' rkupru u ta' korrezzjoni finanzjarja, in-natura diversa tal-elementi trattati fi ħdanhom u l-bżonn ta' preżentazzjoni trasparenti u koerenti tal-informazzjoni (ara wkoll 1.37 sa 1.50), il-Kummissjoni għanda tirfina l-linji gwida dwar ir-rappurtar finanzjarju tagħha rigward ir-rikonoxximent tad-dħul u rigward attiv kontinġenti sabiex tistabbilixxi l-ħtiġijiet tal-kontabilità u tal-għotja ta' informazzjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.19.** *Il-Kummissjoni tikkonforma mar-rekwiżiti ta' żvelar ta' informazzjoni msemmija fir-regoli tal-kontabbilità tagħha, primarjament regoli 2,4 u 10.*

*M'hemm l-ebda gwida ġenerali fl-istandards internazzjonali fl-iżvelar ta' din l-informazzjoni speċifika u mhux ta' kontabbilità. Madanakollu, meta wieħed jikkunsidra l-osservazzjonijiet tal-Qorti, il-Kummissjoni tejbet il-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni.*

**It-trasferiment tal-attiv ta' Galileo**

1.20. Għall-programm Galileo l-appartenenza tal-attiv kollu maħluq, żviluppat jew miksub kienet trasferita legalment lill-Unjoni f'Lulju 2008, abbażi ta' regolament konġunt tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]). Madankollu, il-ftehimiet ta' trasferiment magħmula għadhom mhumiex implimentati għal kollox. In-nefqa kollha mġarrba s'issa (EUR 2 000 miljun bejn wieħed u ieħor) hija ttrattata bħala spejjeż tar-riċerka. M 'hemm ebda impatt fuq il-karta tal-bilanċ għall-2009, iżda l-Kummissjoni għandha tkompli fl-isforzi tagħha biex tiżgura li l-informazzjoni meħtieġa kollha tkun disponibbli fiż-żmien meta t-trasferiment iseħħ sabiex l-attiv ikun issalvagwardjat b'mod effettiv.

**1.20.** *It-trasferiment tal-assi li qed jinħoloq mhuwiex previst qabel it-tmiem tal-fażi "Validazzjoni fl-Orbita" (In-Orbit Validation (IOV)), mistennija li sseħħ matul l-2012. Il-Kummissjoni diġà qed taħdem mill-qrib mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) sabiex tiżgura li fil-waqt ta' dan it-trasferiment l-informazzjoni ta' kontabbiltà u teknika kollha meħtieġa tkun disponibbli sabiex tiżgura trasferiment mingħajr problemi.*

## Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet u l-effettività tas-sistemi

### *L-istruttura tal-evalwazzjonijiet speċifiċi tad-DAS*

1.21. Fil-kapitolu 2 il-Qorti tipprovdi evalwazzjonijiet speċifiċi dwar id-Dħul u fil-kapitoli 3 sa 9 dwar il-gruppi tal-oqsma tal-politika tal-Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività (ABB) (ara t-***Tabella 1.1***). Kull evalwazzjoni speċifika tagħti introduzzjoni, sejbiet u konklużjonijiet fuq ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, l-effettività tas-sistemi, kif ukoll l-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni u segwitu ta' osservazzjonijiet preċedenti.

([15]) Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

**Tabella 1.1 — Riżultat tan-nefqa fl-2009 skont il-kapitoli tar-Rapport Annwali**

*(miljuni ta' euro)*

| Taqsimiet (S) u titoli (T) ([1]) li jikkorrispondu man-nomenklatura baġitarja tal-2009 allokata għal kull kapitolu tar-Rapport Annwali tal-Qorti | Il-Pagamenti magħmula fl-2009 ([2]) ([3]) |
|---|---|
| **Kapitoli tar-Rapport Annwali** | |
| **L-agrikoltura u r-riżorsi naturali** | 56 318 |
| L-Agrikoltura u l-iżvilupp rurali (T.05)<br>L-Ambjent (T.07)<br>Is-Sajd u l-affarijiet marittimi (T.11)<br>Is-Saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur (T.17) | |
| **Il-Koeżjoni** | 35 467 |
| L-Impjiegi u l-affarijiet soċjali (T.04)<br>Il-Politika reġjonali (T.13) | |
| **Ir-Riċerka, l-enerġija u t-trasport** | 7 966 |
| Ir-Riċerka (T.08)<br>L-Enerġija u t-trasport (T.06)<br>Is-Soċjetà tal-informazzjoni u l-midja (T.09)<br>Ir-Riċerka diretta (T.10) | |
| **L-Għajnuna Esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir** | 6 596 |
| Ir-Relazzjonijiet esterni (T.19)<br>L-Iżvilupp u r-relazzjonijiet mal-Istati AKP (T.21)<br>It-Tkabbir (T.22)<br>L-Għajnuna umanitarja (T.23) | |
| **L-Edukazzjoni u ċ-ċittadinanza** | 2 153 |
| L-Edukazzjoni u l-kultura (T.15)<br>Il-Komunikazzjoni (T.16)<br>Iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (T.18) | |
| **L-Affarijiet ekonomiċi u soċjali** | 732 |
| L-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali (T.01)<br>L-Intrapriża (T.02)<br>Il-Kompetizzjoni (T.03)<br>Is-Suq Intern (T.12)<br>Il-Kummerċ (T.20) | |
| **In-Nefqa amministrattiva** | 9 129 |
| Il-Parlament (S. I)<br>Il-Kunsill (S. II)<br>Il-Kummissjoni (S. III)<br>Il-Qorti tal-Ġustizzja (S. IV)<br>Il-Qorti tal-Awdituri (S. V)<br>Il-Kumitati Ekonomiku u Soċjali (S. VI)<br>Il-Kumitat tar-Reġjuni (S. VII)<br>L-Ombudsman Ewropew (S. VIII)<br>Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (S. IX) | |
| **Totali ġenerali** | **118 361** |

([1]) It-titoli tal-baġit 14 u 24 sa 31 tat-Taqsima III tal-Baġit Ġenerali li għandhom x'jaqsmu primarjament man-Nefqa amministrattiva huma rrappurtati fit-taqsima għall-Kummissjoni Ewropea tal-kapitolu 9.
([2]) In-nefqa amministrattiva hija mnaqqsa mill-gruppi tal-politika u tidher b'mod separat taħt l-intestatura tagħha stess; dan iwassal għal differenzi meta jsir tqabbil mal-kapitoli 3 sa 8.
([3]) In-nefqa vverifikata għal kull grupp tal-politika hija spjegata taħt "Ambitu u approċċ tal-verifika" fil-kapitoli 3 sa 8.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Sejbiet għas-sena finanzjarja 2009*

1.22. Għad-Dħul ([16]) (EUR 117 285 miljun), l-impenji għall-gruppi tal-politika kollha u l-pagamenti għall-grupp tal-politika n-Nefqa amministrattiva u nefqa oħra (EUR 9 129 miljun), il-Qorti tistma li l-iżbalji għandhom impatt finanzjarju ta' inqas minn 2 % tat-total tal-ammonti (ara t-***Tabella 1.2***) u tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll huma effettivi (ara wkoll il-paragrafi 2.33 sa 2.38 u 9.28 sa 9.29).

1.23. Fil-gruppi tal-politika l-Agrikoltura u r-riżorsi naturali (EUR 56 318-il miljun), ir-Riċerka, l-enerġija u t-trasport (EUR 7 966 miljun ), l-Għajnuna esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir (EUR 6 596 miljun) u l-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza (EUR 2 153 miljun ([17])) l-estimu tar-rata tal-iżbalji l-aktar probabbli mill-Qorti hija bejn 2 % u 5 % tal-pagamenti li saru, imma għall-grupp tal-politika l-Koeżjoni (EUR 23 081 miljun nefqa ċertifikata rimborżata), ir-rata ta' żbalji l-aktar probabbli hija 'l fuq minn 5 % (ara l-paragrafi 3.70, 4.34, 5.45, 6.51 u 7.18 u t-***Tabella 1.2***). Għal dawn il-gruppi tal-politika ([18]), il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll huma parzjalment effettivi (ara l–paragrafi 3.71 sa 3.72, 4.36, 5.46 sa 5.48, 6.52 u 7.19).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.23.** *Fir-rigward tar-riżorsi Agrikoli u naturali, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rata ta' żbalji tinsab lejn it-tarf tal-firxa kwotata mill-Qorti, u għalhekk tikkonferma r-riżultati ta' snin preċedenti. Ir-riskji identifikati mill-Qorti huma magħrufa u indirizzati mill-Kummissjoni kif ġie muri mir-riżervi li saru fir-rapport tal-attività annwali tad-Direttorat-Ġenerali għall-Agrikultura u Żvilupp Rurali.*

*Barra minn hekk, il-proċeduri ta' approvazzjoni ta' konformità jiżguraw li r-riskju lill-baġit tal-UE hu kopert b'mod adegwat. Għall-grupp ta' politika Edukazzjoni u Ċittadinanza, il-Kummissjoni tinnota li r-rata ta' żbalji għall-għeluq taqbeż bi ftit it-2 %.*

*Sabiex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' finanzjament minn qabel fil-karta ta' bilanċ tagħha, il-Kummissjoni proponiet, f'Mejju 2010, għar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, sabiex tiżgura li avvanzi u ħlasijiet proviżorji jiġu approvati aktar fil-ħin.*

*Għall-grupp ta' politika Riċerka, enerġija u trasport, il-Kummissjoni tilqa' x-xejra pożittiva fit-tnaqqis ta' żbalji nnotati mill-Qorti. Dan ir-riżultat hu konformi mas-sejbiet tal-Kummissjoni nnifisha.*

*Għall-grupp ta' politika Għajnuna esterna, żvilupp u tkabbir, il-Kummissjoni tilqa' iż-żieda fil-"frekwenza" tat-tranżazzjonijiet li l-Qorti tqis li huma kompletament "regolari" (83 %) meta mqabbla maċ-ċifri tal-2008 u l-2007.*

*Fil-qasam tal-Koeżjoni, tnaqqis sinifikanti fir-rata ta' żbalji ġie nnotat meta mqabbel ma' snin preċedenti. Il-frekwenza tal-iżbalji naqset ukoll f'dawn l-aħħar tliet snin, minn 54 % fir-rapport annwali tal-Qorti għall-2007 għal 36 % din is-sena, kif ġie nnotat fl-Anness 4.1 tar-rapport tal-Qorti. (ara wkoll ir-risposti għall-paragrafi 1.26 u 4.34).*

([16]) Għall-iskop tal-verifika tad-Dħul ara l-paragrafi 2.8 sa 2.14.

([17]) Li minnhom EUR 1 881 miljun għandhom x "jaqsmu ma" pagamenti bil-quddiem u EUR 272 miljun ma' pagamenti interim u finali. Dawn tal-aħħar jikkonċernaw għeluq u ħlasijiet li għandhom x "jaqsmu ma" spejjeż li jammontaw għal EUR 1 399 miljun li għalihom l-attivitajiet/proġetti ta' bażi nbdew prinċipalment fl-2004 u fl-2005 iżda kienu approvati mill-Kummissjoni fl-2009 biss (ara l-paragrafi 7.8 u 7.19).

([18]) Għall-grupp tal-politika l-Koeżjoni, il-maġġoranza tax-xogħol tas-sistemi jirrelata mal-perjodu l-ġdid u kien jikkonsisti fl-eżami tal-konformità tas-sistemi mal-ħtiġijiet regolatorji. L-evalwazzjoni li rriżultat kienet "parzjalment konformi".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.24. Għall-grupp tal-politika l-affarijiet Ekonomiċi u finanzjarji (EUR 732 miljun) il-Qorti tistma li r-rata ta' żball l-aktar probabbli hija ta' inqas minn 2 % tal-pagamenti totali (ara l-paragrafu 8.30 u t-***Tabella 1.2***) u tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll huma parzjalment effettivi (ara l–paragrafu 8.31).

1.25. Il-Qorti tistma li b'mod ġenerali l-pagamenti huma materjalment milquta minn żbalji (ir-rata ta' żbalji l-aktar probabbli stmata mill-Qorti tinsab bejn 2 % u 5 %) u tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għall-pagamenti huma, b'mod ġenerali, parzjalment effettivi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.25.** *Il-Kummissjoni tilqa' din il-valutazzjoni globali. Hi tikkonkludi li r-rata ta' żbalji globali kkalkolata għall-kapitoli kollha meħuda flimkien naqset b'mod sostanzjali f'dawn l-aħħar snin, inkluża s-sena 2009. Hi se tibqa' taħdem sabiex tnaqqas in-numru ta' tranżazzjonijiet affettwati minn żbalji.*

**Tabella 1.2 — Taqsira tas-sejbiet tal-2009 dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

| Evalwazzjonijiet speċifiċi | Dħul jew nefqa operazzjonali *(miljuni ta' euro)* | Paragrafi fir-Rapport Annwali | Funzjonament tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll | Firxa tar-rata tal-iżbalji |
|---|---|---|---|---|
| Id-Dħul | 117 285 | 2.33-2.34 | | |
| L-Agrikoltura u r-riżorsi naturali | 56 318 | 3.71-3.73 | | |
| Il-Koeżjoni | 35 467 | 4.34-4.36 | [1] | [2] |
| Ir-Riċerka, l-enerġija u t-trasport | 7 966 | 5.45-5.46 | | |
| L-Għajnuna esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir | 6 596 | 6.51-6.52 | | |
| L-Edukazzjoni u ċ-ċittadinanza | 2 153 | 7.18-7.19 | [3] | |
| L-Affarijiet ekonomiċi u soċjali | 732 | 8.30-8.31 | | |
| In-Nefqa amministrattiva u nefqa oħra | 9 129 | 9.28-9.29 | | |

It-tabella ta' hawn fuq tagħti sommarju tal-evalwazzjoni ġenerali tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll, kif imniżżla fil-kapitoli relevanti, u tagħti r-riżultati wiesgħa tal-ittestjar sostantiv tal-Qorti. It-tabella tenfasizza l-elementi prinċipali iżda ma tistax tippreżenta d-dettall relevanti kollu (b'mod partikolari dwar id-dgħufijiet tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll u t-tipi ta' żbalji) u għalhekk jeħtieġ li wieħed jirreferi għall-kontenut tar-rapport, fi ħdan il-kuntest tal-metodoloġija fil-bażi tal-approċċ tal-verifika tal-Qorti (ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafi 3 sa 18).

*Kodiċi:*

Funzjonament tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll

- Effettiv
- Parzjalment effettiv [4]
- Mhux effettiv

Firxa tar-rata tal-iżbalji [5]

- Taħt it-2 % (inqas mil-limitu tal-materjalità)
- Bejn it-2 % u l-5 %
- Il fuq minn 5 %

(1) Il-biċċa l-kbira tax-xogħol fuq is-sistemi għandu x'jaqsam mal-perjodu l-ġdid u kien jikkonsisti fl-eżami tal-konformità tas-sistemi mal-ħtiġijiet regolatorji u rriżulta f'evalwazzjoni li kienet "parzjalment konformi" (ara l-paragrafu 4.36).

(2) Il-pagamenti interim u finali li jirrimborżaw in-nefqa ċertifikata b'total ta' EUR 23 081 miljun (ara l-paragrafu 4.15).

(3) L-evalwazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll hija bbażata fuq l-eżami tas-sistema tal-Kummissjoni għall-għeluq tal-programmi u tal-proġetti (ara l-paragrafu 7.19).

(4) Is-sistemi huma kklassifikati bħala 'parzjalment effettivi' fejn xi arranġamenti ta' kontroll tqiesu li jaħdmu b'mod adegwat filwaqt li oħrajn le. Konsegwentement, bħala totalità, għandhom mnejn ma jirnexxilhomx jirrestrinġu l-iżbalji fit-tranżazzjonijiet ta' bażi għal livell aċċettabbli.

(5) Il-Qorti ddeċidiet tippreżenta r-rati tal-iżbalji (ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafi 8 sa 12) fi tliet intervalli. Il-firxa tar-rati tal-iżbalji ma tistax tkun interpretata bħala intervall ta' kunfidenza (f'sens statistiku).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Paragun mar-riżultati tas-snin ta' qabel*

1.26. Ir-riżultati tal-verifika tal-Qorti, meta mqabbla mal-2008, juru żieda fl-estimu tal-iżball l-aktar probabbli dwar il-pagamenti għall-grupp tal-politika "l-Agrikoltura u r-riżorsi naturali" ([19]) u nuqqas sinifikanti fl-istima tagħha tal-iżball l-aktar probabbli rigward pagamenti għall-grupp tal-politika "il-Koeżjoni" ([20]). Meħuda flimkien, dan jikkonferma tnaqqis kontinwu fir-rata ta' żbalji l-aktar probabbli, kif stmat mill-Qorti, għall-pagamenti inġenerali matul l-aħħar snin.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.26.** *Il-Kummissjoni tilqa' d-dikjarazzjoni pożittiva tal-Qorti dwar it-titjib tas-sitwazzjoni ġenerali matul is-snin. Għall-2009 it-tnaqqis kbir fir-rata ta' żbalji fil-koeżjoni bil-bosta jiżboq iż-żieda żgħira fl-agrikultura u dan jirriżulta f'sitwazzjoni ġenerali mtejba ħafna.*

*Għal dak li jirrigwarda l-Agrikultura u riżorsi naturali, l-opinjoni tal-Kummissjoni hi li r-rata ta' żbalji għadha ddur madwar iċ-ċifra ta' 2 %. Għall-Koeżjoni, it-tnaqqis tal-limitu minimu ta' żbalji minn 11 % għal 3 % jidher li jikkonferma l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' verifika rafforzati fil-qafas regolatorju 2007-2013, kif ukoll l-ewwel impatt tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 sabiex issaħħaħ ir-rwol superviżorju tagħha, inkluż il-proċeduri ta' sospensjoni u korrezzjoni. Sospensjonijiet jistgħu jimplikaw kompromess ma' implimentazzjoni sħiħa tal-baġit.*

*Il-Kummissjoni se tkompli fl-isforzi tagħha sabiex tiżgura li r-rata ta' żbalji tibqa' tonqos.*

## L-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment mill-Kummissjoni

*Ir-Rapporti ta' Attività Annwali u d-Dikjarazzjonijiet mid-Diretturi-Ġenerali*

1.27. Id-Diretturi Ġenerali kollha ddikjaraw fir-Rapporti ta' Attività tagħhom li kienu kisbu assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi allokati lilhom kienu ntużaw għall-għanijiet speċifikati u li l-kontrolli interni li huma kienu introduċew assiguraw r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Madankollu mid-Direttorati Ġenerali jew servizzi prinċipali li ħarġu dikjarazzjoni fl-2009, 13 minnhom fihom riżerva waħda jew aktar, bil-maġġoranza tagħhom li jirreferu għal dgħufijiet dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi ([21]).

---

([19]) Ara l-paragrafi 3.18 sa 3.19 u l-***Annex 3.1*** "Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-Agrikoltura u r-riżorsi naturali" ta' dan ir-rapport u r-Rapport Annwali tal-2008, il-paragrafi 5.13 sa 5.14 u l-Anness 5.1, il-Parti 1 "Il-karatteristiċi prinċipali tal-ittestjar ta' tranżazzjonijiet abbażi ta' kampjuni".

([20]) Ara l-paragrafi 4.17 sa 4.19 u l-***Annex 4.1*** "Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-Koeżjoni" u r-Rapport Annwali tal-2008, il-paragrafi 6.16 sa 6.17 u l-Anness 6.1, il-Parti 1 "Il-karatteristiċi prinċipali tal-ittestjar ta' tranżazzjonijiet abbażi ta' kampjuni".

([21]) In-numru totali tar-riżervi tela' minn 15 fl-2008 għal 20 fl-2009.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.28. Il-Qorti sabet li d-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi Ġenerali u r-Rapporti ta' Attività Annwali taw evawazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet għall-gruppi tal-politika "Id-Dħul" u għall-gruppi tal-politika "Il-Koeżjoni", "Ir-Riċerka, l-enerġija u t-trasport", "L-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza", u "L-Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji" u "In-Nefqa amministrattiva u nefqa oħra" (ara l-paragrafi 2.32, 4.33, 5.44, 7.17, 8.29 u 9.11). Għall-grupp tal-politika "L-Għajnuna esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir", id-Direttorati Ġenerali għall-Għajnuna umanitarja, għat-Tkabbir u għar-Relazzjonijiet Esterni taw evalwazzjoni ġusta (ara l-paragrafu 6.49), filwaqt li l-Uffiċċju ta' Koperazzjoni EuropeAid ta biss evalwazzjoni parzjalment ġusta tal-ġestjoni finanzjarja għal dak li għandu x 'jaqsam mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet (ara l-paragrafu 6.50). Għall-grupp tal-politika "L-Agrikoltura u r-riżorsi naturali" il-Qorti tikkonkludi li d-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi Ġenerali u r-Rapport ta' Attività Annwali jagħtu biss evalwazzjoni ġusta parzjali tal-ġestjoni finanzjarja f'dak li għandu x 'jaqsam mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet (ara l-paragrafi 3.66 sa 3.69).

*Ir-rapport ta' sinteżi tal-Kummissjoni*

1.29. Billi tadotta r-Rapport ta' Sinteżi l-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà politika ([22]) tagħha għall-impliment-azzjoni operazzjonali tal-baġit tal-UE permezz tal-maniġment anzjan tagħha ([23]). Ir-rapport huwa l-ewwel wieħed li ġie adottat taħt il-mandat tal-Kummissjoni preżenti. Il-Kummissjoni tikkunsidra li għall-2009 l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-mekkaniżmi ta' kontroll sabiex tiżgura l-legalità u r-regolarità bi skop li "tikseb DAS mingħajr kwalifiki", komplew b'riżultati pożittivi.

1.30. Il-Kummissjoni tagħraf li għad hemm oqsma li għandhom bżonn titjib u tipproponi azzjonijiet biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, bħal ma huma:

— it-titjib ulterjuri tat-tfassil tal-iskemi tal-finanzjament sabiex issaħħaħ il-mekkaniżmi tal-maniġment u tal-kontroll;

— is-simplifikazzjoni ulterjuri tal-iskemi tal-għotjiet filwaqt li xorta waħda tikseb l-objettivi tal-politika;

— l-istabbiliment tal-limiti xierqa biex tevalwa l-ġestjoni tar-riskju tagħha (livelli tollerabbli ta' riskju) li jikkunsidraw bis-sħiħ l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli;

— monitoraġġ mill-qrib tat-taqsiriet annwali biex dawn ikunu jistgħu jsiru aktar utli għal skopijiet ta' assigurazzjoni;

— titjib ulterjuri tar-rapporti ta' attività annwali bħala l-mezz prinċipali li permezz tiegħu il-maniġment anzjan jiddokumenta l-obbligu ta' rendikont tiegħu lill-Kulleġġ u bħala sors ta' evidenza għad-DAS.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.28.** *Il-Kummissjoni tilqa' pożittivament it-titjib fil-valutazzjoni tal-kwalità tar-Rapporti tal-Attività Annwali tas-servizzi tagħha.*

*Filwaqt li l-Qorti tesprimi opinjoni ta' verifika annwali dwar il-legalità u regularità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, l-opinjoni tad-Diretturi-Ġenerali tiffoka fuq jekk il-finanzjamenti ġewx użati għall-użu maħsub tagħhom, b'kunsiderazzjoni għan-natura multiannwali tal-kontrolli, u l-effettività tagħhom fil-kxif u l-korrezzjoni tal-iżbalji. Diretturi-Ġenerali jesprimu opinjoni ta' ġestjoni bbażata fuq informazzjoni li tinkludi x-xogħol ta' verifika tal-Kummissjoni stess, rapporti u osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u, fejn hu rilevanti, ir-riżultati ta' kontrolli tal-Istati Membri.*

*Ara wkoll ir-risposti tal-Kummissjoni fil-kapitoli settorjali.*

([22]) Skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

([23]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri – Sinteżi tal-kisbiet tal-maniġment tal-Kummissjoni fl-2009 COM(2010) 281 finali, 2.6.2010.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.31. Il-Qorti qabel kienet identifikat kwistjonijiet oħra li s'issa għadhom ma ġewx riżolti:

— f'diversi oqsma l-ambitu jew l-iskala tar-riżervi għandha tkun akbar (ara l–paragrafi 3.67 sa 3.68, 6.50 u l-***Annessi 3.3*** u ***6.3***) ([24]);

— id-*data* mill-Istati Membri dwar l-irkupri jew l-irtirar hija nieqsa jew mhux kompluta (ara l-paragrafi 1.16, 3.54 u 4.31) ([25]); u

— il-mekkaniżmi tal-korrezzjoni finanzjarja s'issa għadhom mhumiex effettivi għal kollox (ara l-paragrafi 1.37 sa 1.50) ([26]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.31.**

— *Ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni (taħt l-Artikolu 28a tar-Regolament Finanzjarju) hi li topera sistemi ta' verifika li huma effiċjenti f'termini ta' spejjeż: dan ifisser "il-verifika t-tajba ssir f'waqtha". Id-dikjarazzjonijiet tal-assigurazzjoni fir-Rapporti ta' Attività Annwali jikkunsidraw il-kapaċità ta' sistemi bħal dawn li jikxfu u jikkoreġu żbalji matul il-ħajja ta' programm bl-għan li jitnaqqsu l-iżbalji li ma nkixfux u li kien fadal lejn l-aħħar tal-perjodu ta' programmar. Kif ġie rappurtat fir-rapport tal-attività annwali tad-Direttorat-Ġenerali għall-Politika Reġjonali għall-2009, eżerċizzju bħal dan għall-perjodu ta' programmar 1994-99 għall-ERDF wera li r-riskju ta' żbalji li ma jinstabx kien naqas ħafna.*

*Il-Kummissjoni esprimiet is-sodisfazzjoni tagħha li l-pjanijiet ta' azzjoni mfassla minn uffiċjali awtorizzati mid-delegazzjoni (AODs) huma adegwati sabiex jindirizzaw dugħfija u jnaqqsu r-riskji identifikati.*

*Fir-rigward tal-Agrikultura, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-riżervi inklużi fir-rapport ta' attività annwali tal-2009 tad-Direttorat-Ġenerali għall-Agrikultura u żvilupp rurali dwar miżuri ta' żvilupp rurali taħt Axis2 u l-IACS fil-Bulgarija u r-Rumanija huma eżawrijenti u li l-impatt potenzjali tagħhom ġie rifless adegwatament fil-punti 3.2.1 u 3.2.2 ta' dak ir-rapport. Fir-rigward tal-Greċja, ir-riżerva fis-snin preċedenti kienet ġustifikata minħabba r-riskju għoli marbut mar-reputazzjoni tal-Kummissjoni li rriżulta minn implimentazzjoni mhux suffiċjenti tal-IACS fil-Greċja u mhux mir-riskju finanzjarju għall-baġit tal-UE li jirriżulta min-nuqqasijiet, li kien dejjem kopert mill-korrezzjonijiet finanzjarji imposti fuq il-Greċja permezz ta' proċeduri ta' approvazzjoni ta' konformità. Peress li l-Greċja kienet lestiet il-pjan ta' azzjoni sabiex tieħu ħsieb tan-nuqqasijiet sal-aħħar tal-2008, u l-funzjonament effettiv tas-sistema IACS qed tiġi vvalutata fuq bażi kontinwa, għalhekk kienet kompletament ġustifikata t-tneħħija tar-riżerva.*

*Fir-rigward tal-Għajnuna Esterna, żvilupp u tkabbir, il-Kummissjoni tilqa' pożittivament ir-rikonoxximent tal-Qorti dwar it-titjib mid-Direttorati-Ġenerali kollha fil-grupp ta' politika fil-kwalità ta' informazzjoni provduta fir-rapporti tal-attività annwali tagħhom (ara paragrafu 6.51).*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-riżervi magħmula mid-Diretturi-Ġenerali fir-rapporti tagħhom tal-attività annwali tal-2009 jew l-assenza ta' riżervi kienu f'konformità mal-linji gwida interni tagħha u indirizzat korrettament ir-riskji inerenti tal-programmi.*

— *Fir-rigward tal-Agrikultura, ara risposta lill-paragrafu 1.17.*

*Għall-Koeżjoni, ara r-risposti lill-paragrafu 1.16.*

— *Ara risposti lill-paragrafi 1.38 sa 1.50.*

([24]) Ara wkoll ir-Rapport Annwali tal-2008, il-paragrafu 2.15.
([25]) Ara wkoll ir-Rapport Annwali tal-2008, il-paragrafu 1.16 u 1.17.
([26]) Ara wkoll ir-Rapport Annwali tal-2008, il-paragrafu 2.17.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Mekkaniżmi ta’ rkupru u korrezzjoni

*Introduzzjoni*

1.32. Fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-kontroll intern effettiv u effiċjenti fuq l-affidabbiltà tar-rappurtar, is-salvagwardja tal-attiv u tal-informazzjoni, il-prevenzjoni u s-sejba ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet u l-ġestjoni tar-riskji relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet, filwaqt li tieħu kont tal-karattru multiannwali tal-programmi u n-natura tal-pagamenti kkonċernati ([27]).

**1.32.** *Il-Kummissjoni hi meħtieġa li tiżgura verifika interna effettiva u effiċjenti u tikkunsidra li kemm l-irkupri u kemm il-korrezzjonijiet finanzjarji jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni (ara risposta lill-paragrafu 1.50).*

1.33. Il-Kummissjoni għandha r-responsabilità finali biex tiżgura li s-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll jagħtu assigurazzjoni raġonevoli li l-iżbalji fit-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet jew jiġu evitati jew inkella identifikati u korretti. Hija wkoll responsabbli biex tiżgura li informazzjoni affidabbli hija disponibbli għall-iskopijiet tal-maniġment tagħha stess, għall-partijiet interessati u għall-awdituri esterni.

1.34. Ammonti mħallsin b’mod inkorrett għandhom jiġu rkuprati ([28]). Fil-prattika:

— Il-Kummissjoni tista’ biss tirkupra pagamenti mill-benefiċjarji fejn hija ġġesti n-nefqa b’mod dirett (eż. għall-parti l-kbira tan-nefqa fil-grupp tal-politika r-Riċerka, l-enerġija u t-trasport).

— Għan-nefqa li hija soġġetta għal ġestjoni maqsuma (eż. għall-biċċa l-kbira tan-nefqa fil-gruppi tal-politika l-Agrikoltura u r-riżorsi naturali u l-Koeżjoni), il-ġestjoni deċentralizzata (eż. fil-qasam tat-Tkabbir) u ġestjoni ċentralizzata u indiretta (eż. fil-grupp tal-politika l-Edukazzjoni u ċ-ċittadinanza), ir-responsabilità għall-irkupru tal-pagamenti li saru b’mod inkorrett hija delegata lill-Istati Membri jew pajjiżi terzi. Għal nefqa soġġetta għal ġestjoni konġunta (eż. fil-qasam tal-Għajnuna Umanitarja) mekkaniżmi korrettivi huma stabbiliti fil-ftehimiet konklużi mal-organizzazzjonijiet internazzjonali. Madankollu, f’każijiet fejn ir-regoli tal-iskemi tan-nefqa tal-UE ġew applikati b’mod inkorrett il-Kummissjoni tista’ tagħmel ukoll korrezzjonijiet finanzjarji (ara l-paragrafu 1.40).

**1.34.**

— *Il-Kummissjoni għamlet sforzi sostanzjali sabiex ittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar irkupri u irtirar trażmessa mill-Istati Membri għall-Programmi ta’ Koeżjoni, permezz ta’ verifika ta’ dejta u verifiki fuq il-post tas-sistemi tal-Istati Membri għar-reġistrazzjoni u rappurtar ta’ korrezzjonijiet. Fl-2008 u 2009 hi ċċekkjat sistemi f’19-il Stat Membru. Ġeneralment il-funzjonament ta’ dawk is-sistemi għad mhumiex kompletament affidabbli fl-Istati Membri kollha għalkemm hemm evidenza li l-kwalità qed titjib u li kien hemm xi titjib meta mqabbla ma’ snin preċedenti. Il-Kummissjoni ifformulat rakkomandazzjonijiet xierqa u tiżgura s-segwitu tagħhom. Din se tiżgura li informazzjoni hi kompleta fl-għeluq tal-programmi 2000-2006.*

*Għall-perjodu 2007-2013, hemm proċedura standardizzata għas-sottomissjoni ta’ dikjarazzjonijiet ta’ irkupru u l-Kummissjoni tistenna li din il-proċedura ta’ rappurtar se tkompli ttejjeb il-kwalità tal-informazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħha. L-Istati Membri huma wkoll meħtieġa li jiddistingwu korrezzjonijiet li joħorġu minnhom bħala riżultat tal-verifiki tal-UE.*

([27]) L-Artikolu 28a tar-Regolament Finanzjarju.
([28]) L-Artikolu 71(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.35. Għal bosta snin il-verifika tal-Qorti ffukat fuq kif il-Kummissjoni tesegwixxi r-rwol ta' sorveljanza tagħha u kif hija tapplika dawn il-mekkaniżmi korrettivi. Il-Qorti eżaminat ukoll safejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jagħtu informazzjoni korretta lill-Kummissjoni dwar korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri magħmula.

1.36. Il-Qorti nnutat b'mod regolari li d-*data* dwar il-kapaċità korrettiva tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fil-livell tal-Istati Membri tjiebet iżda għad mhijiex sħiħa u affidabbli, partikolarment fil-qasam tal-Koeżjoni ([29]). Il-Kummissjoni, madankollu, qiegħda tirrapporta ċifri affidabbli dwar l-attivitajiet tagħha stess. Mill-proċedura ta' kwittanza tal-2005, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill inkoraġġew lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw it-titjib neċessarju biex jiżguraw il-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni disponibbli, bil-għan li jipprovdu evidenza affidabbli biex jippermettu lill-Qorti tevalwa l-effettività tal-mekkaniżmi tal-korrezzjoni multiannwali għall-infiq tal-UE.

### *Informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni mal-kontijiet tal-2009*

1.37. Fin-noti tal-kontijiet tal-2009 l-Kummissjoni rrispondiet għal dawn il-kummenti billi inkludiet informazzjoni aktar dettaljata dwar l-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji li hija għamlet fil-passat ([30]). B'mod partikolari hija tagħti informazzjoni spjegata skont l-istadju safejn waslu l-proċeduri ta' rkupru jew korrezzjoni finanzjarja ("għadu għaddej", "konfermat" jew, "implimentat" – ara l-paragrafu 1.42); skont il-qasam tan-nefqa, fejn relevanti skont il-perjodu ta' pprogrammar; u f'xi każijiet skont l-Istat Membru kkonċernat.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.36.** *Minn meta ħareġ ir-Rapport Annwali tal-2005, il-Qorti rrikonoxxiet it-titjib gradwali fil-kwalità u skop tal-informazzjoni mogħtija fin-noti mal-kontabbiltà kkonsolidata dwar is-suġġett ta' rkupri. Il-Kummissjoni għandha proċeduri mwaqqfa sabiex jirrapportaw ċifri affidabbli fir-rigward ta' korrezzjonijiet finanzjarji bbażati fuq ix-xogħol ta' verifika tagħha stess, kif ġie nnutat mill-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha tal-2008 (paragrafu 1.16).*

*Fil-qasam tal-Koeżjoni, u għall-korrezzjonijiet finanzjarji eżegwiti mill-Istati Membri wara l-verifika tagħhom stess u tax-xogħol ta' verifika, il-Kummissjoni tiddependi fuq il-kwalità tal-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri.*

*F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni għamlet sforzi notevoli sabiex ittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni disponibbli dwar irkupri u rtirar trażmessi mill-Istati Membri għall-programmi ta' Koeżjoni. Din talbet lill-Istati Membri sabiex jipprovdu dejta kumultattiva u annwali dwar irtir u rkupri, minkejja li dan imur lil hinn mir-rekwiżiti regolatorji. Il-Kummissjoni vverifikat ukoll sistemi fuq il-post tal-Istati Membri għar-reġistrazzjoni u rappurtar ta' korrezzjonijiet, b'riżultati kemmxejn tajbin. Fil-każ ta' bżonnijiet identifikati għat-titjib, il-Kummissjoni fformulat rakkomandazzjonijiet xierqa u tiżgura li jkun hemm segwitu għalihom.*

---

([29]) Osservazzjoni ġenerali fuq id-debituri diversi fir-Rapporti Annwali tal-2002, tal-2003 u tal-2004. Osservazzjonijiet speċifiċi fir-Rapport Annwali tal-2005, il-paragrafi 6.36 sa 6.41, ir-Rapport Annwali tal-2006, il-paragrafi 2.26 sa 2.30, ir-Rapport Annwali tal-2007, il-paragrafi 1.29 sa 1.31, 7.39 u r-Rapport Annwali tal-2008, il-paragrafi 1.16 sa 1.17 u l-paragrafu 2.16(c).

([30]) Ara l-Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009 – in-nota 6 tar-rendikonti finanzjarji.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 1.38. Il-Qorti tilqa' l-għotja ta' din l-informazzjoni. Hija tinnota madankollu li dgħufijiet fil-preżentazzjoni kif ukoll fil-koerenza tal-informazzjoni u l-ammonti ppreżentati mill-Istati Membri għall-Koeżjoni għandhom jiġu indirizzati u li wieħed għandu joqgħod attent meta jinterpreta l-informazzjoni (ara wkoll il-paragrafi 1.14 sa 1.19 u hawn taħt). | **1.38.** *Il-preżentazzjoni tan-nota numru 6 tal-kontabbilità kkonsolidata ġiet riveduta għall-kontabbilità tal-2009. Il-Kummissjoni tejbet il-preżentazzjoni sabiex tagħti risposta lit-talbiet tal-persuni interessati.* |
| **Differenzi fil-fok u fl-impatt tal-mekkaniżmi korrettivi** | |
| 1.39. Irkupru mill-benefiċjarji tal-programmi tal-infiq tal-UE tal-ammonti mħallsa b'mod mhux korrett u korrezzjonijiet oħra finanzjarji huma differenti ħafna fil-fok u fl-impatt. L-irkupri jikkoreġu l-irċevuta ta' nefqa irregolari: bi prinċipju huma d-destinatarji ta' nefqa bħal din li jħallsu lura s-somom irċevuti b'mod inkorrett; l-irkupri jistgħu għalhekk jiġu meqjusa bħala mekkaniżmu ta' korrezzjoni tal-iżbalji ([31]). | **1.39.** *Il-Kummissjoni hi obbligata li tikkonforma mal-prattiki ta' korrezzjoni differenti provduti mill-bażijiet legali differenti u mill-metodi ta' ġestjoni. Fir-rigward ta' ġestjoni kondiviża dawn jallokaw b'mod ċar ir-responsabbiltà primarja lill-Istati Membri u jillimitaw il-korrezzjonijiet finanzjarji tal-Kummissjoni għal każijiet fejn l-Istati Membri jkunu fallew milli jieħdu l-azzjoni meħtieġa għad-dgħufija individwali jew tas-sistema. Dan hu spjegat fin-nota numru 6 tal-kontabbilità kkonsolidata.* |
| 1.40. Il-korrezzjonijiet finanzjarji (inkluża l-approvazzjoni tan-nefqa agrikola) iżda, b'mod predominanti jindirizzaw id-dgħufijiet fis-sistemi tal-ġestjoni. Huma jirtiraw il-finanzjament mill-Istati Membri jew pajjiżi terzi li jonqsu milli jiżguraw li r-regoli tal-UE huma applikati b'mod korrett. Il-konsegwenzi finanzjarji ta' korrezzjonijiet bħal dawn normalment jiġġarrbu miċ-ċittadini li jħallsu t-taxxi u mhux mill-benefiċjarji ta' skema tan-nefqa li ġiet applikata b'mod ħażin. Il-korrezzjonijiet finanzjarji jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, imma la fil-prinċipju u lanqas fil-prattika ma jistgħu madankollu jiġu meqjusa bħala mezz ta' korrezzjoni ta' pagamenti individwali li saru b'mod inkorrett. | **1.40.** *Fil-Koeżjoni, korrezzjoni finanzjarja hi mekkaniżmu intiża sabiex ittejjeb infiq irregolari li ġie inkluż għall-finanzjament tal-UE u għalhekk għandu impatt negattiv fuq il-baġit tal-UE.*<br><br>*L-Istati Membri għandhom jirkupraw ħlasijiet inkorretti mill-benefiċjarji. Irkupru jsir jew billi jinkiseb ħlas mill-ġdid tas-somom ikkonċernati mill-benefiċjarju jew tpaċċija tas-somom li għadhom jitħallsu mill-ġdid kontra aktar ħlasijiet li għandhom jingħataw lill-istess benefiċjarju.*<br><br>*Fejn ħlasijiet mhux dovuti għall-benefiċjarji jistgħu jiġu identifikati bħala riżultat ta' verifiki tal-UE, l-Istati Membri huma meħtieġa li jagħtuhom segwitu permezz ta' azzjonijiet ta' rkupru kontra dawn il-benefiċjarji. Madanakollu, anke fejn irkupri minn benefiċjarji mhumiex possibbli peress li l-korrezzjoni finanzjarja tirrelata biss għan-nuqqasijiet fis-sistema ta' ġestjoni u verifika tal-Istati Membri u mhux ma ħlasijiet mhux dovuti, dawn il-korrezzjonijiet huma mezz importanti sabiex is-sistemi tal-Istati Membri jiġu mtejba u għalhekk ħlasijiet irregolari lill-benefiċjarji jitwaqqfu jew jinkixfu u jiġu rkuprati.*<br><br>*Is-sistema ta' approvazzjoni ta' konformità fl-agrikultura hi mfassla sabiex teskludi infiq mill-finanzjament tal-UE li ma kienx sar f'konformità mar-regoli tal-UE. F'kuntrast ma' dan, mhuwiex mekkaniżmu li permezz tiegħu ħlasijiet irregolari għall-benefiċjarji jiġu rkuprati, li skont il-prinċipju ta' ġestjoni maqsuma kif definit fl-Artikolu 53b(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 9(1)(a)(iii) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1290/2005, hi r-responsabbilità unika tal-Istati Membri.*<br><br>*Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li ċerti korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jitqiesu bħala mekkaniżmi ta' korrezzjoni tal-iżbalji minħabba li l-ammonti kkonċernati huma rkuprati mill-benefiċjarju finali.* |

([31]) Iżda fl-Agrikoltura, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1), 50 % ta' kull pagament li mhux dovut li l-Istati Membri ma rnexxilhomx jirkupraw mill-benefiċjarji fi żmien erba' snin, jew fi żmien tmien snin fil-każ ta' proċeduri legali, għandu jiġi awtomatikament iddebitat lill-baġit nazzjonali tagħhom (l-hekk imsejħa regola tal-50/50) (ara l-paragrafi 3.50 u 3.51). L-Istati Membri għandhom ikomplu bil-proċeduri ta' rkupru u jikkreditaw kwalunkwe ammont irkuprat lill-baġit tal-UE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.41. Għalkemm il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-differenza bejn l-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji fin-noti tar-rendikonti finanzjarji, il-preżentazzjoni tagħha f'dokumenti oħra bħar-Rapport ta' Sinteżi, għadha ma tiċċarax b'mod suffiċjenti d-distinzjoni bejn iż-żewġ mekkaniżmi. Għalkemm għall-2009 kważi 90 % tal-ammonti kkonfermati (xi EUR 2 900 miljun minn total ta' EUR 3 319-il miljun) u kważi 80 % tal-ammonti implimentati (xi EUR 1 400 miljun minn total ta' EUR 1 843 miljun) ppreżentati mill-Kummissjoni għandhom x 'jaqsmu mal-korrezzjonijiet finanzjarji li s-soltu jiġġarrbu miċ-ċittadini li jħallsu t-taxxi, il-kummenti xi drabi huma ppreżentati bħallikieku kienu kompletament jew prinċipalment irkupri.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.41.** *Il-Kummissjoni tinnota li s-sehem ġenerali ta' korrezzjonijiet finanzjarji msemmija mill-Qorti hu bejn wieħed hu ieħor f'konformità mal-parti tal-baġit b'ġestjoni kondiviża u l-fatt li dan il-qasam hu responsabbli għal parti kbira tal-iżbalji misjuba mill-Qorti. L-emfażi tal-Qorti dwar differenzi bejn irkupri u korrezzjonijiet finanzjarji hi diġà' riflessa f'xi rapporti u se tittieħed f'kunsiderazzjoni f'rapporti ta' attivitajiet annwali futuri.*

*Il-kontabbilità annwali tal-UE jippreżentaw b'mod ġust l-ammonti ta' korrezzjonijiet finanzjarji li joħorġu mir-rwol superviżorju tal-Kummissjoni.*

*Ammonti preżentati bħala korrezzjonijiet finanzjarji jindikaw li l-Kummissjoni ħadet passi sabiex tipproteġi l-baġit tal-UE minn krediti mħallsa li ma kinux dovuti. Kummenti fuq dan għandhom l-għan li jiċċaraw il-proċedura li l-Kummissjoni tapplika meta tagħmel dan. Dawn il-krediti eventwalment se jiġu rkuprati mill-benefiċjarji permezz tal-proċeduri ta' rkupru li nbdew mill-Istati Membri peress li hu fl-interess tagħhom li jirkupru finanzjamenti fejn dan hu possibbli.*

*Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għar-risposti tagħha għal paragrafi 1.36 u 1.40.*

**Stadji differenti tal-mekkaniżmi korrettivi**

1.42. Il-Kummissjoni tippreżenta d-*data* għal tliet stadji prinċipali fil-proċess:

— Korrezzjoni **għada għaddejja** meta l-irkupru jew il-korrezzjoni finanzjarja għadha fil-proċess ta' finalizzazzjoni (eż. permezz ta' proċeduri legali jew kontradittorji fil-Kummissjoni u/jew fl-Istati Membri).

— Korrezzjoni hija **kkonfermata/deċiża** meta l-ammont tal-irkupru jew il-korrezzjoni finanzjarja hija stabbilita u ffinalizzata (eż permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni jew ftehim mal-Istat Membru).

— Korrezzjoni hija **implimentata** meta l-irkupru jew il-korrezzjoni finanzjarja hija attwalment imsarrfa (eż. permezz tal-irċevuta jew ta' pagament lura mill-Kummissjoni jew tat-tnaqqis mill-Istat Membru mill-klejms ta' pagament).

1.43. Il-Kummissjoni tagħmilha ċara li d-*data* ppreżentata dwar l-istadji differenti tal-mekkaniżmi korrettivi fil-grupp tal-politika l-Koeżjoni tirreferi biss għall-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji li hija tkun imponiet.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.44. F'dan ir-rigward, jiġi enfasizzat il-fatt li għall-grupp tal-politika l-Koeżjoni 20 % biss tal-ammonti kkonfermati fl-2009 (EUR 2 411-il miljun) ġew implimentati (EUR 476 miljun) fl-istess sena. Meta dawn jiżdiedu mal-ammonti pendenti mis-snin ta' qabel, xorta jibqa' ammont totali ta' EUR 2 332 miljun biex jiġi implimentat fl-aħħar tal-2009. Sakemm ma jiġux ippreżentati dikjarazzjonijiet ta' nefqa ulterjuri mill-Istati Membri fis-snin sussegwenti, il-bqija se jiġu implimentati biss f'għeluq-il programmi ([32]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.44.** *Il-kontabbiltà annwali tagħti informazzjoni dettaljata dwar korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati, implimentati u li għandhom jiġu implimentati u tispjega r-raġunijiet li għalihom ammont importanti għad irid jiġi implimentat.*

*Il-Qorti ġustament tenfasizza li l-implimentazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji, ta' dawn l-aħħar snin, prinċipalment se sseħħ fl-għeluq tal-programm fejn il-limitu regolatorju għall-ħlasijiet proviżorji jkun intlaħaq. Kif ukoll, korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati matul il-ħajja tal-programmi jistgħu jiġu implimentati f'talbiet għall-ħlas sussegwenti. Hu għalhekk diffiċli li wieħed jagħmel konnessjoni diretta bejn ammonti ta' korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati f'sena partikolari, u ammonti implimentati fl-istess sena.*

*Bħala regola ġenerali, korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati matul il-ħajja tal-programmi huma implimentati f'talbiet għall-ħlas sussegwenti. Peress li l-limitu għall-ħlasijiet jista' jkun intlaħaq għal bosta programmi relatati mal-perjodu 2000-2006, hu inevitabbli li t-tnaqqis tal-infiq li mhux eliġibbli se jkun rifless biss fl-għeluq tad-dokumenti li għandhom jiġu sottomessi mill-Istat Membru fl-2010.*

*Hekk kif il-Kummissjoni jkollha evidenza tal-implimentazzjoni ta' korrezzjoni permezz ta' tnaqqis ta' infiq li mhux eliġibbli minn talba għal ħlas ta' għeluq, hi se tagħti rapport dwar il-korrezzjoni finanzjarja kif ġiet implimentata. Informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji hi provduta f'nota numru 6 tal-kontabbilità kkonsolidata.*

*Anke jekk mhux il-korrezzjonijiet finanzjarji individwali kollha jistgħu jiġu rintraċċati fis-sistema ta' kontabbilità tal-Kummissjoni, iżda biss dawk b'impatt finanzjarju f'termini ta' kontribuzzjoni tal-UE, il-korrezzjonijiet finanzjarji b'evidenza ta' implimentazzjoni matul l-2010 se jiġu rappurtati bħala li ġew implimentati fil-kontabbilità tal-Kummissjoni għall-2010.*

*Iċ-ċifri jvarjaw b'mod sinifikanti bejn programmi u Finanzjamenti minħabba n-natura u/jew volum tal-korrezzjonijiet ikkonċernati.*

([32]) Fl-2009, għall-biċċa l-kbira mill-programmi operazzjonali tal-perjodu ta' pprogrammar tal-2000-2006, il-limitu massimu ta' 95 % għad-dikjarazzjoni tan-nefqa qabel l-għeluq diġà ntlaħaq.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar l-impatt annwali tal-mekkaniżmi korrettivi**

1.45. Bi prinċipju, jekk informazzjoni affidabbli hija disponibbli dwar l-effett tal-mekkaniżmi korrettivi fil-passat, jista' jkun possibbli li jitqiesu l-effetti probabbli tal-applikazzjoni tal-istess mekkaniżmi fil-futur. Xi kultant ġie suġġerit ukoll b'mod inkorrett li l-irkupri u l-korrezzjonijiet jistgħu jitqabblu ma' jew anke jiġu bbilanċjati mal-istimi tal-iżbalji tal-Qorti.

1.46. Iżda, informazzjoni annwali u affidabbli dwar l-effetti tal-mekkaniżmi korrettivi mhijiex disponibbli. In-noti għar-rendikonti finanzjarji ma jurux b'mod sistematiku kif issomom irkuprati huma konnessi ma' snin speċifiċi, u f'xi każijiet akkumulazzjoni jew xogħol b'lura dwar il-korrezzjonijiet tas-sena ta' qabel ġew identifikati u rreġistrati fis-sena finanzjarja kurrenti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.45.** *Il-Kummissjoni osservat li r-rata ta' żbalji tal-Qorti (b'mod partikolari għall-Koeżjoni) li ġiet dikjarata fir-rapport annwali tagħha xi drabi ġiet tradotta f'ammont assolut li mbagħad tqabbel mal-irkupri u ċifri ta' korrezzjoni. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma din il-prattika.*

*Il-Kummissjoni ripetutament ikkonfermat li programmi multiannwali huma soġġett għas-sistemi ta' kontroll multiannwali u li ħafna żbalji li nstabu mill-Qorti f'sena partikolari normalment ikunu nstabu u ġew ikkoreġuti mis-sistemi tal-Kummissjoni fi snin sussegwenti. Dan jista' jiġi ppruvat billi jiġu kkalkulati rati ta' żbalji li fadal fil-ħin tal-għeluq tal-programm, li fil-passat kien intwera li dawn ir-rati kienu aktar baxxi milli dawk fil-perjodu ta' implimentazzjoni.*

*Il-Kummissjoni taqbel li tqabbil tar-rati ta' żbalji DAS tal-Qorti li jirrelataw ma' eżami annwali ta' tranżazzjonijiet, mal-iżbalji kkalkulati tagħha stess mhix sempliċi.*

**1.46.** *Kif imsemmi mill-Qorti nnifisha f'paragrafu 1.44, il-maġġor parti ta' korrezzjonijiet finanzjarji f'Koeżjoni aċċettati f'dan l-istadju fit-tard tal-perjodu ta' programmar 2000-2006 se jiġu implimentati fl-għeluq tal-programm u mhux fis-sena meta saru jew meta l-korrezzjoni finanzjarja ġiet ikkonfermata. Din hi l-karattru multiannwali tas-sistemi korrettivi għall-programmi ta' ġestjoni kondiviżi.*

*Barra minn hekk korrezzjonijiet b'rata fissa jistgħu jiġu imposti f'sitwazzjonijiet fejn nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll f'livell tal-Istati Membri jiġu identifikati iżda ma ġewx ikkoreġuti mill-Istat Membru nnifsu, bl-ebda relazzjoni għal infiq irregolari speċifiku jew għal sena speċifika.*

*Għalhekk mhux possibbli sabiex wieħed jagħmel konnessjoni diretta bejn korrezzjoni finanzjarja u s-sena ta' nfiq li din tirrelata għaliha.*

*Finanzjamenti Strutturali huma implimentati f'qafas multi-annwali. Jekk korrezzjoni finanzjarja ma kinitx ġiet rappurtata fis-sena N din se tkun rappurtata fis-sena N+1, mingħajr ma tkun affettwat l-affidabbiltà tal-proċedura li l-għan prinċipali tagħha hu li tiżgura li l-ħlasijiet irregolari kollha jiġu kkoreġuti. Dan il-kumpens bejn snin fi ħdan il-perjodu ta' programmar hu meħtieġ sabiex tingħata informazzjoni dwar korrezzjonijit finanzjarji li hi akkurata, trasparenti u kompleta b'mod kumultattiv.*

*Madanakollu, in-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji jippreżentaw informazzjoni dwar korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati u implimentati f'sena speċifika kif ukoll informazzjoni kumulattiva.*

*F'kuntrast, fl-agrikultura (EAGF u EAFRD), korrezzjonijiet finanzjarji huma konnessi ma' nfiq ta' sena finanzjarja speċifika u din il-konnessjoni tingħata f'kull waħda mid-deċiżjonijiet ta' konformità adottata mill-Kummissjoni.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 1.47. Barra minn hekk iċ-ċikli ta' ħafna mekkaniżmi ta' korrezzjoni jistgħu iservu għal ħafna snin u l-varjazzjonijiet f'elementi li jinfluwenzaw il-kapaċità korrettiva ta' ħafna sistemi ta' sorveljanza u kontroll (qafas legali u organizzattiv; modalitajiet tal-proċeduri ta' rkupru; tip, daqs u tul ta' żmien ta' proġetti, eċċ.) jistgħu jolqtu l-kapaċità li l-impatt probabbli jiġi stmat fil-ġejjieni. | |
| 1.48. Fl-aħħar nett, wieħed irid jiftakar li l-mekkaniżmi korrettivi tal-Kummissjoni prinċipalment jinvolvu korrezzjonijiet finanzjarji għajr irkupri (ara l-paragrafi 1.39 u 1.40). | **1.48.** *Ara risposta għall-paragrafu 1.39.* |
| *Konklużjoni dwar il-kapaċità korrettiva tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll* | |
| 1.49. Il-Kummissjoni ħadet passi fl-2009 biex iżżid u ttejjeb l-informazzjoni li hija tagħti dwar il-mekkaniżmi korrettivi applikati għall-baġit tal-UE. Dan huwa żvilupp pożittiv. Iżda, l-informazzjoni li hija tagħti s 'issa għadha mhijiex affidabbli għal kollox, minħabba li l-Kummissjoni mhux dejjem tirċievi informazzjoni affidabbli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, għandha tkun eżaminata l-ħtieġa li jiġu rfinati l-linji gwida tar-rappurtar finanzjarju rigward liema informazzjoni għandha tiġi inkluża u kif din għandha tiġi ttrattata. Għal xi oqsma tan-nefqa, il-Kummissjoni ma tagħtix informazzjoni li tirrikonċilja dan li ġej: is-sena li fiha ssir il-pagament inkwistjoni, is-sena li fiha jinstab l-iżball relatat u s-sena li fiha tingħata informazzjoni dwar il-korrezzjoni finanzjarja riżultanti fin-noti tal-kontijiet. | **1.49.** *Ara risposti għall-paragrafi 1.19, 1.40 u 1.46.*<br><br>*Rikonċiljazzjoni ta' ħlasijiet, żbalji u korrezzjonijiet finanzjarji li saru kif ġie suġġerit mill-Qorti mhix possibbli fejn is-sistema ta' dikjarazzjoni ta' nfiq hi kumulattiva fuq perjodu multi-annwali jew f'xi każijiet fejn hemm sistemi ta' korrezzjonijiet (ara wkoll risposta għall-paragrafu 1.50).* |
| 1.50. Il-biċċa l-kbira tal-korrezzjonijiet skont il-valur jinvolvu korrezzjonijiet finanzjarji fuq l-Istati Membri jew pajjiżi terzi, aktar milli rkupri minn benefiċjarji individwali li rċevew fondi tal-UE b'mod inkorrett. B'kuntrast ma' dan, l-iżbalji misjuba permezz tal-ittestjar tal-Qorti fil-biċċa l-kbira huma ammonti kklejmjati b'mod inkorrett minn, jew imħallsa lil, benefiċjarji. Meta l-Qorti tieħu dan inkunsiderazzjoni hija tikkonkludi li mhuwiex possibli li tagħmel paragun li jagħmel sens bejn l-istima tagħha tar-rati tal-iżbalji u d-*data* għall-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri fornuti mill-Kummissjoni. | **1.50.** *F'ġestjoni diretta, il-Kummissjoni tikkoreġi żbalji jew billi tipproċedi għall-irkupru (ordni ta' irkupru jew kumpens minn ħlas sussegwenti) jew titlob dikjarazzjoni ta' nfiq li ġie kkoreġut.*<br><br>*Maġġoranza kbira tal-baġit tal-UE, madwar 80 %, hu implimentat f'ġestjoni kondiviża fejn Stati Membri huma primarjament responsabbli sabiex jiżguraw ir-regolarità tal-infiq dikjarata lill-Kummissjoni u għalhekk sabiex jinstabu u jiġu kkoreġuti l-irregolaritajiet. F'din is-sitwazzjoni ta' ġestjoni, il-Kummissjoni hi wkoll responsabbli sabiex tiżgura li s-sistemi li twaqqfu mill-awtoritajiet nazzjonali huma effettivi u, jekk le, il-Kummissjoni tkun tista' timponi korrezzjonijiet finanzjarji. Is-sistema ta' korrezzjonijiet finanzjarji li kienet prevista mil-leġiżlazzjoni applikabbli hi għalhekk magħmula b'mod u manjiera li l-Kummissjoni tirkupra/tikkoreġi mill-Istati Membri u dawn tal-aħħar imbagħad iridu jirkupraw il-ħas irregolari mill-benefiċjarju. Madanakollu, fejn korrezzjonijiet finanzjarji huma konnessi ma' dugħfija sistematika dawn huma ġeneralment ibbażati fuq rati fissi jew estrapolati, u mhux ma żbalji identifikati fuq livell ta' benefiċjarji.* |

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Bħala konsegwenza, trid issir distinzjoni dwar:*

— *l-informazzjoni relatata ma' korrezzjonijiet finanzjarji wara kontrolli u verifiki tal-UE li hi kompleta u affidabbli, iżda f'każ ta' nuqqasijiet fis-sistema ma jistgħux jiġu konnessi direttament ma żbalji fi ħlasijiet lil benefiċjarju u lanqas neċessarjament għal sena partikolari;*

— *l-informazzjoni trażmessa lill-Kummissjoni dwar irtirar u rkupri ta' infiq irregolari mill-Istati Membri: filwaqt li għall-Agrikultura l-informazzjoni disponibbli hi adegwata (ara risposta għall-paragrafu 1.17), għall-Koeżjoni l-pjan ta' azzjoni tal-2008 għall-azzjonijiet strutturali indirizza b'mod speċifiku l-kwalità u l-kompletezza ta' din id-dejta. Bħala konsegwenza, dejta għall-2009 sottomessa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fl-ewwel nofs tal-2010 hi ta' kwalità għola u aktar kompleta.*

*Il-Kummissjoni taqbel li tqabbil tar-rati ta' żbalji DAS tal-Qorti, li minħabba t-Trattat jirrelataw ma' eżami annwali ta' kampjun ta' tranżazzjonijiet, ma' figuri dwar korrezzjonijiet finanzjarji mhix rilevanti. Minħabba t-tipi differenti ta' korrezzjonijiet finanzjarji kif indikati aktar 'l fuq, mhux possibbli, fil-qasam ta' Koeżjoni, li ssir konnessjoni diretta bejn korrezzjoni finanzjarja u s-sena ta' nfiq li għaliha tirrelata. Madanakollu, l-impatt tal-korrezzjonijiet finanzjarji tista' tiġi identifikata b'mod ċar meta tiġi kkalkulata rata ta' żbalji li fadal wara l-għeluq ta' programm. Pereżempju, l-inkjesta ta' verifika dwar għeluq mhux ta' statistika tad-DĠ REGIO fuq kampjun ta' programmi ERDF tal-1994-1999 iffinalizzata f'Jannar 2010 tagħti indikazzjoni li fl-għeluq, u wara li jkunu saru l-korrezzjonijiet finanzjarji kollha, ir-riskju ta' żbalji fuq linja ġenerali ġie ridott b'mod sustanzjali.*

*Il-Kummissjoni tiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi tapplika s-sistemi u proċeduri ta' ġestjoni u kontroll kif provdut fir-regolamenti finanzjarji u settorjali li ġew deċiżi mil-leġiżlatur sabiex tevita, issib u tikkoreġi żbalji li jagħmlu ħsara lill-baġit tal-UE.*

ANNESS 1.1

## L-APPROĊĊ U L-METODOLOĠIJA TAL-VERIFIKA

### PARTI 1 — L-approċċ u l-metodoloġija tal-verifika għall-affidabbiltà tal-kontijiet

1. Sabiex tevalwa jekk il-kontijiet konsolidati, li jikkonsistu fir-rendikonti finanzjarji konsolidati u r-rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit [1] jippreżentawx b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea, u r-riżultati tal-operazzjonijiet u l-likwidità fl-aħħar tas-sena, il-kriterji prinċipali tal-evalwazzjoni huma:

(a) *legalità u regolarità:* il-kontijiet huma ppreparati skont ir-regoli, u l-approprijazzjonijiet baġitarji huma disponibbli;

(b) *kompletezza:* it-tranżazzjonijiet tad-dħul u tan-nefqa kollha u l-attiv u l-passiv kollu (inklużi partiti li mhumiex fil-karta tal-bilanċ) li jappartjenu għall-perjodu huma mdaħħla fil-kontijiet;

(c) *realtà tat-tranżazzjonijiet u eżistenza tal-attiv u tal-passiv:* kull tranżazzjoni ta' dħul u ta' nfiq hija ġġustifikata permezz ta' avveniment li għandu x'jaqsam mal-entità u jappartjeni għal dak il-perjodu; l-attiv jew il-passiv jeżisti fid-data tal-karta tal-bilanċ u jappartjeni għall-entità li qed tirrappurtah;

(d) *kejl u valutazzjoni:* it-tranżazzjoni tad-dħul u tan-nefqa u l-attiv jew il-passiv huma mdaħħla fil-kontijiet b'valur xieraq, u wieħed għandu jżomm f'moħħu l-prinċipju tal-prudenza;

(e) *preżentazzjoni tal-informazzjoni:* tingħata informazzjoni u deskrizzjoni dwar it-tranżazzjoni tad-dħul u tan-nefqa, l-attiv jew il-passiv skont ir-regoli u l-konvenzjonijiet tal-kontabilità applikabbli u l-prinċipju tat-trasparenza.

2. Il-verifika tikkonsisti fl-elementi bażiċi li ġejjin:

(a) aġġornament tal-evalwazzjoni tal-ambjent tal-kontroll tal-kontabilità;

(b) l-iċċekkjar tal-funzjonament ta' proċeduri tal-kontabilità prinċipali u l-proċess ta' għeluq fi tmiem is-sena;

(c) kontrolli analitiċi (konsistenza u raġonevolezza) fuq id-*data* tal-kontabilità prinċipali;

(d) analiżijiet u rikonċiljazzjonijiet tal-kontijiet u/jew bilanċi; u

(e) testijiet sostantivi fuq impenji, pagamenti u oġġetti speċifiċi fuq il-karta tal-bilanċ ibbażati fuq kampjuni rappreżentattivi.

### PARTI 2 — L-approċċ u l-metodoloġija tal-verifika għar-regularità tat-tranżazzjonijiet

3. L-approċċ li l-Qorti tieħu biex tivverifika r-regolarità tat-tranżazzjonijiet fil-bażi tal-kontijiet jikkonsisti f'**żewġ pilastri ewlenin**:

— ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet sabiex ikun aċċertat safejn dawn huma regolari; u

— evalwazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fl-assigurazzjoni tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

4. Dan huwa supplimentat minn evidenza miġjuba mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn relevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment [2].

*Kif il-Qorti tittestja t-tranżazzjonijiet*

5. L-ittestjar tat-tranżazzjonijiet huwa bbażat fuq **kampjun statistiku rappreżentattiv** ta' rċevuti (fil-każ tad-dħul) u pagamenti li jinsabu fil-grupp tal-politika kkonċernat. Dan l-ittestjar jagħti estimu statisku tal-punt safejn it-tranżazzjonijiet fil-popolazzjoni kkonċernata huma regolari.

6. Sabiex tiddetermina id-daqsien tal-kampjuni neċessarji biex tipproduċi riżultat affidabbli l-Qorti tuża **mudell ta' assigurazzjoni tal-verifika**. Dan jinvolvi evalwazzjoni tar-riskju li jsiru żbalji fit-tranżazzjonijiet (ir-riskju inerenti) u r-riskju li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll ma jevitawx jew ma jsibux u jikkoreġu tali żbalji (ir-riskju tal-kontroll). Meta s-sistemi jiġu ttestjati u misjuba effettivi, dawn jistgħu jagħtu parti mill-assigurazzjoni dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Fil-prattika l-Qorti primarjament tistrieħ fuq l-ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet tagħha.

[1] Inklużi n-noti ta' spjegazzjoni.
[2] B'mod partikolari r-Rapporti ta' Attività Annwali u d-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni (ara l-paragrafi 16 sa 17) u r-Rapport ta' Sinteżi.

7. L-ittestjar jinvolvi **eżami dettaljat** tat-tranżazzjonijiet magħżula biex jiġi ċċekkjat jekk il-klejm jew il-pagament kienx ikkalkulat tajjeb u skont ir-regoli u r-regolamenti relevanti li jiggvernaw l-infiq. Permezz tal-kampjun tagħha ta' tranżazzjonijiet tal-kontabilità rreġistrati fil-kontijiet baġitarji, il-Qorti tittraċċa l-pagament sal-livell tal-aħħar destinatarju (eż. il-bidwi, l-organizzatur ta' kors tat-taħriġ, il-promotur ta' proġett tal-għajnuna għall-iżvilupp) u tittestja l-konformità mal-kundizzjonijiet relevanti f'kull livell. Meta t-tranżazzjoni (fi kwalunkwe livell) tkun ikkalkulata ħażin, jew inkella ma tissodisfax rekwiżit regolatorju jew dispożizzjoni kuntrattwali, tiġi kkunsidrata li fiha hemm **żball**.

*Kif il-Qorti tevalwa u tippreżenta r-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijet*

8. L-iżbalji fit-tranżazzjonijiet jiġru għal bosta raġunijiet u jsiru f'għadd ta' forom skont in-natura tal-ksur u tar-regola speċifika jew tar-rekwiżit kuntrattwali li ma kienx hemm konformità miegħu. L-iżbalji jistgħu jirrelataw ma' "kondizzjoni għall-pagament" jew ma' kwistjoni ta' "konformità oħra".

9. Il-Qorti tikklassifika l-iżbalji kif ġej:

— jekk humiex *kwantifikabbli;* jew

— *mhux kwantifikabbli*, fil-każ fejn mhuwiex possibbli li wieħed ikejjel kemm mill-ammont imħallas jew irċevut mill-baġit tal-UE kien inkorrett jew jekk l-iżball kienx jirrelata ma' kwistjoni ta' "konformità oħra" ([3]); u

— fir-rigward tan-*natura* tagħhom, b'mod partikolari l-*eliġibbiltà* (il-pagament ma jissodisfax ir-regoli tal-eliġibbiltà) l-*okkorrenza* (rimborż ta' spiża li m'hemmx prova li din vera ġġarrbet) jew il-*preċiżjoni* (pagament ikkalkolat b'mod inkorrett).

10. Il-Qorti tesprimi l-**frekwenza** tal-okkorrenza tal-iżbalji billi tippreżenta l-proporzjon tal-kampjun milqut minn żbalji (kemm kwantifikabbli kif ukoll mhux kwantifikabbli). Dan jindika l-medda probabbli tal-iżball fi ħdan il-grupp tal-politika.

11. Il-Qorti tqis l-impatt finanzjarju ġenerali tal-iżbalji kwantifikabbli biex tasal għar-**rata tal-iżbalji** l-aktar probabbli. Ir-rata tal-iżbalji l-aktar probabbli hija kklassifikata permezz tat-tliet klassifikazzjonijiet li ġejjin:

— taħt it-2 %;

— bejn it-2 % u l-5 %; jew

— 'il fuq minn 5 %.

12. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet tal-Qorti jidhru fl-Anness 1 li huma mehmuża ma' kull kapitolu bejn 2 sa 9 u huma mqassra fit-***Tabella 1.2***.

*Kif il-Qorti tevalwa s-sistemi u tirrapporta r-riżultati*

13. **Is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll** huma stabbiliti mill-Kummissjoni, (u l-Istati Membri u benefiċjarji), biex jiġu ġestiti r-riskji għall-baġit tal-UE, inkluża r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Għalhekk l-evalwazzjoni tal-effettività tas-sistemi fl-assigurazzjoni tar-regolarità hija proċedura tal-verifika prinċipali, u partikolarment siewja fl-identifikazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib.

14. Kull grupp tal-politika huwa mmexxi minn bosta sistemi individwali,li kull waħda minnhom tieħu żmien konsiderevoli biex tkun ittestjata u evalwata. Għalhekk kull sena l-Qorti tagħżel kampjun ta' sistemi biex teżaminah. Ir-riżultati tal-**evalwazzjonijiet tas-sistemi** huma ppreżentati fil-forma ta' tabella msejħa *'Ir-Riżultati tal-eżami tas-sistemi"* mogħtija fl-Anness 2 tal-kapitoli 2 sa 9. Fejn kien possibbli li l-verifika tiġi mfassla u implimentata sabiex tiġi evalwata l-effettività tas-sistemi, dawn is-sistemi huma kklassifikati bħala *'effettivi'* fit-tnaqqis tar-riskju ta' żball fit-tranżazzjonijiet, *'parzjalment effettivi'* (meta jkun hemm xi dgħufija li tolqot l-effettività operazzjonali) jew *'mhux effettivi'* (meta d-dgħufijiet huma mxerrda u għalhekk ixejnu l-effettivita operattiva). Għall-oqsma / gruppi tal-politika li jifdal, is-sistemi ġew evalwati għall-konformità tagħhom mal-ħtiġijiet regolatorji.

15. Jekk tkun inkisbet biżżejjed evidenza tal-verifika xierqa, il-Qorti tagħti wkoll **evalwazzjoni ġenerali** tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll (ippreżentata wkoll fl-Anness 2 tal-kapitoli 2 sa 9) li tikkunsidra kemm l-evalwazzjoni tas-sistemi magħżula, kif ukoll ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet.

([3]) F'xi każijiet l-iskemi tan-nefqa jimponu ħtiġijiet legali fuq il-benefiċjarji imma jistipulaw li nuqqas ta' konformità mal-ħtieġa ma jaffettwax l-intitolament tad-destinatarju għall-pagament; minflok iwassal għal korrezzjoni finanzjarja jew multa. Eżempju ċar huwa l-"cross-compliance" fl-agrikoltura. Dawn il-ħtiġijiet ġejjin minn leġiżlazzjoni fuq il-ħarsien tal-ambjent, il-pubbliku, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, il-benessri tal-annimali (Kondizzjonijiet Statutarji ta' Amministrazzjoni) u l-manutenzjoni ta' art agrikola f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba (GAEC). Jekk destinatarju ta' pagamenti diretti skont il-PAK ma jirrispettax il-ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-cross-compliance, isir tnaqqis jew esklużjoni fl-ammont tal-pagamenti diretti. Meta l-Qorti tiskopri ksur fil-ħtiġijiet tal-cross-compliance hija tikklassifikahom bħala żbalji mhux kwantifikabbli u għalhekk dawn ma jiġux inklużi fir-rata tal-iżbalji l-aktar probabbli.

*Kif il-Qorti tevalwa r-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni u tirrapporta r-riżultati*

16. Kull Direttorat Ġenerali jħejji - u jippubblika – Rapport ta' Attività Annwali li fih jirrapporta dwar l-ilħuq tal-objettivi tal-politika u s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ għall-assigurazzjoni tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet u l-użu tajjeb tar-riżorsi. Kull Rapport ta' Attività Annwali huwa akkompanjat minn dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali fuq, fost l-oħrajn, il-punt safejn ir-riżorsi ntużaw għall-iskop maħsub tagħhom, u safejn il-proċeduri ta' kontroll jiżguraw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet ([4]). Ir-rapport u d-dikjarazzjoni meħuda flimkien jirrappreżentaw element ewlieni ta' kontroll intern.

17. Il-Qorti tevalwa r-Rapporti ta' Attività Annwali u d-dikjarazzjonijiet li jakkumpanjawhom sabiex tiddetermina safejn jirreflettu b'mod ġust il-ġestjoni finanzjarja b'relazzjoni mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Dan isir permezz ta' reviżjoni u analiżi, inkluż paragun mas-sejbiet tal-Qorti dwar il-qasam/l-oqsma inkwistjoni.

*Kif il-Qorti tasal għall-opinjoni tagħha*

18. Il-Qorti tevalwa r-rata tal-iżbalji l-aktar probabbli stmata billi tqabbilha mal-livell ta' materjalità ta' 2 % biex tiddetermina - flimkien ma' evidenza oħra - jekk it-tranżazzjonijiet humiex ħielsa minn żbalji materjali (opinjoni 'mingħajr modifiki'), milquta minn livell materjali ta' żbalji (opinjoni 'avversa') jew jekk il-livell materjali ta' żbalji jaffettwa biss parti limitata tal-popolazzjoni (opinjoni 'kwalifikata').

([4]) Aktar informazzjoni dwar dawn il-proċessi, kif ukoll links mar-rapporti l-aktar reċenti jistgħu jinstabu f'http://ec.europa.eu/atwork/sythesis/index_en.htm.

# KAPITOLU 2

## Dħul

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 2.1-2.14 |
| Il-karatteristiċi speċifiċi tal-qasam tal-baġit | 2.2-2.6 |
| L-ambitu u l-approċċ tal-verifika | 2.7-2.14 |
| Ir-riżorsi proprji tradizzjonali | 2.8-2.12 |
| Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq id-DGN | 2.13-2.14 |
| Ir-Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 2.15-2.18 |
| Ir-riżorsi proprji tradizzjonali | 2.16 |
| Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq id-DGN | 2.17 |
| Dħul ieħor | 2.18 |
| L-Effettività tas-sistemi | 2.19-2.31 |
| Ir-riżorsi proprji tradizzjonali | 2.20-2.24 |
| Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT | 2.25-2.26 |
| Ir-riżorsi proprji bbażati fuq id-DGN | 2.27-2.31 |
| Il-Kumpilazzjoni tal-Kontijiet Nazzjonali fl-Istati Membri | 2.27-2.28 |
| Riżervi ġenerali u speċifiċi | 2.29-2.30 |
| Il-verifikazzjoni tal-inventarji tad-DGN fl-Istati Membri | 2.31 |
| L-Affidabilità tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni | 2.32 |
| Konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet | 2.33-2.39 |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

2.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tal-Qorti dwar id-Dħul li jinkludi r-riżorsi proprji u dħul ieħor. L-informazzjoni finanzjarja prinċipali dwar id-Dħul tinsab fit-***Tabella 2.1.*** Ir-riżorsi proprji huma bil-bosta s-sors prinċipali ta' finanzjament tan-nefqa baġitarja (94,1 %).

**It-Tabella 2.1 — Dħul — Informazzjoni prinċipali**

*(miljun euro)*

| It-Titolu tal-Baġit | It-Tip ta' Dħul | Deskrizzjoni | Dħul tal-2009 | % |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) | Ħlas għall-produzzjoni taz-zokkor (il-Kapitolu 11) | 132 | 0,1 |
| | | Dazji Doganali (il-Kapitolu 12) | 14 397 | 12,3 |
| | Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT | Riżorsa bbażata fuq il-VAT (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) mis-sena finanzjarja attwali (il-Kapitolu 13) | 13 743 | 11,7 |
| | Ir-riżorsa proprja bbażata fuq id-DGN | Riżorsa bbażata fuq id-DGN (Dħul Gross Nazzjonali) mis-sena finanzjarja attwali (il-Kapitolu 14) | 82 413 | 70,3 |
| | Il-korrezzjoni tal-iżbilanċi tal-baġit | Korrezzjoni tar-Renju Unit (il-Kapitolu 15) | – 315 | – 0,3 |
| | Tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq id-DGN | Mogħti lill-Olanda u lill-Iżvezja (il-Kapitolu 16) | 4 | 0,0 |
| | | **TOTAL TAR-RIŻORSI PROPRJI** | **110 373** | **94,1** |
| 3 | | Bilanċi pożittivi, bilanċi u aġġustamenti | 330 | 0,3 |
| 4 | | Dħul akkumulat minn persuni li jaħdmu mal-Istituzzjonijiet u korpi Komunitarji oħra | 781 | 0,7 |
| 5 | | Dħul akkumulat mill-operat amministrattiv tal-Istituzzjonijiet | 258 | 0,2 |
| 6 | | Kontribuzzjonijiet u għotjiet lura konnessi ma' ftehimiet u programmi tal-Komunità | 4 545 | 3,9 |
| 7 | | Interessi fuq arretrati u multi | 933 | 0,8 |
| 8 | | Operazzjonijiet ta' self | 4 | 0,0 |
| 9 | | Dħul mixxellanju | 61 | 0,1 |
| | | **TOTAL TA' DĦUL IEĦOR** | **6 912** | **5,9** |
| | | **Dħul totali għas-sena** | **117 285** | **100,0** |

*Sors*: Il-Kontijiet Annwali, 2009.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Il-karatteristiċi speċifiċi tal-qasam tal-baġit

2.2. Hemm tliet kategoriji ta' riżorsi proprji [1]: ir-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali mill-importazzjonijiet u ħlas għall-produzzjoni taz-zokkor, l-RPT), ir-riżorsi proprji kkalkulati fuq il-bażi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) miġbura mill-Istati Membri, u r-riżorsi proprji meħuda mid-dħul gross nazzjonali (DGN) tal-Istati Membri.

2.3. L-RPT huma stabbiliti u miġbura mill-Istati Membri. Tliet kwarti minn dawn l-ammonti jitħallsu lill-Unjoni, filwaqt li l-kwart li jifdal jinżamm biex ikopri l-ispejjeż tal-ġbir. Kull Stat Membru jibgħat rendikont tad-dazji stabbiliti (ir-rendikont tal-kont "A") lill-Kummissjoni kull xahar u rendikont ta' dawk id-dazji stabbiliti li mhumiex inklużi fiha (il-kont "B") kull tliet xhur [2].

2.4. Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq id-DGN huma kontribuzzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' rati uniformi lill-bażijiet ta' valutazzjoni tal-VAT armonizzati nozzjonalment tal-Istati Membri jew lid-DGN tal-Istati Membri rispettivament, ikkalkolati skont ir-regoli tal-Unjoni.

2.5. Skont id-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom, ċerti Stati Membri jibbenefikaw minn rata ta' ġbir imnaqqsa tal-VAT [3] u minn tnaqqis gross tal-kontribuzzjoni annwali tagħhom tad-DGN [4] għall-perjodu mill-2007 sal-2013. Barra minn hekk, ir-Renju Unit ġie permess korrezzjoni fir-rigward ta' żbilanċi tal-baġit ("il-korrezzjoni tar-Renju Unit") li tinvolvi tnaqqis tal-pagamenti tiegħu tar-riżorsi proprji tad-DGN.

2.6. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq id-DGN tintuża biex tibbilanċja l-baġit. Kwalunkwe dikjarazzjoni inqas tad-DGN għal Stat Membru partikolari – għalkemm ma tolqotx ir-riżorsa proprja bbażata fuq id-DGN ġenerali – għandha l-effett li żżid il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri l-oħrajn, sakemm il-problema tiġi identifikata u korretta.

---

(1) Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17), u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1), kif emendata mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 105/2009 (ĠU L 36, 5.2.2009, p. 1).

(2) Meta dazji jew imposti jibqgħu ma jitħallsux u ma tkun ingħatat l-ebda garanzija, jew ikunu koperti minn garanziji imma jkunu ġew sfidati, ikun possibbli għall-Istati Membri li jissospendu d-disponibbilità ta' dawn ir-riżorsi billi jdaħħluhom f'dan il-kont separat ("il-kont B").

(3) Il-Ġermanja, il-Pajjiżi Baxxi, l-Awstrija u l-Isvezja.

(4) Il-Pajjiżi Baxxi u l-Isvezja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## L-ambitu u l-approċċ tal-verifika

2.7. L-approċċ u l-metodoloġija tal-verifika ġenerali tal-Qorti huma deskritti fil- ***Parti 2 tal-Anness 1.1***. Għall-verifika tad-Dħul, kampjun statistiku rappreżentattiv ta' 62 ordni ta' rkupru meħuda mir-rekords tal-Kummissjoni tal-irċevuti tad-dħul kollu ġie ttestjat fil-livell tal-Kummissjoni (ara l-***Anness 2.1)***.

*Ir-riżorsi proprji tradizzjonali*

2.8. Il-verifika mill-Qorti ta' tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet ma tistax tkopri importazzjonijiet li ma ġewx iddikjarati jew dawk li nqabżu mis-sorveljanza doganali.

2.9. Il-Qorti wettqet valutazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fi tliet Stati Membri ([5]) u rrevediet is-sistemi ta' kontabilità tagħhom għall-RPT. Hija eżaminat il-fluss tad-dazji minn meta ġew stabbiliti sa meta ġew iddikjarati lill-Kummissjoni, sabiex ikollha assigurazzjoni raġonevoli li l-ammonti rreġistrati kienu preċiżi. L-awdituri ċċekkjaw kampjun każwali ta' 30 dikjarazzjoni ta' importazzjoni f'kull wieħed minn dawn it-tliet Stati Membri.

2.10. Għal ħames irkupri relatati mar-riżorsi proprji tradizzjonali tal-kampjun imsemmi fil-paragrafu 2.7, il-Qorti rrikonċiljat ir-rendikonti ta' kull xahar magħżula mar-rekords tal-kontabilità tal-Istati Membri ([6]) li fuqhom huma bbażati d-dikjarazzjonijiet.

2.11. Il-Qorti evalwat is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kummissjoni, inklużi l-ispezzjonijiet li din tal-aħħar għamlet fl-Istati Membri. Ir-rwol ta' sorveljanza tal-KKRIR ([7]) ġie evalwat ukoll.

2.12. Il-Qorti kkunsidrat ir-riżultati tal-verifika speċifika tagħha mwettqa fl-2008 u fl-2009 dwar il-proċeduri doganali ssimplifikati għall-importazzjonijiet f'disa' Stati Membri ([8]). Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq id-DGN

*Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq id-DGN*

2.13. Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq id-DGN huma bbażati fuq statistiċi makroekonomiċi, u t-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom ma jistgħux jiġu vverifikati direttament. Għal din ir-raġuni, il-verifika ħadet bħala l-punt tat-tluq tagħha l-ġbir mill-Kummissjoni tal-aggregati makroekonomiċi ppreparati mill-Istati Membri, u mbagħad evalwat is-sistemi tal-Kummissjoni tal-ipproċessar tad-*data* sabiex jiġu ddeterminati l-ammonti li għandhom jiġu inklużi fil-kontijiet finali. Għalhekk il-Qorti eżaminat il-preparazzjoni tal-baġit u l-korrettezza tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri.

([5]) Il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Latvja.

([6]) Il-Ġermanja, Franza, l-Italja, is-Slovenja u r-Renju Unit.

([7]) Il-Kumitat Konsultattiv tar–Riżorsi Nnifishom: l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, kif emendat.

([8]) Il-Belġju, l-Irlanda, Franza, l-Italja, l-Ungerija, il-Pajjiżi Baxxi, is-Slovenja, l-Isvezja u r-Renju Unit.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.14. Il-verifika vvalutat ukoll is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kummissjoni maħsuba biex jiżguraw li dawn ir-riżorsi huma kkalkolati u miġbura korrettament, kif ukoll ir-rwoli tal-Kumitati tal-KKRI u tad-DGN ([9]).

## IR-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

2.15. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet huma deskritti fil-qosor fl-***Anness 2.1***.

### Ir-riżorsi proprji tradizzjonali

2.16. Il-Qorti sabet li b'mod ġenerali r-rendikonti tal-Istati Membri mibgħuta lill-Kummissjoni ma kienx fihom żbalji materjali.

### Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq id-DGN

2.17. Il-verifika tal-Qorti sabet li l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u l-pagament tagħhom ma kienx fihom żbalji materjali. Madankollu, f'Diċembru 2009 l-Kummissjoni sabet żball fil-kalkolu tagħha tal-estimi proviżorji tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għas-snin 2008 u 2009, li jirrappreżenta stima żejda ta' 138 miljun euro u 458 miljun euro rispettivament. Billi l-korrezzjoni tar-Renju Unit għas-sena 2008 ddaħħlet fil-baġit tal-2009, l-Istati Membri li jiffinanzjawh għamlu kontribuzzjoni ogħla minn dik meħtieġa fl-2009. Dan se jiġi korrett biss meta l-estimi riveduti jiddaħħlu fil-baġit tas-snin ta' wara.

### Dħul ieħor

2.18. Il-Qorti sabet li b'mod ġenerali t-tranżazzjonijiet ittestjati fir-rigward ta' Dħul ieħor ma kienx fihom żbalji materjali.

## L-EFFETTIVITÀ TAS-SISTEMI

2.19. Ir-riżultati tal-eżami tas-sistemi huma deskritti fil-qosor fl-***Anness 2.2***.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.17.** *Dawn l-anomaliji, meta ġew innutati mill-Kummissjoni, ġew ikkomunikati lill-Istati Membri u lill-Qorti. L-Istati Membri kollha qablu li l-miżuri ta ' rimedju neċessarji jittieħdu bħala parti mill-proċeduri ta ' rutina għar-reviżjonijiet u l-aġġornamenti.*

([9]) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003: ir-Regolament GNI (ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| **Ir-riżorsi proprji tradizzjonali** | |
| 2.20. Bħal fis-snin preċedenti ([10]), il-Qorti enfasizzat il-problemi fil-proċeduri u s-sistemi li jaffettwaw l-ammonti inklużi fil-kontijiet B li għandhom jiġu korretti. Dawn kienu jikkonċernaw b'mod partikolari d-dewmien fl-irkupru tad-dazji u l-ittardjar biex l-ammonti rkuprati jkunu disponibbli ([11]), kif ukoll it-tħassir mhux ġustifikat ta' dazji doganali ([12]). | **2.20.** *Il-Kummissjoni se titlob lill-Istati Membri kkonċernati biex jieħdu l-azzjoni ta' rimedju meħtieġa biex jindirizzaw in-nuqqasijiet misjuba u fejn meħtieġ ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali mhux imħallsa jiġu mitluba kif ukoll l-imgħax dovut fuq ħlas tard.* |
| 2.21. Fi tnejn mill-Istati Membri ([13]) vverifikati, l-awtoritajiet nazzjonali ma kinux kapaċi jiġġustifikaw bis-sħiħ l-ammonti rreġistrati fid-dikjarazzjonijiet B, minħabba li ma qablux mad-dokumenti ta' bażi. Barra minn hekk, ġew identifikati differenzi simili mill-Qorti fir-rikonċiljazzjoni tagħha tal-kontijiet A ([14]). | **2.21.** *L-Istati Membri konċernati jintalbu biex jiġġustifikaw l-ammonti fil-kontijiet, biex iħallsu kull nuqqas skopert fir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali, u fejn ikunu tħallsu tard, jintalab l-imgħax għall-ħlas tard.* |
| 2.22. Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li f'każijiet fejn merkanzija introdotta illegalment fit-territorju doganali tal-Komunità tkun ġiet ikkonfiskata, ma hemm ebda obbligu li tiġi inkluża fil-kontijiet B tad-djun doganali mġarrba. Fis-sentenza tagħha ta' April 2009 ([15]), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li sabiex iġib miegħu l-estinzjoni tad-dejn doganali, tali qbid ta' merkanzija għandu jseħħ qabel ma l-merkanzija msemmija tgħaddi l-ewwel uffiċċju doganali li jinsab ġewwa dak it-territorju. Għalhekk, fl-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri, id-djun imġarrba fuq merkanzija kkonfiskata wara dan l-istadju għandhom tabilħaqq jiddaħħlu fil-kontijiet. | **2.22.** *Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 867a tar-Regolament 2454/93 li jimplimenta l-Kodiċi Doganali li skont liema l-oġġetti maqbuda u konfiskati għandhom jitqiesu li ddaħħlu għall-proċedura ta' ħażna doganali. Għal oġġetti li jiddaħħlu taħt din il-proċedura mhu stabbilit ebda dejn doganali u għalhekk dan ma jiddaħħalx fil-kontijiet. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-2009 ma koprietx ir-relevanza tal-Artikolu 867a dwar it-trattament tad-dejn doganali għal oġġetti maqbuda u għalhekk il-Kummissjoni stenniet id-deċiżjoni dwar każ ieħor simili, C-230/08. Il-Kummissjoni qed tevalwa l-konsegwenza tas-sentenza riċenti f'dan il-każ u s-segwitu li se jsir. F'kull eventwalità, meta jidħol fis-seħħ il-Kodiċi Doganali Modernizzat, għall-oġġetti maqbuda d-dejn doganali dejjem jitneħħa, indipendentement mill-post fejn jinqabdu l-oġġetti.* |
| 2.23. Il-verifiki fuq il-post imwettqa mill-Qorti żvelaw nuqqasijiet fis-sorveljanza doganali nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tat-twettiq tal-analiżi tar-riskju għall-għażla tan-negozjanti u l-importazzjonijiet li għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli doganali ([16]). Dan iżid ir-riskju ta' irregolaritajiet li jibqgħu ma jinstabux u li jistgħu jwasslu għal telf tal-RPT. | **2.23.** *Huwa f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu s-Sistemi ta' kontroll doganali tagħhom ibbażati fuq metodi ta' analiżi tar-riskju xierqa. Id-defiċjenzi msemmija mill-Qorti jirrigwardaw dawn it-tliet Stati Membri. F'waħda minn dawn, saru sejbiet identiċi fil-verifika tal-Qorti tal-Proċeduri Simplifikati u l-Kummissjoni qed issegwi l-azzjoni li qed tittieħed. Fit-tnejn l-oħra, dawn huma relatati man-nuqqas ta' element randomizzat fis-sistema tal-għażla tad-dikjarazzjoni/negozjant. L-awtoritajiet nazzjonali ħadu miżuri ta' rimedju f'waħda minnhom. Fl-oħra, intuża element ta' randomizzazzjoni imma ma kienx inkorporat fis-sistema awtomatizzata għall-għażla ta' dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni/negozjanti għall-eżaminazzjoni.* |

([10]) Pereżempju l-paragrafu 4.14 tar-Rapport Annwali tal-2008.
([11]) Il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja u l-Latvja.
([12]) Il-Ġermanja.
([13]) L-Irlanda u l-Latvja.
([14]) L-Irlanda.
([15]) Il-Każ nru C-459/07 tat-2 ta' April 2009.
([16]) Il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Latvja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.24. Barra minn hekk, fir-rapport speċjali reċenti tagħha ([17]) dwar proċeduri doganali ssimplifikati għall-importazzjonijiet ([18]), fl-Istati Membri kollha fejn saru żjarat, il-Qorti sabet nuqqasijiet sinifikanti fil-kontrolli u frekwenza għolja ta' żbalji fil-biċċa l-kbira minnhom. Jekk nikkunsidraw li dawn l-Istati Membri jirrappreżentaw aktar min-nofs tal-ġbir totali tal-RPT u li madwar żewġ terzi tad-dikjarazzjonijiet doganali kollha tal-UE jsiru bl-użu ta' proċeduri ssimplifikati, dawn in-nuqqasijiet fil-kontrolli għandhom impatt fuq il-funzjonament tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Istati Membri fil-qasam tal-RPT. Dan imbagħad iġib miegħu r-riskju li jistgħu jinġabru ammonti inkorretti tal-RPT.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.24.** *Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li l-Kontrolli doganali jistgħu jittejbu u jeħtieġ li jevolvu fid-dawl tal-esperjenza u l-aħjar prattiki.*

*Il-Kummissjoni kienet qed tieħu azzjoni biex tgħin l-Istati Membri fil-proċeduri li qed jevolvu. Ġew provduti linji gwida dettaljati, kif ukoll dettalji dwar l-aħjar mod li bih jistgħu jiġu applikati. Ir-riżultati se jiġu eżaminati waqt żjarat ta' monitoraġġ li jsir matul l-2010 u l-2011. Barra minn hekk, matul l-2009 u l-2010 l-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet speċifiċi, f'kull Stat Membru, tal-Istrateġiji ta' Kontroll Doganali. Fuq il-bażi ta' dawn l-ispezzjonijiet u l-osservazzjonijiet tal-verifika tal-Qorti, il-Kummissjoni diġà talbet azzjoni ta' rimedju. Matul l-2010 hija se tħejji rapport tematiku dwar l-Istrateġija ta' Kontroll Doganali fl-Istati Membri, li jinkorpora s-sejbiet tal-Qorti kif ukoll dawk tal-Kummissjoni. Dan se jiġi diskuss mal-Istati Membri fl-ACOR bil-għan li jsir titjib f'dan il-qasam.*

## Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT

2.25. Il-punt tat-tluq għall-kalkolu tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT huwa l-VAT attwalment miġbur fl-Istati Membri ([19]). Studju li jikkwantifika u janalizza d-differenza tal-VAT fil-25 Stat Membru tal-UE (minbarra Ċipru) ([20]), ippubblikat mill-Kummissjoni f'Settembru 2009, jistma li d-differenza bejn l-irċevuti tal-VAT akkumulata u l-obbligu nett teoretiku ta' ħlas tal-VAT tammonta għal medja ta' 13 % għall-perjodu mill-2004 sal-2006. Għal dawk l-Istati Membri li ma għandhomx limitu għall-bażi tal-VAT ([21]), kieku d-differenza tal-VAT kellha tiġi eliminata, il-kontribuzzjoni tagħhom ibbażata fuq il-VAT għall-baġit tal-UE tiżdied. Dan kieku jnaqqas il-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq id-DGN, għalkemm l-inċidenza fuq Stati Membri individwali, kieku, tvarja.

**2.25.** *Minħabba li l-Qorti tagħraf li l-bidu tal-kalkolazzjoni tal-bażi tal-VAT annwali, li fuqha jiġu ffissati l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji tal-VAT, huwa l-valur tal-irċevuti tal-VAT li jinġabru propjament matul dik is-sena. Għalkemm tnaqqis fid-differenza tal-VAT, jista' teoretikament jirriżulta f'żieda fil-riżorsi proprji tal-VAT imħallsa, il-leġiżlatur għażel metodu li bih kull żieda fir-riżorsi proprji tal-VAT tiġi newtralizzata, minn perspettiva baġitarju, permezz ta' tnaqqis korrispondenti fl-ammont li jinġabar mir-riżorsi tad-DGN.*

2.26. Ir-riżervi huma mezz biex l-elementi dubjużi fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT mibgħuta mill-Istati Membri jinżammu miftuħa għall-korrezzjoni wara l-limitu ta' żmien statutorju ta' erba' snin. Fl-2009, saru 67 riżerva u tneħħew 63. Fi tmiem is-sena, it-total ta' riżervi ffissati kien 167 (ara t-***Tabella* 2.2**). Minkejja li l-Qorti nnutat titjib fit-tneħħija ta' riżervi dwar il-VAT li kienu ilhom ħafna pendenti, kien għad hemm 20 minnhom fi tmiem l-2009 li jkopru s-snin qabel is-sena 2000, meta mqabbla ma' 34 fi tmiem l-2008.

**2.26.** *Ikomplu miżuri proattivi biex jitneħħew riżervi li ilhom pendenti. Fl-2008 l-Kummissjoni kkategorizzat, fuq il-bażi tar-riskju, ir-riżervi li ilhom pendenti u bdew, mal-Istat Membru konċernat, biex isolvu l-punti li jieħdu kont ta' dawk il-prijoritajiet relattivi. L-istrateġija bdiet tagħti riżultat fl-2009 u qed tkompli: 7 oħra mill-eqdem riżervi tneħħew fl-2010. Il-Kummissjoni tqis li sar progress tajjeb. Aktar laqgħat ta' ġestjoni se jsiru fl-2010/11.*

([17]) Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2010.

([18]) Id-dikjarazzjoni ssimplifikata u l-proċedura ta' approvazzjoni lokali għar-rilaxx tal-prodotti għal ċirkolazzjoni ħielsa. Skont tali proċeduri, l-operaturi ekonomiċi jista' jkollhom prodotti meħlusa biss billi jakkomodaw id-dikjarazzjonijiet doganali parzjalment kompleti jew billi jiddaħħlu fir-rekords tagħhom. Dikjarazzjoni doganali sħiħa dettaljata u l-pagament tad-dazju ġeneralment isiru fix-xahar ta' wara.

([19]) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

([20]) http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/taxation/tax_cooperation/combating_tax_fraud/reckon_report_sep2009.pdf.

([21]) Skont l-artikolu 2(1)(b) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom.

**It-Tabella 2.2 — Ir-riżervi dwar il-VAT fil-31.12.2009**

| Stat Membru | numru ta' riżervi pendenti fil-31.12.2008 | riżervi ffissati fl-2009 | riżervi mneħħija fl-2009 | numru ta' riżervi pendenti fil-31.12.2009 | l-eqdem sena li għaliha japplikaw ir-riżervi fil-31.12.2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 8 | 0 | 5 | 3 | 2000 |
| Il-Bulgarija | 0 | 1 | 0 | 1 | 2007 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 8 | 1 | 0 | 9 | 2004 |
| Id-Danimarka | 0 | 5 | 0 | 5 | 2004 |
| Il-Ġermanja | 0 | 5 | 0 | 5 | 2004 |
| L-Estonja | 8 | 0 | 0 | 8 | 2004 |
| L-Irlanda | 16 | 1 | 0 | 17 | 1998 |
| Il-Greċja | 10 | 4 | 3 | 11 | 1998 |
| Spanja | 3 | 0 | 1 | 2 | 2001 |
| Franza | 4 | 6 | 0 | 10 | 1993 |
| L-Italja | 14 | 2 | 7 | 9 | 1995 |
| Ċipru | 3 | 1 | 1 | 3 | 2004 |
| Il-Latvja | 2 | 4 | 1 | 5 | 2004 |
| Il-Litwanja | 2 | 12 | 7 | 7 | 2005 |
| Il-Lussemburgu | 2 | 1 | 0 | 3 | 2004 |
| L-Ungerija | 5 | 3 | 4 | 4 | 2004 |
| Malta | 6 | 4 | 0 | 10 | 2004 |
| Il-Pajjiżi Baxxi | 5 | 3 | 1 | 7 | 2002 |
| Ir-Rumanija | 0 | 0 | 0 | 0 | — |
| L-Awstrija | 11 | 4 | 10 | 5 | 2002 |
| Il-Polonja | 3 | 3 | 0 | 6 | 2004 |
| Il-Portugall | 9 | 1 | 0 | 10 | 1996 |
| Is-Slovenja | 0 | 3 | 0 | 3 | 2004 |
| Is-Slovakkja | 5 | 0 | 2 | 3 | 2004 |
| Il-Finlandja | 8 | 4 | 2 | 10 | 1995 |
| L-Isvezja | 9 | 2 | 4 | 7 | 1995 |
| Ir-Renju Unit | 4 | 1 | 0 | 5 | 1998 |
| **Total** | **163** | **67** | **63** | **167** | |

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Ir-riżorsi proprji bbażati fuq id-DGN

*Il-Kumpilazzjoni tal-Kontijiet Nazzjonali fl-Istati Membri*

2.27. Fir-rapport tagħha dwar l-istatistiċi tad-defiċit u d-djun tal-gvern Grieg ([22]) lill-Kunsill (Ecofin), il-Kummissjoni poġġiet f'diskussjoni l-kwalità tal-istatistiċi makroekonomiċi Griegi, inklużi dawk tal-Kontijiet Nazzjonali. Il-Kummissjoni u l-Kunsill qajmu dubji dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fis-Servizz Nazzjonali tal-Istatistika tal-Greċja, li jipproduċi wkoll id-*data* tad-DGN għall-kalkolu tar-riżorsi proprji.

**2.27.** *Ir-Rapport kwota ftehimiet dwar dejta ta' defiċit u dejn tal-gvern ġenerali fil-Greċja. Analiżi vera tal-impatt potenzjali tal-kwistjonijiet li feġġew minn din il-verifika tad-defiċit u d-dejn ma żvelatx impatt sinifikanti tal-livelli tal-PGD/DGN.*

*Il-Greċja bdiet tindirizza l-kwistjonijiet li tqajmu fir-Rapport tal-Kummissjoni tat-8 ta' Jannar 2010, bl-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar is-Sistema Griega tal-Istatistika, inkluż il-ħolqien ta' awtorità ġdida tal-istatistika (ELSTAT) sabiex tiggarantixxi l-indipendenza u l-integrità tal-istatistiki.*

2.28. Fir-Rapporti Annwali preċedenti tagħha ([23]), il-Qorti esprimiet l-opinjoni li d-differenzi fis-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fl-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (INI) tal-Istati Membri jistgħu jdgħajfu l-komparabilità, l-affidabilità u l-kompletezza tal-Kontijiet Nazzjonali. L-Eurostat għadu ma lestiex il-valutazzjoni tiegħu tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fl-INI u għadu ma addottax linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' tali sistemi fl-Istati Membri.

**2.28.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-affidabbiltà tal-kontijiet nazzjonali tiddependi primarjament fuq is-sorsi u metodi ta' statistiki speċifiċi użati u bbażat l-istrateġija tagħha fuq il-validazzjoni tad-DGN fuq il-verifika u titjib tagħhom. Sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll (SCS) li huma mfassla tajjeb fl-istituti nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri jistgħu jgħinu biex jidentifikaw u jnaqqsu r-riskji li jsiru xi żbalji. Il-Kummissjoni diġà kkunsidrat ir-rimarki tal-Qorti dwar is-SCS fil-modi msemmija fit-tweġibiet tagħha għall-paragrafu 4.24 tar-rapport tal-2008. Barra minn hekk, matul il-verifiki tad-DGN, il-Kummissjoni ġabret informazzjoni dwar il-prattiki tal-Istati Membri, b'mod partikolari għat-tweġibiet tal-grupp ta' ħidma li organizzat f'Diċembru tal-2009. Skont l-għanijiet ta' dan il-grupp ta' ħidma, il-Kummissjoni se tidentifika u tiżviluppa l-aqwa prattiki għall-użu fl-Istati Membri, kif ukoll il-proċeduri tal-valutazzjoni f'dan il-qasam.*

*Riżervi ġenerali u speċifiċi*

2.29. Fit-tmiem l-2009 kien hemm riżervi ġenerali ([24]) dwar id-*data* tad-DGN ta' 15-il Stat Membru tal-UE fir-rigward tal-perjodu mill-2002 sal-2006, u ta' 10 Stati Membri tal-UE fir-rigward tal-perjodu mill-2004 sal-2006, sakemm titlesta l-analiżi tal-inventarji aġġornati jew ġodda tad-DGN.

2.30. Fil-bidu tal-2009 kien hemm għaxar riżervi speċifiċi ([25]) miftuħa tad-DGN relatati mal-perjodu mill-1995 sal-2001. Matul l-2009 l-Kummissjoni neħħiet sitt riżervi relatati mal-Greċja u b'hekk kien għad baqa' erbgħa ([26]) fi tmiem is-sena.

**2.30.** *Il-Kummissjoni qed tkompli bil-kooperazzjoni tagħha mażżewġ pajjiżi li għad għandhom riżervi tal-PGN għall-perjodu 1995-2001 (1 għall-Greċja, u 3 għar-Renju Unit) sabiex dawn ir-riżervi jkunu jistgħu jitneħħew.*

([22]) COM(2010) 1 finali tat-8 ta' Jannar 2010 u l-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Ecofin) tad-19.1.2010.

([23]) Il-paragrafi 3.47 sa 3.49 tar-Rapport Annwali tal-2004, il-paragrafi 4.23 sa 4.25 tar-Rapport Annwali tal-2005 u l-paragrafi 4.23 sa 4.24 tar-Rapport Annwali tal-2008.

([24]) L-Artikolu 10(7) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, kif emendat, jiddikjara li, wara t-30 ta' Settembru tar-raba' sena wara sena finanzjarja partikolari, kwalunkwe bidla lill-PGN/DGN ma għandhiex tiġi kkunsidrata aktar, minbarra dawk lill-punti nnotifikati f'dan il-limitu ta' żmien jew mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru. Dawn il-punti huma magħrufa bħala riżervi. Riżerva ġenerali tkopri d-*data* kollha ta' Stat Membru.

([25]) Riżerva speċifika tkopri l-elementi diskreti tal-inventarju tad-DGN.

([26]) Dawn ir-riżervi miftuħa jikkonċernaw il-Greċja u r-Renju Unit u prinċipalment jirrelataw ma' aspetti tal-metodoloġija u l-kumpilazzjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Il-verifikazzjoni tal-inventarji tad-DGN fl-Istati Membri*

2.31. Fl-2009 l-Kummissjoni (Eurostat) wettqet żjarat f'16-il Stat Membru biex tivverifika l-inventarji tad-DGN ([27]) u wettqet verifikazzjoni diretta. Madankollu, dan ġie ristrett għal għadd żgħir ħafna ta' komponenti tad-DGN fl-Istati Membri fejn saru ż-żjarat. Bħalma hemm deskritt fil-linji gwida tal-Eurostat, dan l-approċċ ta' verifikazzjoni diretta normalment mhuwiex mistenni jiġbed konklużjonijiet fuq il-partijiet kollha tal-estimi tad-DGN.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.31.** *Il-Kummissjoni tapplika verifika diretta bħala suppliment tal-verifika tal-Inventarji tad-DGN tal-pajjiżi bbażati fuq il-Kwestjonarju tal-Valutazzjoni tal-Inventarju ta-DGN (GIAQ). Il-Kummissjoni tqis li n-numru ta' komponenti li hija għażlet kien biżżejjed għall-fini tal-verifika diretta, skont "Il-Linji Gwida għal verifika diretta" approvati mill-Kumitat tad-DGN.*

## L-AFFIDABILITÀ TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI

2.32. Ir-riżultati tar-reviżjoni tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni huma deskritti fil-qosor fl-***Anness 2.3***. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għar-rapport speċjali reċenti dwar proċeduri doganali ssimplifikati għall-importazzjonijiet li dwaru hemm dettalji fil-paragrafu 2.24. Il-Kummissjoni se jkollha bżonn tikkunsidra l-konklużjonijiet minn dan ir-rapport flimkien mas-segwitu tas-sejbiet tagħha stess minn ispezzjonijiet tal-proċeduri ssimplifikati u l-istrateġija ta' kontroll tal-Istati Membri fir-rapport ta' attività annwali tagħha għall-2010.

**2.32.** *Il-Kummissjoni, fl-ispezzjonijiet tagħha tal-Proċeduri Simplifikati u l-istrateġija ta' kontroll tal-Istati Membri sabiex ukoll dgħjufijiet fil-proċeduri ta' kontroll fl-Istati Membri u se tkompli ssegwi s-sejbiet tagħha u tal-Qorti. Hekk kif jitlesta dan is-segwitu, il-Kummissjoni se jkollha bażi aktar komprensiva għal valutazzjoni.*

## KONKLUŻJONIJIET U R-RAKKOMANDAZZJONIJIET

2.33. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li fi:

— id-dikjarazzjonijiet u l-pagamenti tal-RPT mill-Istati Membri,

— il-kalkolu tal-Kummissjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri abbażi tad-*data* tal-VAT u d-DGN irċevuta mill-Istati Membri, kif ukoll

— Dħul ieħor

għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 ma kienx hemm żbalji materjali.

2.34. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll huma effettivi biex jiżguraw ir-regolarità tad-Dħul. Madankollu, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet li, filwaqt li mhumiex materjali għall-effettività tas-sistemi fit-totalità tagħhom, jeħtieġu azzjoni kif deskritt hawn taħt.

**Ir-riżorsi proprji tradizzjonali**

2.35. Il-verifiki tal-Qorti jkomplu jiżvelaw problemi bl-użu tal-kontijiet B u għaldaqstant tirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli bil-ħidma tagħha biex tiżgura l-użu korrett tagħhom, b'mod partikolari biex id-dazji doganali jiġu stabbiliti u jsiru disponibbli fil-ħin (il-paragrafu 2.20).

**2.35.** *Il-Kummissjoni se tkompli l-eżaminazzjoni regolari tal-kontijiet B biex tidentifika kull dgħjufija li jista' jkollha impatt fuq twaqqif fil-ħin u d-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali.*

([27]) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tad-DGN, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'inventarju tal-proċeduri u l-istatistika li jintużaw biex jikkalkolaw id-DGN u l-komponenti tiegħu skont l-ESA 95.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

2.36. In-nuqqasijiet identifikati mill-verifika speċifika tal-Qorti fir-rigward tal-effettività tal-kontrolli ta' proċeduri ssimplifikati u fix-xogħol ta' verifika ieħor tagħha fl-2009 wasslet lill-Qorti biex tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Istati Membri fil-qasam tal-RPT huma biss parzjalment effettivi biex jiżguraw li d-dazji doganali rreġistrati huma kompleti u korretti (il-paragrafi 2.23 u 2.24).

**2.36.** *Il-Kummissjoni se ssegwi dawn id-dgħjufiji flimkien massejbiet mill-ispezzjonijiet tagħha.*

**Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT**

2.37. Riżervi li ilhom pendenti għadhom jeżistu. Il-Kummissjoni għandha tkompli tagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni adegwata malajr li tippermettilha tneħħi dawn ir-riżervi malajr kemm jista' jkun u tagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fil-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri (il-paragrafu 2.26).

**2.37.** *Sa issa tneħħew sebgħa mir-riżervi li kienu ilhom l-aktar pendenti, fl-2010. Aktar laqgħat ta' ġestjoni se jsiru fl-2010/11.*

**Ir-riżorsi proprji bbażati fuq id-DGN**

2.38. Il-Kummissjoni għadha ma ppreparatx r-rapporti ta' valutazzjoni dwar id-DGN tal-Istati Membri u ma stabbilietx riżervi speċifiċi għall-perjodu mill-2002 'il quddiem. Biex tagħmel dan, hija għandha tlesti l-verifikazzjoni tagħha tal-inventarji tad-DGN fl-Istati Membri, filwaqt li tikkunsidra fl-evalwazzjoni tagħha s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fl-INI għall-kumpilazzjoni tal-Kontijiet Nazzjonali (il-paragrafi 2.28 u 2.31). Il-Kummissjoni għandha wkoll tiċċara l-ambitu tal-opinjoni li hija tipprovdi fil-valutazzjoni tagħha dwar id-*data* tad-DGN tal-Istati Membri (il-paragrafi 2.31).

**2.38.** *Il-Kummissjoni se tkompli l-verifika tal-inventarji tad-DGN tal-Istati Membri u se tipproduċi rapporti tal-valutazzjoni fl-aħħar tal-2010/kmieni fl-2011. Il-Kummissjoni tqis li l-istrateġija li tapplika (kontrolli fuq il-post tal-Kwestjonarji tad-DGN, il-verifika tal-Inventarji tad-DGN permezz tal-GIAQ supplimentat b'verifika diretta) hija adatta għal valutazzjoni finali tad-DGN tal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll (SCS) huma ta' natura organizzattiva u ma jagħtux indikazzjonijiet speċifiċi dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet, li tiddependi primarjament fuq is-sorsi statistiċi u l-metodi użati, anke jekk is-SCS tista' tgħin tnaqqas ir-riskji tal-iżbalji fil-kontijiet nazzjonali.*

2.39. Segwitu ta' osservazzjonijiet preċedenti jinsab fl-***Anness 2.4***.

ANNESS 2.1

*IR-RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAD-DĦUL*

| | 2009 | | | | | | | | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | RPT | | VAT/DGN/Korrez-zjoni tar-Renju Unit | | Oħra | | Total | | | |
| **ID-DAQS U L-ISTRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet (li minnhom): | 5 | | 43 | | 14 | | **62** | | 60 | 66 |
| Ordnijiet ta' rkupru | 5 | | 43 | | 14 | | **62** | | 60 | 66 |
| **IR-RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** | | | | | | | | | | |
| *f' % u numri tat-tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet mhux milquta minn żbalji | 80 % | {4} | 100 % | {43} | 86 % | {12} | **95 %** | **{59}** | 100 % | 100 % |
| Tranżazzjonijiet mhux milquta minn żbalji | 20 % | {1} | 0 % | {0} | 14 % | {2} | **5 %** | **{3}** | 0 % | 0 % |
| **L-IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | | |
| Rata ta' żball l-aktar probabbli: | | | | | | | | | | |
| < 2 % | **X** | | | | | | | | **X** | **X** |
| 2 % sa 5 % | | | | | | | | | | |
| > 5 % | | | | | | | | | | |

ANNESS 2.2

*IR-RIŻULTATI TAL-EŻAMI TAS-SISTEMI GĦAD-DĦUL*

## Il-valutazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll magħżula

| It-tip ta' dħul | Kontroll intern prinċipali (Kummissjoni) | | | Il-kontrolli interni prinċipali fl-Istati Membri vverifikati |
|---|---|---|---|---|
| | Il-kontrolli tal-Kummissjoni fl-Istati Membri | L-ispezzjonijiet ta' dokumenti tal-Kummissjoni u l-ġestjoni tad-dħul | Il-ġestjoni tal-Kummissjoni tar-riżervi | |
| RPT | | | M/A | (1) |
| VAT | | | | M/A |
| DGN | | | | M/A |

(1) Fir-rigward tal-RPT, il-Qorti tikkunsidra n-nuqqasijiet li nstabu fix-xogħol tagħha tad-DAS tal-2009 u rrappurtati fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 1/2010 dwar proċeduri doganali ssimplifikati (il-paragrafi 2.23, 2.24 u 2.36).

## Valutazzjoni ġenerali tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll

| Valutazzjoni ġenerali | 2009 | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|
| | | | |

*Kodiċi:*

| | |
|---|---|
| | Effettivi |
| | Parzjalmenteffettivi |
| | Mhuxeffettivi |
| M/A | Mhux applikabbli: ma japplikawx jew mhux evalwati |

ANNESS 2.3

*IR-RIŻULTATI TAR-REVIŻJONI TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI GĦAD-DĦUL*

| Id-DĠs prinċipali kkonċernati | In-natura tad-dikjarazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (*) | Ir-riżervi mogħtija | L-osservazzjonijiet tal-Qorti | Evalwazzjoni ġenerali tal-affidabilità |
|---|---|---|---|---|
| **BUDG** | **bla riżervi li jikkonċernaw ir-riżorsi proprji** | M/A | — | **A** |

(*) B'referenza għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali, hu/hi għandu/għandha assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri tal-kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet.
A: id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport tal-attività annwali jagħtu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità
B: id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport tal-attività annwali jagħtu valutazzjoni parzjalment ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità
C: id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport tal-attività annwali ma jagħtux valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

ANNESS 2.4

*IS-SEGWITU TA' OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAD-DĦUL*

| L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| **Ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali:Dazji potenzjali qed jiġu diskussi bejn il-Kummissjoni u l-Ġermanja** | | | |
| Fil-paragrafu 3.23 tar-Rapport Annwali tal-2004, il-Qorti nnutat li fl-2003 l-Ġermanja neħħiet dħul li jammonta għal 40,1 miljun euro mill-kont B tagħha, mingħajr ma tat spjegazzjoni kompleta għal dan it-tnaqqis.<br><br>Fl-2005, il-Qorti indikat li 22,7 miljun euro ta' dazji potenzjali għadhom qed jiġu diskussi bejn il-Kummissjoni u l-Ġermanja. | Il-bilanċ ta' 22,7 miljun euro kien għadu qed jiġi diskuss fi tmiem l-2009. | L-ammont definittiv li għandu jiġi rkuprat għandu jiġi stabbilit malajr sabiex fl-aħħar tingħalaq din il-kwistjoni. | *Fl-2009 l-Kummissjoni kienet għadha trid tistaqsi lill-Ġermanja għal aktar kjarifiki għal proporzjon żgħir tat-tranżazzjonijiet involuti. Wara li rċeviethom il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm assigurazzjoni raġonevoli li m'hemm dovuti ebda ammonti aktar tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali u mgħax, barra dawk diġà mħallsa mill-Ġermanja, u għalhekk għalqet din il-kwistjoni.* |
| **Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT: dewmien relatat mal-proċedura tal-ksur** | | | |
| Fir-Rapporti Annwali tagħha tal-2008 u l-2007 (il-paragrafi 4.19 u 4.24 rispettivament), il-Qorti nnutat it-tul tal-proċeduri tal-ksur li jista' jkollu impatt fuq ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT. | Il-Kummissjoni bidlet il-proċeduri tagħha biex tippermetti teħid tad-deċiżjonijiet aktar frekwenti biex jiġi aċċellerat il-proċess. | Fl-2009, ġie nnutat dewmien fil-proċeduri tal-ksur fi stadji differenti tal-proċess, li jista' jipposponi l-pagament tal-ammonti korretti li jikkonċernaw ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT.<br><br>Il-Qorti żżomm il-pożizzjoni tagħha li l-Kummissjoni għandha tnaqqas iż-żmien bejn ir-reġistrazzjoni ta' każijiet tal-ksur fir-reġistru uniku ta' ksur potenzjali u r-referenza tal-każijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. | *Il-Kummissjoni terġa' tafferma li bidlet il-proċeduri tagħha biex ikun jista' jsir aktar teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jitħaffef il-proċess. Din il-bidla fil-proċedura se jkollha l-effett tagħha iżda jinħtieġ xi żmien qabel ma wieħed ikun jista' jara l-impatt pożittiv ta' dawn il-bidliet.*<br><br>*Barra minn hekk, minn total ta' tmien kisriet ta' proċeduri msemmija rispettivament fi ħdan il-paragrafi 4.19 u 4.24 tar-Rapporti Annwali dwar l-2008 u l-2007, ingħalqu ħames każijiet fil-frattemp.* |

| L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| **Ir-riżorsa proprja bbażata fuq id-DGN: Il-politika ta' reviżjoni tal-UE (inkluż is-segwitu tar-reviżjoni Griega)** | | | |
| Fir-Rapport Annwali tagħha tal-2006 l-Qorti għamlet osservazzjonijiet dwar ir-reviżjoni tad-DGN Griega (il-paragrafi 4.24 sa 4.26) u rrakkomandat fil-paragrafu 4.32 li l-Kummissjoni: | | | |
| (a) tistabbilixxi regoli dwar il-komunikazzjoni u tiġi mwissija minn qabel, flimkien mal-Kumitat tad-DGN, b'reviżjonijiet kbar, | (a) Erba' Stati Membri ppreżentaw reviżjonijiet kbar fil-Kwestjonarji u fir-Rapporti dwar il-Kwalità tal-PGN/DGN tagħhom tal-2009. Il-Belġju u l-Estonja ma bagħtu ebda ittra uffiċjali biex jinnotifikaw ir-reviżjoni kbira tagħhom fil-Kontijiet Nazzjonali, minkejja li ntbagħtu tfakkiriet mill-Eurostat. Malta u l-Latvja bagħtu ittri uffiċjali wara l-iskadenza stabbilita. | (a) Fl-ebda wieħed minn dawn l-erba' każijiet, ma ġew applikati linji gwida dwar il-komunikazzjonijiet tar-reviżjonijiet kbar tal-istatistika stabbiliti mill-KMFB. L-Eurostat għandu jieħu miżuri xierqa sabiex jiżgura li tali linji gwida jiġu segwiti mill-Istati Membri. | **(a)** *Il-Kummissjoni (l-Eurostat) il-ħin kollu tfakkar lill-Istati Membri dwar il-ħtieġa li wieħed japplika l-linji gwida, partikolarment matul il-laqgħat tal-Kumitat tad-DGN u fil-kuntatti bilaterali. Għalkemm, għall-każijiet ta' reviżjonijiet li tlestew fl- 2009 u msemmija mill-Qorti, ingħatat xi informazzjoni bil-quddiem mill-Istati Membri kkonċernati matul laqgħat tal-kumitat tad-DGN, il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja u tisħaq fuq l-importanza tal-konformità tal-Istati Membri ma' din il-proċedura.* |
| (b) timplimenta politika koordinata dwar ir-reviżjoni tad-*data* tal-Kontijiet Nazzjonali, inkluż ir rekwiżit ta' tqabbil mal-limiti stabbiliti regolari, u | (b) Fil-laqgħa tal-KMFB (Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti) ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għamlu proposta għal politika ta' reviżjoni konġunta konkreta tal-Kontijiet Nazzjonali u l-Bilanċ tal-Pagamenti.<br><br>Il-membri tal-KMFB iddeċidew li l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt tal-proposta ta' politika tar-reviżjoni tal-UE dwar il-proċessi nazzjonali tal-produzzjoni tal-istatistika. | (b) Minkejja l-progress li sar, aktar xogħol huwa meħtieġ mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri sabiex jimplimentaw politika komuni ta' reviżjoni fl-Unjoni Ewropea. | **(b)** *Il-Kummissjoni qiegħda tkompli x-xogħol u d-diskussjonijiet mal-Istati Membri sabiex timplimenta politika ta' reviżjoni komuni fl-UE, filwaqt li tqis ir-rimarki tal-Qorti.* |

| L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| (c) tiżgura li l-konklużjonijiet mill-kontroll tal-inventarju Grieg ikunu disponibbli minn kmieni biżżejjed, biex tiġi l-inkluża *data* korretta fil-kontijiet għas-sena finanzjarja 2007.<br><br>Fir-Rapporti Annwali tagħha tal-2007, l-2008, u l-2009 l-Qorti nnutat il-progress li sar mill-Kummissjoni u x-xogħol addizzjonali meħtieġ, b'koperazzjoni mal-Istati Membri, għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet t'hawn fuq. | (c) F'Lulju 2009, il-Kummissjoni neħħiet sitta mis-seba' riżervi speċifiċi Griegi. | (c) Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tkompli xogħolha fl-2010, b'koperazzjoni mal-Greċja, sabiex tlesti l-verifikazzjoni tad-*data* tal-PGN Griega għall-perjodu 1995-2001. | **(c)** *Il-Kummissjoni (l-Eurostat) qiegħda tkompli l-koperazzjoni tagħha mal-awtoritajiet Griegi sabiex tkun tista' tneħħi r-riżerva waħda tal-PGN li għad fadal għall-perjodu 1995-2001.* |
| **Ir-riżorsa proprja bbażata fuq id-DGN: il-kejl tal-attivitajiet illegali fil-Kontijiet Nazzjonali** | | | |
| L-ESA95 (1), fl-Artikoli tagħha 1.13(g) u 3.08, jirrikjedi li l-attivitajiet illegali, li jissodisfaw il-karatteristiċi ta' tranżazzjoni ekonomika, għandhom jiġu inklużi fil-miżura tal-PGN/DGN.<br><br>Fir-Rapport Annwali tagħha tal-2004 (il-paragrafu 3.54(c)), il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ESA95 fir-rigward ta' attivitajiet illegali. | Il-Kumitat tad-DGN iddiskuta l-kejl ta' attivitajiet illegali fil-Kontijiet Nazzjonali f'Marzu 2004. Minħabba d-diffikultajiet serji li nstabu fid-definizzjoni tal-linji gwida f'dan il-qasam, il-Kumitat tad-DGN irrakkomanda li ma jiġux introdotti aġġustamenti espliċiti biex ikopru l-attivitajiet illegali sakemm ikunu disponibbli metodi u sorsi ta' kumpilazzjoni aħjar.<br><br>F'April 2008 u April 2009, il-Kumitat tad-DGN eżamina kwistjonijiet tal-kejl li jirrelataw ma' ċerti kategoriji ta' attivitajiet illegali abbażi tar-riżultati ta' studji reċenti mwettqa minn xi Stati Membri.<br><br>Il-Kummissjoni (l-Eurostat) ippjanat li tikkonkludi r-reviżjoni tagħha tas-sitwazzjoni attwali tal-estimi ta' attivitajiet illegali fil-Kontijiet Nazzjonali u li tipproponi linji gwida għall-Istati Membri fl-2010, filwaqt li tikkunsidra l-opinjonijiet espressi mill-Kumitat tad-DGN. | Minkejja l-progress li sar dwar il-kejl ta' attivitajiet legali fil-Kontijiet Nazzjonali, aktar xogħol hu meħtieġ mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. | *Il-Kumitat tad-DGN iddiskuta, fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' April 2010, kwistjonijiet relatati mal-aħħar kategorija ta' attivitajiet illegali li kien identifika għal skopijiet ta' kontijiet nazzjonali. Minbarra din id-diskussjoni, il-Kummissjoni se tipproponi soluzzjonijiet dwar il-kwistjoni tal-kejl ta' attivitajiet illegali fil-kontijiet nazzjonali fl-ewwel nofs tal-2011.* |

| L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| **Ir-riżorsa proprja bbażata fuq id-DGN: Is-servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (SFIMI)** | | | |
| Is-servizzi finanzjarji ta' intermedjazzjoni mkejla indirettament (SFIMI) jirrappreżentaw parti mill-produzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji li ma titwassalx taħt il-forma ta' bejgħ dirett tas-servizzi bi prezz fiss, iżda permezz ta' ħlas ta' rata ogħla ta' mgħax għad-djun minn dak użat għad-depożiti.<br><br>L-allokazzjoni tal-SFIMI fl-ESA95 ġiet definita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 448/98 ([2]), u ġiet implimentata mill-1 ta' Jannar 2005 'il quddiem bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1889/2002 ([3]). Permezz ta' deroga, l-Artikolu 8(1) tal-ewwel Regolament jipprovdi li d-deċiżjoni għall-allokazzjoni tal-FISIM [Servizzi finanzjarji ta' intermedjazzjoni mkejla indirettament - SFIMI] għall-iskopijiet tal-budget Komunitarju u r-riżorsi tiegħu stess għandhatiġi adottata mill-Kunsill, f'azzjoni unanima, fuq proposta tal-Kummissjoni.<br><br>Fir-Rapport Annwali tagħha tal-2005 (il-paragrafu 4.30(e)), il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tippreżenta proposta biex l-SFIMI jiġu inklużi fid-DGN użat għall-kalkolu tar-riżorsi proprji. | Fit-trażmissjoni tagħhom tad-*data* tal-ESA95 ta' Settembru/Ottubru, l-Istati Membri kollha għamlu għad-dispożizzjoni d-*data* tal-Kontijiet Nazzjonali bl-allokazzjoni tal-SFIMI (b'żieda tad-DGN tal-Istati Membri ta' medja' ta' aktar minn 1 %).<br><br>F'Mejju 2009, il-Kummissjoni għamlet proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill, b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2005, dwar l-allokazzjoni tal-SFIMI għat-twaqqif tad-DGN użat għall-iskopijiet tar-riżorsi proprji.<br><br>Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji tal-Kunsill ddiskuta din il-proposta tal-Kummissjoni u qajjem tħassib dwar il-metodoloġija tal-kalkolu tal- SFIMI, u ż-żmien tad-dħul fis-seħħ u r-retroattività tal-proposta.<br><br>F'Ottubru 2009, saret proposta ta' presidenza riveduta, li pproponiet li d-deċiżjoni tal-Kunsill tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010. F'Marzu tal-2010 d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/196/UE, Euratom ([4]) ġiet adottata. | Fil-verifiki futuri tagħha, il-Qorti se ssegwi l-allokazzjoni tal-SFIMI fid-DGN użat għall-kalkolu tar-riżorsi proprji. | |

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 (ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1), kif emendat.
([2]) ĠU L 58, 27.2.1998, p. 1.
([3]) ĠU L 286, 24.10.2002, p. 11.
([4]) ĠU L 87, 7.4.2010, p. 31.

# KAPITOLU 3

## Agrikoltura u Riżorsi Naturali

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 3.1-3.17 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 3.3-3.16 |
| L-ambitu u l-approċċ tal-verifika | 3.17 |
| Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 3.18-3.26 |
| L-Agrikoltura u l-iżvilupp rurali | 3.20-3.23 |
| L-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, u s-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur | 3.24-3.26 |
| L-effettività tas-sistemi | 3.27-3.64 |
| Il-qasam tal-politika l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali | 3.27-3.61 |
| Is-sistemi relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 3.27-3.49 |
| Sistemi relatati mal-irkupri u mal-korrezzjonijiet finanzjarji | 3.50-3.61 |
| L-Oqsma tal-Politika l-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, is-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur | 3.62-3.64 |
| L-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-kummissjoni | 3.65-3.69 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 3.70-3.77 |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

3.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tal-Qorti dwar l-Agrikoltura u r-Riżorsi Naturali, li jinkludu l-oqsma tal-politika 05-l-Agrikoltura u l-iżvilupp rurali, 07-l-Ambjent, 11-l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u 17-is-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur. L-informazzjoni ewlenija dwar l-attivatjiet koperti u l-infiq fl-2009 hija pprovduta fit-***Tabella 3.1.***

**It-Tabella 3.1 — L-Agrikoltura u r-Riżorsi Naturali — Informazzjoni ewlenija**

*(miljun euro)*

| Titolu tal-Baġit | Qasam tal-politika | Deskrizzjoni | Pagamenti 2009 | Mod tal-Ġestjoni |
|---|---|---|---|---|
| 5 | L-Agrikoltura u l-iżvilupp rurali | In-Nefqa amministrattiva | 128 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-Interventi fis-swieq agrikoli | 7 006 | Maqsum |
| | | L-Għajnuniet diretti | 39 114 | Maqsum |
| | | L-Iżvilupp rurali | 8 738 | Maqsum |
| | | Il-Miżuri qabel l-adeżjoni | 254 | Deċentralizzat |
| | | Oħrajn | – 31 | Maqsum |
| | | | **55 209** | |
| 7 | L-Ambjent | In-Nefqa amministrattiva | 87 | Ċentralizzat u dirett |
| | | In-Nefqa operazzjonali | 269 | Ċentralizzat u dirett / Ċentralizzat u indirett |
| | | | **356** | |
| 11 | Is-Sajd u l-Affarijiet Marittimi | In-Nefqa amministrattiva | 39 | Ċentralizzat u dirett |
| | | In-Nefqa operazzjonali | 553 | Ċentralizzat / Maqsum |
| | | | **592** | |
| 17 | Is-Saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur | In-Nefqa amministrattiva | 111 | Ċentralizzat u dirett |
| | | In-Nefqa operazzjonali | 416 | Ċentralizzat u dirett / Ċentralizzat u indirett |
| | | | **526** | |
| | | Nefqa amministrattiva totali [1] | 366 | |
| | | Nefqa operazzjonali totali *(li tikkonsisti f')*: | 56 318 | |
| | | – *pagamenti bil-quddiem* | *518* | |
| | | – *pagamenti interim/finali* | *55 800* | |
| | | **Pagamenti totali għas-sena** | **56 684** | |
| | | **Impenji totali għas-sena** | **62 165** | |

[1] Il-verifika tan-nefqa amministrattiva hija rrappurtata fil-Kapitolu 9.

*Sors:* Kontijiet Annwali 2009.

3.2 Skont it-Trattat, il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali n-nefqa kollha ssir taħt ġestjoni maqsuma fejn il-kompiti ta' implimentazzjoni jiġu ddelegati lill-Istati Membri. Għall-oqsma l-oħra, l-approprijazzjonijiet baġitarji jintefqu taħt il-ġestjoni diretta u indiretta tal-Kummissjoni bl-eċċezzjoni tal-Fond Ewropew għas-Sajd li jaqa' taħt ġestjoni maqsuma fuq il-bażi ta' programmi multiannwali.

## Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika

### Il-qasam tal-politika L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

3.3. L-objettivi ([1]) tal-politika agrikola komuni kif stabbiliti fit-Trattat huma li tiżdied il-produttività agrikola, biex b'hekk jiġi żgurat livell tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola, li s-swieq jiġu stabbilizzati, li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-provvisti u li jiġi żgurat li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.

3.4. Il-baġit tal-UE jiffinanzja n-nefqa tal-politika agrikola komuni prinċipalment permezz ta' żewġ Fondi ([2]): il- Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (minn hawn 'il quddiem "FAEG"), li jiffinanzja bis-sħiħ l-għajnuna diretta tal-UE u l-miżuri tas-suq ([3]) kif spjegat hawn taħt, u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (minn hawn 'il quddiem "FAEŻR"), li jikkofinanzja l-programmi għall-iżvilupp rurali b'rati li jvarjaw.

([1]) L-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

([3]) Bl-eċċezzjoni ta' xi miżuri bħal miżuri ta' promozzjoni u l-iskema tal-frott fl-iskejjel li huma kofinanzjati.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.5. Il-miżuri ewlenin iffinanzjati mill-FAEG huma:

— L-iskema ta' għajnuna diretta "*Skema ta' Pagament Uniku*" (SPS) li ddaħħlet sabiex jiġu diżakkoppjati l-pagamenti magħmula lill-bdiewa mill-produzzjoni ("diżakkoppjament"). Sabiex jikkwalifikaw taħt l-SPS il-bdiewa l-ewwel iridu jiksbu "intitolamenti" (4) li kull wieħed minnhom flimkien ma' ettaru ta' art eliġibbli ddikjarata mill-bidwi, jirriżulta f'pagament SPS tal-inqas sal-2013 (5). L-SPS saret aktar importanti u fl-2009 kienet tirrappreżenta nefqa ta' EUR 28 806 miljun.

— L-iskema tal-għajnuna diretta "*Skema ta' Pagament Uniku skont l-Erja*" SAPS) li tagħmel provvediment għall-pagament ta' ammonti uniformi għal kull ettaru eliġibbli ta' art agrikola. Fil-preżent, is-SAPS hija applikata f'għaxra mill-Istati Membri l-ġodda (6) u fl-2009 irrappreżentat nefqa ta' EUR 3 723 miljun.

— Skemi oħra ta' għajnuna diretta (pagamenti akkoppjati) imfassla biex iżommu l-produzzjoni f'oqsma li altrimenti jkunu f'riskju ta' abbandun tal-produzzjoni. L-ammonti involuti, li b'mod ġenerali qed jonqsu minħabba f'diżakkoppjament u integrazzjoni ulterjuri ta' skemi oħra ta' sostenn fl-SPS, irrappreżentaw nefqa ta' EUR 6 585 miljun.

— *Interventi fis-swieq tal-agrikoltura:* il-miżuri prinċipali huma l-interventi, il-ħażna u r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u miżuri oħra bħal sostenn speċifiku għall-programmi tal-inbid, tal-frott u l-ħxejjex u tal-ikel (li b'kollox jammontaw għal EUR 3 988 miljun) u l-Fond tar-Ristrutturazzjoni taz-Zokkor (EUR 3 018 il miljun).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.5.**

— *Il-ħlasijiet magħmula mill-Fond tar-Ristrutturar taz-Zokkor ġew iffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet minn produtturi detenturi ta' kwota li huma assenjati għad-dħul lill-FAEG.*

(4) L-għadd u l-valur tal-intitolament ta' kull bidwi kien ikkalkolat mill-awtoritajiet nazzjonali skont wieħed mill-mudelli li hemm dispożizzjoni għalihom fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Skont il-*mudell storiku* kull bidwi jingħata intitolamenti bbażati fuq l-ammont medju ta' għajnuna rċevuta u l-medda kkultivata matul il-perjodu ta' referenza 2000 sa 2002. Skont il-*mudell reġjonali*, l-intitolamenti kollha ta' reġjun għandhom l-istess valur b'rata fissa u l-bidwi jiġi allokat intitolament għal kull ettaru eliġibbli ddikjarat fl-ewwel sena ta' applikazzjoni. Il-*mudell ibridu* jgħaqqad l-element storiku ma' ammont b'rata fissa u, jekk ikun *dinamiku*, il-komponent storiku jonqos kull sena sakemm fil-biċċa l-kbira jsir sistema ta' rata fissa.

(5) Fuq bażi tal-Artikolu 137 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16), id-drittijiet [intitolamenti] għal pagamenti allokati lill-bdiewa qabel l-1 ta' Jannar 2009 għandhom jitqiesu bħala legali u regolari sa mill-1 ta' Jannar 2010, ħlief f'każijiet ta' allokazzjoni abbażi ta' applikazzjonijiet fattwalment inkorretti sakemm il-bidwi ma setax induna bl-iżball b'mod raġonevoli.

(6) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| 3.6. Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) jikkofinanzja n-nefqa għall-*Iżvilupp Rurali* li tkopri għadd kbir ta' miżuri bħal skemi agroambjentali, ammonti ta' kumpens għall-agrikoltura f'żoni inqas vantaġġjati, investimenti f'irziezet, u infrastruttura f'żoni rurali (EUR 8 992 miljun) ([7]). Fl-2009, fil-qafas tal-hekk imsejħa Kontroll tas-Saħħa tal-PAK ([8]) u l-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku ([9]), ġie allokat finanzjament addizzjonali permezz tal-Iżvilupp Rurali biex jiffinanzja prijoritajiet bħall-infrastruttura tal-Internet ta' frekwenza wiesgħa, il-bidla fil-klima, l-enerġiji rinnovabbli, l-amministrazzjoni tal-ilma, il-bijodiversità u l-miżuri li jakkumpanjaw ir-ristrutturazzjoni tas-settur tal-ħalib. Madankollu, ma ġġarrbet ebda nefqa taħt dawn il-miżuri tal-aħħar matul l-2009. | **3.6.** *L-Istati Membri bdew jimplimentaw il-prijoritajiet ġodda identifikati fil-Verifika tas-Saħħa u l-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku diġà fl-2009, iżda ddikjaraw biss lill-Kummissjoni l-ħruġ mit-tmiem tal-2009 minħabba li l-bdil fil-programm ma kienx ġie approvat qabel.*<br><br>*Il-figura (8 992 miljun) tirrigwarda l-approprjazzjonijiet tal-ħlas għall-kapitoli 0504 u 0505, li jinkludu:*<br><br>— *assistenza teknika operattiva;*<br>— *miżuri ta' riżorsi ġenetiċi;*<br>— *rkupri minn programmi ta' garanzija tal-FAEGG ta' qabel (UE 15);*<br>— *strumenti ta' qabel l-adeżjoni (SAPARD), li m'humiex parti mill-FAEŻR u li fil-fatt jaqgħu taħt intestatura separata tal-baġit kif ukoll taħt intestatura oħra fil-Perspettivi Finanzjarji.* |
| 3.7. Taħt l-iskemi kollha ta' għajnuna diretta tal-FAEG koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 ([10]) u ċerti skemi ta' għajnuna tal-FAEŻR, il-benefiċjarji tal-għajnuna tal-UE jridu jissodisfaw rekwiżiti tal-"cross-compliance". Dawn ir-rekwiżiti għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-ambjent, il-pubbliku, is-saħħa tal-annimali u l-pjanti, il-benesseri tal-annimali (Kundizzjonijiet Amministrattivi Statutarji) u għażżamma tal-art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (GAEC) ([11]). Il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprovdi li meta jkun hemm nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, għandu jiġi applikat tnaqqis jew esklużjoni ([12]) fuq l-ammont globali tal-pagamenti diretti magħmula fir-rigward tal-applikazzjonijiet ippreżentati matul is-sena kalendarja tas-sejba. L-ittestjar tal-Qorti tal-pagamenti lill-bdiewa tinkludi biss għadd limitat ta' rekwiżiti ta' cross compliance (ara l-paragrafu 3.17, it-tielet inċiż). Meta jinstab ksur dawn jiġu kklassifikati bħala żbalji mhux kwantifikabbli u għaldaqstant mhumiex inklużi fil-kalkolu tar-rata ta' żball. | |

([7]) Dan l-ammont ifisser nefqa fir-rigward tal-perjodu tal-ipprogrammar preċedenti kif ukoll tal-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni.

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2009 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 100).

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 473/2009 (ĠU L 144, 9.6.2009, p. 3).

([10]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

([11]) Filwaqt li l-istandards tal-GAEC, kif imsemmija fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, japplikaw għall-Istati Membri kollha, il-Kundizzjonijiet Amministrattivi Statutarji (SMRs) kif imsemmija fl-Anness III ta' dak ir-regolament huma obbligatorji biss fl-UE-15. Għall-UE-10, l-SMRs qed jiddaħħlu gradwalment bejn l-2009 u l-2013, u għall-UE-2 bejn l-2012 u l-2014.

([12]) Skont l-Artikoli 66 u 67 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 (ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18), il-livell tat-tnaqqis għal kull SMR jew GAEC mhux konformi jista' jvarja bejn 1 % u 5 % fil-każ ta' negliġenza u jista' jwassal għal rifjut totali tal-għajnuna fil-każi ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.8. Il-bdiewa biss huma eliġibbli għal għajnuna diretta tal UE. Bidwi huwa definit bħala persuna li teżerċita attività agrikola. Attività agrikola hija definita bħala l-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli inkluż il-ħsad, il-ħlib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma tal-annimali għal finijiet agrikoli, jew iż-żamma tal-art f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (GAEC) ([13]). Skont ir-regoli relevanti tal-UE, jekk ma titwettaq ebda attività agrikola oħra mill-applikant, il-manutenzjoni tal-art f'GAEC tikkostitwixxi l-attività agrikola minima meħtieġa mill-applikant biex ikun eliġibbli għall-għajnuna. | |
| 3.9. In-nefqa taħt iż-żewġ fondi tiġi allokata permezz ta' madwar 80 aġenzija tal-pagament nazzjonali jew reġjonali. Qabel ma dawn l-aġenżiji tal-pagament jistgħu jikklejmjaw xi nefqa mill-baġit tal-UE, dawn iridu jkunu akkreditati fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni. Dawn l-aġenziji tal-pagament jagħmlu pagamenti lill-benefiċjarji u qabel ma jagħmlu dan, direttament jew permezz ta' korpi delegati, iridu jkunu sodisfatti mill-eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Il-kontijiet u l-pagamenti tal-aġenziji tal-pagament jiġu eżaminati minn korpi tal-verifika indipendenti (korpi ta' ċertifikazzjoni) li jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni fi Frar tas-sena ta' wara. | **3.9.** *Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006, barra r-rendikonti annwali, il-proċeduri interni tal-kontroll tal-aġenziji tal-ħlas jiġu eżaminati u ċċertifikati wkoll mill-korpi ta' ċertifikazzjoni fuq bażi annwali.* |

**L-Oqsma tal-Politika l-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd,is-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur**

3.10. Il-politika tal-Unjoni dwar l-*ambjent* għandha tikkontribwixxi għall-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, tas-saħħa tal-bniedem, u l-użu razzjonali tar-riżorsi naturali, inkluż f'livell internazzjonali. L-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE) ([14]) huwa l-istrument l-aktar importanti f'termini ta' finanzjament li jkopri l-kontribuzzjoni tal-UE għal proġetti fl-Istati Membri favur in-natura u l-bijodiversità, kif ukoll il-politika tal-ambjent, il-governanza, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

3.11. Il-Fond Ewropew għas-Sajd ([15]) huwa l-istrument ewlieni għall-qasam tal- politika *l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*. Il-Politika tas-Sajd Komuni issegwi l-istess objettivi tal-Politika Agrikola Komuni (ara l-paragrafu 3.3).

3.12. Fir-rigward tas-*Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur*, l-UE tikkontribwixxi, minn naħa waħda, għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u, min-naħa l-oħra, għall-benesseri tal-konsumatur.

([13]) Ara l-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(a) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

([14]) Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

([15]) L-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS) ġie sostitwit mill-FES għall-perjodu tal-ipprogrammar il-ġdid (2007-2013) - ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**Pagamenti bil-quddiem u pagamenti interim/finali**

3.13. Għall-FAEG in-nefqa tikkonsisti primarjament fir-rimborż ta' sussidji mħallsa lil bdiewa u benefiċjarji oħrajn mill-Istati Membri.

3.14. Għall-FAEŻR u l-FES, tħallas pagament bil-quddiem li jikkorrispondi għal 7 % tal-kontribuzzjoni tal-UE lil kull programm wara l-adozzjoni tal-programm mill-Kummissjoni ([16]). Fl-2009, il-pagamenti mġarrba mill-FAEŻR kienu jirrigwardaw biss pagamenti interim filwaqt li għall-FES kienu jinkludu wkoll pagamenti bil-quddiem.

3.15. Il-pagamenti għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur ma jinkludux pagamenti bil-quddiem, u l-Istati Membri jiġu rimborżati fuq il-bażi tal-ispejjeż iddikjarati minnhom. Għall-Ambjent, hemm previst finanzjament minn qabel sa 40 % tal-kontribuzzjoni tal-UE għal proġett LIFE, kif stabbilit fil-ftehim tal-għotja.

**L-implimentazzjoni tal-baġit**

3.16. Fil-qasam tal-FAEŻR ġew ikkanċellati approprijazzjonijiet baġitarji għal 1 650 miljun fi tmiem l-2009 ([17]) primarjament bħala riżultat tat-tnaqqis fin-nefqa tal-Istati Membri minħabba diffikultajiet fil-forniment ta' kofinanzjament nazzjonali u, fil-każ tar-Rumanija u tal-Bulgarija, minħabba nuqqas ta' esperjenza fl-implimentazzjoni ta' programmi tal-iżvilupp rurali ([18]).

**3.16.** *It-tħassir tal-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-FAEŻR għal 1 650 miljun fl-aħħar tal-2009 kien ukoll riżultat tal-approvazzjoni tal-bidu ta' programmi li f'numru ta' każijiet saret tard. Barra dan, jista' jkun li l-programmazzjoni mill-ġdid għall-kunsiderazzjoni tal-Verifika tas-Saħħa u l-Pakkett Ewropew ta' Rkupru wasslet ukoll għal ċertu dewmien fil-varar ta' proġetti ġodda min-naħa ta' Stati Membri sakemm għadha pendenti l-adozzjoni tal-programmi riveduti tal-Iżvilupp Rurali.*

## L-ambitu u l-approċċ tal-verifika

3.17. L-approċċ u l-metodoloġija ġenerali tal-verifika tal-Qorti huma deskritti fil-***Parti 2 tal-Anness 1.1***. Għall-verifika tal-grupp tal-politika l-Agrikoltura u r-Riżorsi Naturali għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

— ġie ttestjat kampjun ta' 241 pagament;

([16]) Għall-FES it-tieni ammont ta' finanzjament bil-quddiem ta' 7 % tħallas fuq talba skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 744/2008 (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 1).

([17]) Il-Baġit li jemenda Nru 10, adottat mill-Parlament Ewropew fis-16 ta' Diċembru 2009.

([18]) Il-Linja tal-baġit 05.04.05.01: Il-pagamenti ammontaw għal total ta' EUR 8 209,4 miljun fl-2009. L-approprijazzjonijiet tal-pagamenti disponibbli fil-baġit inizjali ammontaw għal EUR 9 135,3 miljun u EUR 774,9 miljun oħra kienu nġarrbu mill-2008.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— il-valutazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll kopriet aġenziji tal-pagament magħżula tal-*FAEG* f'erba' Stati Membri li japplikaw is-SAPS – Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja u s-Slovakkja – u f'erba' Stati Membri li japplikaw l-SPS: Malta, il-Greċja, l-Italja (Emilia-Romagna) u Spanja (Pajjiż Bask). Barra minn hekk, fil-każ ta' Malta l-verifika kopriet l-allokazzjoni ta' intitolamenti wara l-introduzzjoni tal-SPS fl-2007. Għan-nefqa tal-*Iżvilupp Rurali*, il-Qorti ttestjat is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fl-Awstrija, fil-Ġermanja (il-Bavarja), fir-Renju Unit (l-Ingilterra), fil-Greċja, fir-Repubblika Ċeka, fir-Rumanija, fil-Bulgarija u fi Franza. Għas-*Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur* il-Qorti ttestjat is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll relatati mal-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u l-programmi ta' monitoraġġ;

— fir-rigward tal-cross compliance, waqt il-verifika tal-pagamenti skont l-erja l-Qorti tillimita l-ittestjar tagħha għall-obbligi tal-GAEC (kopertura minima tal-ħamrija, invażjoni ta' veġetazzjoni mhux mixtieqa) li għalihom jistgħu jinkisbu provi u li dwarhom tista' tintlaħaq konklużjoni waqt iż-żjara tal-verifika. Ċerti rekwiżiti ta' ġestjoni statutorji (il-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art u l-ħamrija kontra t-tniġġis, l-identifikazzjoni u l-benesseri tal-annimali) ġew ittestjati fir-rigward tal-pagamenti FAEŻR. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-verifiki tas-sistemi tal-IACS il-Qorti analizzat l-implimentazzjoni f'livell nazzjonali tal-istandards GAEC u s-sistemi ta' kontroll stabbiliti mill-Istati Membri;

— barra dan, sabiex tivvaluta l-bażi għad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni l-Qorti rreveddiet 60 miċ-ċertifikati u r-rapporti tal-korpi ta' ċertifikazzjoni relatati ma' 54 aġenzija tal-pagament [19].

## IR-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

3.18. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet huma miġbura fil-qosor fl-***Anness 3.1***. Fuq din il-bażi l-istima tal-Qorti tal-iżball l-aktar probabbli għall-Agrikoltura u r-Riżorsi Naturali hija bejn 2 % u 5 %.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.18.** *Il-Kummissjoni jidhrilha li rata ta' żbalji li matul is-snin reċenti qiegħda toxxilla madwar it-2 % tikkonferma l-valutazzjoni pożittiva ġenerali tas-snin ta' qabel.*

*Barra dan ir-riskju għall-baġit tal-UE huwa kopert b'mod adegwat bil-proċedura tal-awtorizzazzjoni tal-konformità.*

[19] L-għadd ta' aġenziji tal-pagament inkluż fil-kampjun tad-DAS ammonta għal 56 għall-FAEG u sebgħa għall-FAEŻR. Madankollu, għal tliet aġenziji tal-pagament (tnejn għall-FAEG u waħda għall-FAEŻR) ebda rapport u ċertifikat ma ġie sottomess fiż-żmien dovut mill-korpi ta' ċertifikazzjoni kompetenti, u għaldaqstant ma saret ebda reviżjoni. Għall-istess raġuni l-Kummissjoni ma approvatx il-kontijiet ta' dawn it-tliet aġenziji tal-pagament.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.19. Fl-2009, mill-241 tranżazzjoni eżaminata, 66 (27 %) ([20]) kienu milquta minn żball. 42 (64 %) ([21]) minn dawn it-tranżazzjonijiet kienu milquta minn żbalji kwantifikabbli b'mod partikolari fir-rigward tal-eliġibbiltà u l-preċiżjoni. Hawn taħt jingħataw eżempji tat-tipi ta' żbalji.

*L-Agrikoltura u l-iżvilupp rurali*

3.20. Fil-FAEG, mill-148 tranżazzjoni li ttieħdu bħala kampjun, 35 (24 %) ([22]) kienu milquta minn żbalji. 24 (69 %) minn dawn it-tranżazzjonijiet kienu milquta minn żbalji kwantifikabbli. Fir-rigward tan-nefqa tal-Iżvilupp Rurali, minn 80 tranżazzjoni meħuda bħala kampjun, 25 (31 %) kienu milquta minn żbalji. 16 (64 %) minn dawn it-tranżazzjonijiet irregolari kienu milquta minn żbalji kwantifikabbli.

3.21. Dawn li ġejjin huma eżempji ta' żbalji ta' *eliġibbiltà* misjuba mill-Qorti:

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.20.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-parti l-kbira tal-iżbalji kwantifikabbli huma relattivament żgħar f'termini finanzjarji u prinċipalment jikkonċernaw differenzi żgħar fil-kejl mill-ġdid tal-ħbula mwettaq mill-Qorti (ara l-paragrafu 3.22). Barra minn hekk, ħafna żbalji kienu diġà ġew identifikati mill-Istat Membru kkonċernat qabel l-awditjar tal-Qorti.*

**3.21.**

([20]) Fl-2008, iċ-ċifra korrispondenti kienet ta' 66 (32 %).

([21]) Fl-2008, iċ-ċifra korrispondenti kienet ta' 45 (68 %).

([22]) Tranżazzjoni waħda użata bħala kampjun kienet suġġetta għal proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 (ĠU L 171, 23.6.2006, p. 90) u għaldaqstant ma kienx possibbli li ssir valutazzjoni finali fiż-żmien tal-verifika

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Eżempji FAEG

Sar pagament SAPS lil benefiċjarju mingħajr ebda prova li kien qed iwettaq attività agrikola: il-benefiċjarju, kumpanija limitata, proprjetà ta' muniċipalità, għamel klejm SAPS għal aktar minn 530 ettaru ta' mergħat u pakketti ta' mergħat. Ma setgħet tingħata ebda prova lill-awdituri li l-kumpanija kienet tikkwalifika għall-għajnuna minħabba fit-twettiq ta' attività agrikola jiġifieri l-produzzjoni jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli, it-trobbija u ż-żamma ta' annimali għal skopijiet ta' biedja, jew il-manutenzjoni ta' art f'kundizzjoni agrikola tajba (GAC), bir-riżultat li l-pagament tal-għajnuna (EUR 30 000) ma kienx ġustifikat. Il-Qorti tikkunsidra li dan il-każ huwa eżempju ulterjuri tal-problema li l-Qorti kienet diġà ġibdet l-attenzjoni dwaru fir-Rapport Annwali tal-2008 tagħha ([23]).

Sar pagament SPS lil benefiċjarju li b'mod inkorrett iddikjara erja ta' art b'mergħa fqira mikrija. L-art inkwistjoni kienet art pubblika u bidwi ieħor (il-kerrej) iddikjara li għandu drittijiet għall-mergħa mogħtija lilu mill-muniċipalità. Il-benefiċjarju, bidwi bil-pensjoni, li kien biegħ il-proprjetà oriġinali tiegħu imma żamm parti mill-intitolamenti tiegħu daħal f'żewġ kuntratti speċifiċi ostensibilment mal-kerrej biex jissodisfa l-ħtiġijiet tar-regolament:

— kuntratt tal-kiri għal 57 ettaru tal-art għal mergħa msemmija hawn fuq;

— kuntratt marbut ma' u li jirrifletti ieħor bl-istess drittijiet u obbligi fejn ċeda d-drittijiet tal-mergħa lura lill-kerrej.

Il-muniċipalità, iżda, ma kienet tat ebda dritt tal-mergħa lill-kerrej għall-pakkett inkwistjoni. Fi kwalunkwe każ pero, kull sullokazzjoni (sħiħa jew parzjali) tad-drittijiet tal-mergħa hija projbita b'mod espliċitu mir-regoli tal-muniċipalità.

Għalhekk, l-art la kienet disponibbli għall-kerrej u lanqas għall-benefiċjarju. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE ([24]) ma ġewx irrispettati.

Dan tal-aħħar huwa meqjus bħala ksur ċar tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29 tar-regolament fis-seħħ li jistipola li m'għandu jsir ebda pagament favur benefiċjarji fejn ġie stabbilit li huma b'mod artifiċjali ħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jakkwistaw pagamenti bħal dawn.

([23]) Fir-Rapport Annwali tal-2008 tagħha (il-paragrafu 5.17) il-Qorti rrappurtat fuq pagamenti SAPS li saru lill-benefiċjarji ineliġibbli li ma kkonformawx mad-definizzjoni ta' bidwi minħabba li ma wetqqu ebda attività agrikola. Bħala eżempju hija tat il-każ ta' muniċipalitajiet li jibbenefikaw minn pagamenti SAPS għal art tal-mergħa komuni użata mill-bdiewa lokali biex jirgħu l-annimali tagħhom.

([24]) L-Artikolu 44(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Eżempji FAEG*

*Il-persuni naturali jew legali huma intitolati li jirċievu ħlasijiet tal-SPUE jekk jagħmlu attività agrikola jew iżommu wiċċ ir-raba' f'kundizzjoni agrikola tajba (GAC)* ([1]). *Għalhekk, ma hija meħtieġa l-ebda attività agrikola speċifika. Huwa biżżejjed li l-benefiċjarju jirrispetta l-kundizzjonijiet agrikoli tajba (GAC).*

*Dan il-każ ma jikkonċernax ir-regolarità taħt ir-regoli rilevanti tal-UE, iżda pjuttost l-għażla politika magħmula mil-leġiżlatur tal-UE waqt il-Verifika tas-Saħħa billi jħalli li jkunu l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk għandhomx jagħtu ħlasijiet diretti lil persuni naturali jew legali li l-finijiet ewlenin tan-negozju tagħhom ma jikkonsistux fl-eżerċizzju ta' attività agrikola jew li l-attivitajiet agrikoli tagħhom huma insinifikanti. Qiegħda ssir iżjed riflessjoni fuq dan il-punt fil-kuntest tar-riforma post-2013 tal-Politika Agrikola Komuni.*

*Evidenza mill-fajl tal-ħlasijiet turi li f'Settembru tal-2008, l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati ivverifikaw l-art ikklejmjata fuq il-post, inklużi wħud mill-ħbula raba' spezzjonati mill-Qorti, u ddeterminaw il-ħlas fuq il-bażi taż-żona li sabu li kienet f'kundizzjoni agrikola tajba. Żjara fuq il-post tal-Kummissjoni f'Mejju 2010 ikkonfermat li ż-żona korrispondenti mħallsa għadha f'kundizzjoni agrikola tajba.*

([1]) *Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-punt 5.17 tar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-2008.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.22. Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji kwantifikabbli kienu żbalji ta' *preċiżjoni* (87 % fil-FAEG u 81 % għall-Iżvilupp Rurali) u barra minn dan, il-biċċa l-kbira mill-iżbalji ta' preċiżjoni kienu dikjarazzjonijiet żejda ta' art eliġibbli. Dawn li ġejjin huma eżempji oħrajn ta' żbalji ta' preċiżjoni misjuba mill-Qorti:

| Eżempji FAEG |
|---|
| Fi tnejn minn 12-il tranżazzjoni vverifikati fi Stat Membru l-pagamenti ġew ikkalkolati fuq il-bażi ta' intitolamenti inkorretti rreġistrati fid-database li wasslu għal madwar 20 % ta' pagament żejjed f'kull każ. |
| Fi Stat Membru ieħor pagament SPS kien ikkalkolat fuq il-bażi tal-valur medju tal-intitolamenti detenuti mill-bidwi u mhux fuq il-bażi tal-valur medju tal-intitolamenti ddikjarati mill-bidwi fl-applikazzjoni tiegħu kif stipulat mil-leġiżlazzjoni tal-UE, u għalhekk irriżulta f'pagament inqas ta' madwar 20 %. |

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.22.**

| *Eżempji FAEG* |
|---|
| *Fiż-żewġ każijiet l-awtoritajiet nazzjonali kienu diġà skoprew, qabel il-Qorti, li l-ħlasijiet kienu ġew ikkalkulati fuq il-bażi ta' drittijiet żbaljati u li kwalunkwe ħlas żejjed kien se jkollu jiġi rkuprat.* |
| *Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li ħlasijiet bin-nieqes bħal dawn li ma jirriżultaw fl-ebda telf għall-baġit tal-UE, jiġu estrapolati fit-total tal-ispiża b'mod li tiżdied ir-rata ta' żbalji ġenerali, u b'hekk tingħata l-impressjoni żbaljata li r-rata ta' żbalji hija indikazzjoni tal-kobor tal-ħlas żejjed.* |

3.23. Fir-rigward ta' żbalji mhux kwantifikabbli, il-Qorti sabet pereżempju, fil-**FAEG**, li l-pakketti ta' art ma kinux identifikati b'mod ċar fl-applikazzjoni, il-pagamenti saru wara d-data ta' skadenza legali u d-data li fiha dawk li qed jagħmlu t-talba jrid ikollhom l-użu esklussiv tal-pakkett ikklejmjat ma kinitx speċifikata. Fil-**FAEŻR**, il-Qorti nnutat każ fejn ċerti kundizzjonijiet li japplikaw għal għajnuna mħallsa għal biedja organika ma kinux ġew issodisfati għalkollox.

**3.23.** *Il-Kummissjoni tivverifika b'mod sistematiku l-konformità mal-iskadenzi tal-ħlasijiet għall-għajnuna diretta u fejn ikun meħtieġ tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji. L-iżbalji l-oħra msemmija huma formali u mingħajr konsegwenzi finanzjarji.*

*L-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, u s-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

3.24. Fir-rigward tal-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, u s-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur, mit-13-il tranżazzjoni meħuda bħala kampjun, 6 (46 %) kienu milquta minn żbalji. 2 (33 %) ta' dawn it-tranżazzjonijiet kienu milquta minn żbalji kwantifikabbli.

**3.24.** *Meta kienet qiegħda tieħu d-deċiżjoni dwar il-ħlasijiet tagħha taħt ġestjoni konġunta lill-Istati Membri l-Kummissjoni ma kinitx konxja ta' żbalji possibbli identifikati mill-Qorti li kienu saru fil-livell tal-aħħar riċevitur. Madankollu, il-Kummissjoni stabbiliet ambjent ta' kontroll sabiex tivverifika li s-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll tal-Istati Membri jiffunzjonaw b'mod effettiv sabiex jiġu evitati żbalji bħal dawn.*

*Fir-rigward ta' tranżazzjoni waħda fil-qasam tal-Affarijiet Marittimi u l-Industrija tas-Sajd, il-kalkolu tal-Kummissjoni tal-ħlas interim kien applikazzjoni korretta tar-regoli applikabbli għall-kalkolu ta' ħlasijiet bħal dawn kif stabbilit fl-Artikolu 76 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 li ma jippermettix li l-Kummissjoni tagħmel użu minn metodu ta' kalkolu differenti skont id-diskrezzjoni tagħha.*

3.25. Fir-rigward tal-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS), il-Qorti sabet każijiet ta' proġetti li tlestew barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà.

**3.25.** *Il-Kummissjoni tnaqqas ammonti ineliġibbli skoperti minn klejms ta' spiża sussegwenti (jekk ikun fadal klejms għas-sottomissjoni) jew mhux aktar tard minn qabel l-għeluq tal-programm.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Eżempju

Awtoritajiet nazzjonali rrimborżaw nefqa mġarrba disa' xhur wara d-data ta' skadenza stabbilita għall-bini ta' bastiment tas-sajd. Fid-dawl tal-leġiżlazzjoni din in-nefqa mhix eliġibbli billi huwa biss f'każijiet ta' forza maġġuri li jseħhu matul il-proġett li tali data ta' skadenza tista' titwarrab.

3.26. Il-Qorti sabet ukoll żbalji mhux kwantifikabbli.

Eżempji

SFGS: benefiċjarju finali ddikjara, fost oħrajn, spejjeż għall-persunal u għall-makkinarju tiegħu stess li ġew stmati fuq il-prezzijiet tal-bejgħ minflok fuq bażi tal-ispejjeż li attwalment iġġarrbu għall-implimentazzjoni tal-proġett. Billi l-ispejjeż attwali mġarrba mill-benefiċjarju ma setgħux jiġu pprovduti, dan l-iżball ġie kklassifikat bħala żball mhux kwantifikabbli.

SANCO: fil-każ ta' pagament fir-rigward tax-xandir ta' reklami tat-TV għal kampanja kontra t-tipjip, il-Qorti sabet li l-Kummissjoni ma kinitx ivverifikat adegwatament li s-servizzi kollha li kienu tħallsu kienu fil-fatt ġew ipprovduti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Eżempju*

*Fil-qafas tal-eżerċizzju tal-għeluq il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tnaqqas mid-dikjarazzjoni finali tal-ispiża u l-klejm ta' ħlas finali l-ammont ineliġibbli.*

**3.26.**

*Eżempji*

*SFGS: Fil-qafas tal-eżerċizzju tal-għeluq il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tnaqqas mid-dikjarazzjoni finali tal-ispiża u l-klejm tal-ħlas finali l-ammont ineliġibbli.*

*SANCO: Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu ċertu numru ta' verifiki li pprovdew evidenza li r-reklamar tat-TV kien ġie mxandar. Fil-ġejjieni għandhom jitwettqu kontrolli addizzjonali.*

## L-EFFETTIVITÀ TAS-SISTEMI

### Il-qasam tal-politika l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

*Is-sistemi relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet*

3.27. Is-sistema ta' kontroll prinċipali sabiex tiżgura r-regolarità tat-tranżazzjonijiet hija s-Sistema Integrata tal-Amministrazzjoni u l-Kontroll (IACS) ([25]).

3.28. L-IACS, f'kull Stat Membru, tikkonsisti f'databases ta' ażjendi, applikazzjonijiet, pakketti agrikoli u fejn il-pagamenti għadhom marbuta mal-għadd ta' annimali, database ta' annimali, kif ukoll reġistru ta' intitolamenti f'dawk l-Istati Membri li jimplimentaw l-SPS. Is-sistema tipprovdi għal diversi kontrolli ta' eliġibbiltà: kontroll amministrattiv tal-klejms kollha, kontrolli reċiproċi ma' databases sabiex jevitaw li l-istess art/annimali jiġu ddikjarati darbtejn u rata minima ta' 5 % fuq spezzjonijiet fir-razzett li għandhom isiru mill-aġenziji tal-pagament.

([25]) Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 u r-Regolament (KE) Nru 796/2004.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.29. l-IACS tkopri l-SPS, is-SAPS u l-iskemi kollha ta' għajnuna akkoppjata relatati mal-erja kif ukoll skemi ta' primjums tal-annimali. Fil-każ tal-FAEŻR, u b'mod partikolari għaż-żoni agroambjentali u dawk inqas vantaġġjati, il-verifikazzjoni ta' ċerti elementi prinċipali bħas-superfiċje tal-art u l-għadd tal-annimali ssir permezz tal-IACS filwaqt li r-rekwiżiti l-oħra huma ġġvernati minn kontrolli mfassla apposta ([26]).

3.30. Il-Qorti eżaminat tmien sistemi tal-IACS taħt il-FAEG u tmien sistemi ta' kontroll speċifiċi taħt il-FAEŻR (ara l-paragrafu 3.17).

3.31. Il-verifika tal-Qorti kopriet il-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti relevanti u valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi biex tiġi żgurata r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Ġew eżaminati l-elementi li ġejjin:

(I) Il-proċeduri amministrattivi u l-kontrolli biex jiżguraw pagament korrett inkluża l-kwalità tad-databases.

(II) Is-sistemi ta' kontroll ibbażati fuq kontrolli fuq il-post.

(III) Is-sistemi biex jiżguraw l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-Cross-compliance.

3.32. Filwaqt li s-sistema tal-IACS fil-prinċipju hija mfassla tajjeb, il-verifiki tas-sistemi annwali tal-IACS tal-Qorti li saru f'dawn l-aħħar snin juru li l-effettività tal-IACS hija milquta b'mod avvers minħabba *data* mhux preċiża fid-databases, kontrolli reċiproċi mhux kompleti jew segwitu inkorrett jew inkomplet tal-anomaliji. Fir-rigward tas-snin finanzjarji 2006-2008, il-Qorti eżaminat l-operazzjoni tas-sistemi tal-IACS li għandhom x'jaqsmu mal-SPS jew mas-SAPS f'20 aġenzija ta' pagament fi 17-il Stat Membru u rrapppurtat ir-riżultati fir-Rapporti Annwali tagħha. L-IACS ġiet meqjusa effettiva f'aġenzija ta' pagament waħda, parzjalment effettiva fi 12, u f'sebgħa ġew identifikati nuqqasijiet sinifikanti u għalhekk il-Qorti kkunkludiet li s-sistema ma kinitx effettiva.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.31.**

**(III)** *Il-Kummissjoni tfakkar li r-rispett tal-kriterji tat-transkonformità min-naħa tal-bdiewa ma jikkostitwixxix kriterju ta' eliġibbiltà u, għaldaqstant, il-kontrolli ta' dawn il-kriterji ma jagħmlux parti mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Il-bdiewa li ma jirrispettawx dawn il-kriterji huma intitolati li jirċievu ħlasijiet, iżda għandhom jiġu sanzjonati fuq il-bażi tas-severità, il-livell, il-permanenza u r-ripetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità misjub kif ukoll in-negliġenza jew l-intenzjoni tal-benefiċjarju kkonċernat.*

**3.32.-3.33.** *Il-Kummissjoni għadha tikkunsidra li, kif ġie rikonoxxut mill-Qorti fir-rapporti annwali tas-snin ta' qabel sa mill-2005, is-SIAK hija ġeneralment sistema ta' kontroll effettiva għal-limitu tar-riskju tal-iżbalji jew ta' spiża irregolari, bil-kundizzjoni li tiġi applikata tajjeb.*

*L-effettività u t-titjib kostanti tas-SIAK huma kkonfermati bir-riżultati tal-awditjar tal-konformità li l-Kummissjoni wettqet matul dawn l-aħħar snin fl-Istati Membri kollha minbarra l-Lussemburgu kif ukoll bir-rata baxxa ta' żbalji indikata fl-istatistiċi tal-kontroll li hija tirċievi mill-Istati Membri u li huma verifikati u validati mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni. Din ir-rata baxxa ta' żbalji hija konformi wkoll ma' dik tal-istess Qorti fir-Rapport Annwali tagħha tal-2008.*

([26]) Ir-Regolament (KE) Nru 1975/2006 tas-7 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll kif ukoll il-konformità reċiproka [cross-compliance] rigward miżuri ta' sostenn għall-iżvilupp rurali (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 74).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.33. Għall-verifika tagħha tal-2009 ta' tmien aġenziji tal-pagament, il-Qorti sabet li s-sistemi kienu effettivi biex jiżguraw ir-regolarità tal-pagamenti f'aġenzija waħda biss, parzjalment effettivi f'erba' aġenziji, u mhux effettivi fit-tlieta l-oħra (il-Greċja, Ċipru u Malta). | *Il-Kummissjoni sabet li għas-sena tal-klejm 2008, kienu jeżistu nuqqasijiet sinifikanti fis-SIAK fil-Bulgarija u r-Rumanija. Bħala riżultat ta' dan dawn iż-żewġ Stati Membri waqqfu pjanijiet ta' azzjoni fl-2009 li ġew segwiti mill-qrib mill-Kummissjoni.*<br><br>*Stati Membri oħra għandhom nuqqasijiet ta' natura iżgħar fis-SIAK tagħhom li ma jagħmlux is-sistemi tagħhom ineffettivi iżda, pjuttost, li jistgħu jittejbu u li għalihom ħadu jew qegħdin jieħdu azzjoni.*<br><br>*Dawn in-nuqqasijiet kollha jiġu segwiti matul il-proċeduri tal-approvazzjoni tal-konformità li jiżguraw li r-riskju għall-baġit tal-UE jiġi kopert b'mod adegwat.* |
| 3.34. Fir-rigward tat-tmien sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Iżvilupp Rurali li ġew verifikati, il-Qorti sabet li tlieta mis-sistemi ta' kontroll implimentati kienu effettivi u ħamsa minnhom kienu biss parzjalment effettivi biex jiżguraw ir-regolarità tal-pagamenti. | **3.34.** *Il-punti debboli tas-sistemi superviżorji u tal-kontroll tal-iżvilupp rurali fil-Bulgarija u r-Rumanija huma kkawżati min-nuqqasijiet fis-SIAK, li għaliha hemm riżerva inkluża fir-Rapport tal-Attività Annwali għall-2009 tad-Direttorat-Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.*<br><br>*Is-sistema tal-kontroll għall-Istati Membri l-oħra li ġew awditjati mill-Kummissjoni fl-2009 instabet li kienet effettiva. Madankollu, hemm lok għal titjib għall-punti li ġejjin:*<br><br>— *Ir-rispett tal-linji gwida ġenerali stabbiliti fid-dokument tax-xogħol dwar l-impenji agroambjentali u l-verifikabbiltà tagħhom, fejn prinċipalment hemm previst li huwa meħtieġ li ħafna għodda ta' kontroll jintużaw b'mod kombinat;*<br><br>— *Huma meħtieġa sforzi kontinwi sabiex jiġu pprovduti kriterji ta' eliġibilità sempliċi u ċari u sabiex il-benefiċjarji jiġu mgħarrfa dwar l-obbligi tagħhom b'mod ċar u inekwivokabbli;*<br><br>— *L-applikazzjoni ta' kontrolli amministrattivi eżawstivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri agroambjentali;*<br><br>— *It-titjib tal-kwalità tar-rapporti tal-kontroll sabiex ikun hemm traċċabilità aħjar u konklużjonijiet ċari tal-kontrolli li jitwettqu.* |
| 3.35. Is-sejbiet ewlenin tal-verifika tal-Qorti huma deskritti fil-paragrafi li ġejjin. Ir-riżultati tal-eżami tas-sistemi huma miġbura fil-qosor fl-***Anness 3.2***. | |
| **(I) Proċeduri u kontrolli amministrattivi sabiex jiżguraw pagament korrett inkluża l-kwalità tad-databases** | |
| 3.36. Iridu jsiru kontrolli amministrattivi tal-applikazzjonijiet kollha għal klejms għas-sostenn u għall-pagament, u dawn għandhom ikopru l-elementi kollha li huma possibbli u xierqa li jigu kkontrollati permezz ta' mezzi amministrattivi ([27]). Il-kontrolli amministrattivi għandhom jinkludu kontrolli reċiproċi kull fejn huwa possibbli u xieraq, fost l-oħrajn ma' *data* mid-databases tal-IACS. Il-verifika tal-Qorti vverifikat jekk id-databases kinux kompleti u affidabbli kif ukoll l-adegwatezza tal-kontrolli biex jiġu identifikati l-anomaliji u tittieħed azzjoni korrettiva. In-nuqqasijiet l-aktar importanti li nstabu fis-sistemi huma elenkati hawn taħt. | |

([27]) L-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1975/2006 u l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

FAEG

3.37. Is-*Sistema ta' Identifikazzjoni ta' Pakketti ta' Art (LPIS)* hija database li fiha tiġi rreġistrata l-erja agrikola kollha (pakketti ta' referenza) fl-Istat Membru. Il-Qorti sabet nuqqasijiet sinifikanti fl-LPIS fi tliet Stati Membri li jaffettwaw l-effettività tal-kontrolli reċiproċi amministrattivi kif muri hawn taħt:

Eżempji

It-teknoloġija LPIS-GIS saret obbligatorja fl-2005. Fil-Greċja sas-sena tal-klejm 2008 u matulha l-LPIS-GIS ma kienx fih informazzjoni grafika (ortoritratti) li juru l-erja eliġibbli attwali tal-pakketti ta' referenza rreġistrati. L-LPIS-GIS kien għadu mhux operazzjonali b'mod sħiħ biex iwettaq il-kontrolli reċiproċi neċessarji sa minn Diċembru 2009.

Fil-Litwanja l-Qorti sabet li l-awtoritajiet naqsu milli jeliminaw il-karatteristiċi ineliġibbli ta' erja totali ta' 13 700 ha mill-erja eliġibbli tal-pakketti rreġistrati bħala 100 % eliġibbli fl-LPIS.

F'Ċipru ttieħdu ortoritratti ġodda u ġew analizzati fl-2008. L-analiżi wriet li aktar minn 39 000 pakkett ta' referenza kienu milquta minn tibdil fl-użu tal-art u bħala riżultat ta' dan l-erja eliġibbli għall-għajnuna tas-SAPS naqset b'aktar minn 7 000 ha (jiġifieri 5 % tal-erja agrikola). Għalkemm kien hemm informazzjoni aġġornata disponibbli, l-awtoritajiet Ċiprijotti ddeċidew li jibbażaw il-pagamenti għas-sena tal-klejm 2008 fuq l-ortoritratti tal-2003 li kien għadda żmienhom.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.37.** *B'mod ġenerali, il-kwalità tal-LPIS qiegħda titjieb b'mod kostanti fl-Istati Membri, kif muri wkoll bir-risposta tal-Kummissjoni għall-eżempji msemmija mill-Qorti hawn taħt. Barra dan, mis-sena tal-klejm 2010 l-Istati Membri huma obbligati li jwettqu verifika tal-kwalità tal-LPIS-GIS fuq bażi annwali skont proċeduri determinati minn qabel u li jagħmlu rapport dwar ir-riżultati u l-azzjonijiet maħsuba sabiex, fejn ikun meħtieġ, itejbu s-sitwazzjoni.*

*Il-Kummissjoni taċċetta li kien hemm problemi bis-SIAK Griega fis-sena tal-klejm 2008. Madankollu r-riskju finanzjarju għall-passat huwa kopert mill-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità li biha, s'issa, madwar 866 miljun EUR ġew jew qegħdin jiġu esklużi mill-finanzjament tal-UE.*

*Il-LPIS-GIS sar disponibbli skont il-pjan ta' azzjoni fil-31.12.2008 u r-roll out sar qabel il-bidu tal-perjodu tal-klejm tal-2009. Il-problema fil-2009 inħolqet bid-diġitalizzazzjoni li saret tard tal-ħbula agrikoli min-naħa tal-bdiewa u sadanittant ittieħdu miżuri għar-rettifikazzjoni tas-sitwazzjoni bl-iffissar ta' data tal-qtugħ għad-diġitalizzazzjoni.*

*Il-Kummissjoni qiegħda ssegwi n-nuqqasijiet li ilhom jeżistu fil-LPIS-GIS tal-Litwanja sa mill-2005 permezz ta' proċeduri tal-approvazzjoni tal-konformità. Madankollu, l-awtoritajiet Litwani sadanittant għarrfu lill-Kummissjoni li ġew implimentati miżuri korrettivi fil-LPIS-GIS f'Diċembru 2009.*

*Il-Kummissjoni ilha ssegwi n-nuqqasijiet fil-LPIS-GIS ta' Ċipru sa mill-2005. Bħala riżultat tal-missjonijiet magħmula, Ċipru ħadet azzjoni ta' rimedju sabiex b'hekk mill-2009 is-sistema qiegħda tiġi kkunsidrata effettiva. Din is-sitwazzjoni qiegħda tiġi segwita taħt il-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.38. F'żewġ Stati Membri (l-Italja, Spanja), il-Qorti sabet ukoll li l-aktar ortoritratti reċenti disponibbli ma ntużawx għal-iffissar ta' limiti massimi tal-erjas eliġibbli fil-kalkolu tal-pagamenti.

| Eżempji |
| --- |
| Fl-Italja (Emilia Romagna) u fi Spanja (Pajjiż Bask) ir-rata ta' eliġibbiltà għal art ta' mergħa fqira mhijiex ibbażata fuq l-informazzjoni l-aktar reċenti disponibbli (ortoritratti jew spezzjoni fuq il-post) iżda fuq dak li l-bidwi kien ikklejmja qabel ma ddaħħlet l-SPS. Fil-każijiet eżaminati, kemm il-bdiewa Taljani kif ukoll dawk Spanjoli tħallew jikklejmjaw ir-rata storika ogħla ta' eliġibbiltà għal art ta' mergħa fqira li fuq l-aktar ortoritratti reċenti turi rati ta' eliġibbiltà aktar baxxa b'mod sinifikanti. Id-differenzi wasslu biex l-għajnuna tingħata għal aktar mill-erja attwali eliġibbli b'mod sinifikanti. |

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.38.** *Għandu jiġi enfasizzat li jeħtieġ ammont ta' xogħol konsiderevoli qabel ma ortoritratti ġodda jkunu jistgħu attwalment jiġu kkunsidrati bħala "operattivi" fis-sistema. Għandhom jiġu pproċessati, diġitalizzati u għandha ssir verifika ta' kwalità tar-riżultati qabel ma jkunu jistgħu jintużaw b'mod effiċjenti għall-kontroverifiki. Dan il-proċess jieħu ż-żmien. Madankollu, il-Kummissjoni jidhrilha li huwa ta' siwi kbir li l-Istati Membri jagħmlu l-ortoritratti disponibbli fi stadju bikri għall-bdiewa għall-proċess tal-klejm u għall-kontrolluri għall-verifiki fuq il-post kif kien il-każ s'issa.*

*L-Istati Membri huma obbligati li jirkupraw kwalunkwe ammont mis-snin ta' qabel jekk wara jiġu skoperti dikjarazzjonijiet żejda bħala riżultat ta' ortoritratti aġġornati. Fejn il-Kummissjoni jidhrilha li Stat Membru mhuwiex proattiv biżżejjed fil-ħarsien tal-baġit tal-UE, issegwi s-sitwazzjoni taħt il-proċedura għall-approvazzjoni tal-konformità.*

*L-Italja qiegħda fil-proċess li tiffinalizza tiġdid totali tal-LPIS tagħha. Dan jimplika li ortoimmaġni ġodda għandhom ikopru l-pajjiż kollu, li l-immaġni għandhom jiġġeddu kull tliet snin, u li l-ħbula raba' ta' referenza għandhom jiġu valutati b'mod sistematiku, inklużi żjarat fl-għelieqi fejn ikun meħtieġ. Id-dikjarazzjonijiet żejda stabbiliti wara t-tiġdid qegħdin jiġu rkuprati. Il-Kummissjoni jidhrilha li dan l-approċċ huwa pass kbir 'il quddiem.*

*Għal dak li jirrigwarda Spanja, il-Qorti analizzat immaġni li kienu għadhom ma ġewx ipproċessati. Dawn l-immaġni saru disponibbli għall-bdiewa għas-sottomissjoni tal-klejm tagħhom tal-2008.*

*Il-Kummissjoni ssegwi b'mod attiv il-miżuri meħuda għar-rettifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet żejda tal-passat.*

3.39. F'diversi Stati Membri (Ċipru, il-Greċja, l-Italja, is-Slovakkja u l-Litwanja), il-Qorti osservat li d-*database tal-klejms* ma ppermettietx li jiġu identifikati n-natura u t-twaqqit tal-modifiki jew tal-korrezzjonijiet magħmula. Fin-nuqqas ta' sekwenza ta' verifika affidabbli l-Qorti ma tistax tivvaluta l-applikazzjoni korretta ta' penali tal-UE.

| Eżempji |
| --- |
| Fil-Greċja l-biċċa l-kbira tal-kontrolli reċiproċi amministrattivi u tal-korrezzjonijiet neċessarji tad-*data* tal-klejms isiru taħt proċedura li ma tħalli ebda sekwenza tal-verifika u ma twassalx għall-applikazzjoni ta' penali. F'Ċipru l-informazzjoni kunfliġġenti dwar id-dati u l-kontenut tal-emendi tal-klejms kienet murija fuq id-dokumenti tal-klejms u fid-database. |

**3.39.** *Għal Ċipru, il-Greċja u s-Slovakkja, sejbiet simili għal dawk tal-Qorti ġew inklużi fir-rapporti tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni għas-sena finanzjarja 2009 u fit-tliet każijiet kollha l-aġenziji tal-ħlas wiegħbu li kienu nbdew miżuri għar-rimedju tal-problemi.*

*L-Istati Membri ġew imfakkra fil-Kumitat tal-Fondi Agrikoli sabiex jiżguraw li jkun hemm traċċa sħiħa tal-awditjar fl-applikazzjonijiet tal-IT tagħhom.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.40. *Database ta' intitolamenti* affidabbli hija prerekwiżit għal pagamenti korretti tal-SPS. L-Istati Membri huma wkoll meħtieġa josservaw il-limiti ġenerali nazzjonali kemm għall-SPS u kif ukoll għas-SAPS. Il-Qorti sabet qbiż tal-limitu (Ċipru) għalkemm din ma affettwatx il-baġit tal-UE; u allokazzjoni imprecċiża ta' intitolamenti (Malta).

| Eżempji |
| --- |
| Meta Malta daħħlet l-SPS fl-2007 l-bdiewa li kellhom il-bhejjem jew li kienu jipproduċu l-prodotti tal-ħalib ġew allokati intitolamenti speċjali inklużi dawk li kellhom ettari eliġibbli, li jmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-leġiżlazzjoni tal-UE eżentat lil Malta mir-rekwiżit li min jagħmel il-klejm irid iżomm tal-inqas 50 % tal-attività storika tat-trobbija tal-annimali sabiex jirċievi pagament għal intitolament speċjali. Malta ddeċidiet li ma tistabbilixxi l-ebda rekwiżit minimu għall-bhejjem f'livell nazzjonali fir-rigward tal-attivazzjoni tal-intitolamenti speċjali. Għaldaqstant, il-bdiewa li naqqsu l-merħla tagħhom b'mod sinifikanti wara l-introduzzjoni tal-SPS jibqgħu eliġibbli u huma mħallsa b'mod sħiħ għall-intitolamenti speċjali tagħhom.<br><br>Ċipru qabżet il-limitu għall-għajnuna tas-SAPS tal-UE b'1,44 %. L-awtoritajiet Ċiprijotti naqsu milli japplikaw tnaqqis proporzjonali. Bħala riżultat ta' dan, il-pagamenti individwali kollha kienu affettwati minn pagament żejjed ta' 1,44 % għalkemm dan kien iffinanzjat mill-baġit nazzjonali u mhux mill-baġit tal-UE. |

3.41. Fir-rigward tal-*korrettezza tal-pagamenti*, il-Qorti sabet nuqqasijiet sostanzjali fi Stat Membru wieħed li wasslu għal każijiet ta' foresti kklejmjati bħala mergħa permanenti (il-Greċja). Barra minn hekk, il-Greċja għadha tippermetti li l-erja kklejmjata tisboq l-erja eliġibbli tal-pakkett ta' referenza kif irreġistrat fl-LPIS billi tapplika marġni ta' tolleranza ta' 5 % li mhux previst fir-regolament. Din l-osservazzjoni kienet diġà rrappurtata mill-Qorti fl-2005. Barra minn hekk, il-Qorti sabet każijiet ta' pagamenti lil benefiċjarji li tħallsu mingħajr ma ġew riżolti l-anomaliji magħrufa (l-Italja) u mingħajr ma sar kontroll reċiproku tal-erja kklejmjata kontra l-erja eliġibbli rreġistrata fl-LPIS (Spanja). Barra minn hekk instabu eżempji ta' kalkolu inkorrett b'mod sistematiku ta' għajnuna u applikazzjoni inadegwata ta' penali dwar erja u klejms magħmula tard.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.40.**

| *Eżempji* |
| --- |
| *Malta għandha produzzjoni intensiva konsiderevoli tal-annimali mingħajr art. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel deroga għal Malta għal dak li jikkonċerna l-obbligu taż-żamma ta' mill-inqas 50 % tal-attività agrikola eżerċitata qabel it-tranżizzjoni għall-SPU.*<br><br>*Ċipru qiegħed isegwi din il-kwistjoni bħala parti mir-reviżjoni tal-klejms tal-2008 bl-għan li jirkupra l-ammonti kkonċernati.* |

**3.41.** *L-awtoritajiet Taljani jikkonfermaw li qabel ma jsiru l-ħlasijiet, l-awtoritajiet reġjonali jagħmlu l-kontrolli amministrattivi kollha sabiex jivverifikaw l-eliġibbiltà, sabiex isolvu l-anomaliji, u jagħmlu r-riżultati disponibbli għall-bdiewa. Madankollu, f'każijiet fejn jiġu osservati mill-Kummissjoni punti debboli tas-sistemi li joħolqu riskju ta' ħlasijiet mhux dovuti, dawn jiġu segwiti fil-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet.*

*L-awtoritajiet Spanjoli jikkonfermaw li fis-sena tal-klejm 2008, l-LPIS-GIS kienet tabilħaqq użata biss għall-parti tal-kontroverifiki, iżda li għamlu rimedju għal din is-sitwazzjoni mis-sena tal-klejm 2009.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Eżempji**

Fil-Greċja, erjas irreġistrati bħala foresta fl-LPIS kienu kklejmjati bħala mergħa permanenti u bbenefikaw mill-SPS, għalkemm l-ortoritratti juru biċ-ċar densità sinifikanti ta' siġar u blat.

Barra minn hekk, il-Greċja nstabet li kienet qiegħda tikkalkula l-SPS ħażin b'mod sistematiku f'każijiet fejn l-erja determinata hija insuffiċjenti għall-pagamenti tal-intitolamenti kollha kklejmjati mill-bidwi u fejn dawn l-intitolamenti huma ta' valuri unitarji differenti. Problema simili ġiet osservata f'Malta fejn f'każ wieħed il-metodu żbaljat ta' kalkolu wassal għal pagament żejjed ta' 69 %.

F'Ċipru l-penali għal dikjarazzjonijiet żejda previsti fil-leġiżlazzjoni tal-UE ma ġewx applikati fl-2007, u fl-2008 dawn ġew applikati inkorrettement.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Eżempji*

*Il-Kummissjoni taċċetta l-fatt li kien hemm problemi bis-SIAK Griega fil-passat, madankollu bl-LPIS-GIS ġdida li hija operattiva r-riskju tnaqqas mis-sena tal-klejm 2009. Ir-riskju finanzjarju għall-passat huwa kopert mill-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità li biha, sa issa, madwar 866 miljun EUR ġew jew qegħdin jiġu esklużi mill-finanzjament tal-UE.*

*Il-Kummissjoni taqbel mal-osservazzjonijiet tal-Qorti. L-awtoritajiet Griegi iddikjaraw li huma se jsibu rimedju għall-problema. Din hija, madankollu, kwistjoni b'impatt limitat. L-istess jista' jintqal għal dak li jirrigwarda l-każ Malti, li jaffettwa total ta' 519-il bidwi jew żona ta' 203 ettari.*

*Il-Kummissjoni hija konxja tas-sitwazzjoni tal-2007 u Ċipru għamel valutazzjoni tal-impatt finanzjarju tiegħu waqt ir-reviżjoni tal-klejms tal-2007. Għal dak li jirrigwarda s-sena tal-klejm 2008, l-awtoritajiet Ċiprijotti kkonfermaw li l-proċedura ġiet emendata.*

FAEŻR

3.42. Il-kontrolli amministrattivi jikkonċernaw il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn dak li jagħmel il-klejm u l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għall-għoti tal-għajnuna ([28]). Kontrolli bħal dawn jinkludu kontrolli reċiproċi kontra d-*data* diġà disponibbli għall-amministrazzjoni, pereżempju fid-databases tal-IACS.

3.43. Il-verifika sabet żbalji fid-determinazzjoni tar-rata tal-kambju użata biex l-ammonti ta' għajnuna mħallsa f'muniti nazzjonali (ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka) jinbidlu f'euro, u dgħufijiet fil-kalkoli tat-tnaqqis ta' għajnuna wara kontrolli fuq il-post (il-Ġermanja (il-Bavarja)). Instabu dgħufijiet ukoll fil-kontrolli tekniċi fuq it-tnaqqis tat-tniġġis min-nitrati (il-Greċja) u fil-konformità ma' kundizzjoni speċifika ta' eliġibbiltà bħal mhuma l-adegwatezza tal-makkinarju agrikolu relatat mal-art maħduma (il-Bulgarija).

**3.43.** *L-impatt finanzjarju ta' dawn l-iżbalji diġà kien ġie korrett f'dikjarazzjonijiet sussegwenti tal-infiq (ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit) jew qed jiġi segwit taħt proċeduri tal-approvazzjoni tal-konformità. Barra dan, dawn l-ammonti fir-rigward tal-ħlasijiet magħmula jistgħu jiġu valutati bħala irrilevanti (ħafna taħt il-1 %).*

*L-osservazzjoni tal-Qorti għal dak li jirrigwarda l-Ġermanja (Bavarja) ma taffettwax il-baġit tal-UE minħabba li t-tnaqqis tal-parti tal-għajnuna mħallsa mill-baġit tal-UE ġie kkalkulat tajjeb.*

*Il-punt debboli misjub mill-Qorti fil-Bulgarija qed jiġi segwit permezz ta' proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità.*

([28]) Għall-miżuri tal-iżvilupp rurali taħt il-perjodu tal-ipprogrammar 2007-2013, ir-rekwiżiti dettaljati għall-kontrolli amministrattivi huma definiti mir-Regolament (KE) Nru 1975/2006.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**(II) Sistemi ta' kontroll ibbażati fuq kontrolli fuq il-post**

3.44. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jagħmlu kontrolli fuq il-post li jkopru, għall-biċċa l-kbira tal-iskemi ta' għajnuna, tal-inqas 5 % tal-benefiċjarji kollha [29]. Il-verifika tal-Qorti ffukat fuq l-adegwatezza tal-proċe¬duri tal-analiżi tar-riskju li bihom jintgħażlu l-benefiċjarji għal tali kontrolli, il-kwalità tal-kontrolli u l-adegwatezza tal-korrezzjonijiet magħmula. Il-verifika tal-Qorti żvelat dgħufijiet speċifiċi fil-kontrolli fuq il-post.

3.45. Fil-FAEG, il-Qorti identifikat każijiet ta' applikazzjoni inkorretta ta' tolleranzi ta' kejl (Malta, l-Italja), kwalità inadegwata u kopertura insuffiċjenti tal- ispezzjonijiet fuq il-post (il-Greċja).

| Eżempju |
|---|
| Fil-Greċja, il-verifika sabet li l-ispezzjonijiet fuq il-post mhux dejjem issodisfaw ir-rekwiżit legali biex jitkejlu tal-inqas 50 % tal-pakketti, u l-art għall-mergħa ġeneralment ma kinitx spezzjonata jew inkella viżwalment biss. F'diversi każijiet eżaminati mill-Qorti, il-pakketti kklejmjati li skont l-ortoritratti kienu jikkonsistu f'foresta jew art imsaġġra ma kinux inklużi fil-kampjun ta' pakketti spezzjonati fuq il-post. Barra minn dan, f'diversi rapporti ta' spezzjoni analizzati mill-Qorti l-koordinati ġeografiċi rrappurtati għall-pakkett imkejjel fuq il-post ma qablux mal-postijiet fejn kien jinsab il-pakkett diġitizzat fl-LPIS-GIS (postijiet differenti, użi differenti, forma u perimetru differenti). |

3.46. Fil-FAEŻR, il-Qorti sabet dgħufijiet fir-rigward tal-preċiżjoni u l-kompletezza tar-rapporti ta' kontroll (il-Ġermanja (il-Bavarja), ir-Rumanija), l-evalwazzjoni globali tar-riżultati tal-kontrolli (il-Bulgarija) u ż-żamma tad-dati ta' skadenza għar-rappurtar lill-Kummissjoni dwar il-kontrolli li saru (il-Ġermanja (il-Bavarja), Franza).

**(III) Is-sistema biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-Cross-compliance**

3.47. Ir-rekwiżiti tal-cross compliance jikkonsistu fil-Kundizzjonijiet Amministrattivi Statutarji (SMRs) u l-istandards GAEC (ara l-paragrafu 3.7). Filwaqt li l-SMRs huma speċifikati f'Direttivi u regolamenti varji tal-UE, l-istandards GAEC huma definiti f'livell nazzjonali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.45.** *Skont l-awtoritajiet Maltin ittieħdu miżuri korrettivi għall-2008 u ġew applikati għall-2009 ukoll. L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li huma applikaw il-proċeduri tajba għall-applikazzjoni ta' tolleranzi fis-sena tal-klejm 2009.*

| *Eżempju* |
|---|
| *Il-Kummissjoni taċċetta l-fatt li kien hemm problemi bis-SIAK Griega fil-passat, madankollu bl-LPIS-GIS ġdida li hija operattiva r-riskju tnaqqas mis-sena tal-klejm 2009. Ir-riskju finanzjarju għall-passat huwa kopert mill-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità li biha, sa issa, madwar 866 miljun EUR ġew jew qegħdin jiġu esklużi mill-finanzjament tal-UE.* |

**3.46.** *Il-punti debboli msemmija mill-Qorti jikkonċernaw kontroll anċillari pjuttost milli kontroll kjavi. Għal dak li jirrigwarda r-rappurtaġġ tal-iskadenzi, l-informazzjoni ġiet trażmessa lill-Kummissjoni kmieni biżżejjed sabiex tiġi kkunsidrata fir-Rapport tal-Attività Annwali tad-Direttorat-Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-2009.*

[29] L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1975/2006 u l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.48. Il-Qorti sabet nuqqasijiet fid-definizzjoni ta' dak li huwa meħtieġ għaż-żamma tal-art f'GAEC u l-kontroll ta' dawn il-kundizzjonijiet.

| Eżempju |
| --- |
| Fl-Italja l-istess nagħaġ ġew magħduda għal żewġ bdiewa differenti biex jiġi ssodisfat r-rekwiżit minimu tad-densità tal-merħla. |

3.49. Matul iż-żjarat tagħha fuq il-post il-Qorti osservat, fuq il-bażi tal-verifika limitata (ara l-paragrafu 3.17, it-tielet inċiż), ksur ta' cross compliance f'madwar 5 % tal-pagamenti soggetti għall-obbligi tal-cross compliance. Il-ksur osservat kien relatat kemm mal-SMRs (tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art, reġistrazzjoni ta' annimali, benesseri tal-annimali, użu mhux korrett ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti), u GAEC (evitar tal-invażjoni tal-artijiet agrikoli minn veġetazzjoni mhux mixtieqa).

## *Sistemi relatati mal-irkupri u mal-korrezzjonijiet finanzjarji*

### Irkupru ta' djun qodma

3.50. 50 % ta' kull pagament mhux dovut li l-Istati Membri ma jkunux irkupraw mill-benefiċjarji fi żmien erba' snin, jew fi żmien 8 snin fil-każ ta' proċeduri legali, jiġġarrbu awtomatikament mill-baġit nazzjonali tagħhom ([30]) (l-hekk imsejħa regola tal-50/50) ([31]). L-Istati Membri huma obbligati li jkomplu bil-proċeduri ta' rkupru tagħhom. Fl-2009, ir-regola tal-50/50 ġiet applikata ([32]), għaldaqstant ammonti mhux irkuprati mill-2000 jew l-2004 ġew approvati (ta' tmien u erba' snin rispettivament): L-Istati Membri ġarrbu EUR 31,4 miljun filwaqt li EUR 20,1 miljun iġġarrbu mill-baġit tal-UE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.48.** *Il-punti debboli fid-definizzjoni u l-kontroll tal-istandards tal-KAAT ġew skoperti fl-awditjar tat-transkonformità mwettqa mill-Kummissjoni u qegħdin jiġu segwiti fil-kuntest tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità.*

| *Eżempju* |
| --- |
| *Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li, f'dan il-każ individwali, il-KAAT ta' densità minima ta' ħażna mhijiex irrispettata u s-sanzjoni korrispondenti tat-transkonformità kellha tiġi applikata.* |

**3.49.** *Is-sejbiet tal-Qorti huma kkonfermati mill-istatistiċi tal-kontroll li l-Kummissjoni rċiviet mill-Istati Membri. Dawn l-istatistiċi juru li s-sanzjonijiet qegħdin jiġu applikati.*

**3.50.** *Il-Kummissjoni qiegħda tippuntwalizza li l-ammont ta' 20,1 miljun euro waqa' fuq il-baġit tal-UE għal raġunijiet ta' insolvenza tad-debitur u, għalhekk ma jistax jiġi rkuprat qabel ma jkun għadda t-terminu tal-iskadenza tal-4-8 snin.*

([30]) Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

([31]) Pagamenti mhux dovuti li jirriżultaw minn żbalji amministrattivi kommessi minn Awtoritajiet nazzjonali huma esklużi mill-finanzjament tal-UE.

([32]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/367/KE (ĠU L 111, 5.5.2009, p. 44).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.51. Fir-Rapport ta' Attività Annwali tiegħu tal-2009 ([33]) id-DĠ AGRI jirrapporta li kiseb sa tmiem is-sena finanzjarja 2009 rata ta' rkupru ġenerali ta' 42 % tal-EUR 1 266 miljun pendenti sa tmiem is-sena finanzjarja 2006. Skont il-Kummissjoni, fil-perjodu 2007-2009 l-Istati Membri rkupraw EUR 121 miljun direttament mill-benefiċjarji u l-Kummissjoni rkuprat EUR 411-il miljun addizzjonali mill-Istati Membru billi hija applikat ir-regola tal-50/50. Il-Qorti tosserva li l-EUR 121 miljun irkuprati mill-benefiċjarji kkorrispondew għal inqas minn 10 % tal-irkupri totali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.51.** *Il-proċeduri tal-irkupru ħafna drabi jiġu ttardjati minn proċeduri twal fil-qrati nazzjonali li, skont il-prinċipju tal-ġestjoni konġunta, kif definit fl-Artikolu 53b(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 9(1)(a)(iii) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, huma r-responsabbiltà unika tal-Istati Membri. Din hija r-raġuni għalfejn il-mekkaniżmu l-ġdid tal-approvazzjoni għal każijiet ta' irregolarità ġie introdott, u bħala riżultat ta' dan l-ammont mhux imħallas lill-baġit tal-UE tnaqqas b'60 %. Il-Kummissjoni tikkunsidra dan ir-riżultat sabiex turi li dan il-mekkaniżmu l-ġdid huwa mod effettiv u effiċjenti għall-approvazzjoni tal-każijiet ta' irregolarità u l-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-UE u inċentiv qawwi għall-Istati Membri għat-tħaffif tal-proċeduri tal-irkupru.*

**Il-proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet tal-Kummissjoni**

3.52. Billi l-ġestjoni tan-nefqa fuq l-agrikoltura, fil-parti l-kbira, hija maqsuma bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, l-għajnuna titħallas mill-Istati Membri, li mbagħad jiġu rimborżati mill-Kummissjoni ([34]). Ir-rikonoxximent finali tan-nefqa huwa stabbilit permezz ta' proċedura f'żewġ stadji msejħa l-approvazzjoni tal-kontijiet. Iż-żewġ stadji jikkonsistu f'deċiżjoni finanzjarja annwali u f'deċiżjonijiet ta' konformità multiannwali meħuda mill-Kummissjoni

Approvazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja 2009

3.53. Fit-30 ta' April 2010 l-Kummissjoni ħadet tliet deċiżjonijiet ta' approvazzjoni finanzjarja għan-nefqa li saret skont il-FAEG, il-FAEŻR u t-TRDI u approvat il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagament kollha, ħlief dawk li jidhru fl-***Anness 3.5***. Dawn id-deċiżjonijiet huma bbażati l-aktar fuq ċertifikati pprovduti minn awdituri indipendenti (korpi ta' ċertifikazzjoni). Il-verifika tal-Qorti ma sabitx nefqiet approvati inkorrettement fid-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni finanzjarja.

3.54. Il-Qorti nnutat nuqqasijiet fl-aħħar tliet snin fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kontijiet tad-debituri. Għas-sena finanzjarja 2009 l-Kummissjoni tat bidu għal korrezzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' 13-il aġenzija tal-pagament f'10 Stati Membri għal EUR 14,8 miljun, li jirrappreżentaw madwar 1,43 % tal-EUR 1 037 miljun li kienu se jiġu rkuprati fi tmiem is-sena finanzjarja 2009.

**3.54.** *Il-Kummissjoni kisbet biżżejjed informazzjoni dwar id-debituri għal finijiet tal-approvazzjoni u l-kontabilità. Il-korrezzjonijiet ta' 14.8 miljun EUR ġew proposti mill-Kummissjoni fuq bażi tal-valutazzjoni tagħha tal-informazzjoni mogħtija mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni fir-rapporti tagħhom. L-iżbalji finanzjarji skoperti jiġu segwiti permezz tal-proċeduri normali tal-approvazzjoni tal-kontijiet.*

([33]) Ir-Rapport ta' Attività Annwali 2009 tad-DĠ AGRI, p. 60.

([34]) Fuq bażi ta' kull xahar għall-FAEG u bażi ta' kull tliet xhur għall-FAEŻR.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Approvazzjoni tal-konformità

3.55. Id-deċiżjonijiet ta' konformità jittieħdu wara verifikazzjonijiet addizzjonali mill-Kummissjoni tan-nefqa ddikjarata mill-Istati Membri. Huma jkopru għadd ta' snin u għandhom l-objettiv li jeskludu n-nefqa mill-finanzjament tal-UE fejn il-Kummissjoni tkun sabet li din iġġarbet b'mod li kiser ir-regoli tal-UE ([35]).

3.56. F'rapporti annwali preċedenti l-Qorti kkritikat il-fatt li l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, u mhux il-benefiċjarji finali, iġarrbu l-korrezzjonijiet finanzjarji. Barra minn dan, il-metodu li hemm provvediment għalih fir-regoli għall-kalkolu tal-aġġustamenti ta' konformità kif applikati mill-Kummissjoni, li jinvolvi użu konsiderevoli ta' korrezzjonijiet b'rata fissa, ifisser li l-ammonti hekk rkuprati mhumiex relatati direttament mal-ammont reali ta' pagamenti irregolari. Is-sistema ta' approvazzjoni tal-konformità ma nbidlitx fl-2009.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.56.** *Dak li l-Qorti tikkritika fis-sistema tal-approvazzjoni tal-konformità huwa inerenti għal din is-sistema u ma kienx hemm oġġezzjonijiet għalih minn l-ebda waħda mill-partijiet li qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005.*

*L-approvazzjoni tal-konformità hija ddisinjata sabiex teskludi l-infiq mill-finanzjament tal-UE li ma ġiex affettwat b'konformità mar-regoli tal-UE. Kuntrarjament għal dan, mhuwiex mekkaniżmu li bih il-ħlasijiet irregolari għall-benefiċjarji jiġu rkuprati, li skont il-prinċipju tal-ġestjoni konġunta hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri biss.*

*Fejn jistgħu jiġu identifikati ħlasijiet mhux dovuti għal benefiċjarji bħala riżultat tal-approvazzjoni tal-konformità, l-Istati Membri huma rekwiżiti li jsegwuhom b'azzjonijiet ta' rkupru kontra dawn il-benefiċjarji. Madankollu, anke fejn l-irkupri minn għand il-benefiċjarji mhumiex meħtieġa minħabba li l-korrezzjoni finanzjarja tirrigwarda biss in-nuqqasijiet fis-sistema tal-ġestjoni u l-kontroll tal-Istati Membri u mhux il-ħlasijiet mhux dovuti, dawn il-korrezzjonijiet huma mezz importanti sabiex jittejbu s-sistemi tal-Istati Membri u b'hekk jiġu impediti jew skoperti u rkuprati l-ħlasijiet irregolari għall-benefiċjarji.*

*Il-korrezzjonijiet finanzjarji jiġu determinati fuq il-bażi tan-natura u l-gravità tal-ksur u l-ħsara finanzjarja kkawżata lill-UE. L-ammont jiġi kkalkulat fuq il-bażi tat-telf li effettivament jiġi kkawżat jew fuq il-bażi ta' estrapolazzjoni. Fejn dan ma jkunx possibbli, għandhom jintużaw rati fissi li jikkunsidraw il-gravità tan-nuqqasijiet fis-sistemi nazzjonali tal-kontroll sabiex jirriflettu r-riskju finanzjarju għall-UE. Il-Kummissjoni għalhekk jidhrilha li hemm konnessjoni valida bejn dawn it-tipi ta' korrezzjonijiet finanzjarji u l-livell ta' ħlasijiet irregolari għall-benefiċjarji finali.*

*L-użu ta' rati fissi ġie aċċettat mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala konformi mar-regoli legali li jamministraw ix-xogħol ta' konformità u approvat, taħt ċertu ċirkostanzi, mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tar-rilaxx tal-2007 (Artikolu 83).*

*Finalment, waqt li r-regoli legali li jamministraw is-sistema tal-approvazzjoni tal-konformità ma nbidlux, il-Kummissjoni ħadet azzjoni sabiex ittejjeb l-operat tagħha, inkluż linji gwidi ġodda dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-proposta dwar l-infurzar tal-assigurazzjoni msemmija mill-Qorti fil-paragrafu 3.62.*

([35]) L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**Il-validazzjoni tal-kontrolli u r-riżultati tal-ispezzjonijiet tal-Istati Membri**

3.57. Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet irrapportati lill-Kummissjoni mill-aġenziji tal-pagament jivvalutaw ir-regolarità tal-klejms sottomessi minn bdiewa u mill-2007 jridu jkunu verifikati mill-korpi ta' ċertifikazzjoni. Minn naħa waħda, il-korpi ta' ċertifikazzjoni huma mitluba jagħtu opinjoni dwar il-kwalità tal-ispezzjonijiet fuq il-post billi jiċċekkjaw kampjun ta' mill-inqas 10 spezzjonijiet għal kull waħda mill-erba' popolazzjonijiet li ġejjin: FAEG-IACS, FAEG-mhux IACS, FAEŻR-IACS u FAEŻR-mhux IACS. Min-naħa l-oħra, huma jintalbu jivverifikaw u jivvalidaw l-istatistika ta' kontroll tal-Istati Membri. Fir-RAA 2009 tiegħu, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ AGRI jindika li l-verifikazzjoni mill-korpi ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-ispezzjonijiet fuq il-post kienet fil-biċċa l-kbira (madwar 90 %) pożittiva għall-popolazzjonijiet differenti u li fir-rigward tal-preċiżjoni tal-istatistika tal-kontroll l-opinjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni kienet pożittiva għal 70 % tal-popolazzjoni FAEG u għal 54 % biss tal-popolazzjoni FAEŻR.

3.58. Il-linji gwida tal-Kummissjoni jħallu l-għażla lill-korpi ta' ċertifikazzjoni biex jakkumpanjaw jew jerġgħu jagħmlu 10 spezzjonijiet fuq il-post. Ir-rapporti tal-korpi ta' ċertifikazzjoni analizzati mill-Qorti juru li reġgħu saru biss sitt spezzjonijiet, filwaqt li 23 għamlu spezzjonijiet akkumpanjati u l-kumplament ma speċifikawx l-approċċ tagħhom. Il-Qorti tikkunsidra li t-twettiq mill-ġdid ta' spezzjoni preċedenti kieku tipprovdi bażi aħjar għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-proċeduri tal-ispezzjonijiet billi l-preżenza tal-korp ta' ċertifikazzjoni tista' tinfluwenza l-imġiba tal-ispetturi li jkunu qed jiġu vvalutati.

**3.58.** *Anke jekk il-Kummissjoni taqbel li jekk titwettaq fil-ħin, prestazzjoni mill-ġdid ta' verifika ta' qabel għandha tipprovdi valutazzjoni aħjar tal-kwalità tal-verifiki fuq il-post, għadu possibbli li jiġi valutat l-ambjent tal-kontroll permezz ta' spezzjonijiet akkumpanjati mill-korp taċ-ċertifikazzjoni. F'ċertu każijiet, jista' lanqas ikun possibbli li verifika ssir mill-ġdid fil-ħin dovut. Dawn il-limiti huma inerenti f'ħafna kontrolli* ex-post *imwettqa minn awdituri esterni. F'każijiet bħal dawn, l-ispezzjonijiet akkumpanjati huma alternattiva tajba. Għandhom ukoll il-benefiċċju alternattiv li jnaqqsu l-piż amministrattiv minn fuq il-bidwi.*

*Analiżi tar-rapporti tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni għal dak li jirrigwarda s-sena finanzjarja 2009 turi li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni vverifikaw total ta' madwar 3 700 kontroll. Fejn il-korpi taċ-ċertifikazzjoni wettqu l-verifiki rekwiżiti:*

- *f'madwar 25 % tal-każijiet, l-ispezzjonijiet saru mill-ġdid;*
- *l-ispezzjonijiet ġew akkumpanjati f'50 % oħra tal-każijiet;*
- *f'5 % tal-każijiet intużaw iż-żewġ approċċi (it-twettiq mill-ġdid għal ċertu popolazzjonijiet u spezzjonijiet akkumpanjati għal popolazzjonijiet oħra);*
- *f'20 % oħra tal-każijiet, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni ma għamlux distinzjoni espliċita bejn iż-żewġ metodi. Madankollu, huwa ċar mit-tabelli fir-rapporti li dawn il-korpi ivverifikaw ukoll il-kwalità tal-ispezzjonijiet bl-użu ta' mill-inqas metodu wieħed.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.59. Barra minn hekk, il-korpi ta' ċertifikazzjoni mhux dejjem jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati tal-ispezzjonijiet li reġgħu saru. Il-Qorti tikkunsidra li informazzjoni bħal din tista' tkun utli għall-Kummissjoni biex din tivvaluta b'mod affidabbli l-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

**3.59.** *Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni huma rekwiżiti li jżommu, għal kull verifika magħmula, traċċa tal-awditjar dettaljata biżżejjed. Madankollu, il-Kummissjoni ma tirrikjedix li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jipprovdu, fir-rapport sottomess lill-Kummissjoni, dettalji tal-verifiki kollha magħmula (fit-total madwar 3 700 kull sena), iżda pjuttost li jipprovdu rapport sommarju tax-xogħol magħmul u l-konklużjonijiet ġenerali. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni ġew mitluba mis-sena finanzjarja 2010 'il quddiem li jipprovdu informazzjoni dettaljata għal dan ir-rigward.*

3.60. Il-Qorti tinnota li għal għadd ta' aġenziji tal-pagament il-korpi ta' ċertifikazzjoni ma setgħux jikkonfermaw l-affidabbiltà tal-istatistika ta' kontroll jew minħabba li r-rapporti ma kinux kompleti jew għaliex ma kinux disponibbli.

**3.60.** *Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni ħelsu lilhom infushom mir-responsabbiltajiet tagħhom b'mod tajjeb, billi jew għamlu rapport u taw il-konklużjonijiet tagħhom fuq ix-xogħol li jkun sar, jew għamlu senjalazzjoni fejn dan ma kienx possibbli. Din il-kwistjoni ġiet irrappurtata b'mod ċar fir-Rapport tal-Attività Annwali 2009 tad-Direttorat-Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u qiegħda tiġi segwita mill-Kummissjoni li talbet li l-aġenziji tal-ħlas fl-Istati Membri affettwati għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex fil-futur jiżguraw il-kunsinna fil-ħin ta' informazzjoni preċiża.*

3.61. Fl-2009, il-Kummissjoni offriet lill-Istati Membri l-possibbiltà li jitolbu lill-korpi ta' ċertifikazzjoni biex jerġgħu jwettqu kampjun rappreżentattiv ta' kontrolli u jivverifikaw li dawn il-kontrolli fuq il-post ġew segwiti kif xieraq. Jekk il-korp ta' ċertifikazzjoni jista' fuq din il-bażi jikkonferma l-preċiżjoni tal-istatistika ta' kontroll tal-Istat Membru, imbagħad il-Kummissjoni taċċetta li r-rata ta' żball li tirriżulta tirrappreżenta r-riskju massimu possibbli, jiġifieri li l-korrezzjonijiet finanzjarji għas-sena inkwistjoni ma jistgħu qatt ikunu ogħla minn dak il-livell. Dawn id-dispożizzjonijiet huma mistennija li jidħlu fis-seħħ fl-2010 għas-snin finanzjarji 2011 'il quddiem.

**3.61.** *Fil-mument li sar dan ir-rapport, ħafna Stati Membri indikaw li huma se jitolbu lill-korpi taċ-ċertifikazzjoni sabiex jagħmlu x-xogħol meħtieġ jew qegħdin jikkunsidraw għandhomx jagħmlu dan.*

*Barra dan, il-Kummissjoni qiegħda tinnota li l-prestazzjoni mill-ġdid m'għandhiex tkun limitata għall-verifiki fuq il-post, iżda għandha tkopri l-immaniġġjar totali tal-fajl, mill-irċevuta tal-applikazzjoni għall-għajnuna għall-kalkolu u t-twettiq tal-ħlas finali, inkluża l-applikazzjoni ta' kwalunkwe sanzjoni (ittestjar sostantiv).*

## L-Oqsma tal-Politika l-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, is-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur

3.62. L-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd kif ukoll is-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur huma ġestiti mill-Kummissjoni b'sistemi ta' kontroll speċifiċi. Il-verifika eżaminat is-sistema ta' kontroll intern relatata ma' programmi għall-eradikazzjoni ta' mard tal-annimali ([36]) ġestiti mid-DĠ SANCO.

### Sistema ta' Kontroll Intern relatata ma' programmi ta' eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u programmi ta' monitoraġġ

3.63. F'dan il-kuntest ġew ittestjati 30 pagament magħżula b'mod każwali għal programmi ta' eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u programmi ta' monitoraġġ. Il-verifika żvelat li ma hemm la segregazzjoni sistematika tal-funzjonijiet u lanqas definizzjoni u distinzjoni ċara tal-irwoli u d-doveri tal-uffiċjali inizjaturi u dawk tal- verifika. L-istess jgħodd għall-uffiċjali veterinarji u dawk finanzjarji. Barra minn hekk, il-kontrolli ewlenin mhumiex implimentati abbażi ta' analiżi ta' riskju formali riveduta perjodikament.

**3.63.** *Id-dmirijiet u r-rwoli tal-uffiċjali (inizjaturi u verifikaturi finanzjarji, inizjaturi u verifikaturi operattivi) jiġu stabbiliti fid-deskrizzjoni tax-xogħol. Il-Kummissjoni għandha tkompli tiċċara s-segregazzjoni tad-dmirijiet bejn l-uffiċjali differenti. Jista' wkoll jidher mid-deċiżjonijiet annwali konsekuttivi relatati mal-kontribuzzjonijiet maħsuba tal-UE lejn il-programmi ta' qerda/sorveljanza tal-mard li l-leġiżlazzjoni qiegħda tevolvi skont il-funzjoni tal-ħtiġijiet tal-qasam u r-riskji (il-limiti massimi jiżdiedu/jitnaqqsu, il-miżuri eliġibbli jiġu adattati u definiti b'mod aħjar, ir-rekwiżiti tar-rappurtaġġ jiġu aġġornati u mtejba).*

([36]) Il-Linja tal-baġit Nru 17.04.01.01

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.64. Xi proċeduri ta' kontroll importanti jithallew għad-diskrezjoni tal-uffiċjali individwali. Billi l-kontrolli interni mhumiex standardizzati, hemm riskju ta' nuqqas ta' twettiq ta' kontrolli importanti. Ma hemm ebda rapport standardizzat tal-uffiċjali veterinarji dwar l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi u ma hemm ebda listi ta' kontroll standardizzati għall-kontrolli li jsiru. Fl-aħħar nett, l-għadd żgħir ta' verifiki *ex post* ma jikkontribwix b'mod adegwat għall-għoti ta' assigurazzjoni li l-pagamenti huma nieqsa minn żball materjali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.64.** *Għalkemm in-natura tal-programmi mhijiex paragunabbli għal kollox (qerda vis-à-vis il-monitoraġġ) qed jiġi maħsub massimu ta' standardizzazzjoni għall-kontroll, ir-rappurtaġġ u l-verifika interni. Wieħed għandu jiftakar li l-inizjaturi finanzjarji u l-uffiċjali veterinarji għandhom l-esperjenza u jaġixxu taħt superviżjoni stretta tal-ġerarkija diretta.*

*Minħabba nuqqas ta' riżorsi umani matul l-2009 u l-prijorità li kellha tingħata lill-awditjar* ex-ante *fuq il-Fond ta' Emerġenza, seta' jsir biss numru żgħir ta' awditjar* ex-post*. Madankollu, minħabba li l-kontrolli* ex-post *jiġu organizzati fuq bażi ta' sentejn, iżjed minn 35 % tal-ammont imħallas seta' jiġi verifikat* ex-post*. Il-Kummissjoni tisħaq li l-blokki kollha tal-bini meħuda flimkien jipprovdu assigurazzjoni raġjonevoli (valutazzjoni tal-maniġment tas-sistema interna kollha tal-kontroll, riżultati tal-awditjar, segwitu tar-riżerva u l-pjan ta' azzjoni tas-sena ta' qabel għall-awditjar minn snin ta' qabel u l-assigurazzjoni rċevuta minn uffiċjali oħra tal-awtorizzazzjoni f'każijiet ta' sottodelegazzjoni maqsuma).*

## L-AFFIDABBILTÀ TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI

3.65. Il-Qorti rrivediet ir-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni, b'mod partikolari r-Rapporti ta' Attività Annwali (RAA) u d-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi Ġenerali, għad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni AGRI, ENV, MARE U SANCO. Ir-riżultati tar-reviżjoni huma miġbura fil-qosor fl-***Anness 3.3***.

3.66. Fir-RAA tiegħu d-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura jikkonkludi li ma hemm ebda prova ta' problemi maġġuri li jistgħu jaffettwaw l-assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali. Filwaqt li jirreferi għar-riżultati tal-verifika tad-DĠ AGRI stess u r-riżultati tal-ispezzjonijiet fuq il-post magħmula mill-Istati Membri, huwa jikkonkludi li r-rata ta' żball residwu għal għajnuniet diretti, intervent fis-suq u miżuri għall-iżvilupp rurali hija inqas minn 2 %.

**3.66.** *Il-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u r-rapport tal-attività annwali tad-Direttorat-Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali ġew stabbiliti skont il-linji gwida interni tal-Kummissjoni u, għar-raġunijiet stabbiliti fit-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 3.67 sa 3.69, jagħtu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità tal-infiq agrikolu.*

*Ir-riżerva dwar il-miżuri tal-iżvilupp rurali taħt l-Assi 2 hija bbażata fuq il-linji gwida tal-Kummissjoni li jipprovdu dispożizzjoni għall-valutazzjoni tal-materjalità f'livell ta' UE skont l-attività ABB. Għal dak li jirrigwarda t-tneħħija tar-riżerva għall-Greċja, ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.69.*

*Ir-Rapport tal-Attività Annwali tal-2009 tad-Direttorat-Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jsemmi li r-rata tal-iżball residwu għall-infiq agrikolu bħala total hija inqas minn 2 %, waqt li għall-FAEŻR hija kemm kemm ogħla.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.67. Il-Qorti ma tapprovax l-approċċ tad-DĠ AGRI li jirrestrinġi l-kunċett ta' żball residwu għal anomaliji stabbiliti matul l-ispezzjonijiet fuq il-post. Dan l-approċċ jinjora żbalji residwi li jirriżultaw minn kontrolli reċiproċi magħmula fuq il-bażi ta' databases mhux preċiżi jew segwitu inadegwat ta' anomaliji. Il-Qorti tapplika approċċ ta' verifika integrata li tkopri ż-żewġ komponenti tal-iżball residwu għal kull tranżazzjoni. Il-verifika tal-Qorti wriet li, għal diversi tranżazzjonijiet, il-kontrolli amministrattivi naqsu milli jsibu żbalji. Dawn id-dgħufijiet fil-kontrolli amministrattivi huma kkonfermati wkoll mir-riżultati tal-verifika tas-sistemi tal-IACS tal-Qorti. Barra minn hekk, il-verifika tal-Qorti żvelat li jista' jkun hemm biss assigurazzjoni limitata fuq il-kwalità tal-ispezzjonijiet fuq il-post magħmula mill-Istati Membri.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.67.** *L-Istati Membri huma rekwiżiti taħt ir-regoli rilevanti tal-UE li jwettqu kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet kollha tal-għajnuna rċevuti. Bħala prinċipju, il-ħlasijiet huma konsegwentement ħielsa minn kwalunkwe żball li jista' jiġi skopert permezz ta' kontrolli amministrattivi bħal dawn. L-approċċ tad-DG AGRI għad-determinazzjoni tar-rata tal-iżball residwu fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifiki fuq il-post magħżula b'mod każwali huwa għalhekk konċettwalment korrett.*

*Il-Kummissjoni hija konxja li l-punti debboli fil-kontrolli amministrattivi jew il-verifiki fuq il-post jimplikaw ir-riskju li r-rati tal-iżbalji fl-istatistiċi tal-kontroll li tirċievi mill-Istati Membri mhux qegħdin jiġu spjegati b'mod effettiv. Sabiex jiġi indirizzat dan ir-riskju, id-DG AGRI applika marġni ta' sigurtà ta' żieda ta' 25 % f'dawn ir-rati tal-iżbalji.*

3.68. Ir-RAA tad-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura fih riżerva fir-rigward tan-nefqa taħt l-IACS fil-Bulgarija u r-Rumanija. Filwaqt li dawk ir-riżervi huma konsistenti mar-riżultati tal-verifika tas-sistemi tal-Qorti magħmula fl-2008, il-Qorti ttenni l-osservazzjoni preċedenti tagħha li kien prematur li titneħħa r-riżerva li kienet ilha hemm fir-rigward tal-IACS fil-Greċja.

**3.68.** *Ir-riżerva għall-Greċja kienet ġustifikata bir-riskju għoli għar-reputazzjoni għall-Kummissjoni li rriżulta mill-implimentazzjoni insuffiċjenti tas-SIAK fil-Greċja u mhux bir-riskju finanzjarju għall-baġit tal-UE li jirriżulta min-nuqqasijiet, li dejjem ġie kopert mill-korrezzjonijiet finanzjarji imposti fuq il-Greċja permezz tal-proċeduri tal-approvazzjoni tal-konformità. Wara li l-Greċja kienet kompliet il-pjan ta' azzjoni tagħha għar-rimedju tan-nuqqasijiet sal-aħħar tal-2008, dan ir-riskju reputazzjonali għoli ma baqax jeżisti u għalhekk kien totalment ġustifikat li r-riżerva titneħħa. Barra dan, ir-riskju finanzjarju għan-nuqqasijiet tal-passat huwa kopert biżżejjed taħt il-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità li biha, sa issa, madwar 866 miljun EUR ġew jew qegħdin jiġu esklużi mill-finanzjament tal-UE.*

3.69. Ir-RAA tad-Diretturi Ġenerali għall-Ambjent u għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fihom riżervi li huma konformi mas-sejbiet preċedenti tal-Qorti. Filwaqt li r-RAA tad-Direttur Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi ma fih ebda riżerva, l-iżbalji li jolqtu l-attivitajiet tas-Sikurezza tal-Ikel u tal-Għalf, flimkien ma' kopertura insuffiċjenti tal-verifika kien imissha rriżultat f'riżerva.

**3.69.** *Grazzi għal riżorsi umani addizzjonali u bl-użu ta' kapaċità żejda permezz tal-esternalizzazzjoni ta' ċertu awditjar, parti sinifikanti tal-ammont totali li għandu jitħallas fl-2010 ġiet u għandha tiġi awditjata. Għandu jitwettaq awditjar* ex-ante *fuq kważi 40 % ta' dan l-ammont. Barra dan iżjed minn 35 % tal-ammont għandu jiġi awditjat* ex-post. *Dan għandu jwassal għal livell għoli ħafna ta' kamp ta' applikazzjoni.*

## KONKLUZJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

3.70. Abbażi tax-xogħol ta' verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li l-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għall-Agrikoltura u r-Riżorsi Naturali kienu milquta minn żbalji materjali.

**3.70.** *Il-Kummissjoni jidhrilha li rata ta' żbalji li matul is-snin reċenti qiegħda toxxilla f'livell ta' madwar 2 % tikkonferma l-valutazzjoni ġenerali pożittiva tas-snin ta' qabel.*

*Barra dan ir-riskju tal-baġit tal-UE huwa kopert b'mod adegwat mill-proċedura tal-approvazjoni tal-konformità.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| 3.71. Abbażi tax-xogħol ta' verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għall-Agrikoltura u r-Riżorsi Naturali huma ġeneralment, l-aktar, parzjalment effettivi biex jizguraw ir-regolarità tal-pagamenti.<br><br>3.72. Fir-rigward tal-IACS il-Qorti tikkonkludi li hemm il-ħtieġa għal titjib sinifikanti speċjalment fi tlieta mit-tmien aġenziji tal-pagament ivverifikati (ara l-paragrafu 3.33). | **3.71.–3.72.** *Il-Kummissjoni għadu jidhrilha li, kif ġie rikonoxxut mill-Qorti fir-rapporti annwali tas-snin ta' qabel sa mill-2005, is-SIAK ġeneralment hija sistema effettiva ta' kontroll għat-tnaqqis tar-riskju ta' żball jew infiq irregolari, bil-kundizzjoni li tiġi applikata tajjeb (ara wkoll ir-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafi 3.32 u 3.33).*<br><br>*Il-Kummissjoni sabet li għas-sena tal-klejm 2008, kienu jeżistu nuqqasijiet sinifikanti fis-SIAK fil-Bulgarija u r-Rumanija. Bħal riżultat dawn iż-żewġ Stati Membri waqqfu pjanijiet ta' azzjoni fl-2009 li ġew segwiti mill-qrib mill-Kummissjoni. Billi, madankollu, it-tlestija ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni hija maħsuba biss għall-2011 u diġà hemm ċertu dewmien fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet individwali, id-Direttorat-Ġenerali tad-DG AGRI għamel riżerva għas-SIAK fil-Bulgarija u r-Rumanija fir-rapport tal-attività annwali tiegħu tal-2009, ibbażata fuq ir-riskju reputazzjonali tal-Kummissjoni.*<br><br>*Stati Membri oħra għandhom nuqqasijiet ta' natura iżgħar fis-SIAK tagħhom li ma jagħmlux is-sistemi tagħhom ineffettivi iżda, pjuttost, perfettibbli u li għalihom ħadu jew qegħdin jieħdu azzjoni sabiex isibu soluzzjoni għan-nuqqasijiet tagħhom.*<br><br>*Dawn in-nuqqasijiet kollha jiġu segwiti permezz ta' proċeduri tal-approvazzjoni tal-konformità li jiżguraw li r-riskju għall-baġit tal-UE jiġi kopert b'mod adegwat.*<br><br>*L-aġġornamenti tal-LIPS dejjem huma meħtieġa minħabba li kemm il-possibilitajiet tekniċi kif ukoll ir-realtà fil-qasam qegħdin jevolvu b'mod kostanti. Barra dan, issa huwa obbligu legali għall-Istati Membri li jagħmlu valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-LIPS tagħhom. Ir-riżultat tal-verifika tal-kwalità għandu jindika jekk ikunx jeħtieġ tisħiħ jew le.* |
| 3.73. Il-Qorti tirrikkmanda li d-dgħufijiet identifikati fis-sistemi jiġu solvuti. F'dan ir-rigward, id-dgħufijiet l-aktar urġenti li għandhom jiġu indirizzati għall-SPS u s-SAPS huma: | **3.73.** |
| (a) li jingħelbu d-dgħufijiet tas-sistemi li jwasslu għal żbalji relatati ma' art ineliġibbli jew dikjarazzjonijiet żejda ta' art kif ukoll bħala intitolamenti mhux preċiżi, b'mod partikolari billi jittejbu l-affadibbiltà u l-kompletezza tad-*data* rreġistrata fl-LPIS (eż. l-ortoritratti l-aktar reċenti); | **(a)** *Il-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq bażi kontinwa, flimkien mal-Istati Membri, fuq azzjonijet għat-titjib tal-affidabbiltà tal-informazzjoni fil-LPIS-GIS. Mis-sena tal-klejm 2010 l-Istati Membri huma obbligati li jwettqu valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS-GIS fuq bażi annwali skont proċeduri determinati minn qabel u li jagħmlu rapport dwar ir-riżultati u l-azzjonijiet maħsuba għat-titjib tas-sitwazzjoni fejn ikun meħtieġ.* |
| (b) li jiġi żgurat li d-databases kollha tal-IACS jipprovdu sekwenza tal-verifika affidabbli u kompleta għall-modifiki kollha magħmula; | **(b)** *L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 885/2006, bħala parti mill-kriterji tal-akkreditament, diġà jirrikjedi li jkun hemm traċċa tal-awditjar. Dawn il-kriterji jiġu verifikati mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni fuq bażi annwali.* |

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| (c) li jiġu ċċarati u infurzati aktar ir-regoli sabiex l-għajnuna diretta tal-UE ma tithallasx lil applikanti li la użaw l-art għall-agrikoltura u lanqas ma jżommuha f'GAEC; | **(c)** *Il-kwistjoni tad-definizzjoni tal-bidwi msemmija mill-Qorti ġiet indirizzata fil-qafas tal-Verifika tas-Saħħa bl-għoti lill-Istati Membri tal-possibbiltà li jeskludu persuni naturali jew legali mill-iskemi tal-ħlas dirett li l-punti ewlenin tan-negozju tagħhom ma jikkonsistux fl-eżerċizzju ta' attività agrikola jew li l-attivitajiet agrikoli tagħhom huma insinifikanti (Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009).*<br><br>*Iżjed riflessjonijiet fuq din il-kwistjoni jistgħu jiġu maħsuba fil-kuntest tal-PAK post-2013, b'kunsiderazzjoni tal-ħtieġa li jiġu evitati regoli komplikati li jistgħu jirriżultaw f'sistema kumplessa ta' kontroll li l-implimentazzjoni tagħha tista' tqum ħafna u tkun kuntrarja għall-isforzi ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni.* |
| (d) li jiġu ffissati rekwiżiti minimi ta' żamma annwali f'livell tal-UE għall-art ta' mergħa biex din tkun eliġibbli għall-għajnuna diretta tal-UE. | **(d)** *Is-sistema attwali tipprovdi qafas legali komuni li fih l-Istati Membri huma responsabbli għad-definizzjoni tal-kriterji ta' manutenzjoni taħt il-KAAT. Dan jippermetti li d-diversità taż-żoni agrikoli u t-tradizzjonijiet fl-UE jiġu kkunsidrati.* |
| 3.74. Il-Qorti tisħaq ukoll li aktar sforzi huma meħtieġa fil-qasam tal-Iżvilupp Rurali biex jiġu semplifikati aktar ir-regoli u l-kundizzjonijiet. | **3.74.** *Għall-perjodu 2007-13, il-Kummissjoni diġà implimentat simplifikazzjonijiet fil-Politika Agrikola Komuni, inkluż l-iżvilupp rurali, u għandha tkompli tagħmel dan fil-ġejjieni. Madankollu, iżjed simplifikazzjoni bħal din mhix ser tkun biżżejjed għat-tnaqqis tar-rata ta' żbalji f'ċertu żoni ta' żvilupp rurali taħt il-livell stabbilit mill-Qorti ta' 2 % mingħajr ir-riskju li jiġu kompromessi l-għanijiet tal-politika. Għalhekk, il-Kummissjoni ipproponiet li għall-ispiża tal-FAEŻR, għandu jiġi stabbilit riskju tollerabbli ta' livell ta' żbalji fil-medda ta' bejn 2 % u 5 %. Rata ta' żbalji ta' madwar in-nofs ta' din il-medda għandha tkun aċċettabbli u ġustifikata. 'Il fuq minn dan il-livell, għandha tittieħed azzjoni addizzjonali sabiex tnaqqas ir-rata ta' żbalji permezz ta' iżjed kontrolli u l-indirizzar tal-ikbar kawżi ta' żbalji.* |
| 3.75. Barra minn hekk, il-Qorti tikkunsidra li l-linji gwida tal-Kummissjoni fir-rigward tax-xogħol li jrid isir mill-korpi ta' ċertifikazzjoni jridu jiġu riveduti fir-rigward tan-natura, il-kopertura u l-obbligi tar-rappurtar, speċjalment f'dak li hu relatat mal-validazzjoni tal-istatistika tal-kontroll u l-ispezzjoni tal-Istati Membri. | **3.75.** *Il-Kummissjoni jidhrilha li l-istruttura ġenerali u r-rekwiżiti tar-rappurtaġġ ta' dawn huma xierqa, b'mod partikolari bħala bażi tad-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni finanzjarja (ara wkoll il-paragrafu 3.54). Il-linji gwida riveduti għas-sena finanzjarja 2010 tqassmu fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Fondi Agrikoli tat-18 ta' Ġunju 2010. Il-bdil ġie limitat għall-modalitajiet tar-rappurtaġġ u ma affettwax ix-xogħol li kellu jitwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni.*<br><br>*Barra dan, għal dak li jirrigwarda x-xogħol relatat mal-istatistiċi tal-kontroll u l-ispezzjoni, il-Kummissjoni riċentement ressqet sistema li biha l-Istati Membri jistgħu jinfurzaw il-qafas ġenerali sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġjonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-benefiċjarji finali. Għal dan il-fini, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jestendu x-xogħol tagħhom lil hinn mir-rekwiżiti preżenti billi jwettqu kompletament mill-ġdid, għal popolazzjoni speċifika ta' nfiq, kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet li l-aġenzija speċifika li tkun qiegħda tħallas tkun ivverifikat fuq il-post. Ix-xogħol għandu jkopri l-immaniġġjar komplut tal-fajl, mill-irċevuta tal-applikazzjoni għall-għajnuna sal-kalkolu u t-twettiq tal-ħlas finali.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.76. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jittieħdu miżuri effettivi, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati, sabiex jiġu evitati pagamenti dwar nefqiet ineliġibbli għal proġetti tas-sajd. Kontrolli interni fuq pagamenti għal programmi ta' eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u programmi ta' monitoraġġ maħruġa lill-Istati Membri jeħtieġu segregazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn is-Servizzi tal-Kummissjoni u l-iżvilupp ta' proċeduri formali xierqa ta' kontroll.

3.77. Segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti jinsab miġbur fil-qosor fl-***Anness 3.4***.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.76.** *Għall-perjodu tal-programmazzjoni 2000-06, il-Kummissjoni ħadet l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex tikkoreġi l-ammonti ineliġibbli. Waqt l-eżerċizzju tal-għeluq għandu jiġi żgurat li l-ammonti kollha ineliġibbli jitnaqqsu mill-klejm finali.*

*Taħt l-EFF, l-ambjent tal-kontroll ġie rinfurzat b'dispożizzjonijiet ġodda dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' nfiq ineliġibbli. Il-Kummissjoni teżerċita rwol superviżorju, billi tivverifika l-fiduċja li tista' titqiegħed fuq ix-xogħol tal-Awtoritajiet tal-Awditjar fl-Istati Membri. Taħt ġestjoni konġunta, ir-responsabbiltà għall-kontroll fuq l-art taqa' fuq l-Istati Membri. L-ambjent tal-kontroll deskritt hawn fuq jiżgura li l-Istati Membri jkunu waqqfu sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll affidabbli u effettivi għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' nfiq ineliġibbli.*

*Barra dan id-Direttorat-Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u l-Industriji tas-Sajd b'kooperazzjoni mad-Direttorat Ġenerali tal-Fondi Strutturali l-ieħor qed joħroġ b'mod regolari noti ta' gwida dwar suġġetti ta' interess komuni għat-titjib tal-effettività tas-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll li huma mwaqqfa.*

**3.77.** *Ara r-risposti tal-Kummissjoni fl-Anness 3.4.*

ANNESS 3.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-AGRIKOLTURA U R-RIŻORSI NATURALI*

| | 2009 | | | | | | | | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | FAEG | | RŻ | | SANCO, ENV, MARE | | Total | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet totali *(li minnhom)*: | 148 | | 80 | | 13 | | **241** | | 204 | 196 |
| Pagamenti bil-quddiem | 0 | | 0 | | 0 | | **0** | | 0 | 0 |
| Pagamenti interim/finali | 148 | | 80 | | 13 | | **241** | | 204 | 196 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** | | | | | | | | | | |
| *(f'% u għadd ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet mhux milquta minn żball | 76 % | {113} | 69 % | {55} | 54 % | {7} | **73 %** | **{175}** | 68 % | 69 % |
| Tranżazzjonijiet milquta minn żball | 24 % | {35} | 31 % | {25} | 46 % | {6} | **27 %** | **{66}** | 32 % | 31 % |
| **ANALIŻI TAT-TRANŻAZZJONIJIET MILQUTA MINN ŻBALJI** | | | | | | | | | | |
| *(f'% u għadd ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' żball** | | | | | | | | | | |
| Żbalji mhux kwantifikabbli | 31 % | {11} | 36 % | {9} | 67 % | {4} | 36 % | **{24}** | 32 % | 36 % |
| Żbalji kwantifikabbli | 69 % | {24} | 64 % | {16} | 33 % | {2} | **64 %** | **{42}** | 68 % | 64 % |
| *li jinkludu:* Eliġibbiltà | 13 % | {3} | 13 % | {2} | 100 % | {2} | **17 %** | **{7}** | 20 % | 36 % |
| Okkorrenza | 0 % | {0} | 6 % | {1} | 0 % | {0} | **2 %** | **{1}** | 2 % | 3 % |
| Preċiżjoni | 87 % | {21} | 81 % | {13} | 0 % | {0} | **81 %** | **{34}** | 78 % | 61 % |
| **IMPATT STMAT TAL-IŻBALJI KWANITIFIKABBLI** | | | | | | | | | | |
| Rata ta' żball l-aktar probabbli: | | | | | | | | | | |
| < 2 % | | | | | | | | | **X** | |
| 2 % sa 5 % | **X** | | | | | | | | | **X** |
| > 5 % | | | | | | | | | | |

## ANNESS 3.2

*RIŻULTATI TAL-EŻAMI TAS-SISTEMI GĦALL-AGRIKOLTURA U R-RIŻORSI NATURALI*

**Valutazzjoni tas-sistemi magħżula ta' sorveljanza u kontroll — FAEG**

| Stat Membru (Aġenzija tal-pagament) | Skema | Nefqa relatata mal-IACS<br>miljuni ta' EUR | Proċeduri u kontrolli amministrattivi biex ikun żgurat pagament korrett inkluża l-kwalità tad-databases | Metodoloġija tal-ispezzjoni fuq il-post, għażla, eżekuzzjoni, kontroll tal-kwalità u rappurtar ta' riżultati individwali | Implimentazzjoni u kontroll ta' GAEC/ Cross-compliance | Valutazzjoni ġenerali |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Litwanja | SAPS | 183,5 | 2 | | | |
| Il-Latvja | SAPS | 69,5 | | | | |
| Is-Slovakkja | SAPS | 179,7 | 1, 2, 4, 5 | A, B, C | a | |
| Ċipru | SAPS | 24,6 | 1, 2, 3, 4, 7, 8 | A, D | | |
| L-Italja (AGREA) | SPS | 409,0 | 6, 7, 9 | A | b, c | |
| Malta | SPS | 2,7 | 3, 4, 5, 7, 10 | A | | |
| Il-Greċja | SPS | 2 077,1 | 2, 3, 5, 6, 7, 9, 11, 12 | A, E, F, D | b, d | |
| Spanja (ir-reġjun Bask) | SPS | 30,0 | 1, 5, 6, 7, 13 | | | |

*Kodiċi*

Effettivi

Parzjalment effettivi

Mhux effettivi

| | |
|---|---|
| 1 | Mingħajr l-esklużjoni ta' karatteristiċi ineliġibbli/ qasam eliġibbli ddikjarati żżejjed fl-LPIS |
| 2 | Sekwenza tal-verifika insuffiċjenti |
| 3 | Il-proċedura tar-reġistrazzjoni tal-klejm mhijiex kompletament affidabbli |
| 4 | Ebda aġġornament ta' erjas eliġibbli fl-LPIS fuq il-bażi ta' ortoritratti ġodda u jew OTS |
| 5 | Ebda kontrolli reċiproċi retroattivi fuq il-bażi ta' informazzjoni aġġornata tal-pakkett ta' referenza |
| 6 | mergħa permanenti u mergħa komuni |
| 7 | Applikazzjoni inkorretta tal-penali |
| 8 | Il-limitu massimu għas-SAPS inqabeż b'madwar 1,44 % u ma ġie applikat l-ebda koeffiċjent ta' tnaqqis |
| 9 | Isiru l-pagamenti SPS qabel ma jiġu solvuti l-anomaliji misjuba |
| 10 | Ġew allokati intitolamenti speċjali kuntrarju għal-leġiżlazzjoni tal-UE lil bdiewa li kellhom ettari eliġibbli għad-dispożizzjoni tagħhom fis-sena tal-introduzzjoni tal-SPS |
| 11 | Dewmien serju fl-istabbiliment tal-LPIS-GIS li jaffettwa l-kwalità tal-kontrolli reċiproċi u l-post |
| 12 | Applikazzjoni mhux dovuta ta' tolleranza ta' 5 % fil-livell tal-kontrolli reċiproċi amministrattivi |
| 13 | Il-proċeduri amministrattivi biex jiġu determinati l-intitolamenti li għandhom jiġu ċeduti lir-riżerva nazzjonali m'għandhom ebda bażi legali |
| A | Tolleranzi tal-kejl mhumiex applikati korrettament / mhux applikati |
| B | Ebda *data* disponibbli dwar rapporti ta' kontroll u spezzjoni għas-sena tal-klejm 2008 |
| C | Ebda tpaċija ta' bilanċi kontra tal-erjas u nuqqasijiet tal-erjas misjuba fi-grupp ta' uċuħ wieħed |
| D | L-ispezzjonijiet fuq il-post tal-benefiċjarji magħżula fil-qafas tal-verifika tas-sistemi wrew differenzi materjali kbar |
| E | Il-benefiċjarji li kklemjaw erjas ta' mergħa fqar ma ġewx spezzjonati |
| F | Il-kwalità tal-ispezzjonijiet fuq il-post instabet li ma kenitx adegwata li wasslet għal riżultati mhux affidabbli |
| a | Rapporti ta' spezzjoni mhux kompleti / mhux dettaljati biżżejjed dwar kontrolli tal-GAEC |
| b | Rekwiżiti nazzjonali tal-GAEC mhux suffiċjenti għal art tal-mergħa u mergħa fqira |
| c | Il-kontrolli tal-GAEC isiru biss bir-remote sensing |
| d | Sanzjonijiet tal-cross compliance applikati b'mod inkorrett |

**Valutazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll magħżula — L-Iżvilupp Rurali**

| Stat Membru (Aġenzija tal-pagament) | Fond | Proċeduri u kontrolli amministrattivi biex ikun żgurat pagament korrett inkluża l-kwalità tad-databases | Metodoloġija tal-ispezzjoni fuq il-post, għażla, eżekuzzjoni, kontroll tal-kwalità u rappurtar ta' riżultati individwali | Implimentazzjoni u kontroll ta' GAEC/Cross-compliance | Valutazzjoni ġenerali |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | FAEŻR | | | | |
| Il-Bulgarija | FAEŻR | | | | |
| Ir-Repubblika Ċeka | FAEŻR | | | | |
| Il-Ġermanja (il-Bavarja) | FAEŻR | | | | |
| Franza | FAEŻR | | | | |
| Il-Greċja | FAEŻR | | | | |
| Ir-Rumanija | SAPARD | | | N/A | |
| Ir-Renju Unit (l-Ingilterra) | FAEŻR | | | | |

**Valutazzjoni ġenerali tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll**

| Valutazzjoni ġenerali | 2009 | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|
| | | | |

*Kodiċi*

| | |
|---|---|
| | Effettivi |
| | Parzjalment effettivi |
| | Mhux effettivi |
| N/A | Mhux applikabbli: pagamenti verifikati mhux soġġetti għal cross-compliance |

ANNESS 3.3

*RIŻULTATI TAR-REVIŻJONI TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI GĦALL-AGRIKOLTURA U R-RIŻORSI NATURALI*

| Id-DĠ ewlenin ikkonċernati | Natura tad-dikjarazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (*) | Riżervi mogħtija | Osservazzjonijiet tal-Qorti | Valutazzjoni ġenerali tal-affidabbiltà |
|---|---|---|---|---|
| **DĠ AGRI** | **b'riżervi** | Nuqqasijiet serji fl-IACS fil-Bulgarija u r-Rumanija.<br><br>Nefqa għal miżuri tal-iżvilupp rurali taħt il-Linja 2 (titjib tal-ambjent u l-kampanja) għall-perijodu ta' pprogrammar 2007-2013. | Il-verifika tas-sistemi tal-Qorti mmexxija fil-qafas tad-DAS 2009 tikkonferma li l-IACS fil-Greċja għadha mhix effettiva biex tiżgura r-regolarità tal-pagamenti; jiġifieri speċjalment għal art tal-mergħa r-rati tal-eliġibbiltà rreġistrati f'LPIS mhumiex affidabbli (ara l-paragrafu 3.38, id-database tal-klejms hija milquta minn nuqqasijiet serji tas-sekwenza tal-verifika (ara l-paragrafu 3.40) u l-kontrolli fuq il-post mhumiex ta' kopertura u kwalità suffiċjenti (ara l-paragrafu 3.46). Barra minn hekk, il-Kummissjoni fir-Rapport ta' Attività Annwali tagħha tal-2009 tgħid li l-akkreditazzjoni tal-aġenzija tal-ħlas Griega ġiet limitata għal miżuri tal-FAEŻR fis-sena tal-klejm 2010. Il-Qorti tikkunsidra li f'dawn iċ-ċirkostanzi r-riżerva għall-Greċja ma kellhiex titneħħa.<br><br>Ir-riżerva hija bbażata fuq ir-rati ta' żbalji li jirriżultaw mill-kontrolli fuq il-post li saru milli-Istati Membri fl-2008. Dawn ir-rati ta' żbalji jvarjaw bil-kbir minn Stat Membru għal ieħor. Id-Direttur Ġenerali ma jispjegax għaliex ir-riżerva tiegħu tapplika għat-tranżazzjonijiet kollha li saru fl-Unjoni Ewropea, u mhux biss għat-tranżazzjonijiet li saru fl-Istati Membri fejn ir-rata ta' żbalji kienet partikolarment għolja fl-2008. Il-Qorti madankollu taqbel li, b'mod ġenerali, huwa aktar probabbli li jkun hemm irregolaritajiet għal tranżazzjonijiet tal-Linja 2 milli għal tranżazzjonijiet ta' Linji oħrajn. | |
| **DĠ ENV** | **b'riżervi** | Eliġibbiltà ta' nefqiet iddikjarati minn benefiċjarji ta' għotjiet. | Ir-riżerva hija konsistenti mas-sejbiet preċedenti tal-Qorti. Ta' min jinnota li d-DĠ ENV ikkalkula ir-"rata tal-iżbalji" tiegħu fuq bażi ta' nuqqas ta' standard (ibbażata fuq ir-riskju). | |
| **DĠ MARE** | **b'riżervi** | Sistemi ta' Ġestjoni u Kontroll għal programmi u miżuri operattivi identifikati tal-SFGS (il-Ġermanja, ir-RU, Spanja, Franza).<br><br>Eliġibbiltà għal pagamenti magħmula lil Stati Membri bħala kumpens għal spejjeż addizzjonali fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mir-Reġjuni L-Aktar Imbiegħda. | Ir-riżervi huma bbażati fuq il-ħidma tal-verifika tad-DĠ. Dawn kienu jikkonformaw mas-sejbiet tal-Qorti stess. | |

| Id-DĠ ewlenin ikkonċernati | Natura tad-dikjarazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (*) | Riżervi mogħtija | Osservazzjonijiet tal-Qorti | Valutazzjoni ġenerali tal-affidabbiltà |
|---|---|---|---|---|
| **DĠ SANCO** | **mingħajr riżervi** | N/A | Id-DĠ SANCO jikkunsidra li żball residwali jkun materjali jekk l-impatt finanzjarju tiegħu fuq ir-rendikonti finanzjarji jkun ogħla mit-2 % tal-baġit annwali tad-DĠ SANCO. Madankollu, għandu jitqies biss il-baġit tal-attività korrispondenti (ABB), kif indikat mid-DĠ BUDG. Fuq bażi tar-riżultati tal-kontroll ex-post tal-2009 u meta jitqies il-karattru rikorrenti tal-livell għoli ta' żbalji misjuba ogħla mil-limitu ta' materjalità (6 %), kien imissha nħarġet riżerva għall-attività tas-Sikurezza tal-Ikel u tal-Għalf (ABB), li kellha rata ta' żbalji ta' 6,9 %. | |

(*) B'referenza għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali, hu/hi għandu/għandha assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll li twaqqfu jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

A: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu evalwazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

B: Id-dikjarazzjoni tar-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu evalwazzjoni parzjalment ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

C: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali ma jagħtux evalwazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità.

ANNESS 3.4

*SEGWITU GĦAL OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-AGRIKOLTURA U R-RIŻORSI NATURALI*

| DĠ | L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|
| **Żvilupp rurali** | | | | |
| AGRI | Sussidji tar-rata tal-imgħax: il-proċeduri fis-seħħ ma jiżgurawx sekwenza tal-verifika adegwata bir-riżultat li r-regolarità tal-pagament tas-sussidji tal-UE lill-benefiċjarji finali ma tistax tiġi vverifikata (Franza) (il-paragrafu 5.15 (*)). | Skont il-Kummissjoni Franza introduċiet sistema amministrattiva ġdida li mill-2008 'il quddiem tagħmilha aktar faċli biex issegwi s-self mill-bank sal-benefiċjarju finali. Il-korp ta' ċertifikazzjoni eżamina l-pagamenti kollha magħmula fl-2009 lill-banek li taw rati tal-imgħax imnaqqsa. Il-korp ta' ċertifikazzjoni sab li l-pagamenti kienu korretti, iżda nnota li s-sistema l-ġdida għadha ma kinitx qed tiżgura traċċabilità kompleta tas-self kollu individwali li fattura tal-bank tirreferi għaliha. Il-Kummissjoni segwiet il-kwistjoni permezz ta' kontrolli speċifiċi fi Franza. | Fl-2009 kien għadu diffiċli li tiġi stabbilita rabta bejn fattura tal-bank għall-ammont ta' tnaqqis tal-imgħax mogħti mill-bank f'perjodu speċifiku u s-self individwali lill-benefiċjarji finali. | *Il-Kummissjoni jidhrilha, fuq il-bażi tal-awditjar tagħha stess, li t-traċċa tal-awditjar tista' tabilħaqq tiġi segwita.* |
| **Żvilupp rurali** | | | | |
| AGRI | Jinħtieġu aktar sforzi fil-qasam tal-iżvilupp rurali sabiex ir-regoli u l-kundizzjonijiet jiġu ssemplifikati aktar (il-paragrafu 5.66 (**)). | Fl-2009 ttieħdet azzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni. Fil-qafas tal-Kunsill, sittax-il Stat Membru ssottomettew proposti konkreti għas-semplifikazzjoni ta' aspetti varji tal-politika agrikola komuni. Ċerti proposti kellhom x'jaqsmu mas-semplifikazzjoni tar-regoli u l-kontrolli li japplikaw għall-cross-compliance u għaldaqstant kienu rilevanti għall-iżvilupp rurali. Is-servizzi tal-Kummissjoni eżaminaw il-proposti u ppjanaw li fl-2010 jissottomettu lill-Kunsill emendi xierqa għar-regoli eżistenti. Fil-laqgħa tiegħu tal-14-16 ta' Diċembru 2009 l-Kunsill esprima sodisfazzjon għall-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssegwi għadd ta' proposti u stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-emendi ssuġġeriti u tkompli taħdem fuq il-proġetti varji ta' semplifikazzjoni li għaddejjin. | Il-passi meħuda fl-2009 juru li ngħatat attenzjoni xierqa għall-ħtieġa li jiġu ssemplifikati ċerti regoli u kundizzjonijiet li japplikaw għal miżuri tal-iżvilupp rurali. Billi n-nefqa tal-iżvilupp rurali hija ggvernata wkoll minn regoli nazzjonali, il-Qorti, bi qbil mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2008, tfakkar li s-semplifikazzjoni għandha tinkiseb ukoll fuq livell nazzjonali. | *Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-punt 3.74.* |

| DĠ | L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|
| **IACS** | | | | |
| AGRI | **Il-Greċja**<br>Għal bosta snin il-Qorti qajmet il-problema ta' implimentazzjoni insuffiċjenti tal-IACS fil-Greċja. L-LPIS fil-Greċja hija inkompleta u fiha żbalji fir-referenzi tal-pakketti. Barra minn hekk, kien hemm nuqqasijiet osservati fil-kontrolli amministrattivi u fuq il-post.<br><br>**Stati Membri Oħrajn**<br>Instabu nuqqasijiet importanti fl-applikazzjoni ta' elementi ewlenin tas-sistema fir-Renju Unit (l-Iskozja), fil-Bulgarija u fir-Rumanija. Għal-daqstant, il-Qorti tqis li l-IACS f'dawn l-Istati Membri mhijiex effettiva biex tiżgura r-regola-rità tal-pagamenti. (il-paragrafu 5.32 (**)). | Ir-Rapport ta' Attività Annwali tad-DĠ AGRI sas-Sena 2007 inkluda riżerva fuq l-IACS fil-Greċja. Fl-2008 l-Kummissjoni ddeċidiet li mill-proċedura tal-klejms tal-2009 l-elementi kollha tal-IACS fil-Greċja huma fis-seħħ u operazzjonali u r-riżerva tista' titneħħa.<br><br>Il-Bulgarija u r-Rumanija stabbilew il-pjanijiet ta' azzjoni, aċċettati mill-Kummissjoni fl-2009 biex jindirizzaw in-nuqqasijiet.<br>Il-Kummissjoni kkunsidrat li n-nuqqas misjub fir-Renju Unit għandu impatt limitat ħafna fuq is-sistema.<br>Il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-każijiet irrap-purtati fil-qafas tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità. | Il-verifika tas-sistemi tal-Qorti mwettqa fil-qafas tad-DAS 2009 kkonfermat li l-IACS fil-Greċja għadha mhijiex effettiva biex tiżgura r-regolarità tal-pagamenti, jiġifieri l-LPIS/GIS fil-Greċja għadha mhix titħaddem għalkollox, id-database tal-klejms hija affettwata minn sekwenza tal-verifika mhux affidabbli, u l-kontrolli fuq il-post mhumiex ta' kopertura u kwalità suffiċjenti (il-paragrafi 3.37, 3.39 u 3.45 (***)).<br>Il-verifika tal-akkreditazzjoni tad-DĠ AGRI tal-aġenzija OPEKEPE fl-2009 żvelat nuqqasijiet serji relatati mal-ġestjoni tal-fond FAEG (id-DĠ AGRI RAA 2009, A.1.3, p.29).<br>Ir-riżultati tal-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għadhom ma jistgħux jiġu evalwati. It-tlestija tal-pjanijiet ta' azzjoni hija prevista biss għall-2011 u diġà hemm xi dewmien fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet individwali. (id-DĠ AGRI RAA 2009)<br>Ir-riżultati tal-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għadhom ma jistgħux jiġu evalwati.<br>Għas-sena tal-klejm 2008 n-nuqqasijiet f'LPIS ġew osservati fil-Greċja, f'Ċipru, fil-Litwanja,f l-Italja u fi Spanja (il-paragrafi 3.37 u 3.38 (***)).<br>Il-Qorti reġgħet osservat dgħufijiet fis-sistema li tamministra l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet.<br>Il-Qorti tirrikkmanda li d-dgħufijiet identifikati tas-sistemi jiġu solvuti. | *Il-Kummissjoni taċċetta li kien hemm problemi bis-SIAK Griega fil-passat, madankollu bil-LPIS-GIS ġdid li huwa operattiv il-problemi ġew solvuti billi r-riskju tnaqqas mis-sena tal-klejm 2009.*<br>*Għal dak li jirrigwarda l-awditjar tal-akkreditament tal-aġenzija OPEKEPE fl-2009 in-nuqqasijiet serji misjuba mid-DĠ AGRI kienu relatati mal-FAEŻR, pjuttost milli mal-FAEG. L-akkreditament għall-OPEKEPE ġie konsegwentement limitat għall-miżuri tal-FAEŻR li għalih twaqqfu sistema tajba ta' kontroll u proċeduri.*<br>*Il-Kummissjoni sabet li għas-sena tal-klejm 2008, kienu jeżistu nuqqasijiet sinifikanti fil-Bulgarija u r-Rumanija. Bħala riżultat ta' dan l-Istati Membri waqqfu pjanijiet ta' azzjoni fl-2009 li ġew segwiti mill-qrib mill-Kummissjoni. Billi huwa maħsub li dawn il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jiġu komple-tati fis-sena 2011 u diġà ġie nnotat xi dewmien mill-Kummissjoni, id-Direttorat-Ġenerali tad-DĠ AGRI għamel riżerva fl-ARR tal-2009 tiegħu bbażata fuq raġunijiet reputazzjonali.*<br>*Stati Membri oħra għandhom problemi ta' natura iżgħar fis-SIAK tagħhom li ma jagħmlux is-sistemi tagħhom ineffettivi iżda, pjuttost, perfettibbli. Għal dawn l-Istati Membri, ġew stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni u l-problemi li nstabu fis-snin ta' qabel ġew rettifikati jew qegħdin jagħmlu progress biżżejjed f'dik id-direzzjoni.*<br>*Għall-Greċja, l-Italja, Spanja u l-Portugall il-punti debboli fil-kontrolli amministrattivi huma parti minn proċeduri tal-konformità li għadhom fis-seħħ.* |

| DĠ | L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|
| | **LPIS**<br>Il-Qorti sabet nuqqasijiet sostanzjali f'LPIS f'żewġ Stati Membri li jaffettwaw b'mod serju l-effiċjenza tal-kontrolli reċiproċi amministrattivi (BG u UK). Fi Stat Membru ieħor (ES) erjas ineliġibbli (art tal-mergħa parzjalment imsaġġra u/jew muntanjuża bil-blat) kienu aċċettati għall-pagament minħabba l-koeffiċjenti ġenerużi applikati. (il-paragrafu 5.36 (**)).<br>F'xi pajjiżi s-saff grafiku tal-LPIS (GIS) fih ritratti mill-ajru li għadda żmienhom (il-paragrafi 5.30(b) u (c) (*)).<br>Fi Stat Membru wieħed, il-Qorti sabet ukoll li ma kienx hemm limitu massimu ffissat adegwat fuq pagament ibbażat fuq ortoritratti (PL). | Il-Kummissjoni emendat ir-Regolament (KE) Nru 1122/2009 (emenda fir-Regolament (KE) Nru 146/2010) b'rekwiżit għall-Istati Membri biex jagħmlu evalwazzjoni annwali tal-kwalità tal-LPIS tagħhom u fejn xieraq ifasslu pjan ta' azzjoni bħala rimedju għan-nuqqasijiet identifikati. (id-DĠ AGRI RAA 2009, p.48)<br>Il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-każijiet irrappurtati fil-qafas tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità. | | |
| | **Kontrolli amministrattivi**<br>Ġew identifikati dgħufijiet fil-kontrolli amministrattivi fil-pagamenti diretti akkoppjati fil-verifika tad-DAS 2007 fil-Greċja, fl-Italja, fi Spanja u fil-Portugall: input żbaljat tad-*data* tal-applikazzjoni, pagamenti għal skemi ta' għajnuna multipli inkompatibbli fuq l-istess pakkett u nuqqas ta' applikazzjoni korretta ta' penali u sanzjonijiet, li wasslu għal pagamenti żejda. (5.27(a) (*)). | Il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-każijiet irrappurtati fil-qafas tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità. | | |
| **SPS** | | | | |
| AGRI | Il-verifika sabet nuqqasijiet sistematiċi fil-kalkolu tal-intitolamenti (il-paragrafi 5.22 sa 5.26 (*) 5.38 (**)).<br>It-twettiq mill-ġdid tal-kontrolli li saru mill-Qorti sab għadd ta' dgħufijiet speċifiċi fil-kwalità tal-kontrolli fuq il-post u identifika erjas jew pakketti ineliġibbli li kien imisshom ġew esklużi mill-ispetturi nazzjonali. (il-Greċja, l-Italja, Spanja, il-Portugall) (il-paragrafu 5.28 (*)). | Il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-każijiet irrappurtati fil-qafas tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità. | Il-verifiki tal-Qorti għadhom jiżvelaw nuqqasijiet fil-kalkolu tal-intitolamenti u dgħufijiet fil-kontrolli (il-paragrafi 3.40, 3.41, 3.44, 3.45 (***)). | *Il-Kummissjoni qiegħda ssegwi nuqqasijiet identifikati fil-kuntest tal-proċedura tal-konformità tal-approvazzjoni tal-kontijiet.* |

| DĠ | L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|
| **Ir-rekwiżiti tal-GAEC** | | | | |
| AGRI | Il-Qorti sabet nuqqasijiet fir-rigward tad-definizzjoni tal-Istati Membri tal-bidwi u ta' x'inhu meħtieġ għaż-żamma tal-art f'GAEC b'tali mod li ċerti benefiċjarji jitħallsu għajnuna taħt l-SPS jew is-SAPS mingħajr ma jagħmlu xejn bl-art ikkonċernata.(il-paragrafu 5.49 (**)). | Fir-Regolament (KE) Nru 73/2009 l-Artikolu 28 idaħħal dispożizzjoni – li hija fakultattiva għall-Istati Membri – sabiex persuni naturali jew legali, li għandhom attivitajiet agrikoli insinifikanti, jiġu esklużi mill-iskemi tal-pagamenti. Min-naħa l-oħra madankollu – fir-rigward taż-żamma tal-art – il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li s-sistema kurrenti tipprovdi biżżejjed garanziji li l-art titħaddem b'konformità mal-GAEC. (id-DĠ AGRI RAA 2009) Għaldaqstant il-Kummissjoni ma tippjanax li tieħu miżuri addizzjonali f'dan ir-rigward. | Il-Qorti tirrikkmanda li r-regoli relatati mal-GAEC u ż-żamma minima għandhom jiġu ristretti aktar (3.73(c), (d) (***)). | *Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.73.* |
| ENV | Għal miżuri ambjentali, il-proġetti ffinanzjati mill-fond ewlieni (proġetti LIFE) inkludew nefqa ineliġibbli (il-paragrafu 5.49 (*)). | Id-DĠ Ambjent stabbilixxa pjan ta' azzjoni biex itejjeb l-eliġibbiltà tan-nefqa ddikjarata minn benefiċjarji ta' għotjiet fl-2008. Għaddej il-proċess sabiex azzjoni addizzjonali biex titqajjem kuxjenza fost il-benefiċjarji u azzjonijiet ta' prevenzjoni tiġi adottata fl-2010. | L-impatt ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni għad irid jiġi vvalutat iżda d-DĠ ENV ħareġ riżerva fir-rigward ta' nefqa ddikjarata ineliġibbli. | *Il-Qorti għamlet l-istima tagħha fuq bażi tar-rapporti tal-awditjar maħruġa fl-2009. Billi numru kbir ta' rapporti li saru tard inħareġ fl-2009 grazzi għall-isforzi magħmula għat-tnaqqis tax-xogħol pendenti, dan awtomatikament iżid id-dewmien apparenti tar-rapport.* |
| | Kien għad baqa' dewmien importanti fil-konklużjoni tal-verifiki. Madankollu, is-sitwazzjoni tjiebet fl-2007 (il-paragrafu 5.49 (*)). | Id-DĠ ENV indika li għamel sforzi biex inaqqas id-dewmien. | Id-dewmien medju għal rapporti tal-verifika tela' minn 191,6 ġurnata fl-2006 għal 230,5 ġurnata fl-2009 (bejn id-data tal-missjoni tal-verifika u d-data tar-rapport tal-verifika). L-evidenza turi li d-DĠ ENV għadu ma rnexxilux jikkoreġi dan in-nuqqas. | *Il-Kummissjoni hija kunfidenti li d-dewmien għandu jitnaqqas fl-2010 billi huwa effettivament ta' 116,56 jum għar-rapporti maħruġa din is-sena.* |
| MARE | Fil-qasam tal-politika tas-sajd, in-nuqqas ta' regoli legali xierqa u dokumentazzjoni fqira tan-nefqa relatata mal-ġbir tad-*data* għall-ġestjoni tas-sajd iżidu r-riskju li jsiru pagamenti rregolari (il-paragrafu 5.49 (*)). | Il-Kummissjoni indikat li r-regoli legali kienu se jinbidlu fl-2008. Il-bażi legali l-ġdida jkun fiha regoli ċari u għandha tindirizza t-tħassib tal-Qorti. | Ir-Regolament (KE) Nru 1078/2008 li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009 jispjega l-kriterji tal-eliġibbiltà u d-dokumentazzjoni li għandha tiġi sottomessa flimkien mal-klejms għal rimborż. Madankollu, instabu dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li ġew stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali u kien għad baqa' nefqa ineliġibbli fl-2009 fil-verifiki tal-Kummissjoni. | *Huwa tajjeb li l-punti debboli instabu fis-sistema tal-ġestjoni u l-kontroll għall-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali għall-ġbir tad-dejta u li ġie identifikat infiq ineliġibbli. Madankollu, l-awditjar kollu twettaq mal-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi taħt il-qafas legali ta' qabel li skada mal-aħħar tal-2008. Għas-sena li ġejja hemm ippjanat awditjar li jagħmel parti mill-qafas legali l-ġdid, inkluż ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1078/2008, jiġifieri wara li jkun sar il-ħlas tal-bilanċ għall-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid.* |

| DĠ | L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|
| | Ir-responsabbiltajiet li rriżultaw minn każijiet partikolari ta' ftehimiet bilaterali mġedda tas-sajd ma kinux koperti kif dovut mill-impenn tal-approprijazzjonijiet korrispondenti (il-paragrafu 5.49 (*)). | Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-impenji baġitarji li jkopru ftehimiet tas-sajd jistgħu jsiru biss wara li tkun ġiet adottata l-bażi legali (Deċiżjoni u/jew Regolament tal-Kunsill). | Il-Kummissjoni qiegħda fil-proċess li timplimenta politika ta' bidu bikri tal-proċedura għan-negozjar mill-ġdid ta' protokolli u ftehimiet li jippermettu li jsir impenn baġitarju qabel id-dħul fis-seħħ tal-impenn legali. | *Il-Kummissjoni għandha tibda l-proċedura għan-negozjar mill-ġdid tal-protokolli malajr kemm jista' jkun possibbli, ħafna qabel ma jiskadu. Dan jiddependi wkoll fuq ir-rieda tal-istati terzi kkonċernati li jibdew in-negozjar mill-ġdid fi stadju bikri.* |
| | Il-Qorti sabet spejjeż ineliġibbli dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS) (il-paragrafu 5.25 (**)). | Il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ta' kontroll u twettaq attivitajiet ta' verifika *ex post* biex tivverifika li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri jaħdmu b'mod effettiv biex żbalji bħal dawn jiġu evitati. | Fl-2009, il-livell materjali tal-ispejjeż ineliġibbli misjuba mill-Kummissjoni rriżultaw f'riżerva fir-RAA tad-DĠ MARE. | *Fil-qafas tal-eżerċizzju tal-għeluq il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex tnaqqas mid-dikjarazzjoni finali tal-infiq u l-klejm tal-ħlas finali l-ammonti ineliġibbli kollha kemm jekk ikunu identifikati mill-awditjar tal-Kummissjoni, minn attività esterna ta' awditjar jew b'mod ieħor.* |
| SANCO | Fil-qasam tas-saħħa u tal-ħarsien tal-konsumatur saru pagamenti għal miżuri veterinarji fin-nuqqas tad-dokumentazzjoni kollha neċessarja ta' sostenn (il-paragrafu 5.49 (*)). | Għal kuntratti ġodda, il-Kummissjoni introduċiet klawżola li tgħid li l-produttur tat-tilqimiet għandu jagħti prova li t-tilqimiet intbagħtu fil-post kif determinat mill-Kummissjoni. | Il-Kummissjoni ħadet azzjoni korrettiva. L-effettività ta' dawk l-azzjonijiet trid tiġi evalwata. | |

(*) In-numru tal-paragrafu fir-Rapport Annwali tal-QEA tal-2007.
(**) In-numru tal-paragrafu fir-Rapport Annwali tal-QEA tal-2008.
(***) In-numru tal-paragrafu fir-Rapport Annwali tal-QEA tal-2009.

ANNESS 3.5

*IL-KONTIJIET TAL-AĠENZIJI TAL-ĦLAS MHUX APPROVATI GĦALL-2009*

*(miljun euro)*

| Stat Membru | Aġenzija tal-pagaent | Kontijiet mhux approvati (1) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | FAEG | FAEŻR | TRDI |
| Il-Ġermanja | Baden-Württemberg | 428 | 82 | |
| Il-Ġermanja | Bayern StMELF | | 194 | |
| Il-Ġermanja | Hessen | 222 | 16 | |
| Il-Ġermanja | IBH | 1 | 12 | |
| Il-Ġermanja | Helaba | 4 | 5 | |
| Il-Ġermanja | Rheinland-Pfalz | | 36 | |
| Il-Ġermanja | Thüringen | | 73 | |
| L-Estonja | PRIA | | | 3 |
| L-Italja | AGEA | 3 005 | | |
| L-Italja | Basilicata (ARBEA) | 110 | 17 | |
| Ir-Rumanija | PARDF | | 565 | |
| Ir-Rumanija | PIAA | 581 | | |
| Spanja | Andalucia | | 85 | |
| Spanja | Asturias | | 36 | |
| **Total** | | **4 351** | **1 121** | **3** |

(1) Kontijiet li l-Kummissjoni kkunsidrat li ma tistax tapprova fid-deċiżjonijiet tagħha tat-30 ta' April 2010. Dan huwa minħabba raġunijiet attribwibbli lill-Istati Membri kkonċernati li jeħtieġu inkjesti addizzjonali.

*Sors:* Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2010/257/UE, 2010/258/UE u 2010/263/UE (ĠU L 112, 5.5.2010 u ĠU L 113, 6.5.2010).

KAPITOLU 4

# Il-Koeżjoni

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 4.1-4.16 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 4.2-4.14 |
| L-ambitu u l-approċċ tal-verifika | 4.15-4.16 |
| Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 4.17-4.23 |
| Osservazzjonijiet dwar is-sistemi | 4.24-4.31 |
| Is-sistemi li għandhom x'jaqsmu mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 4.25-4.29 |
| Is-sistemi li għandhom x'jaqsmu ma' rkupri u ma' korrezzjonijiet finanzjarji | 4.30-4.31 |
| Affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment mill-kummissjoni | 4.32-4.33 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 4.34-4.39 |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

4.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tal-Qorti tal-Koeżjoni, li tinkludi l-oqsma tal-politika 04 — L-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u 13 — Il-Politika Reġjonali. L-informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u n-nefqa fl-2009 hija pprovduta fit-***Tabella 4.1.***

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.1.** *Il-Kummissjoni tosserva li l-intestaturi tal-baġit 4 u 13 imorru lil hinn mill-politika ta' Koeżjoni. Huma jinkludu d-djalogu soċjali, il-politika dwar l-ugwaljanza tas-sessi, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u għotjiet operazzjonali għall-Aġenziji Ewropej.*

**Tabella 4.1 — Il-Koeżjoni — Informazzjoni ewlenija**

*(miljun euro)*

| It-Titolu tal-Baġit | Il-qasam tal-politika | Deskrizzjoni | Il-pagamenti 2009 | Il-Mod tal-Ġestjoni |
|---|---|---|---|---|
| 4 | L-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali | In-nefqa amministrattiva | 97 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-Fond Soċjali Ewropew | 8 562 | Maqsum |
| | | Ix-xogħol fl-Ewropa – Djalogu soċjali u mobbiltà | 57 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Xogħol, solidarjetà soċjali u ugwaljanza bejn is-sessi | 113 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | 12 | Maqsum |
| | | L-Istrument ta' Għajnuna għal qabel l-Adeżjoni | 65 | Deċentralizzat |
| | | | **8 906** | |
| 13 | Il-Politika Reġjonali | In-nefqa amministrattiva | 83 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u operat reġjonali ieħor | 18 250 | Maqsum |
| | | Il-Fond ta' Koeżjoni (inkluż l-ex-ISPA) | 7 080 | Maqsum |
| | | L-Operat ta' qabel l-adeżjoni relatat mal-politiki strutturali | 705 | Deċentralizzat |
| | | Il-Fond ta' Solidarjetà | 623 | Maqsum |
| | | | **26 741** | |
| | | In-nefqa amministrattiva totali (1) | 180 | |
| | | In-nefqa operazzjonali totali (2) *(li tikkonsisti f')*: | 35 467 | |
| | | — *finanzjament minn qabel* | *12 386* | |
| | | — *pagamenti interim/finali* | *23 081* | |
| | | **Il-pagamenti totali għas-sena** | **35 647** | |
| | | **Impenji totali għas-sena** | **49 719** | |

(1) Hemm rapport dwar il-verifika tan-nefqa amministrattiva fil-Kapitolu 9.

(2) 25,4 biljun euro (71 %) tan-nefqa relatata mal-perijodu 2007-13 u 8,4 biljun euro (24 %) mal-perijodu 2000-06 tal-FEŻR, is-CF u l-FSE. Għall-perijodu 2007-13, 11,3 biljun euro (44 %) kienu pagamenti ta' finanzjament minn qabel.

*Nota:* Informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għall-2009 tista' tinkiseb mill-Parti II tal-Kontijiet Annwali tal-Komunitajiet Ewropej, is-Sena Finanzjarja 2009, id-dokumenti tal-KE (id-DĠ Baġit) "Ir-Rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja – is-sena finanzjarja 2009" u kif ukoll mir-Rapport dwar "L-Analiżi tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni fl-2009".

*Nota:* Dan il-kapitolu jkopri wkoll l-Istrument (Speċjali) ta' Qabel l-Adeżjoni (I(S)PA), id-djalogu soċjali u l-politiki tal-mobbiltà u l-miżuri tal-ugwaljanza bejn is-sessi għaż-żewġ perijodi li propjament ma jagħmlux parti mill-politika ta' Koeżjoni. Hemm rapport dwar in-nefqa tal-iżvilupp rurali u tas-sajd fl-oqsma tal-politika 5 "L-Agrikoltura u l-iżvilupp rurali", u 11 "Is-Sajd".

*Sors:* Il-Kontijiet Annwali tal-2009.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika

### L-objettivi u l-istrumenti tal-politika

4.2. Il-politika tal-koeżjoni għandha l-għan li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi tnaqqas id-differenza fil-livell tal-iżvilupp bejn ir-reġjuni differenti.

4.3. It-tliet fondi li ġejjin jagħmlu tajjeb għall-maġġoranza l-kbira tal-infiq:

(a) il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għall-investimenti fl-infrastruttura, fil-ħolqien jew fiż-żamma tal-impjiegi, fl-inizjattivi ta' żvilupp lokali u fl-attivitajiet ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs);

(b) il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) li jipprovdi għajnuna finanzjarja għat-taqbida kontra l-qgħad, għall-iżvilupp tar-riżorsi umani u għall-promozzjoni tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol; u

(c) il-Fond ta' Koeżjoni (CF) jiffinanzja l-investimenti fl-infrastruttura fil-qasam tal-ambjent u t-trasport f'dawk l-Istati Membri li d-dħul gross nazzjonali per capita tagħhom huwa taħt id-90 % tal-medja tal-UE.

4.4. Il-ġestjoni tan-nefqa tal-Koeżjoni hija maqsuma mal-Istati Membri li jikkofinanzjaw ukoll il-proġetti kkonċernati. In-nefqa tal-Koeżjoni hija ppjanata f' "perjodi ta' pprogramma" multiannwali: il-pagamenti huma relatati man-nefqa li ġġarrbet fi ħdan il-perjodu ta' eliġibbiltà [1] B'riżultat ta' dan jistgħu jkomplu għal xi snin wara t-tmiem tal-perjodi ta' pprogrammar li jkunu relatati magħhom. Il-perjodi ta' pprogrammar 2000-06 u 2007-13 huma rilevanti għal dan il-kapitolu.

4.5. In-nefqa titwettaq permezz ta' għadd kbir ta' "programmi operazzjonali" multiannwali (OPs) [2] lil Stati Membri individwali jew reġjuni fihom. Il-Kummissjoni tapprova l-OPs fuq il-bażi ta' proposti mill-Istati Membri. L-Istati Membri jagħżlu l-proġetti individwali li għandhom jiġu inklużi fl-OPs. Dawn il-proġetti jiġu implimentati mit-tipi differenti ta' promoturi (individwi privati, assoċjazzjonijiet, kumpaniji privati jew pubbliċi jew korpi lokali, reġjonali jew nazzjonali). Meta jibdew il-programmi, il-Kummissjoni tagħmel pagamenti ta' finanzjament minn qabel lill-Istati Membri. Il-promoturi jikklejmjaw l-ispejjeż eliġibbli li ġarrbu mill-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri. Imbagħad, l-Istat Membru jitlob rimborż mill-Kummissjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet tan-nefqa ċċertifikati. Dawn isiru permezz ta' klejms tal-pagamenti interim jew finali.

---

[1] Għall-perjodu ta' pprogrammar 2000-06 l-perjodu ta' eliġibbiltà fil-bidu spiċċa fil-31 ta' Diċembru 2008. Fil-qafas tal-pakkett kontra l-kriżi dan ġie estiż sat-30 ta' Ġunju 2009 għall-Istati Membri kollha li għamlu talba lill-Kummissjoni.

[2] OP jistabbilixxi l-prijoritajiet nazzjonali, reġjonali jew settorali għat-twassil tal-fondi.

4.6. Fl-2009 n-nefqa tal-FEŻR, tas-CF u tal-FSE kienet tikkonsisti prinċipalment minn pagamenti interim u finali (ara t-***Tabella 4.1***). Għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-13, saru EUR 14,1 biljun ta' pagamenti interim u EUR 11,3 biljun ta' pagamenti ta' finanzjament minn qabel. Barra minn hekk, il-pagamenti interim u finali għall-perjodu ta' pprogrammar 2000-06 kienu ta' EUR 8,4 biljun.

**Is-sorveljanza u l-kontroll tan-nefqa tal-Koeżjoni**

4.7. L-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-FEŻR, tal-FSE u tas-CF. Ir-responsabbiltajiet għall-amministrazzjoni ta' kuljum u l-kontrolli tal-"ewwel livell", li huma maħsuba biex jimpedixxu jew isibu u jikkoreġu r-rimborż inkorrett tal-ispejjeż tal-proġetti jew irregolaritajiet oħra, jiġu allokati lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u lill-Korpi Intermedji. L-Awtoritajiet li jiċċertifikaw iwettqu kontrolli addizzjonali qabel ma jippreżentaw klejms ta' pagamenti lill-Kummissjoni.

4.8. Għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-13, id-dispożizzjonijiet tal-verifiki u tal-kontrolli ġew imsaħħa ([3]). L-Istati Membri huma mitluba jibagħtu, għall-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni, rapport u opinjoni għal kull OP. Ir-rapport għandu jispjega jekk is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jikkonformawx mar-regolamenti rilevanti ("rapport ta' valutazzjoni ta' konformità"). L-Awtorità tal-Verifika trid tibgħat strateġija tal-verifika fi żmien disa' xhur minn meta l-programm ikun ġie approvat. Barra minn hekk, l-Awtorità tal-Verifika hija responsabbli biex tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programm, u għaldaqstant dwar ir-regolarità tan-nefqa ċċertifikata ([4]), lill-Kummissjoni permezz ta' rapporti ta' kontroll annwali u opinjonijiet annwali ([5]).

4.9. L-Istati Membri jerfgħu wkoll ir-responsabbiltà primarja biex jikkoreġu n-nefqa irregolari li jsibu, u jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar dan. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jirkupraw jew jirtiraw il-pagamenti mhux dovuti li saru lill-benefiċjarji tan-nefqa tal-Koeżjoni.

([3]) Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

([4]) Ara b'mod partikolari l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

([5]) Ir-rapport ta' kontroll annwali tal-2009 (li kellu jiġi ppreżentat sa tmiem l-2009) ikopri r-riżultati tal-verifiki mwettqa matul il-perjodu minn Lulju 2008 sa Ġunju 2009. Huwa jinkludi l-verifiki tas-sistema mwettqa u l-verifika tal-operazzjonijiet li jkopru n-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni matul il-perjodu minn Jannar 2007 sa Diċembru 2008.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.10. Il-Kummissjoni tissorvelja lill-Istati Membri u tfittex li tiżgura li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħhom joperaw kif mitlub. Jekk il-verifiki tal-Kummissjoni jsibu li l-Istati Membri naqsu milli jikkoreġu nefqa irregolari jew li hemm nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, hija tinterrompi u/jew tissospendi l-pagamenti lill-Istati Membri kkonċernati ([6]) . Jekk l-Istat Membru ma jirkuprax jew ma jirtirax in-nefqa irregolari (jiġifieri jissostitwixxu n-nefqa eskluża b'nefqa eliġibbli oħra) jew ma jirrimedjax in-nuqqasijiet misjuba fis-sistema, il-Kummissjoni tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji u tnaqqas il-finanzjament tal-UE kif xieraq.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.10.** *L-Istati Membri huma primarjament responsabbli li jiżguraw li n-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni tkun regolari. Il-Kummissjoni twettaq ir-rwol ta' sorveljanza tagħha permezz tal-attività tagħha stess ta' verifika billi tqis ukoll ħidma ta' verifika oħra Komunitarja u nazzjonali u wkoll permezz ta' negozjati dwar il-programmi, parteċipazzjoni f'kumitati ta' monitoraġġ, laqgħat annwali mal-awtoritajiet ta' ġestjoni u verifika u billi tipprovdi gwida estensiva u seminars.*

*Il-Kummissjoni saħħet is-sorveljanza tagħha permezz tal-impliment-azzjoni tal-Pjan tal-Azzjoni tagħha tal-2008 (COM(2008) 97 finali).*

*Fl-2009 il-Kummissjoni adottat 7 deċiżjonijiet ta' sospensjoni u imponiet korrezzjonijiet finanzjarji li jammontaw għal EUR 2,3 biljun.*

**Riskji speċifiċi għar-regolarità**

4.11. Il-qafas regolatorju tal-Koeżjoni huwa kumpless u jitlob il-konformità ma' diversi politiki u regoli tal-UE, bħar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u dwar l-għajnuna Statali, kif ukoll rekwiżiti speċifiċi għan-nefqa tal-Koeżjoni.

**4.11.** *Il-Kummissjoni tirreferi għall-eżerċizzju kbir ta' simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju ta' Koeżjoni mibdi fl-2008 u li tlesta fl-2010, li involva rekwiżiti speċifiċi tar-regolamenti settorjali.*

*Nuqqasijiet possibbli fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE tal-akkwist pubbliku u l-għajnuna statali fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-applikazzjoni tal-liġi tal-UE mhumiex relatati speċifikament mal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' Koeżjoni.*

4.12. Hemm għadd kbir ta' awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Koeżjoni fl-Istati Membri (awtoritajiet nazzjonali, awtoritajiet reġjonali, korpi intermedji) u saħansitra għadd ikbar ta' benefiċjarji tas-sostenn Komunitarju u ta' min jirċievi dan fl-aħħar. L-atturi involuti fl-implimentazzjoni tal-OPs u l-proġetti fil-livell nazzjonali jew reġjonali jistgħu jew ma jkunux konxji tar-regoli applikabbli jew ma jkunux żguri dwar l-interpretazzjoni korretta tagħhom. Dan jista' jwassalhom biex jagħmlu dikjarazzjonijiet inkorretti jew mhux iġġustifikati.

**4.12.** *Il-qafas regolatorju 2007-2013 issaħħaħ sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarji jiġu infurmati bil-kondizzjonijiet speċifiċi kollha għal finanzjament, implimentazzjoni u rapportar, u li awtoritajiet ta' ġestjoni jissodisfaw ruħhom li l-benefiċjarji għandhom il-kapaċità li jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet qabel ma japprovaw proġetti.*

*Barra minn hekk, sa mill-bidu tal-perjodu ta' programmar il-Kummissjoni pprovdiet taħriġ regolari u bikri u gwida lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. Ġew previsti wkoll azzjonijiet ta' taħriġ speċifiku fil-Pjan tal-Azzjoni tal-Kummissjoni adottat fi Frar 2008 (COM(2008)97 finali) f'dan ir-rigward u li jitwettqu fuq bażi regolari.*

4.13. Il-pagamenti minn OP lill-benefiċjarji għal nefqa mġarrba matul il-perjodu ta' eliġibbiltà ġeneralment ikomplu wara l-perjodu ta' pprogrammar, sakemm il-proġetti kollha jiġu ffinalizzati u l-programm jingħalaq. Hekk kif il-perjodu ta' eliġibbiltà għall-2000-06 ntemm fl-2009, l-awtoritajiet nazzjonali setgħu kienu taħt pressjoni biex jassorbu l-fondi impenjati tal-UE. Kif diġà ġie ddikjarat mill-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha tal-2008, dan iżid ir-riskju ta' rimborż ta' proġetti ineliġibbli mill-baġit tal-UE meta n-nefqa li tkun instabet ineliġibbli tiġi sostitwita minn nefqa ġdida ("irtirar") mingħajr verifika ex-ante effettiva mill-Istat Membru qabel għeluq il-programm ([7]).

**4.13.** *Il-qafas regolatorju kemm għall-perjodu 2000-2006 kif ukoll għall-perjodu 2007-2013 jipprovdi li l-allokazzjonijiet ta' fondi jridu jintużaw f'perjodu ta' sentejn jew tliet snin wara li jkunu ntrabtu sabiex jevitaw diżimpenn awtomatiku ta' fondi. Dan jiżgura li n-nefqa hija allokata u mħallsa b'mod ugwali matul il-perjodu u ma tkunx ikkonċentrata fl-aħħar sena.*

*Il-Kummissjoni hija wkoll partikolarment viġilanti li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri huma effettivi matul il-perjodu ta' implimentazzjoni sal-għeluq tiegħu u timponi korrezzjonijiet finanzjarji fejn meħtieġ.*

([6]) L-Artikolu 39(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1); l-Artikoli 91 u 92 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

([7]) Ara l-paragrafi 6.19 u 6.33 tar-Rapport Annwali għall-2008.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni qed issegwi b'mod attiv ir-riskju identifikat fir-rapport annwali 2008 tal-Qorti, b'mod partikolari fil-kuntest tal-għeluq tal-programmi 2000-2006.*

4.14. Għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-13, l-aċċettazzjoni tal-Kummissjoni tal-valutazzjonijiet ta' konformità tal-Istati Membri (li jakkumpanjaw ir-rapporti ta' deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll) u l-istrateġiji tal-verifika hija l-ewwel element essenzjali fil-qafas ta' kontroll għall-politika tal-Koeżjoni. Sakemm hija ma tkunx approvat il-valutazzjonijiet ta' konformità, il-Kummissjoni ma tawtorizzax pagamenti interim lill-programm ikkonċernat. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jitħallew jibdew jagħmlu pagamenti lill-benefiċjarji permezz ta' sistemi (mhux approvati) waqt li jkunu qed jistennew l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. In-nefqa li tkun qed isseħħ matul dan il-perjodu tkun f'riskju ikbar ta' żball.

**4.14.** *Il-Kummissjoni wettqet il-proċeduri ta' approvazzjoni tagħha (ta' rapporti ta' valutazzjoni ta' konformità u strateġiji ta' verifika nazzjonali) fi żmien l-iskadenzi stabbiliti. Ir-riskju identifikat mill-Qorti jinstab fit-tul ta' żmien regolatorju għas-sottomissjoni mill-Istati Membri tar-rapporti ta' valutazzjoni ta' konformità u strateġiji ta' verifika.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan huwa riskju limitat minħabba li l-fatt li għadha m'approvatx sistemi ta' ġestjoni u kontroll ma jfissirx li dawn is-sistemi, approvati fuq livell nazzjonali, ma jikkonformawx ma' rekwiżiti u ma jiffunzjonawx b'mod effettiv.*

*Hemm fis-seħħ kontrolli ta' mitigazzjoni u d-Direttorati Ġenerali tal-Fondi Strutturali qiesu dan ir-riskju fl-istrateġija ta' verifika tagħhom u anke ġibdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet ta' verifika dwar dan ir-riskju. Kull awtorità ta' verifika trid tippreżenta lill-Kummissjoni konklużjonijiet mir-riżultati tal-verifiki ta' kampjuni rappreżentattivi tal-operazzjonijiet, li jkopri n-nefqa ddikjarata kull sena u opinjoni annwali dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.*

## L-ambitu u l-approċċ tal-verifika

4.15. L-approċċ u l-metodoloġija ġenerali tal-verifika tal-Qorti huma deskritti fil-***Parti 2 tal-Anness 1.1.*** Għall-verifika tal-Koeżjoni, għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin

**4.15.**

— ġie ttestjat kampjun ta' 180 pagament interim u finali. 69 % ta' dawn il-pagamenti magħżula każwalment jirrigwardaw il-proġetti tal-perjodu ta' pprogrammar 2007-13; u

— il-pagamenti ta' finanzjament minn qabel ma ġewx inklużi fil-kampjun minħabba r-riskju baxx ħafna assoċjat ma' dan it-tip ta' pagament.

— *Il-Kummissjoni tosserva li l-finanzjament bil-quddiem, li b'definizzjoni ma jerfa' kważi l-ebda riskju, jirrappreżenta terz mill-pagamenti ta' Koeżjoni fl-2009 (ara t-tabella 4.1).*

4.16. Il-valutazzjoni tas-sistemi kopriet is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll relatati mal-:

— konformità ma' ċerti dispożizzjonijiet ewlenin speċifikati fil-qafas regolatorju għal 16-il OP tal-perjodu ta' pprogrammar 2007-13 fi 13-il Stat Membru; u

— ipproċessar u r-rappurtar tal-irkupri u l-irtirar għal erba' OPs u Inizjattiva Komunitarja tal-perjodu ta' pprogrammar 2000-06 f'sitt Stati Membri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## IR-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

4.17. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet huma miġbura fil-qosor fl-***Anness 4.1.***

4.18. Bħal fis-snin ta' qabel, għadd kbir ta' pagamenti lil proġetti fil-Koeżjoni ntlaqat minn żbalji. Fl-2009 dan kien il-każ għal 36 % ([8]) tal-180 proġett ivverifikat.

**4.18.** *Il-Kummissjoni tosserva li hemm xejra għat-tnaqqis fil-frekwenza ta' żbalji f'dawn l-aħħar tliet snin, minn 54 % fir-rapport annwali tal-Qorti għall-2007 għal 36 % din is-sena, kif osservat fl-Anness 4.1 tar-rapport tal-Qorti.*

*Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li 53 % tal-iżbalji mhumiex kwantifikabbli. F'xi każijiet dawn l-iżbalji ta' konformità ma jkollhom l-ebda impatt fuq ir-rimbors tan-nefqa, anke jekk ikunu ġew identifikati qabel iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni.*

4.19. Ir-rata ta' żbalji l-aktar probabbli, stmata mill-Qorti hija 'l fuq minn 5 % ([9]).

**4.19.** *Fl-2009, il-Qorti tistma li r-rata ta' nefqa ċċertifikata lill-Kummissjoni li kellha tiġi rimborżata kienet ta' mill-inqas 3 %, meta mqabbla ma' rata ta' mill-anqas 11 % għall-2008. Dan jikkostitwixxi titjib sinifikanti meta mqabbel mas-snin ta' qabel (ara l-punt 1.26). Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan it-titjib jirrifletti d-dispożizzjonijiet ta' kontroll imsaħħa fil-qafas regolatorju ta' Koeżjoni 2007-2013, kif ukoll l-ewwel impatt tal-Pjan tal-Azzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 sabiex jissaħħaħ ir-rwol superviżorju tagħha għal azzjonijiet strutturali. Il-Kummissjoni hija impenjata li ssegwi b'mod attiv l-isforzi tagħha sabiex jitnaqqsu aktar l-iżbalji.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li fi 8 każijiet tal-FEŻR affettwati minn żball kwantifikabbli l-awtoritajiet nazzjonali kienu diġà applikaw korrezzjonijiet finanzjarji proporzjonati qabel ma ddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni. Bħala riżultat, ma' hemm l-ebda impatt finanzjarju negattiv fuq il-baġit tal-UE (ara punt (d) fil-Kaxxa aktar 'l isfel).*

4.20. Proporzjon kbira mir-rata ta' żbalji stmata tista' tkun attribwibbli għal żbalji ta' eliġibbiltà, li huma t-tip ta' żbalji kwantifikabbli l-iktar komuni fil-kampjun tal-verifika. Instabu f'24 pagament lill-proġetti vverifikati. Il-kawżi ewlenin tal-iżbalji ta' eliġibbiltà kienu l-inklużjoni ta' spejjeż li mhumiex eliġibbli għal rimborż u nuqqasijiet serji ta' konformità mar-regoli tal-akkwist (ara l-eżempji li ġejjin).

**4.20.** *Il-Kummissjoni ssegwi b'mod rigoruż l-iżbalji kollha identifikati mill-Qorti u tiżgura li jsiru korrezzjonijiet xierqa fejn ikun meħtieġ, bħal ma għamlet għas-snin ta' qabel (ara l-anness 4.4 tar-rapport tal-Qorti).*

*Nuqqasijiet possibbli fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-applikazzjoni tal-liġi tal-UE mhumiex relatati strettament mal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' Koeżjoni.*

*Il-Kummissjoni qieset dawn l-iżbalji għall-evalwazzjoni tar-riskju tagħha fil-ħidma ta' verifika tagħha stess. Ħadet ukoll passi oħra, bħall-għoti ta' taħriġ speċjalizzat fuq proċeduri ta' akkwist pubbliku f'numru ta' okkażjonijiet u ħarġet gwida għall-ipprogrammar tal-awtoritajiet.*

---

([8]) Ara l-***Anness 4.1.***. Fl-2008 u fl-2007, iċ-ċifri korrispondenti kienu 43 % u 54 % rispettivament.

([9]) Ir-rati ta' żbalji jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' kampjun statistiku rappreżentattiv meħud mill-pagamenti interim u finali għall-2009 (EUR 23 biljun) b'livell ta' fiduċja ta' 95 % kif indikat fit-***Tabella 4.1.***. Fl-2009 l-Qorti tistma li mill-inqas 3 % tan-nefqa ċertifikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fil-Koeżjoni ma misshomx tħallsu lura. Iċ-ċifri korrispondenti fl-2008 (ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 6.17) u fl-2007 (ir-Rapport Annwali dwar l-2007, il-paragrafu 6.27) kienu 11 %.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Eżempji ta' żbalji tal-eliġibbiltà**

(a) Dikjarazzjoni żejda tal-ispejjeż tal-persunal: Fil-każ ta' proġett tal-FSE ta' sostenn għal korsijiet ta' taħriġ professjonali għal studenti minn skejjel sekondarji, il-benefiċjarju talab ħlas għal bosta spejjeż indiretti (salarji tal-persunal, assigurazzjoni, fjuwil, telefon u deprezzament) lill-proġett.

(b) Applikazzjoni mhux ġustifikata ta' proċedura negozjata: Fil-każ ta' proġett ta' CF l-akkwist ta' servizzi relatati mat-thejjija amministrattiva u mal-ippjanar tekniku għal proġett ta' infrastruttura twettaq permezz ta' proċedura negozjata. Il-verifika tal-Qorti madankollu wriet li ma kinux issodisfati l-kundizzjonijiet li jridu jkunu fis-seħħ sabiex tkun tista' tintuża proċedura negozjata.

(c) Għoti dirett ta' kuntratt: Fil-każ ta' proġetti tal-FEŻR għall-bini ta' toroq ta' aċċess u kostruzzjonijiet tad-dwal fid-daħliet ta' park nazzjonali, il-benefiċjarju ta x-xogħlijiet b'mod dirett. Barra minn hekk, dan il-kuntrattur għamel ukoll fatturi għal xogħlijiet li ma kinux koperti mill-kuntratt. Minħabba n-nuqqas ta' proċedura tal- akkwist pubbliku, il-Qorti tqis li l-pagamenti relatati ma' dan il-kuntratt huma irregolari.

(d) Użu illegali ta' kriterji tal-għoti: Fil-każ ta' għaxar proġetti tal-FEŻR għall-bini ta' toroq, dawk li tefgħu l-offerti u li offrew prezz ugwali jew taħt il-medju ma kinux differenzjati, jiġifieri ġie eliminat il-vantaġġ kompetittiv ta' dawk li kienu qed joffru l-prezzijiet l-aktar baxxi. Dan instab mill-kontrolli interni tal-programmi u saru korrezzjonijiet biex ikun ikkumpensat l-impatt finanzjarju ta' din il-proċedura illegali qabel ma n-nefqa ġiet iddikjarata lill-Kummissjoni. Minkejja dan, irriżulta li kuntratti kofinanzjati mill-FAEŻR ingħataw lil dawk li tefgħu l-offerti u li, f'disgħa mill-10 każijiet l-oħra, ma kinux bagħtu l-offerta li tat l-aqwa taħlita ta' prezz u kwalità.

4.21. In-nuqqas ta' konformità tar-regoli tal-akkwist pubbliku waħdu jammonta għal kważi [43] % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jikkostitwixxi madwar tliet kwarti tar-rata ta' żbalji stmata.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni tosserva li l-ebda wieħed mill-iżbalji fil-kampjun ivverifikat relatat mal-akkwist pubbliku ma jikkonċerna l-FSE.*

***Eżempji ta' żbalji tal-eliġibbiltà***

**(a)** *Il-Kummissjoni se ssegwi din il-kwistjoni u tiżgura li ssir il-korrezzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni se tkompli tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex iżidu l-użu ta' spejjeż indiretti b'rati fissi, sabiex jiġu evitati dawn l-iżbalji.*

**(b)** *Il-Kummissjoni tosserva li l-valur tal-kuntratt kien 'il fuq mil-limitu stabbilit speċifikat fid-Direttiva tal-UE applikabbli dwar l-akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni taqbel mal-eżistenza ta' żball f'dan il-każ. L-Istat Membru qabel ukoll u se japplika korrezzjoni finanzjarja skont il-linji gwida tal-Kummissjoni.*

**(c)** *Il-Kummissjoni tinnota li l-valur tal-kuntratt kien taħt il-limitu stabbilit speċifikat fid-Direttiva tal-UE applikabbli dwar l-akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni taqbel mal-eżistenza ta' żball f'dan il-każ u se tapplika korrezzjoni finanzjarja skont il-linji gwida tal-Kummissjoni.*

**(d)** *Il-Kummissjoni tosserva li l-valur ta' kuntratti kien kollu taħt il-livelli stabbiliti tad-Direttivi tal-UE applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.*

*Il-Kummissjoni tosserva wkoll li fit-tmien każijiet tal-FEŻR affettwati minn żball kwantifikabbli, l-awtoritajiet nazzjonali kienu diġà applikaw korrezzjonijiet finanzjarji proporzjonati qabel iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni. Bħala riżultat, ma' hemm l-ebda impatt finanzjarju negattiv fuq il-baġit tal-UE.*

**4.21.** *Il-Kummissjoni dan l-aħħar bdiet valutazzjoni* ex-post *tar-rilevanza, l-effettività u l-effiċjenza tal-qafas leġiżlattiv bażiku tal-akkwist pubbliku tal-UE. L-evalwazzjoni se tiffoka primarjament fuq l-analiżi tal-kost-effettività fin-nefqa ta' proċeduri u regoli tal-akkwist pubbliku. L-evalwazzjoni se tinkludi wkoll deskrizzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istati Membri u struttura amministrattiva sabiex tiġi implimentata politika għall-akkwist pubbliku, inkluża leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam. Ir-riżultati tal-valutazzjoni se jiġu finalizzati sas-sajf 2011.*

*Barra minn hekk, task force interservizz tal-Kummissjoni qed jeżamina l-kwistjonijiet l-aktar komuni tal-akkwist pubbliku li joħorġu fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' koeżjoni.*

*Il-Kummissjoni se tkompli bl-azzjonijiet ta' taħriġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni korretta tar-regoli tal-akkwist pubbliku. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se tkompli tivverifika l-applikazzjoni tad-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku billi twettaq l-inkjesti tagħha f'ċerti każijiet jew billi titlob lill-awtoritajiet ta' verifika tal-Istati Membri sabiex iwettqu dawn l-inkjesti f'isimhom.*

*Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġiba tagħha f'4.20.*

4.22. 53 % tal-pagamenti milquta minn żbalji kien fihom żbalji mhux kwantifikabbli u għalhekk mhux inklużi fl-istima tar-rata ta' żbalji. Il-biċċa l-kbira minnhom kienu żbalji oħra ta' konformità, prinċipalment relatati ma' nuqqasijiet fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, u tal-ikkuntrattar.

4.23. Għal mill-inqas 30 % tal-iżbalji misjuba mill-Qorti fil-kampjun ta' din is-sena, kien hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri inkarigati mill-implimentazzjoni tal-OPs biex jinstab u jiġi kkoreġut l-iżball qabel tiġi ċċertifikata n-nefqa lill-Kummissjoni.

**4.23.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-maġġoranza tal-bqija tal-iżbalji identifikati mill-Qorti l-awtoritajiet nazzjonali ma kellhomx biżżejjed informazzjoni sabiex jidentifikaw l-iżbalji meta ddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni.*

## OSSERVAZZJONIJIET DWAR IS-SISTEMI

4.24. Ir-riżultati tal-eżami tas-sistemi huma miġbura fil-qosor fl-***Anness 4.2***.

### Is-sistemi li għandhom x'jaqsmu mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet

#### L-Istati Membri

4.25. Il-Qorti vvalutat il-konformità ta' 16-il sistema ta' ġestjoni u kontroll fi 13-il Stat Membru b'dispożizzjonijiet ewlenin fil-qafas regolatorju (ara l-***Anness 4.2(1)***).

**4.25.** *Il-Kummissjoni tosserva li skont il-valutazzjoni tal-Qorti kull waħda mis-16-il sistema huma konformi kompletament jew parzjalment fir-rigward tar-rekwiżiti ewlenin ittestjati.*

4.26. Il-verifika tal-Qorti wriet li għall 11 mis-16-il OP ivverifikati, il-verifikazzjonijiet imwettqa mill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni kienu biss parzjalment konformi mar-rekwiżiti regolatorji.

**4.26.** *Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma tal-Qorti li verifiki ta' ġestjoni huma kontrolli ewlenin għall-prevenzjoni tal-irregolaritajiet. Għandhom jittejbu, b'mod partikolari għal xi programmi, u l-Kummissjoni se tkompli għaddejja bl-isforzi tagħha f'din id-direzzjoni permezz ta' pariri, azzjonijiet ta' taħriġ u verifiki speċifiċi.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| 4.27. Għall-biċċa l-kbira tal-OPs ivverifikati, il-Qorti osservat dewmien fl-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali tal-verifika approvata. Il-biċċa l-kbira tal-Awtoritajiet tal-Verifika ma wettqux għadd suffiċjenti ta' verifiki tal-pagamenti fil-ħin għar-rapport ta' kontroll annwali tal-2009. | **4.27.-4.28.** *Skont il-qafas regolatorju, l-Awtoritajiet ta' Verifika huma meħtieġa li jwettqu verifiki fuq operazzjonijiet biss jekk in-nefqa tkun ġiet iddikjarata lill-Kummissjoni sal-aħħar tas-sena ta' qabel is-sena ta' verifika. Tnejn biss mis-16-il programm verifikat mill-Qorti kellhom in-nefqa ddikjarata fl-2008.* |
| 4.28. Il-Qorti nnutat ukoll differenzi sinifikanti fir-rigward tal-punt sa fejn ix-xogħol tal-verifika relatat mas-sistemi kien twettaq sa tmiem l-2009. Bosta Stati Membri ma wettqu l-ebda verifiki tas-sistemi qabel ma n-nefqa ġiet iddikjarata lill-Kummissjoni ([10]). | |
| 4.29. Għal tnejn mis-16-il OP ivverifikat, l-Awtoritajiet tal-Verifika huma kkunsidrati li jikkonformaw biss parzjalment mar-rekwiżit regolatorju ewlieni dwar verifiki tas-sistemi. | **4.29.** *Il-Kummissjoni tosserva li skont l-evalwazzjoni tal-Qorti, 14 mis-16 l-awtorità ta' verifika huma konformi kompletament fir-rigward tar-rekwiżit ewlieni ttestjat.* |
| **Is-sistemi li għandhom x'jaqsmu ma' rkupri u ma' korrezzjonijiet finanzjarji** | |
| **L-Istati Membri** | |
| 4.30. Il-Qorti evalwat is-sistemi għall-ipproċessar tal-iżbalji misjuba mill-bosta kontrolli ex-post nazzjonali u r-rappurtar tal-irkupri u l-irtirar lill-Kummissjoni. Dan sar għal erba' OPs u Inizjattiva Komunitarja f'sitt Stati Membri ([11]). | |
| 4.31. Bħal fis-sena ta' qabel ([12]) l-aspett l-inqas sodisfaċenti fis-sistemi vverifikati għandu x'jaqsam mar-rappurtar ta' korrezzjonijiet lill-Kummissjoni (ara l-***Anness 4.2(2)*** ). F'xi każijiet l-informazzjoni rilevanti ma kinitx ikkomunikata lill-Kummissjoni, f'oħrajn ma kinitx affidabbli jew ma kinitx ġiet ippreżentata kif previst fl-istruzzjonijiet mibgħuta mill-Kummissjoni. Dan ifisser li f'dawn il-każijiet il-Kummissjoni m'għandhiex informazzjoni affidabbli dwar l-irkupri u l-irtirar implimentati mill-Istati Membri. Nuqqasijiet f'dan ir-rigward ġew innutati wkoll mill-Kummissjoni ([13]). | **4.31.** *Għalkemm ir-rapportar ta' korrezzjonijiet mill-Istati Membri mhuwiex sodisfaċenti għal kollox, f'xi każijiet il-Kummissjoni tikkunsidra li d-dejta għall-2009 sottomessa lill-Kummissjoni fl-ewwel nofs tal-2010 hija ta' kwalità ferm aħjar. Din id-dejta hija ppubblikata fir-rapporti annwali finali tal-Kummissjoni. Fil-qafas tal-Pjan tal-Azzjoni tal-2008 il-Kummissjoni wettqet verifiki ta' sistemi tal-Istati Membri għall-irtirar u l-irkupru simili għal dawk tal-Qorti, f'19-il Istat Membru. Il-bqija tal-Istati Membri se jiġu verifikati fl-2010.*<br><br>*Għall-perjodu 2007-2013, hemm proċedura standardizzata għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' rkupru permezz tas-sistema tal-IT SFC2007. Il-Kummissjoni tistenna li din il-proċedura ta' rapportar se ttejjeb il-kwalità ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha. L-Istati Membru huma meħtieġa wkoll li jiddistingwu bejn korrezzjonijiet li joħorġu mill-kontrolli tagħhom stess u dawk li joħorġu minn verifiki tal-UE.* |

([10]) Għall-biċċa l-kbira tal-Ops ivverifikati, l-ewwel nefqa ġiet iċċertifikata lill-Kummissjoni fit-tieni nofs tal-2009 biss.

([11]) Il-Qorti ma vvalutatx jekk l-Istati Membri kinux effettivi biex isibu l-iżbalji jew le.

([12]) Ara r-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 6.30.

([13]) Ara r-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafu 6.30.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## AFFIDABBILTÀ TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT MILL-KUMMISSJONI

4.32. Il-Qorti vvalutat ir-Rapporti ta' Attività Annwali tal-2009 u d-dikjarazzjonijiet li jakkumpanjawhom tad-Direttorati Ġenerali għall-Politika Reġjonali u l-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs.

4.33. Ir-riżultati tar-reviżjoni tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment mill-Kummissjoni huma miġbura fil-qosor fl-**Anness 4.3.**

**4.33.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-evalwazzjoni tal-Qorti fl-Anness 4.3 u l-punt 1.28 li tirrappreżenta titjib matul snin preċedenti.*

## KONKLUZJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

4.34. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li l-pagamenti interim u finali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għall-Koeżjoni kienu milquta minn żbalji materjali.

**4.34.** *Il-Kummissjoni tosserva li r-rata tal-iżbalji hija din is-sena sinifikament aktar baxxa meta mqabbla mas-snin preċedenti u li l-frekwenza tal-iżblaji fil-kampjun tal-Qorti tkompli tonqos għat-tielet sena konsekuttiva.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan jagħti indikazzjoni tajba dwar l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' kontroll imsaħħa tal-qafas regolatorju 2007-2013, kif ukoll l-ewwel impatt tal-Pjan tal-Azzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 sabiex jissaħħaħ ir-rwol superviżorju tagħha għal azzjonijiet strutturali. Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi persistenti tagħha sabiex tniżżel ir-rata tal-iżbalji għal livelli aktar baxxi.*

4.35. Mill-inqas 30 % tal-iżbalji misjuba setgħu u kellhom jinstabu u jiġu kkoreġuti mill-Istati Membri qabel ma tiġi ċċertifikata n-nefqa lill-Kummissjoni (ara l-paragrafu 4.23).

**4.35.** *Il-Kummissjoni ssegwi l-każijiet kollha fejn ġew identifikati dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll sabiex tiżgura li jiffunzjonaw b'mod effettiv.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-maġġoranza tal-bqija tal-iżbalji identifikati mill-Qorti l-awtoritajiet nazzjonali ma kellhomx biżżejjed informazzjoni sabiex jidentifikaw l-iżbalji meta ddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni.*

4.36. Għas-sistemi vverifikati, il-Qorti tikkonkludi li

(a) għal 12 minn 16-il OP ivverifikati ġew innutati dgħufijiet rigward il-verifikazzjonijiet imwettqa mill-Awtoritajiet tal-Verifika u/jew verifiki tas-sistemi mwettqa mill-Awtoritajiet tal-Verifika. B'mod globali s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-13 kienu għall-anqas jikkonformaw parzjalment mad-dispożizzjonijiet ewlenin ivverifikati tal-qafas regolatorju (ara l-paragrafi 4.25 sa 4.29); u

**4.36.**

**(a)** *Il-Kummissjoni tosserva li skont il-valutazzjoni tal-Qorti kull waħda mis-16-il sistema verifikata kienet konformi jew parzjalment konformi, li huwa riżultat ta' inkoraġġiment għall-perjodu ta' pprogrammar 2007/2013.*

*Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġibiet tagħha għall-paragrafi 4.26 u 4.29.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| (b) is-sistemi tal-Istati Membri għar-reġistrazzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji li huma kienu konxji dwarhom għall-perjodu ta' pprogrammar 2000-06 kienu effettivi. Is-sistemi għar-rappurtar tal-irkupri u tal-irtirar kienu parzjalment effettivi, ħaġa li tfisser li l-Kummissjoni mhux dejjem tirċievi informazzjoni affidabbli dwar dawn il-korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri (ara l-paragrafi 4.30 u 4.31). | **(b)** *Qed isir titjib kostanti fil-kwalità u l-kompletezza tad-dejta minħabba fl-isforzi tal-Kummissjoni taħt il-Pjan tal-Azzjoni tagħha tal-2008. Fl-2010 il-Kummissjoni se tlesti l-verifiki tagħha fuq il-post tas-sistemi tal-Istati Membri għal irkupri u toħroġ rakkomandazzjonijiet għal aktar titjib tar-rapportar tal-Istati Membri.*<br><br>*Għall-perjodu 2007-2013, il-qafas leġiżlattiv ġie msaħħaħ u jipprovdi għal sottomissjoni standardizzata ta' informazzjoni, li se ttejjeb il-kwalità ta' informazzjoni li l-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha.*<br><br>*Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 4.31.* |
| 4.37. Il-Qorti tirrakkomanda lill-Kummissjoni biex din: | **4.37.** |
| (a) tħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex japplikaw b'mod rigoruż il-mekkaniżmi korrettivi qabel iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni | **(a)** *Il-Kummissjoni tirreferi għall-azzjonijiet tagħha sabiex ittejjeb verifiki ta' ġestjoni u ċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni taħt il-Pjan tal-Azzjoni tagħha adottat fi Frar 2008. Tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet nazzjonali billi tipprovdi pariri, taħriġ u gwida u billi ssegwi mill-viċin sejbiet tal-verifika f'dan ir-rigward.* |
| (b) tiżgura li s-sostituzzjoni tan-nefqa ineliġibbli man-nefqa l-ġdida (l-irtirar) ma tirriżultax f'nefqa irregolari ġdida li tkun qed tiġi ddikjarata mill-Istati Membri; u | **(b)** *Il-Kummissjoni qed issegwi b'mod attiv ir-riskju identifikat fir-rapport annwali 2008 tal-Qorti, b'mod partikolari fil-kuntest tal-għeluq tal-programmi tal-2000-2006.* |
| (c) tiżgura, permezz tas-sorveljanza tagħha, il-funzjonament effettiv tas-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-13. | **(c)** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-isforzi mwettqa skont il-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-2008 sabiex ittejjeb is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fl-Istati Membri. Se ssegwi s-sejbiet tal-Qorti u se tkompli tivverifika l-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, filwaqt li tibni fuq l-opinjonijiet tal-verifiki annwali maħruġa mill-awtoritajiet ta' verifika u l-ħidma ta' verifika tagħha stess.* |
| 4.38. Fir-rigward tar-regoli tal-akkwist pubbliku (ara l-paragrafu 4.21), il-Qorti tħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni korretta tad-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku fl-Istati Membri. | **4.38.** *Il-Kummissjoni dan l-aħħar bdiet valutazzjoni* ex-post *tar-rilevanza, l-effettività u l-effiċjenza tal-qafas leġiżlattiv bażiku tal-akkwist pubbliku tal-UE. L-evalwazzjoni se tiffoka primarjament fuq l-analiżi tal-kost-effettività fin-nefqa ta' proċeduri u regoli tal-akkwist pubbliku. L-evalwazzjoni se tinkludi wkoll deskrizzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istati Membri u struttura amministrattiva sabiex tiġi implimentata politika għall-akkwist pubbliku, inkluża leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam. Ir-riżultati tal-valutazzjoni se jiġu finalizzati sas-sajf 2011. Barra minn hekk, task force inter-servizz tal-Kummissjoni qed jeżamina l-kwistjonijiet l-aktar komuni tal-akkwist pubbliku li joħorġu fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' koeżjoni.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni se tkompli bl-azzjonijiet ta' taħriġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni korretta ta' regoli tal-akkwist pubbliku. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se tkompli tivverifika l-applikazzjoni tad-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku billi twettaq l-inkjesti tagħha f'ċerti każijiet jew billi titlob lill-awtoritajiet ta' verifika tal-Istati Membri sabiex iwettqu dawn l-inkjesti f'isimha.*

4.39. Segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti huwa miġbur fil-qosor fl-***Anness 4.4***.

**4.39.** *Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni f'Anness 4.4.*

ANNESS 4.1

*IR-RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-KOEŻJONI*

| | | | | | | | | | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2009 | | | | | | | | | |
| | FSE | | FEŻR | | CF | | Total | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet totali (*li minnhom*): | 44 | | 118 | | 18 | | **180** | | 170 | 180 |
| Finanzjament minn qabel | 0 | | 0 | | 0 | | **0** | | 0 | 0 |
| Pagamenti interim/finali | 44 | | 118 | | 18 | | **180** | | 170 | 180 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** | | | | | | | | | | |
| *(f'% u għadd ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet mhux milquta minn żbalji | 75 % | {33} | 60 % | {71} | 67 % | {12} | **64 %** | **{116}** | 57 % | 46 % |
| Tranżazzjonijiet milquta minn żbalji | 25 % | {11} | 40 % | {47} | 33 % | {6} | **36 %** | **{64}** | 43 % | 54 % |
| **ANALIŻI TAT-TRANŻAZZJONIJIET MILQUTA MINN ŻBALJI** | | | | | | | | | | |
| *(f'% u għadd ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | |
| **Analiżi tat-tranżazzjonijiet skont it-tip ta' żball** | | | | | | | | | | |
| Żbalji mhux kwantifikabbli | 0 % | {0} | 62 % | {29} | 83 % | {5} | **53 %** | **{34}** | 38 % | 35 % |
| Żbalji kwantifikabbli | 100 % | {11} | 38 % | {18} | 17 % | {1} | **47 %** | **{30}** | 62 % | 65 % |
| *li jinkludu:* l-Eliġibbiltà | 64 % | {7} | 89 % | {16} | 100 % | {1} | **80 %** | **{24}** | 91 % | 79 % |
| l-Okkorrenza | 0 % | {0} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | **0 %** | **{0}** | 0 % | 13 % |
| il-Preċiżjoni | 36 % | {4} | 11 % | {2} | 0 % | {0} | **20 %** | **{6}** | 9 % | 8 % |
| **IMPATT STMAT TAL-IŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | | |
| Ir-rata ta' żbalji l-iktar probabbli: | | | | | | | | | | |
| < 2 % | | | | | | | | | | |
| 2 % sa 5 % | | | | | | | | | | |
| > 5 % | **X** | | | | | | | | **X** | **X** |

*Nota:* Ir-rati ta' żbalji jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' kampjun statistiku rappreżentattiv meħud mill-pagamenti interim u finali tal-2009 (EUR 23 biljun) b'livell ta' fiduċja ta' 95 %.

ANNESS 4.2

*RIŻULTATI TAL-EŻAMI TAS-SISTEMI GĦALL-KOEŻJONI*

(1) **Il-Perjodu ta' pprogrammar 2007-13 — Is-sistemi li għandhom x'jaqsmu mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Istat Membru: konformità mad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-qafas regolatorju**

| | Awtorità ta' Ġestjoni u Korp Intermedju (1) | Awtorità li Tiċċertifika (2) | Awtorità tal-Verifika 3 (3) |
|---|---|---|---|
| FSE - Il-Portugall - Azores Pro-Emprego | [green] | [green] | [green] |
| FSE - Id-Danimarka - Iktar impjiegi u aħjar | [green] | [green] | [green] |
| FEŻR - L-Ungerija - Żvilupp ekonomiku | [green] | [green] | [green] |
| FEŻR - Il-Greċja - Kompetittività u intraprenditorjat | [green] | [green] | [green] |
| FEŻR - Il-Ġermanja - Konverġenza Sachsen-Anhalt | [yellow] | [green] | [green] |
| FEŻR - Il-Ġermanja - Lüneburger Heide | [yellow] | [green] | [green] |
| FEŻR - L-Estonja - Żvilupp ta' Ambjent Ekonomiku | [yellow] | [green] | [green] |
| FSE - Il-Polonja - Kapital uman | [yellow] | [green] | [green] |
| FSE - Il-Portugall - Potenzjal uman | [yellow] | [green] | [green] |
| FEŻR - L-Iżvezja - Mellersta Norland | [yellow] | [green] | [green] |
| FEŻR - Franza - Pays de la Loire | [yellow] | [green] | [green] |
| FSE - Franza - Kompetittività reġjonali u impjieg | [yellow] | [green] | [green] |
| FEŻR - Il-Litwanja - Tkabbir ekonomiku | [yellow] | [green] | [green] |
| CF - L-Ungerija - Ambjent u Enerġija | [yellow] | [yellow] | [green] |
| FEŻR - INTERREG Ir-Renju Unit/L-Irlanda | [yellow] | [green] | [yellow] |
| FEŻR - Spanja - Castilla-La Mancha | [green] | [green] | [yellow] |

*Kodiċi*

| | |
|---|---|
| [green] | Konformi |
| [yellow] | Parzjalment konformi |
| [red] | Mhux konformi |
| N/A | Mhux evalwat |

*Ir-rekwiżiti prinċipali ttestjati*

(1) Verifikazzjonijiet tal-ġestjoni
(2) Ċertifikazzjonijiet affidabbli u b'bażi soda
(3) Verifika tal-adegwatezza tas-sistemi

(2) **Il-Perjodu ta' pprogrammar 2000-06 — Is-sistemi li għandhom x'jaqsmu mal-ipproċessar u r-rappurtar tal-irkupri u tal-irtirar fil-livell tal-Istat Membru**

| | Ir-reġistrazzjoni tal-iżbalji | Il-korrezzjoni tal-iżbalji | Ir-rappurtar tal-korrezzjoni lill-Kummissjoni | Ir-rappurtar tal-korrezzjoni lill-Kummissjoni | Ir-rappurtar tal-irregolarità lill-OLAF |
|---|---|---|---|---|---|
| FEŻR - Il-Greċja - Assi tat-toroq | | | | | |
| FEŻR - Spanja - Soċjetà tal-Informazzjoni | | | | | |
| FEŻR - Il-Lussemburgu - l-Objettiv 2 | | | | | |
| FEŻR - INTERREG Il-Ġermanja/Ir-Repubblika Ċeka - Sistema tal-Ġermanja | | | | | |
| FEŻR - INTERREG Il-Ġermanja/Ir-Repubblika Ċeka - Sistema tar-Repubblika Ċeka | | | | | |
| FEŻR - Il-Polonja - Titjib tal-kompetittività | | | | | |

*Kodiċi*

| | |
|---|---|
| | Effettiv |
| | Parzjalment effettiv |
| | Mhux effettiv |
| N/A | Mhux applikabbli: ma japplikax jew ma ġiex ivvalutat |

ANNESS 4.3

*IR-RIŻULTATI TAR-REVIŻJONI TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT MILL-KUMMISSJONI GĦALL-KOEŻJONI*

| Id-DĠs ewlenin ikkonċernati | In-natura tad-dikjarazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (*) | Riżervi mogħtija | Osservazzjonijiet tal-Qorti | Valutazzjoni ġenerali tal-affidabbiltà |
|---|---|---|---|---|
| **REGIO** | **b'riżervi** | Total ta' 138 OP ntlaqtu fl-2009, meta mqabbla ma' 99 fl-2008 u 185 fl-2007.<br><br>Id-Direttorati Ġenerali kkwantifikaw l-impatt ta' dawn ir-riżervi għal EUR 183,7 miljun (meta mqabbel ma' EUR 201 miljun fl-2008 u EUR 726 miljun fl-2007).<br><br>Fil-każ tad-DĠ REGIO, ir-riżervi ġew ikkwantifikati għal EUR 31,4 miljun għall-perjodu 2000-06 (0,44 % tal-pagamenti interim u finali) u EUR 65,2 miljun għall-perjodu 2007-13 (0,69 % tal-pagamenti interim). | Għall-Koeżjoni, il-Qorti tikkunsidra li d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali huma stabbiliti skont il-linji gwida applikabbli tal-Kummissjoni.<br><br>Il-Qorti tinnota li d-DĠ REGIO u EMPL ħarġu riżervi b'impatt kwantifikabbli għaż-żewġ perjodi. Għall-qasam tal-politika Koeżjoni, l-iskala ta' riżervi hija eqreb lejn il-konklużjonijiet tal-verifika tal-Qorti milli fis-snin ta' qabel. | **A** |
| **EMPL** | **b'riżervi** | Fil-każ tad-DĠ EMPL, ir-riżervi ġew ikkwantifikati għal EUR 11,9 miljun għall-perjodu 2000-06 (0,77 % tal-pagamenti interim u finali) u EUR 75,2 miljun għall-perjodu 2007-13 (1,77 % tal-pagamenti interim). | | |

(*) B'referenza għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali, hu/hi għandu/għandha assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll li twaqqfu jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet.
A: id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità.
B: id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni parzjalment ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità.
C: id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali ma jagħtux valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità.

ANNESS 4.4

*SEGWITU TAL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-KOEŻJONI*

| L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| **1. Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2006, 2007 u 2008: Segwitu mill-Kummissjoni għall-osservazzjonijiet tal-Qorti** | | | |
| L-ittestjar tal-Qorti matul l-aħħar tliet snin identifika nuqqasijiet u żbalji tas-sistema fid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa għal għadd ta' OPs u proġetti fil-kampjuni vverifikati.<br><br>Dawn is-sejbiet kollha jirrigwardaw il-perjodu ta' pprogrammar 2000-06. | Il-Kummissjoni segwiet il-verifiki mwettqa mill-Qorti.<br><br>Il-korrezzjonijiet finanzjarji ta' EUR 191,6 miljun, EUR 80 miljun u EUR 0,2 miljun ġew implimentati mill-Kummissjoni bħala riżultat tas-segwitu għall-verifiki tal-Qorti. | Għall-verifiki mwettqa mill-Qorti relatati mas-sena finanzjarja 2006, il-Kummissjoni ħadet azzjoni korrettiva skont ir-regoli u l-proċeduri tagħha stess fil-każijiet kollha eżaminati, filwaqt li għall-2007, żewġ każijiet għadhom qed jiġu kkunsidrati.<br><br>Għall-verifiki mwettqa mill-Qorti relatati mas-sena finanzjarja 2008, ix-xogħol ta' segwitu tal-Kummissjoni għadu għaddej. | *Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti għas-segwitu tas-sejbiet tagħha tal-2006, 2007 u 2008 u l-verifiki ta' operazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-2009 wara li applikat metodoloġija simili għal dik tal-Qorti.*<br><br>*Dan huwa r-riżultat ta' waħda mill-azzjonijiet taħt il-Pjan tal-Azzjoni tal-Kummissjoni ta' Frar 2008 sabiex jissaħħaħ ir-rwol superviżorju tagħha.* |
| **2. L-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex issaħħaħ l-irwol ta' sorveljanza tagħha taħt il-ġestjoni maqsuma tal-azzjonijiet strutturali** | | | |
| Il-Qorti vvalutat is-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri bħala ineffettivi jew parzjalment effettivi u identifikat li s-sorveljanza tal-Kummissjoni stess mhix effettiva fil-prevenzjoni tal-iżbalji fil-livell tal-Istat Membru. | F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni ħadet diversi azzjonijiet biex issaħħaħ l-irwol ta' sorveljanza tagħha, kif deskritt fil-"Pjan ta' Azzjoni biex jissaħħaħ ir-rwol ta' superviżjoni tal-Kummissjoni taħt ġestjoni komuni ta' azzjonijiet strutturali" [1].<br><br>Sa tmiem l-2008, 28 mis-37 azzjoni kienu rrappurtati bħala li tlestew. Id-9 azzjonijiet li kien għad fadal ġew integrati fl-istrateġija konġunta ta' verifika għall-Koeżjoni [2] tal-Kummissjoni.<br><br>Barra minn hekk, fl-2008, il-Kummissjoni adottat regoli semplifikati tal-eliġibbiltà għan-nefqa (bħall-użu tar-regoli nazzjonali tal-eliġibbiltà, is-somom sħaħ, l-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità u l-ispejjeż indiretti fuq il-bażi ta' rati fissi) li jistgħu jiġu applikati fil-perjodu 2007-13. | ***Il-verifika tal-Kummissjoni tal-operazzjonijiet fl-2009***<br><br>Fl-2009, ix-xogħol ta' verifika tal-Kummissjoni kellu l-għan fost l-oħrajn li jivverifika kampjun statistikament rappreżentattiv tal-operazzjonijiet fl-Istati Membri (bl-applikazzjoni ta' metodoloġija simili għal dik użata skont il-mudell ta' assigurazzjoni tal-Qorti) biex jiġu vvalutati l-legalità u r-regolarità tan-nefqa ċċertifikata u ddikjarata lill-Kummissjoni għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-13.<br><br>Il-Qorti analizzat l-approċċ tal-verifika tal-Kummissjoni għal dan l-eżami u rrevediet id-dokumenti ta' ħidma għal kampjun ta' fajls tal-verifika. Il-Qorti tqis li l-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni kienet b'mod ġenerali xierqa.<br><br>Kif indikat mill-Kummissjoni, dawn ir-riżultati għandhom madankollu jiġu interpretati bi prudenza minħabba l-ispeċifiċitajiet tal-popolazzjoni vverifikata. | *Il-Kummissjoni tikkunsidra fir-rapport tal-impatt dwar il-Pjan tal-Azzjoni tal-Kummissjoni (COM (2010) 52 finali) li r-riżultati tal-verifika ta' operazzjonijiet tagħha fl-2009 jipprovdu indikazzjoni tajba li d-dispożizzjonijiet ta' kontroll imsaħħa għall-qafas regolatorju 2007-2013 u l-miżuri preventivi meħuda mill-Kummissjoni bdew jipproduċu riżultati.* |

| L-osservazzjoni tal-Qorti | L-azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | Ir-risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| | | ***Is-semplifikazzjoni tar-regoli tal-eliġibbiltà***<br><br>Il-possibbiltà li jiġu ssemplifikati r-regoli nazzjonali tal-eliġibbiltà adottati mill-Kummissjoni hija maħsuba b'mod partikolari biex tgħin lill-benefiċjarji fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-ispejjeż tal-persunal u dawk indiretti.<br><br>Fl-2009, din il-possibbiltà kienet teżisti għall-FSE biss. Sa tmiem l-2009, 22 mis-27 Stat Membru kienu implimentaw xi forma ta' semplifikazzjoni. L-effettività ta' dawk is-semplifikazzjonijiet tista' tkun ivvalutata biss fis-snin li ġejjin. | |

(1) Ara COM(2008) 97, approvat fid-19 ta' Frar 2008 u r-rapport ta' implimentazzjoni finali COM(2009) 42/3.

(2) Ara d-DĠs għall-Politika Reġjonali, l-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, "Strateġija Konġunta ta' Verifika għall-Azzjonijiet Strutturali 2009-11", April 2009, l-ewwel verżjoni C(2004) 3115 u li ġiet aġġornata kull sena minn dakinhar.

KAPITOLU 5

# Ir-Riċerka, l-Enerġija u t-Trasport

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 5.1-5.17 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 5.2-5.16 |
| L-objettivi tal-politika | 5.2-5.5 |
| L-istrumenti tal-politika | 5.6-5.14 |
| Riskji għar-regolarità tal-pagamenti | 5.15-5.16 |
| L-ambitu u l-approċċ tal-verifika | 5.17 |
| Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 5.18-5.22 |
| L-effettività tas-sistemi | 5.23-5.42 |
| Sistemi relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 5.25-5.40 |
| Desk checks *ex-ante* tar-rendikonti tal-ispejjeż | 5.25-5.27 |
| Ċertifikazzjoni tal-verifika tar-rendikonti tal-ispejjeż taħt l-FP6 | 5.28-5.31 |
| Ċertifikazzjoni *ex-ante* tal-metodoloġiji tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-benefiċjarji taħt l-FP7 | 5.32-5.36 |
| L-istrateġija tal-verifika *ex-post* tal-Kummissjoni | 5.37-5.40 |
| Sistemi relatati mal-irkupri u mal-korrezzjonijiet finanzjarji | 5.41-5.42 |
| L-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-kummissjoni | 5.43-5.44 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 5.45-5.53 |
| L-impriżi konġunti tal-UE | 5.54-5.57 |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

5.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tal-Qorti tal-grupp ta' politika r-Riċerka, l-Enerġija u t-Trasport, li jikkomprendi l-oqsma tal-politika 06-L-Enerġija u t-Trasport; 08-Ir-Riċerka; 09-Is-Soċjetà tal-Informazzjoni u l-Midja; u 10-Ir-Riċerka Diretta. Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2009 hija pprovduta fit-***Tabella 5.1***.

**Tabella 5.1 — Ir-Riċerka, l-Enerġija u t-Trasport — Informazzjoni ewlenija**

*(miljun euro)*

| Titolu tal-Baġit | Qasam tal-politika | Deskrizzjoni | Pagamenti 2009 | Mod tal-Ġestjoni |
|---|---|---|---|---|
| 6 | L-Enerġija u t-Trasport | Nefqa amministrattiva (1) | 143 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Trasport 'il ġewwa mill-kosta, trasport tal-ajru u trasport tal-baħar | 875 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Netwerks Trans-Ewropej (TENs) | 839 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Enerġiji konvenzjonali u rinnovabbli | 67 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Enerġija nukleari | 129 | Ċentralizzat u dirett Ċentralizzat u indirett Deċentralizzat u konġunt |
| | | Riċerka marbuta mal-enerġija u t-trasport (FP7) | 131 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Tlestija ta' programmi qafas preċedenti (FP5 u FP6) | 68 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Sigurtà u ħarsien tal-utenti tal-enerġija u t-trasport | 1 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **2 253** | |
| 8 | Ir-Riċerka | Nefqa amministrattiva (1) | 300 | Ċentralizzat u dirett |
| | | FP7 | 2 817 | Ċentralizzat u dirett |
| | | ITER: Fużjoni | 267 | Ċentralizzat u indirett |
| | | Tlestija ta' programmi qafas preċedenti (FP5 u FP6) | 1 388 | Ċentralizzat u dirett |
| | | KEFA - EIT | 54 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **4 826** | |
| 9 | Is-Soċjetà tal-Informazzjoni u l-Midja | Nefqa amministrattiva (1) | 134 | Ċentralizzat u dirett |
| | | FP7 | 698 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Tlestija ta' programmi qafas preċedenti (FP7) | 314 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Midja | 105 | Ċentralizzat u dirett |
| | | CIP u oħrajn | 124 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **1 375** | |

*(miljun euro)*

| Titolu tal-Baġit | Qasam tal-politika | Deskrizzjoni | Pagamenti 2009 | Mod tal-Ġestjoni |
|---|---|---|---|---|
| 10 | Ir-Riċerka diretta | Persunal, spejjeż tal-operat u investimenti | 321 | Ċentralizzat u dirett |
| | | FP7 | 40 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Passivi storiċi li jirriżultaw minn attivitajiet nukleari | 19 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Tlestija ta' programmi qafas preċedenti (FP5 u FP6) | 30 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **410** | |
| | | Nefqa amministrattiva totali (1) | 898 | |
| | | Total FPs | 5 486 | |
| | | Total TENs | 839 | |
| | | Total Oħrajn | 1 641 | |
| | | Total tan-nefqa operazzjonali *(li tikkonsisti f'):* | 7 966 | |
| | | — *pagamenti bil-quddiem* (2) | *4 543* | |
| | | — *pagamenti interim/finali* (3) | *3 423* | |
| | | **Total tal-pagamenti għas-sena** | **8 864** | |
| | | **Total tal-impenji għas-sena** | **11 876** | |

(1) Il-verifika tan-nefqa amministrattiva hija rrappurtata fil-Kapitolu 9.
(2) Il-pagamenti bil-quddiem skont is-Seba' Programm Qafas (2007-2013) kienu jammontaw għal EUR 2 101 miljun.
(3) Il-pagamenti interim/finali skont is-Seba' Programm Qafas (2007-2013) u s-Sitt Programm Qafas (2002-2006) kienu jammontaw għal EUR 1 585 miljun u EUR 1 800 miljun rispettivament.

*Sors:* Il-Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea tal-2009.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika

*L-objettivi tal-politika*

5.2. Il-politika tal-enerġija u t-trasport timmira li tagħti liċ-ċittadini u n-negozji Ewropej sistemi ta' enerġija u trasport kompetittivi, sabiex il-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija jsiru aktar sostenibbli, sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet għal provvista ta' enerġija kontinwa u sigura u servizzi tat-trasport għall-UE, sabiex titjieb is-sigurtà tat-trasport u tal-enerġija, u sabiex il-politika tal-Unjoni ta' trasport u enerġija kompetittivi, sostenibbli, u siguri tiġi proġettata internazzjonalment.

5.3. Il-politika ta' riċerka tfittex li trawwem l-investiment fir-riċerka u t-tranżizzjoni lejn l-ekonomija bbażata fuq l-għarfien sabiex tiġi rinfurzata l-kompetittività tal-UE. Hija timmira wkoll li ssaħħaħ il-bażi xjentifika u teknika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ZER), ittejjeb l-eċċellenza tar-riċerka fl-Ewropa, u żżid il-ftuħ u l-attrazzjoni taż-ZER u timmassimizza l-benefiċċji mill-koperazzjoni internazzjonali.

5.4. Il-politiki tas-soċjetà tal-informazzjoni u tal-midja jimmiraw li joħolqu spazju uniku innovattiv, miftuħ u kompetittiv għas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u l-midja u dan ikun ta' għajnuna sabiex wieħed jasal aktar għat-tranżizzjoni għan-netwerks futuri u l-Internet. Huma jfittxu li jżidu l-kobor u l-effettività tal-investiment tal-UE fir-riċerka u l-adozzjoni tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT), u jindirizzaw il-frammentazzjoni attwali tas-Suq Uniku għall-ekonomija diġitali. Il-politiki jaspiraw ukoll li joħolqu soċjetà tal-informazzjoni Ewropea inklużiva, li tipprovdi tkabbir u impjiegi b'mod konsistenti mal-iżvilupp sostenibbli u tagħti prijorità lis-servizzi pubbliċi aħjar u lill-kwalità tal-ħajja aħjar.

5.5. In-nefqa fuq ir-riċerka diretta tiffinanzja r-riċerka u l-attivitajiet relatati taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (ĊKR), li huwa Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni. L-għan taċ-ĊKR huwa li jipprovdi sostenn xjentifiku u tekniku mmirat lejn il-klijent għat-tnissil, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u s-sorveljanza tal-politika tal-UE, kif ukoll li jiġi żgurat programm għal perijodu twil tad-diżattivazzjoni nukleari u l-ġestjoni tal-iskart nukleari.

*L-istrumenti tal-politika*

5.6. Il-maġġoranza tan-nefqa għal dan il-grupp tal-politika hija implimentata mill-Kummissjoni b'ġestjoni ċentralizzata u diretta u, kulma jmur, b'ġestjoni ċentralizzata u indiretta mill-Aġenziji u l-Impriżi Konġunti. Il-fondi tad-diżattivazzjoni nukleari huma soġġetti għal ġestjoni konġunta mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Ir-riċerka**

5.7. Madwar 70 % tan-nefqa operattiva għal dan il-grupp tal-politika hija fuq proġetti tar-riċerka, taħt il-Programmi Qafas multiannwali (FPs), li għandhom bosta skemi ta' finanzjament, li jsostnu diversi oqsma tematiċi u tipi ta' proġetti. Il-Kummissjoni ġeneralment tagħmel pagamenti lill-benefiċjarji mingħajr l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-Istati Membri.

5.8. Il-benefiċjarji jistgħu jkunu istituti tar-riċerka, universitajiet, amministrazzjonijiet pubbliċi, kumpaniji jew individwi. Il-benefiċjarji jew l-imsieħba s-soltu jaħdmu bħala konsorzju ta' msieħba fost Stati Membri, stati assoċjati jew pajjiżi oħra, fuq il-bażi ta' ftehim ta' għotja mal-Kummissjoni. Għall-FP7 kull proġett għandu medja ta' sitt imsieħba, għalkemm skont l-iskema tal-finanzjament l-għadd jista' jvarja minn 1 sa 64. L-imsieħba jistgħu jipparteċipaw f'bosta proġetti.

5.9. Għall-FP7 sa tmiem l-2009, l-għotjiet għar-riċerka varjaw minn madwar EUR 7 500 għal riċerkaturi individwali sa EUR 93 miljun għal proġetti kollaborattivi kbar. Għalkemm hemm aktar minn 12 000 benefiċjarju, l-akbar 250 jirċievu madwar 50 % tat-total tal-kontribuzzjoni tal-UE.

5.10. Min-nofs l-2009, partijiet tal-FP7 huma ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka. Barra minn hekk, fi tmiem l-2009, erba' Impriżi Konġunti tar-riċerka kienu qed jaħdmu b'kontribuzzjoni tal-UE għas-sena ta' EUR 288 miljun ([1]). L-Impriżi Konġunti jġestu l-finanzjament ipprovdut mill-UE u minn imsieħba pubbliċi u privati oħra għal inizjattivi speċifiċi ta' riċerka.

**L-enerġija u t-trasport**

5.11. Il-kategorija unika u ewlenija l-oħra ta' nefqa fl-2009 (madwar 11 % tat-total) hija għal proġetti kbar ta' enerġija u trasport taħt il-programm tan-netwerks trans-Ewropej (TEN). Il-benefiċjarji s-soltu huma awtoritajiet tal-Istati Membri iżda jistgħu wkoll ikunu kumpaniji pubbliċi jew privati. Il-proġetti ġeneralment ikunu teknikament kumplessi u l-biċċa l-kbira minnhom huma transnazzjonali.

5.12. Fl-2009, kien hemm 404 proġetti ta' trasport għaddejjin (TEN-T) b'għotja medja ta' EUR 18,05 miljun u 49 proġett tal-enerġija għaddejjin (TEN-E) b'għotja medja ta' EUR 1,53 miljun.

([1]) L-Impriża Konġunta "Fużjoni għall-Enerġija" (ġestjoni tal-kontribut tal-Euratom għall-faċilità tal-fużjoni nukleari tal-ITER), l-Impriża Konġunta "Mediċini Innovattivi" (titjib tal-effiċjenza u l-effettività tal-iżvilupp tal-mediċina), l-Impriża Konġunta "Clean Sky" (żvilupp ta' teknoloġiji nodfa tat-trasport tal-ajru) u l-Impriża Konġunta "Artemis" (żvilupp ta' sistemi integrati tal-kompjuter).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.7.** *Programmi Qafas ta' Riċerka jinvolvu proġetti li huma teknikament u finanzjarjament kumplessi. L-ambjent ta' kontroll huwa kkaratterizzat minn għadd kbir ta' benefiċjarji, kull wieħed minnhom iħaddem is-sistemi ta' kontroll tiegħu.*

*Minħabba li l-ambjent leġiżlattiv u kuntrattwali ta' bħalissa jikkomplika l-amministrazzjoni tal-proġett għall-Kummissjoni u kif ukoll għall-benefiċjarji, il-Kummissjoni ħadet miżuri ta' simplifikazzjoni għall-implimentazzjoni tal-FP7.*

**5.10.** *Ħafna min-nefqa hija ġestita direttament mill-Kummissjoni iżda l-FP7 jippermetti wkoll għall-implimentazzjoni tal-baġit f'mod indirett ta' ġestjoni ċentralizzata; jiġifieri, il-Kummissjoni tafda l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Aġenziji Eżekuttivi, Impriżi Konġunti stabbiliti mill-UE u l-"Inizjattivi tal-Artikolu 185", li huma strutturi mwaqqfa għall-eżekuzzjoni ta' programmi ta' riċerka li twettqu b'mod konġunt minn bosta Stati Membri.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.13. Il-programm TEN-T huwa ġestit mill-Aġenzija Eżekuttiva tat-TEN-T u partijiet min-nefqa tal-enerġija u t-trasport huma ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni. L-Impriża Konġunta SESAR iġġesti l-fażi ta' żvilupp tal-proġett tal-UE sabiex tiġi mmodernizzata l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru Ewropew, b'baġit ta' EUR 157 miljun fl-2009.

**Pagamenti oħra**

5.14. Pagamenti oħra fl-2009 jinkludu l-pagamenti bil-quddiem mill-Kummissjoni skont ftehimiet mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' navigazzjoni bis-satellita Galileo, kontributi għall-programmi ta' diżattivazzjoni nukleari, u nefqa speċifika oħra bħall-pagamenti skont ftehimiet mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għall-Fond ta' Garanzija ta' Self tat-TEN-T u l-Faċilità ta' Finanzjament ta' Qsim tar-Riskju tal-FP7.

*Riskji għar-regolarità tal-pagamenti*

5.15. Kemm għall-proġetti tar-riċerka u kif ukoll għal dawk tat-trasport u l-enerġija, l-għotjiet jitħallsu f'partijiet: pagament bil-quddiem wara t-tlestija tal-proċess tal-għażla tal-proġett u mal-firma tal-ftehim tal-għotja jew id-deċiżjoni dwar il-finanzjament, segwit b'pagamenti interim u finali li huma maħsuba biex jirrimborżaw nefqa eliġibbli rrappurtata mill-benefiċjarji f'rendikonti tal-ispejjeż perjodiċi. F'dan l-istadju taċ-ċiklu ta' pprogrammar, madwar nofs il-pagamenti għar-riċerka huma pagamenti bil-quddiem għall-proġetti FP7. Il-bqija huma pagamenti interim u finali għall-proġetti FP6 u pagamenti interim għall-proġetti FP7.

5.16. Għall-pagamenti interim u finali, ir-riskju ewlieni huwa li l-benefiċjarji jistgħu jinkludu spejjeż ineliġibbli fir-rendikonti tal-ispejjeż tagħhom, spejjeż li jistgħu ma jinstabux u ma jiġux ikkoreġuti mis-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kummissjoni qabel ma jiġu rimborżati l-ispejjeż iddikjarati. Ir-riskju jiġi aggravat mill-kumplessità tar-regoli għall-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli, inklużi diversi kriterji għall-eliġibbiltà, u r-rekwiżit għall-benefiċjarji biex jallokaw l-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż indiretti għall-proġetti, filwaqt li jnaqqsu diversi punti li huma kkunsidrati ineliġibbli għall-kofinanzjament mill-UE. Il-kundizzjonijiet għall-pagamenti bil-quddiem huma inqas kumplessi, billi dawn il-pagamenti jibdew mal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja jew mad-deċiżjoni dwar finanzjament. Madankollu, fis-snin ta' qabel il-pagamenti bil-quddiem kienu soġġetti għal żbalji, għalkemm dawn ġeneralment mhumiex kwantifikabbli u kienu relatati ma' nuqqasijiet proċedurali bħal pagamenti tard.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.16.** *Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti. Fil-fatt il-kumplessità tar-regoli hija sors kbir ta' żbalji u ta' pretensjonijiet tal-kost mhux eleġibbli. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-issimplifikar tal-implimentazzjoni tal-programmi qafas ta' riċerka* [1] *tipproponi azzjonijiet biex jiġi indirizzat dan ir-riskju. Hekk kif dawn il-proposti se jiġu implimentati biss fi ħdan il-programm qafas li jmiss, u peress li l-Kummissjoni teħtieġ li tindirizza l-problemi kkawżati minn rekwiżiti ta' eliġibbiltà kumplessi għall-benefiċjarji tal-għotja, fis-26 ta' Mejju 2010 hija adottat Komunikazzjoni* [2] *lill-Istituzzjonijiet l-oħrajn li tipproponi livell ta' bejn 2 % u 5 % għar-riskju tollerabbli ta' żball f'dan il-qasam . Il-livell propost ta' riskju tollerabbli ta' żball huwa stabbilit b'kunsiderazzjoni tal-kost-effettività tal-kontrolli u l-livell aċċettabbli tal-iżball residwu li huwa ġġustifikat fid-dawl ta' dawn il-kostijiet.*

(1) *COM(2010) 187 tad-29.4.2010.*

(2) *COM(2010) 261 tas-26.5.2010.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## L-ambitu u l-approċċ tal-verifika

5.17. L-approċċ u l-metodoloġija ġenerali tal-verifika tal-Qorti huma deskritti fil-***Parti 2 tal-Anness 1.1***. Għall-verifika tar-Riċerka, l-Enerġija u t-Trasport, għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

— ġie ttestjat kampjun ta' 150 tranżazzjoni, li jikkomprendi 86 pagament bil-quddiem u 64 pagament interim u finali;

— il-valutazzjoni tas-sistemi ffukat fuq il-pagamenti għar-riċerka u kopriet:

  — id-desk checks *ex-ante* tar-rendikonti tal-ispejjeż mill-benefiċjarji;

  — iċ-ċertifikazzjoni tal-verifika tar-rendikonti tal-ispejjeż minn awdituri indipendenti;

  — iċ-ċertifikazzjoni *ex-ante* tal-metodoloġiji tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-benefiċjarji;

  — il-verifiki finanzjarji *ex-post* tal-proġetti; u

  — l-implimentazzjoni tal-irkupri u tal-korrezzjonijiet finanzjarji.

## IR-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

5.18. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet huma miġbura fil-qosor fl-***Anness 5.1***. Ir-rata l-aktar probabbli ta' żbalji stmata mill-Qorti tinsab bejn 2 % u 5 %.

5.19. B'kollox, il-Qorti sabet li 36 pagament minn kampjun ta' 150 tranżazzjoni kienu milquta minn żball. Fi 23 każ, l-iżbalji għandhom x'jaqsmu mar-rimborż ta' spejjeż ineliġibbli jew ma' spejjeż iddikjarati b'mod mhux preċiż fil-pagamenti interim u finali lil proġetti tar-riċerka. Is-sors prinċipali ta' żbalji jibqa' r-rimborż ta' spejjeż tal-persunal u spejjeż indiretti ddikjarati żżejjed. Iż-żewġ eżempji li ġejjin juru dan.

**5.19**

| Eżempju 1: spejjeż tal-persunal |
| --- |
| Il-Qorti sabet li l-benefiċjarju li saritlu verifika rrapporta 17-il persuna-xahar bħala input lill-Kummissjoni, iżda l-ammont li ddikjara fil-verità kien ekwivalenti għal 42 persuna-xahar ta' xogħol għall-benefiċjarju. Il-Qorti ma sabet l-ebda evidenza biex torbot l-ammont addizzjonali ta' spejjeż tal-persunal li jiġġarrbu mill-proġett. Barra minn hekk, il-klejm kienet tinkludi spejjeż tal-ivvjaġġar li ma kinux iġġarrbu fir-rigward tal-proġett. L-iżball kien jammonta għal EUR 73 000 jew 50 % tal-ispejjeż iddikjarati. |

| *Eżempju 1* |
| --- |
| *Il-Kummissjoni taqbel mal-osservazzjonijiet tal-Qorti u l-proċess ta' rkupru huwa għaddej.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Eżempju 2: spejjeż indiretti

Skont il-ftehim standard ta' għotja, l-ispejjeż indiretti għandhom ikunu reali u neċessarji għall-proġett, u għandhom jiġu ġġustifikati mis-sistema tal-kontabbiltà tal-benefiċjarju skont kif iġġarrbu f'relazzjoni diretta mal-ispejjeż diretti eliġibbli għall-proġett. Il-Qorti sabet li l-kontijiet tal-benefiċjarju li saritlu verifika ma rabtux direttament l-ispejjeż ma' proġetti speċifiċi. Għalhekk, għalkemm il-kontijiet urew li l-benefiċjarju kien ġarrab spejjeż indiretti għall-proġett, ma kienx possibbli li wieħed jirrikonċilja l-ammont reali direttament relatat mal-proġett. Filwaqt li kkunsidrat ukoll l-ispejjeż diretti u ineliġibbli li kienu ġew identifikati, il-Qorti rrappurtat żball ta' EUR 62 000 jew 10 % tal-ispejjeż totali ddikjarati.

5.20. Il-kampjun tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet tal-Qorti kien jinkludi 13-il pagament interim lill-proġetti FP7. Il-Qorti sabet żbalji, ta' natura simili għal dawk l-iżbalji li laqtu l-proġetti FP6, f'sitt każijiet.

5.21. Kollox ma' kollox, is-sejbiet dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet huma konsistenti mar-riżultati tal-verifiki tal-Kummissjoni stess u r-riżervi dwar il-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP6 li saru mid-Diretturi Ġenerali tad-DĠ tar-riċerka fir-Rapporti ta' Attività Annwali tagħhom.

5.22. Għall-44 tranżazzjoni li ma kinux pagamenti tar-riċerka u li ġew ittestjati (28 pagament bil-quddiem u 16-il pagament interim u finali), il-Qorti sabet żbalji f'sitt każijiet. Dawn kienu jinkludu proġett TEN-T wieħed fejn ir-regoli tal-akkwist pubbliku ma kinux ġew applikati b'mod adegwat u proġett TEN-T ieħor fejn l-ispejjeż barra mill-ambitu tad-deċiżjoni dwar finanzjament kienu ġew iddikjarati u rimborżati.

## L-EFFETTIVITÀ TAS-SISTEMI

5.23. Ir-riżultati tal-eżami tas-sistemi tal-Qorti huma miġbura fil-qosor fl-***Anness 5.2***. Il-Qorti sabet li s-sistemi kienu parzjalment effettivi biex jiżguraw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

5.24. Is-sejbiet ta' hawn taħt jiffukaw prinċipalment fuq il-kontrolli dwar il-pagamenti interim u finali.

### Sistemi relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet

*Desk checks* ex-ante *tar-rendikonti tal-ispejjeż*

5.25. Desk checks *ex-ante* jikkonsistu prinċipalment f'verifikazzjoni kontabbli u aritmetika tar-rendikonti tal-ispejjeż mill-Kummissjoni qabel ma jsir ir-rimborż. F'xi każijiet, l-iċċekkjar jista' jinkludi wkoll verifikazzjoni tal-ispejjeż individwali bbażata fuq informazzjoni addizzjonali, bħal fatturi jew karti tal-pagament, li jintalbu lill-benefiċjarju.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.20.** *F'dan l-istadju ċ-ċiklu tal-programm, u minħabba n-numru żgħir ta' pagamenti interim tal-FP7 inklużi fil-kampjun tal-Qorti, għadu wisq kmieni biex jinħarġu konlużjonijiet dwar il-frekwenza u l-valur tal-iżbalji fl-FP7 meta mqabbla mal-FP6.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.26. Għalkemm bosta żbalji jistgħu jinstabu biss billi jitwettqu kontrolli għand il-benefiċjarju, id-desk checks għandhom jippermettu li jinstabu nuqqasijiet bażiċi fir-rendikonti tal-ispejjeż.

5.27. Il-Qorti ttestjat il-ħidma tal-iċċekkjar għall-kampjun kollu tagħha ta' 150 tranżazzjoni. Ir-riżultati tal-ittestjar tal-Qorti jindikaw li l-kontrolli ġeneralment joperaw kif maħsub, għalkemm f'erba' każijiet, anomaliji f'dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż li kien imisshom instabu, bħal rati inkorretti tal-overheads (spejjeż amministrattivi), ma nstabux mill-kontrolli.

*Ċertifikazzjoni tal-verifika tar-rendikonti tal-ispejjeż taħt l-FP6*

5.28. Skont l-FP6, il-ftehimiet tal-għotja ġeneralment jistipulaw li r-rendikonti tal-ispejjeż tal-benefiċjarji ppreżentati għar-rimborż għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tal-verifika maħruġ minn awdituri indipendenti. L-awditur jiċċertifika li huwa għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-ispejjeż iddikjarati jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà.

5.29. Kull imsieħeb fi proġett għandu jagħti minn tal-inqas ċertifikat tal-verifika wieħed li jkopri t-tul kollu tal-proġett. Ċertifikat huwa dejjem meħtieġ meta l-kontribuzzjoni tal-UE mitluba minn imsieħeb taqbeż EUR 750 000 għal perjodu ta' rappurtar speċifiku.

5.30. Għat-30 tranżazzjoni vverifikata għand il-benefiċjarju fejn kien ingħata ċertifikat ([2]), il-Qorti qabblet ir-riżultati tal-ittestjar tagħha stess maċ-ċertifikat. Fi 13 jew 43 % tal-każijiet, kollha kemm huma rigward l-FP6, il-Qorti sabet żbalji fir-rendikonti tal-ispejjeż li kienu rċevew opinjoni mhux kwalifikata mill-awditur li jiċċertifika qabel ma ġew ippreżentati għar-rimborż.

5.31. Dan huwa konformi mas-sejbiet tas-sena l-oħra ([3]) u mal-osservazzjonijiet irrappurtati fil-Kapitolu 8 ([4]), u b'hekk hija kkonfermata l-ħtieġa li tittejjeb l-affidabbiltà ta' dan il-kontroll.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.31.** *Il-Kummissjoni tikkondividi t-tħassib tal-Qorti dwar il-korrettezza taċ-ċertifikati ta' verifika tal-FP6, li ma pprovdewx bi sħiħ l-assigurazzjoni addizzjonali mistennija fil-bidu. Madankollu, il-Kummissjoni żżomm li dan l-istrument għamel kontribuzzjoni sostanzjali għall-prevenzjoni tal-iżbalji, li rriżultat fi tnaqqis sinifikanti tar-rati tal-iżball fil-verifiki tal-FP6 meta mqabbla mal-FP5.*

([2]) 27 FP6, FP7 wieħed, Fond wieħed għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar, Programm wieħed tal-MEDIA 2007.

([3]) Ir-Rapport Annwali tal-2008, il-paragrafi 7.21 sa 7.24.

([4]) Il-Kapitolu 8, il-paragrafi 8.19 u 8.20.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| | *Il-Kummissjoni ħadet azzjoni ta' rimedju sabiex ittejjeb il-kwalità taċ-ċertifikati ta' verifika fl-FP7. Iċ-ċertifikazzjoni tal-verifika fl-FP7 hija bbażata fuq "proċeduri miftiehma", li jitolbu l-awditur li jiċċertifika biex iwettaq proċeduri definiti minn qabel u jirrapporta fuq dik il-bażi dwar l-osservazzjonijiet fattwali. Dan l-approċċ għandu jwassal għal tnaqqis fl-iżbalji tal-interpretazzjoni tar-regoli ta' eliġibbiltà mill-awdituri li seħħew fl-FP6.* |
| | *Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-attendibbiltà taċ-ċertifikati ta' verifika matul il-verifiki finanzjarji proprji.* |
| | *Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 5.49.* |
| *Ċertifikazzjoni* ex-ante *tal-metodoloġiji tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-benefiċjarji taħt l-FP7* | |
| 5.32. Bħalma l-Qorti osservat fl-2008, il-Kummissjoni fittxet li tissemplifika s-sistema ta' ċertifikazzjoni tal-verifika taħt l-FP7 permezz tal-introduzzjoni taċ-ċertifikazzjoni *ex-ante* tal-metodoloġiji tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-benefiċjarji. | **5.32.-5.33.** *Iċ-ċertifikazzjoni* ex-ante *tal-metodoloġiji ta' kostijiet tal-benefiċjarji hija obbligatorja biss għal dawk li jixtiequ japplikaw kostijiet medji tal-personal għall-pretensjonijiet tal-kost.* |
| 5.33. Il-miżura hija maħsuba biex tapplika għall-benefiċjarji ta' sovvenzjonijiet multipli li s-sistemi ta' kontabbiltà tagħhom jistgħu jipprovdu assigurazzjoni li l-metodoloġiji tal-kalkolu tal-ispejjeż tagħhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim tal-għotja. Il-benefiċjarji jistgħu jirċievu ċertifikazzjoni fir-rigward tal-metodoloġija tagħhom għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż indiretti, u għall-ispejjeż medji tal-persunal. | *Huwa fakultattiv għal benefiċjarji oħrajn. Barra minn hekk, il-benefiċjarji għadhom meħtieġa li jipprovdu ċertifikat għall-pagament finali li jkopri l-perjodi kollha jekk il-kontribuzzjoni totali mitluba taqbeż l-ammont ta' EUR 375 000. F'termini partikolari, iċ-ċertifikazzjoni* ex-ante *tnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u tikkontribwixxi għal tnaqqis sostanzjali tal-kostijiet fuq il-miżati tal-verifika.*<br><br>*Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 5.36.* |
| 5.34. Fi tmiem Mejju 2010, kienu biss 25 benefiċjarju mis-650 benefiċjarju potenzjali eliġibbli biex japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni li rċevew ċertifikazzjoni *ex-ante* tal-metodoloġiji tal-kalkolu tal-ispejjeż tagħhom. L-applikazzjonijiet ta' 16-il benefiċjarju ieħor ġew rifjutati filwaqt li oħrajn kienu ppreferew ma japplikawx billi kien hemm id-dubju li se jiġu rifjutati ċ-ċertifikazzjoni. | **5.34.-5.35.** *Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar is-simplifikazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi li tqis kwalunkwe metodoloġija ta' kostijiet medji tal-persunal applikata bħala prattika ta' kontabbiltà normali tal-benefiċjarji, inkluż approċċ ibbażat fuq ċentru tal-kostijiet, dejjem jekk ikunu abbażi l-kostijiet effettivi tal-persunal reġistrati fil-kontijiet u jiġi eskluż kwalunkwe ffinanzjar doppju tal-kostijiet taħt kategoriji oħra ta' kostijiet.* |
| 5.35. Il-Kummissjoni għarfet li l-kriterji ta' aċċettabbiltà ([5]) li stipulat biex wieħed jirċievi ċertifikazzjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu tal-ispejjeż huma stretti wisq għall-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji ([6]). Tassew, il-kriterji ma jikkorrispondux għall-prattiki komuni tal-kontabbiltà fl-industrija (bħall-użu tal-ispejjeż medji tal-persunal miċ-ċentru ta' spiża) u fl-organizzazzjonijiet tar-riċerka. | *Ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni tal-FP7 jawtorizzaw il-kostijiet medji tal-persunal bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-kostijiet reali, sakemm din tkun il-prattika ta' kontabbiltà normali tal-benefiċjarju u li l-kostijiet medji ma jkollhom l-ebda diskrepanza sinifikanti mill-kostijiet reali. Il-kriterji definiti mill-Kummissjoni jimmiraw biex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li l-applikazzjoni ta' metodoloġija tal-benefiċjarju mhix se twassal għal xi devjazzjoni sinifikanti tal-kostijiet medji rrapportati vis-à-vis l-kostijiet reali. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dawn il-kriterji jirrappreżentaw l-aħjar bilanċ possibbli bejn it-tħassib dwar is-simplifikazzjoni u r-responsabbiltà fi ħdan il-qafas regolatorju l-aktar użat.* |

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23.6.2009 (C (2009) 4705).

([6]) COM(2010) 187 tal-24 ta' April 2010 - Is-semplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas tar-Riċerka.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 5.36. Ir-regoli ewlenin tal-finanzjament għall-FP6 – u r-riskji assoċjati għar-regolarità tan-nefqa – ngħaddew għall-FP7. Jista' jkun li r-riskji żdiedu f'dan l-istadju, billi n-numru ta' ċertifikati tal-verifika mitlub tnaqqas b'mod sinifikanti, filwaqt li s-sistema taċ-ċertifikazzjoni *ex-ante* tal-metodoloġiji tal-kalkolu tal-ispejjeż, li suppost tissostitwixxi fil-biċċa l-kbira ċ-ċertifikati tal-verifika, mhijiex qed topera kif maħsub. | **5.36.** *Il-livell tal-intensità tas-sottomissjonijiet taċ-ċertifikat ta' verifika taħt l-FP7 tbaxxa ħalli jitnqqas il-piż amministrattiv fuq il-parteċipanti. Madankollu, Ċertifikati fuq ir-Rendikonti Finanzjarji (CFS) xorta għadu meħtieġ għall-benefiċjarji li rċevew ċertifikazzjoni tal-metodoloġiji ta' kostijiet tagħhom, peress li dan ineħħi biss l-obbligu għal benefiċjarju li jressaq CFS intermedjarji. CFS jrid jitressaq għall-aħħar perjodu ta' rapportar jekk il-kontribuzzjoni totali mitluba taqbeż l-ammont ta' EUR 375 000. Wara l-kampanji intensivi ta' verifika tal-FP6, ħafna benefiċjarji tgħallmu mill-esperjenzi tagħhom u l-Kummissjoni tistenna li l-benefiċjarji, bħala riżultat ta' dan, x'aktarx se japplikaw prattiki mtejba tal-kontabbiltà tal-proġetti*<br><br>*Fis-sitwazzjoni ta' bħalissa, mhux possibbli li jiġi konkluż jekk ir-rata tal-iżbalji kumplessiva hijiex se togħla, hekk kif ir-riskju identifikat jista' jiġi bbilanċjat minn miżuri oħrajn.* |
| *L-istrateġija tal-verifika* ex-post *tal-Kummissjoni* | |
| 5.37. L-element prinċipali l-ieħor tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għan-nefqa fuq ir-riċerka huwa l-programm tagħha ta' verifiki finanzjarji *ex-post* (jiġifieri wara r-rimborż) għand il-benefiċjarji. Il-verifiki jitwettqu mill-awdituri tal-Kummissjoni jew minn kumpaniji tal-verifika esterna taħt is-sorveljanza tal-Kummissjoni. L-iskop tal-verifiki *ex-post* huwa li jsibu u jikkoreġu żbalji li ma ġewx ostakolati jew misjuba minn kontrolli li saru aktar kmieni. | |
| 5.38. Fl-2009, id-DĠ tar-riċerka tal-Kummissjoni (id-DĠ RTD, id-DĠ INFSO, id-DĠ TREN u d-DĠ ENTR) daħlu fit-tielet sena tal-implimentazzjoni tal-istrateġija komuni tal-verifika *ex-post* tal-FP6 u varaw ukoll l-ewwel verifiki skont l-istrateġija tal-verifika *ex-post* għall-FP7. L-istrateġiji huma maħsuba biex jivvalutaw ir-regolarità tan-nefqa tar-riċerka u jipprovdu l-bażi għal azzjoni korrettiva u ta' rkupru. | |
| 5.39. Fl-2009, il-kopertura tan-nefqa mill-verifiki *ex-post* kompliet tiżdied u d-DĠ tar-riċerka kisbu n-numru mmirat ta' verifiki għas-sena (il-***Grafika 5.1***). L-għadd ta' verifiki kkompletati żdied minn 1 084 fi tmiem l-2008 għal 1 905 fi tmiem l-2009. | |
| 5.40. Id-DĠ tar-riċerka komplew l-isforzi tagħhom biex jiżguraw approċċ koerenti u koordinazzjoni effiċjenti permezz ta' gruppi ta' ħidma u kumitati konġunti. L-introduzzjoni ta' għodod ġodda tal-IT matul l-2009 huma mistennija jippromwovu aktar il-koordinazzjoni effettiva. L-integrazzjoni tal-Aġenziji Eżekuttivi għar-Riċerka u tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka fl-attivitajiet tal-verifika, flimkien mad-diviżjoni tad-DĠ Trasport u Enerġija f'żewġ DĠ [7], titlob aktar sforzi ta' koordinazzjoni. | **5.40.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni pożittiva tal-progress li sar. Hija konxja bis-sħiħ tal-livelli meħtieġa ta' koordinazzjoni u qed tipproċedi skont il-każ.* |

[7] Minn Frar 2010, id-DĠ TREN inqasam fid-DĠ tal-Mobbiltà u t-Trasport (DĠ MOVE) u d-DĠ għall-Enerġija.

**Grafika 5.1 — Implimentazzjoni tal-istrateġija komuni tal-verifika *ex-post* tal-Kummissjoni** ([1])




*Sors:* Data tal-Kummissjoni.

([1]) Iċ-ċifri ppubblikati qabel għall-2007 u l-2008 ġew aġġustati minħabba bidla fil-kriterji tar-rappurtar.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Sistemi relatati mal-irkupri u mal-korrezzjonijiet finanzjarji

5.41. Fl-2008, il-Qorti osservat ammont sinifikanti ta' xogħol b'lura fl-implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji wara l-verifiki *ex-post*. Filwaqt li l-Kummissjoni żiedet b'mod konsiderevoli l-ammont ta' spejjeż ineliġibbli li ġew irkuprati matul l-2009, l-ammonti dovuti li jistgħu jiġu rkuprati wrew żieda simili u kważi ttriplikaw għal EUR 31,5 miljun (il-***Grafika 5.2***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.41.** *Se jittieħdu sforzi addizzjonali sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni f'waqtha tar-riżultati tal-verifika.*

*Il-proċess ta' rkupru fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' verifika kien suġġett ukoll għal miżuri ta' simplifikazzjoni ([3]) sabiex inaqqas il-piż għall-Kummissjoni u kif ukoll għall-benefiċjarji.*

*L-eżekuzzjoni tal-proċess ta' rkupru mxiet 'il quddiem b'mod sinifikanti fl-2009.*

*Bosta korrezzjonijiet finanzjarji huma implimentati billi jitnaqqas l-ammont dovut mill-pagament li jkun imiss, li huwa l-metodu ta' rkupru l-aktar kost-effettiv. Peress li l-pagamenti normalment jsiru darba fis-sena, dan iwassal għal dewmien ta' żmien fil-proċess ta' rkupru.*

*In-numru miżjud ta' verifiki rdoppja n-numru ta' proġetti li jeħtieġu korrezzjonijiet u aġġustamenti.*

*([3]) SEC(2009) 1720 tal-15.12.2009.*

**Grafika 5.2 — Implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji wara l-verifiki** ([1])




*Sors:* Data tal-Kummissjoni.

([1]) Iċ-ċifri ppubblikati qabel għall-2007 u l-2008 ġew aġġustati minħabba bidla fil-kriterji tar-rappurtar.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.42. Il-Qorti osservat fir-Rapport Annwali tagħha dwar l-2008 ([8]) li l-Kummissjoni kienet għadha ma imponiet l-ebda sanzjoni, minkejja l-fatt li sistema estiża ta' sanzjonijiet kienet waħda mill-miżuri korrettivi prinċipali introdotti fil-bidu tal-FP6 fl-2002 ([9]). Matul l-2009, il-Kummissjoni ħadet azzjoni ta' rimedju u d-DĠ kollha tar-riċerka, bl-eċċezzjoni tad-DĠ TREN, applikaw sanzjonijiet. Sa tmiem l-2009, il-Kummissjoni kienet imponiet pieni f'34 każ, li kienu jammontaw għal EUR 514 330.

## L-AFFIDABBILTÀ TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI

5.43. Il-Qorti vvalutat ir-Rapporti ta' Attività Annwali u d-dikjarazzjonijiet li jakkumpanjawhom tad-Diretturi Ġenerali għad-DĠ RTD, id-DĠ INFSO u d-DĠ TREN.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.42.** *Mit-twaqqif tagħhom f'nofs Frar tal-2010 id-DĠ MOVE u DĠ ENER japplikaw id-danni likwidati bl-istess mod li jużaw id-DĠs ta' riċerka l-oħrajn.*

([8]) Il-paragrafu 7.39.
([9]) L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2321/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 355, 30.12.2002, p. 23).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 5.44. Ir-riżultati tar-reviżjoni ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment huma miġbura fil-qosor fl-***Anness 5.3***. Il-Qorti sabet li d-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi Ġenerali u r-rapporti ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja għal dak li għandu x'jaqsam ma' legalità u regolarità. | **5.44.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti għar-Rapporti kollha ta' Attività Annwali koperti b'dan il-kapitolu.* |
| **KONKLUZJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET** | |
| 5.45. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li l-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għar-Riċerka, l-Enerġija u t-Trasport kienu milquta minn żbalji materjali. | **5.45.** *Il-Kummissjoni tenfasizza li l-osservazzjoni tal-Qorti rigward ir-rata ta' żball hija konformi mas-sena ta' qabel u li x'aktarx ir-rata ta' żball għall-oqsma ta' politika koperti f'dan il-kapitolu tinsab bejn it-2 % u l-5 %.*<br><br>*Dan ir-riżultat huwa konformi mal-osservazzjonijiet proprji tal-Kummissjoni. Fis-26 ta' Mejju, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni ([4]) li tipproponi livell tollerabbli ta' riskju ta' żball f'din il-firxa (2 %-5 %). Rata ta' żball tad-DAS madwar in-nofs ta' din il-firxa tista', fil-fehma tal-Kummissjoni, tkun aċċettabbli u ġustifikata. Lil hinn minn dan il-livell, tittieħdet azzjoni addizzjonali biex titnaqqas ir-rata ta' żball permezz ta' aktar kontrolli li jindirizzaw il-kawżi maġġuri ta' żbalji u b'kunsiderazzjoni tan-natura multiannwali tan-nefqa. Din ir-rata għandha tkopri l-Programmi Qafas ta' Riċerka kollha.*<br><br>*Dan il-livell jista' jiġi rivedut fid-dawl tal-bidliet kbar fl-ambjent ta' kontroll li jista' jkollhom effett fuq ir-rata ta' żball tad-DAS, b'mod partikolari azzjonijiet ta' simplifikazzjoni li jidħlu fis-seħħ fil-programm qafas li jmiss.* |
| 5.46. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għall-grupp ta' politika r-Riċerka, l-Enerġija u t-Trasport kienu parzjalment effettivi biex jiżguraw ir-regolarità tal-pagamenti. | |
| 5.47. Dawn ir-riżultati huma konsistenti ma' dawk tas-snin ta' qabel. Is-sors prinċipali ta' żball f'dan il-grupp tal-politika jibqa' r-rimborż tal-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż indiretti ddikjarati żżejjed lill-proġetti tar-riċerka. | |
| 5.48. F'dan il-kuntest, il-Qorti għarfet fir-Rapport Annwali tagħha dwar l-2008 ([10]) t-tnaqqis fil-livell ta' żbalji għal dan il-grupp tal-politika matul l-aħħar snin, minħabba r-rinfurzar tas-sistemi ta' kontroll interni u l-bidliet bl-għan li jissemplifikaw ir-regoli tal-finanzjament għall-proġetti ta' riċerka. Il-Qorti tinnota li din it-tendenza ssuktat fl-2009. Madankollu hemm riskju li l-effett pożittiv tal-bidliet jista' ma jkomplix taħt l-FP7, b'mod partikolari minħabba diffikultajiet fl-implimentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni *ex-ante* tal-metodoloġiji tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-benefiċjarji (ara l-paragrafi 5.20 u 5.36). | **5.48.** *Il-Kummissjoni tilqa' x-xejra pożittiva nnotata mill-Qorti. Hija tenfasizza li l-bidliet fir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tal-verifika ġew introdotti biex jissimplifikaw u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji.*<br><br>*Barra minn hekk, filwaqt li tirrikonoxxi s-suċċess limitat taċ-ċertifikazzjoni tal-metodoloġija ex-ante, il-firxa sħiħa ta' kontrolli interni fis-seħħ, inkluża l-istrateġija ta' verifika tal-FP7, se tassigura l-kundizzjonijiet it-tajba għal ġestjoni finanzjarja tajba.* |

([10]) Il-paragrafu 7.42.

*([4]) COM(2010) 261 tas-26.5.2010.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 5.49. Il-Qorti tħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi tagħha biex tiżgura applikazzjoni rigoruża tas-sistemi effettivi ta' kontroll. Fil-kuntest tal-qafas legali attwali, il-Kummissjoni għandha: | **5.49.** *L-għan primarju tal-Kummissjoni hu li tikseb b'mod effettiv l-għan tal-politika ta' riċerka, filwaqt li tassigura kontroll tajjeb tal-implimentazzjoni tal-baġit relatata.* |
| (a) tiżgura li l-awdituri indipendenti li ċċertifikaw ħażin ir-rendikonti tal-ispejjeż isiru konxji tal-kriterji tal-eliġibbiltà għall-ispejjeż iddikjarati; | **(a)** *Il-Kummissjoni qed issegwi politika li titrasferixxi b'mod attiv osservazzjonijiet tal-verifiki* ex-post *lill-benefiċjarji sabiex tiżgura – fejn ikun meħtieġ – titjib fil-ħidma tal-awdituri li jwettqu ċ-ċertifikati ta' verifika. Minħabba dan, kull benefiċjarju huwa mitlub, matul il-proċedura ta' verifika, li jinforma lill-awditur li qed jiċċertifika dwar l-osservazzjonijiet ta' verifika materjali. Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li l-kawża prinċipali tal-osservazzjonijiet tal-Qorti mhijiex daqstant it-tfassil jew il-kunċett taċ-ċertifikat ta' verifika iżda aktar il-kumplessità relattiva tar-regoli, li ssir referenza għaliha mill-Qorti taħt il-paragrafu 5.16. Din il-kumplessità inerenti għandha impatt fuq il-ħidma eżekwita mill-awdituri esterni maħtura mill-benefiċjarji biex iwettqu ċertifikati ta' verifika. Għall-FP7 huwa mistenni li, b'dipendenza fuq proċeduri mfittxiema qabel, se jonqos b'mod sinifikanti l-grad tal-iżbalji li jseħħu minħabba tali interpretazzjoni ħażina.* |
| (b) tirrevedi t-tħaddim tas-sistemi għaċ-ċertifikazzjoni tal-metodoloġiji tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-benefiċjarji; | **(b)** *Iċ-ċertifikazzjoni fuq il-metodoloġija (CoM) hija maħsuba biss għall-benefiċjarji ta' għotjiet multipli. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għas-CoM ġew riveduti f'Novembru 2008 u ppubblikati fil-Gwida tal-FP7 għal Kwistjonijiet Finanzjarji.*<br><br>*Il-Kummissjoni dan l-aħħar ħadet azzjoni biex iċ-ċertifikazzjoni* ex-ante *tal-metodoloġiji ta' kostijiet tal-benefiċjarji tkun aktar attraenti. Il-Kummissjoni espremiet l-opinjonijiet tagħha rigward dan fil-Komunikazzjoni tagħha dwar is-simplifikazzjoni tal-24 ta' April 2010 u kif ukoll fil-proposta tagħha għal reviżjoni ta' kull tliet snin tar-regolament finanzjarju u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu adottati fit-28 ta' Mejju 2010.*<br><br>*Simplifikazzjoni ġenwiena tista' tinkiseb billi metodoloġiji jitħallew jiġu applikati bħala prattiki normali ta' kontabbiltà sakemm ikunu bbażati fuq il-kostijiet reali tal-persunal reġistrat fil-kontijiet.* |
| (c) tnaqqas ix-xogħol b'lura fl-irkupru tal-ammonti mhux dovuti mħallsa, billi timponi sanzjonijiet fejn ikun meħtieġ. | **(c)** *Il-Kummissjoni ser issegwi ulterjorment l-isforzi tagħha biex ittejjeb l-implimentazzjoni f'waqtha tar-riżultati ta' verifika u tkompli tapplika l-linji gwida tagħha dwar l-applikazzjoni ta' danni likwidati. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni, rigward is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' rkupru adottata fil-15 ta' Diċembru 2009 tipprovdi miżuri biex ittejjeb l-eżekuzzjoni tal-proċess ta' rkupru.* |
| 5.50. L-FPs tar-riċerka żviluppaw f'mekkaniżmi kumplessi ta' finanzjament, li għalihom il-Kummissjoni stabbiliet sistemi daqstant ieħor qawwija ta' ġestjoni u kontroll. Filwaqt li l-obbligu ta' rendikont adegwat għall-użu tal-fondi tal-UE għandu jibqa' l-prinċipju fundamentali, huwa ċar li għad hemm lok għal aktar semplifikazzjoni tar-regoli ta' finanzjament għar-riċerka. | **5.50.** *Il-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ u tirreferi għall-orjentazzjonijiet żviluppati fil-Komunikazzjonijiet reċenti dwar 'Is-simplifikazzjoni tal-Implimentazzjoni tal-Programmi Qafas ta' Riċerka' u "Aktar jew inqas kontrolli? Il-kisba tal-aħjar bilanċ bejn il-kostijiet amministrattivi ta" kontroll u riskju ta' żball'.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.51. Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' l-Komunikazzjoni li nħarġet reċentement mill-Kummissjoni ([11]), li ssemmi aktar possibbiltajiet għas-semplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri ta' finanzjament għar-riċerka, kemm għall-FP7 u kif ukoll għall-FPs futuri. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għandha tifforma l-bażi għal diskussjonijiet mal-partijiet interessati rilevanti kollha, bi lħuq ta' reviżjoni komprensiva tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-finanzjament tar-riċerka tal-UE.

5.52. Is-semplifikazzjoni u l-kjarifika tar-regoli u l-proċeduri mhux biss jistgħu jnaqqsu l-marġni ta' żball u jżidu l-assigurazzjoni tar-regolarità tan-nefqa, iżda wkoll jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tar-riċerkaturi fl-FPs u l-ilħuq tal-objettivi tal-politika tar-riċerka tal-UE.

5.53. Is-segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti huwa miġbur fil-qosor fl-***Anness 5.4***.

## L-IMPRIŻI KONĠUNTI TAL-UE

5.54. Il-verifiki tal-Impriżi Konġunti tal-UE huma s-suġġett ta' Rapporti Annwali Speċifiċi li huma ppubblikati b'mod separat.

5.55. Il-Qorti ħarġet opinjonijiet mhux kwalifikati dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-Impriżi Konġunti kollha fil-grupp tal-politika r-Riċerka, l-Enerġija u t-Trasport fl-2009 (ara l-paragrafi 5.10 u 5.13).

5.56. Filwaqt li l-opinjonijiet tal-verifika għall-Impriżi Konġunti ma kinux kwalifikati, il-Qorti enfasizzat il-ħtieġa li l-Impriżi Konġunti jwaqqfu sistemi interni ta' kontroll robusti u komprensivi.

5.57. Il-Qorti ħarġet ukoll Opinjonijiet dwar ir-Regolamenti Finanzjarji tal-Impriżi Konġunti Fużjoni għall-Enerġija u SESAR ([12]). Il-Qorti għamlet diversi rimarki fid-dawl tar-rinfurzar tal-qafas finanzjarju tal-Impriżi Konġunti u l-iżgurar tal-konsistenza mar-Regolament Finanzjarju tal-UE u r-Regolament Finanzjarju strutturali għall-korpi tal-UE. Il-Qorti nnutat ukoll li r-regolamenti finanzjarji adottati mill-Impriżi Konġunti ma jagħmlux dispożizzjoni adegwata fir-rigward tas-setgħat tas-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni biex twettaq verifiki tal-Impriżi Konġunti.

([11]) COM(2010) 187.

([12]) L-Opinjoni Nru 4/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp għall-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) u l-Opinjoni Nru 2/2010 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta SESAR.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.51.** *L-impatt sħiħ ta' dawn il-miżuri ta' simplifikazzjoni se jinħassu primarjament fil-Programm Qafas li jmiss. Sakemm tali proposti jiġu implimentati, il-Kummissjoni teħtieġ li tindirizza l-problemi kkawżati minn regoli ta' eliġibbiltà kumplessi għall-benefiċjarji tal-għotja. Fis-26 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li tipproponi livell tollerabbli ta' riskju ta' żball ta' bejn 2 % u 5 % ([5]) f'dan il-qasam. Il-livell tollerabbli ta' riskju huwa stabbilit b'kunsiderazzjoni tal-kost-effettività tal-kontrolli u l-livell aċċettabbli tal-iżball residwu li hu ġġustifikat fid-dawl ta' dawn il-kostijiet.*

**5.56.** *Il-Kummissjoni tagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mfassla mill-Impriżi Konġunti biex topera bi sħiħ is-sistemi ta' kontroll intern tagħhom.*

**5.57.** *Il-Kummissjoni tikkondividi l-opinjoni tal-Qorti li l-IAS tal-Kummissjoni għandha teżerċita l-istess setgħat fuq il-korpi stabbiliti mill-UE u li jkollha personalità ġuridika u tirċievi kontribuzzjonijiet mill-baġit taħt l-Artikolu 185 (3) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali bħala dawk li hija teżerċita fuq id-dipartimenti tal-Kummissjoni.*

*([5]) COM(2010) 261.*

ANNESS 5.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAR-RIĊERKA, L-ENERĠIJA U T-TRASPORT*

| | 2009 | | | | | | | | | | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | FP6 | | FP7 | | TEN | | Ohrajn | | Total | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet *(li minnhom)*: | 35 | | 71 | | 16 | | 28 | | **150** | | 150 | 180 |
| Pagamenti bil-quddiem | 0 | | 58 | | 9 | | 19 | | **86** | | 82 | 59 |
| Pagamenti interim/finali | 35 | | 13 | | 7 | | 9 | | **64** | | 68 | 121 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** | | | | | | | | | | | | |
| *(f'% u għadd ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet mhux milquta minn żbalji | 49 % | {17} | 85 % | {60} | 81 % | {13} | 86 % | {24} | **76 %** | **{114}** | 78 % | 52 % |
| Tranżazzjonijiet mhux milquta minn żbalji | 51 % | {18} | 15 % | {11} | 19 % | {3} | 14 % | {4} | **24 %** | **{36}** | 22 % | 48 % |
| **ANALIŻI TAT-TRANŻAZZJONIJIET MILQUTA MINN ŻBALJI** | | | | | | | | | | | | |
| *(f'% u għadd ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' nefqa** | | | | | | | | | | | | |
| Pagamenti bil-quddiem | 0 % | {0} | 36 % | {4} | 0 % | {0} | 50 % | {2} | **17 %** | **{6}** | 3 % | 9 % |
| Pagamenti interim/finali/Ohrajn | 100 % | {18} | 64 % | {7} | 100 % | {3} | 50 % | {2} | **83 %** | **{30}** | 97 % | 91 % |
| **Analiżi skont it-tip ta' żbalji** | | | | | | | | | | | | |
| Żbalji mhux kwantifikabbli | 22 % | {4} | 27 % | {3} | 33 % | {1} | 25 % | {1} | **25 %** | **{9}** | 27 % | 29 % |
| Żbalji kwantifikabbli | 78 % | {14} | 73 % | {8} | 67 % | {2} | 75 % | {3} | **75 %** | **{27}** | 73 % | 71 % |
| *li jinkludu:* Eliġibbiltà | 21 % | {3} | 63 % | {5} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | **30 %** | **{8}** | 58 % | 77 % |
| Okkorrenza | 0 % | {0} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | **0 %** | **{0}** | 0 % | 3 % |
| Preċiżjoni | 79 % | {11} | 37 % | {3} | 100 % | {2} | 100 % | {3} | **70 %** | **{19}** | 42 % | 20 % |
| **IMPATT STMAT TAL-IŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | | | | |
| Ir-rata ta' żball l-aktar probabbli: | | | | | | | | | | | | |
| < 2 % | | | | | | | | | | | | |
| 2 % sa 5 % | | | | | X | | | | | | X | X |
| > 5 % | | | | | | | | | | | | |

ANNESS 5.2

*RIŻULTATI TAL-EŻAMI TAS-SISTEMI GĦAR-RIĊERKA, L-ENERĠIJA U T-TRASPORT*

**Valutazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll magħżula**

| Sistema kkonċernata | Desk checks qabel il-pagament | Ċertifikazzjoni tal-verifika | Verifiki finanzjarji ex-post | Implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji | Valutazzjoni ġenerali |
|---|---|---|---|---|---|
| Programmi Qafas għar-Riċerka | | | | | |

**Valutazzjoni ġenerali tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll**

| Valutazzjoni ġenerali | 2009 | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|
| | | | |

*Kodiċi*

| | |
|---|---|
| | Effettiv |
| | Parzjalment effettiv |
| | Mhux effettiv |
| N/A | Mhux applikabbli: ma japplikax jew mhux evalwat |

ANNESS 5.3

*RIŻULTATI TAR-REVIŻJONI TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RIĊERKA, L-ENERĠIJA U T-TRASPORT*

| Id-DĠ ewlenin ikkonċernati | In-natura tad-dikjarazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (*) | Riżervi mogħtija | Osservazzjonijiet tal-Qorti | Valutazzjoni ġenerali tal-affidabbiltà |
|---|---|---|---|---|
| **RTD** | **B'riżerva** | Ir-rata ta' żbalji residwi b'kunsiderazzjoni għall-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż fis-Sitt Programm Qafas tar-Riċerka (FP6) | Ir-riżerva hija bbażata fuq ir-rata ta' żbalji residwi għad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP6, ivvalutata mid-DĠ RTD bħala 'l fuq minn 2 %. Ir-riżerva hija konformi mas-sejbiet tal-Qorti li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għall-pagamenti tar-riċerka huma parzjalment effettivi u li n-nefqa hija soġġetta għal żbalji materjali.<br><br>Filwaqt li l-ammont f'riskju fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP7 huwa vvalutat bħala mhux materjali fl-2009 u għaldaqstant ma ssir l-ebda riżerva, id-DĠ RTD jiġbed l-attenzjoni fir-Rapport ta' Attività Annwali tiegħu għall-probabbiltà li l-iżbalji materjali jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP7 mill-2010. | **A** |
| **INFSO** | **B'riżerva** | Ir-rata ta' żbalji residwi b'kunsiderazzjoni għall-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż fis-Sitt Programm Qafas tar-Riċerka (FP6) | Ir-riżerva hija bbażata fuq ir-rata ta' żbalji residwi għad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP6, ivvalutata mid-DĠ INFSO bħala 'l fuq minn 2 %. Ir-riżerva hija konformi mas-sejbiet tal-Qorti li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għall-pagamenti tar-riċerka huma parzjalment effettivi u li n-nefqa hija soġġetta għal żbalji materjali.<br><br>L-ammont f'riskju fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP7 huwa vvalutat mid-DĠ INFSO bħala mhux materjali fl-2009 u għaldaqstant ma ssir l-ebda riżerva. Madankollu, il-Qorti nnutat l-iżbalji materjali potenzjali fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP7 mill-2010. | **A** |
| **TREN** | **B'riżerva** | Ir-rata ta' żbalji residwi b'kunsiderazzjoni għall-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż fis-Sitt Programm Qafas tar-Riċerka (FP6) | Ir-riżerva hija bbażata fuq ir-rata ta' żbalji residwi għad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP6, ivvalutata mid-DĠ TREN bħala 'l fuq minn 2 %. Ir-riżerva hija konformi mas-sejbiet tal-Qorti li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għall-pagamenti tar-riċerka huma parzjalment effettivi u li n-nefqa hija soġġetta għal żbalji materjali.<br><br>L-ammont f'riskju fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP7 huwa vvalutat mid-DĠ TREN bħala mhux materjali fl-2009 u għaldaqstant ma ssir l-ebda riżerva. Madankollu, il-Qorti nnutat l-iżbalji materjali potenzjali fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP7 mill-2010. | **A** |

(*) B'referenza għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali, hu/hi għandu/għandha assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll li twaqqfu jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.
A: id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità
B: id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni parzjalment ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità
C: id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali ma jagħtux valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

ANNESS 5.4

*SEGWITU TAL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAR-RIĊERKA, L-ENERĠIJA U T-TRASPORT*

| Osservazzjoni tal-Qorti | Azzjoni meħuda | Analiżi tal-Qorti | Tweġiba tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| 1. **Dikjarazzjonijiet ta' Assigurazzjoni 2007 u 2008: livell materjali ta' żbalji fil-pagamenti** | | | |
| Fl-2007 u l-2008, il-Qorti sabet żbalji sostantivi fi 83 tranżazzjoni minn dawk ivverifikati. It-tipi ewlenin ta' żbalji kienu: dikjarazzjoni żejda tal-ispejjeż eliġibbli tal-persunal u tal-ispejjeż indiretti; dikjarazzjoni ta' spejjeż ineliġibbli oħra; evidenza ta' sostenn inadegwata biex tiġġustifika l-ispejjeż ikklejmjati; dikjarazzjoni tal-ammonti bbaġitjati minflok l-ispejjeż reali; u dikjarazzjoni tal-ispejjeż li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-proġett.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2007, il-paragrafi 7.14 sa 7.15; ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafi 7.11 sa 7.15). | Fi 12-il każ, il-Kummissjoni kkonkludiet li mhija meħtieġa l-ebda azzjoni korrettiva speċifika biex jiġu rimedjati l-iżbalji identifikati mill-Qorti.<br><br>F'56 każ, il-Kummissjoni għamlet korrezzjonijiet finanzjarji.<br><br>Fi 14-il każ,il-Kummissjoni bdiet azzjoni korrettiva li għadha trid titlesta.<br><br>F'każ wieħed, l-azzjoni korrettiva għadha ma nbdietx. | Għalkemm f'ħames każijiet kien hemm dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-azzjoni korrettiva, il-Kummissjoni ġeneralment ħadet il-miżuri adegwati fil-ħin xieraq biex issegwi l-osservazzjonijiet tal-Qorti. | |
| 2. **Pagamenti tard mill-Kummissjoni** | | | |
| Il-Kummissjoni ġarrbet dewmien bla bżonn biex tagħmel pagamenti lill-benefiċjarji, għalkemm fl-2008 l-Qorti osservat li l-Kummissjoni għamlet progress konsiderevoli fit-tnaqqis tad-dewmien fil-pagamenti.<br><br>Fl-2007, il-Qorti sabet pagamenti tard fi 30 minn 180 każ ivverifikat (jiġifieri 17 %).<br><br>Fl-2008, il-Qorti sabet inqas pagamenti tard: 12-il każ minn 150 pagament ivverifikat (jiġifieri 8 %).<br><br>Fl-2009, il-Qorti sabet pagamenti tard f'10 minn 150 pagament ivverifikat (jiġifieri 7 %).<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2007, l-Anness 7.2; ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 7.16). | Il-Kummissjoni tejbet il-monitoraġġ tad-dewmien, adattat l-għodod tal-IT tagħha u ssemplifikat il-proċeduri. Il-ġestjoni amministrattiva tal-pagamenti kulma jmur ġiet delegata lill-Aġenziji Eżekuttivi għar-Riċerka. | Il-Kummissjoni żammet il-prestazzjoni mtejba li ġiet innutata fl-2008. Filwaqt li kien hemm titjib sinifikanti fir-rigward tal-pagamenti lill-esperti, huma meħtieġa aktar sforzi biex jitnaqqas id-dewmien tal-pagamenti għall-għotjiet ta' riċerka, għotjiet li għalihom 30 % tal-pagamenti kienu tard fl-2009. | *Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent mill-Qorti tal-progress li sar s'issa. Il-Kummissjoni hija impenjata li ssegwi dawn l-isforzi biex ittejjeb aktar l-eżekuzzjoni tagħha.* |

IL-KAPITOLU 6

## L-Għajnuna Esterna, l-Iżvilupp u t-Tkabbir

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 6.1-6.17 |
| Il-karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 6.2-6.16 |
| Il-EuropeAid | 6.3-6.7 |
| Id-DĠ RELEX | 6.8-6.11 |
| Id-DĠ ELARG | 6.12-6.14 |
| Id-DĠ ECHO | 6.15-6.16 |
| L-ambitu u l-approċċ tal-verifika | 6.17 |
| Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 6.18-6.21 |
| L-effettività tas-sistemi | 6.22-6.46 |
| Il-EuropeAid | 6.23 |
| Id-DĠ RELEX | 6.24-6.30 |
| Id-DĠ ELARG | 6.31-6.40 |
| Id-DĠ ECHO | 6.41-6.46 |
| Affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni | 6.47-6.50 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 6.51-6.55 |
| Segwitu ta' Rapport Speċjali Nru 3/2006 dwar ir-Rispons tal-Għajnuna Umanitarja għat-Tsunami | 6.56-6.67 |
| Introduzzjoni | 6.56-6.58 |
| Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet | 6.59-6.66 |
| Konklużjonijiet | 6.67 |
| Is-segwitu tar-Rapport Speċjali Nru 6/2006 dwar l-Aspetti Ambjentali tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-Kummissjoni | 6.68-6.88 |
| Introduzzjoni | 6.68-6.70 |
| Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet | 6.71-6.86 |
| Konklużjonijiet | 6.87-6.88 |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

# INTRODUZZJONI

6.1 Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tal-Qorti dwar l-Għajnuna Esterna, l-Iżvilupp u t-Tkabbir, li fih l-oqsma tal-politika segwenti: 19 — Ir-Relazzjonijiet Esterni, 21 — L-Iżvilupp u r-Relazzjonijiet mal-Istati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) ([1]), 22 — It-Tkabbir, u 23 — L-Għajnuna umanitarja. Informazzjoni dettaljata dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq għall-2009 hija mogħtija fit-***Tabella 6.1***.

**It-Tabella 6.1 — L-Għajnuna Esterna, l-Iżvilupp u t-Tkabbir — Informazzjoni prinċipali**

*(miljun euro)*

| It-Titolu tal-Baġit | Il-Qasam tal-Politika | Deskrizzjoni | Il-Pagamenti 2009 | Il-Mod tal-Ġestjoni |
|---|---|---|---|---|
| 19 | Ir-Relazzjonijiet esterni | In-nefqa amministrattiva | 415 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Ir-Relazzjonijiet multilaterali, il-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-immigrazzjoni u l-ażil, u l-kwistjonijiet ġenerali dwar affarijiet esterni | 60 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-Politika estera u ta' sigurtà komuni | 316 | Ċentralizzat u indirett ([1]) / Konġunt |
| | | L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) | 123 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Ir-relazzjonijiet u l-koperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati li mhumiex membri | 16 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Ir-rispons għal kriżijiet u theddid globali għas-sigurtà | 215 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja | 1 469 | Ċentralizzat u dirett / deċentralizzat |
| | | Ir-relazzjonijiet mal-Amerika Latina | 308 | Ċentralizzat u dirett / deċentralizzat |
| | | Ir-relazzjonijiet mal-Asja, l-Asja Ċentrali u l-Pajjiżi tal-Lvant Nofsani | 727 | Ċentralizzat u dirett / deċentralizzat / konġunt |
| | | L-istrateġija tal-politika u koordinament | 24 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **3 673** | |
| 21 | L-Iżvilupp u r-relazzjonijiet mal-Istati AKP | In-nefqa amministrattiva | 349 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Is-sigurtà tal-ikel | 673 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Atturi li mhumiex tal-Istat fl-iżvilupp | 181 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-enerġija | 81 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-iżvilupp uman u soċjali | 113 | Ċentralizzat u dirett / konġunt |
| | | Il-koperazzjoni ġeografika ma' Stati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) | 256 | Ċentralizzat u dirett / deċentralizzat / konġunt |
| | | Il-proġetti ta' koperazzjoni għall-iżvilupp u programmi *ad hoc* | 30 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-istrateġija ta' politika u koordinazzjoni | 15 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **1 698** | |

([1]) L-għajnuna mogħtija permezz tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp hija rrappurtata separatament peress li mhijiex iffinanzjata mill-Baġit Ġenerali.

*(miljun euro)*

| It-Titolu tal-Baġit | Il-Qasam tal-Politika | Deskrizzjoni | Il-Pagamenti 2009 | Il-Mod tal-Ġestjoni |
|---|---|---|---|---|
| 22 | It-Tkabbir | In-nefqa amministrattiva | 91 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-proċess u l-istrateġija tat-tkabbir | 1 165 | Ċentralizzat u dirett / indirett / deċentralizzat |
| | | L-appoġġ finanzjarju ta' wara l-adeżjoni | 43 | Ċentralizzat u dirett / deċentralizzat |
| | | L-istrateġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni | 9 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **1 308** | |
| 23 | L-Għajnuna umanitarja | In-nefqa amministrattiva | 28 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-għajnuna umanitarja | 772 | Ċentralizzat u dirett / konġunt |
| | | | **800** | |
| | | In-nefqa amministrattiva totali (2) | 883 | |
| | | In-nefqa operazzjonali totali (li tinkludi) | 6 596 | |
| | | - *pagamenti bil-quddiem* | *4 079* | |
| | | - *pagamenti interim/finali* | *2 517* | |
| | | **Il-pagamenti totali għas-sena** | **7 479** | |
| | | **L-impenji totali għas-sena** | **8 463** | |

(1) Skont l-Artikolu 53 tar-Regolament Finanzjarju l-mod tal-ġestjoni ċentralizzat u dirett japplika meta d-doveri tal-implimentazzjoni jitwettqu direttament mid-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-mod tal-ġestjoni ċentralizzat u indirett japplika meta l-Kummissjoni tiddelega doveri tal-implimentazzjoni tal-baġit b'konformità mal-Artikoli 54 sa 57 tar-Regolament Finanzjarju.

(2) Il-verifika tan-nefqa amministrattiva hija rrappurtata fil-Kapitolu 9.

*Sors*: Il-Kontijiet Annwali tal-2009.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Il-karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika

6.2 In-nefqa tar-Relazzjonijiet esterni u l-Iżvilupp hija implimentata mill-Uffiċċju tal-Koperazzjoni EuropeAid (EuropeAid) u wkoll mid-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni (DĠ RELEX). In-nefqa tat-tkabbir hija implimentata mid-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir (DĠ ELARG), u l-Għajnuna umanitarja, inkluża l-għajnuna f'ikel, mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja (DĠ ECHO).

### *Il-EuropeAid*

6.3 In-nefqa implimentata mill-EuropeAid tinkludi:

(a) assistenza finanzjarja u teknika lil, u koperazzjoni ekonomika ma', pajjiżi fl-Asja u l-Amerika Latina;

(b) politika Ewropea tal-Viċinat li tinkludi s-sħubija strateġika mar-Russja;

(c) programmi tematiċi li jinkludu s-sigurtà tal-ikel, l-atturi mhux tal-istat u l-awtoritajiet lokali, l-ambjent, is-saħħa u l-edukazzjoni, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.4 Il-parti l-kbira tan-nefqa hija soġġetta għal ġestjoni ċentralizzata u diretta mis-servizzi tal-Kummissjoni, jew fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni jew inkella fid-Delegazzjonijiet tal-UE ([2]) fil-pajjiżi terzi kkonċernati. Għajnuna mwassla permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali hija soġġetta għal ġestjoni konġunta.

6.5 Il-parti l-kbira tal-pagamenti huma pagamenti bil-quddiem jew inkella pagamenti interim, filwaqt li pagamenti finali ma jirrappreżentawx iktar minn 20 % tal-infiq fis-sena.

6.6 Ġeneralment, il-pagamenti finali huma soġġetti għal riskju ikbar għar-regolarità mill-pagamenti bil-quddiem u dawk interim. Dawn tal-aħħar normalment huma meħtieġa biss għall-konformità ma' numru limitat ta' kundizzjonijiet filwaqt li l-ħlas tal-pagamenti finali huwa normalment soġġett għas-sottomissjoni u l-validazzjoni tan-nefqa kollha attwali mġarrba għall-proġett kollu kemm hu.

6.7 Il-proġetti ta' żvilupp huma mxerrda f'iktar minn 150 pajjiż, u l-organizzazzjonijiet implimentattivi jvarjaw ħafna kemm fid-daqs kif ukoll fl-esperjenza. Sabiex proġett ikun eliġibbli għall-għajnuna mill-UE, għandu jikkonforma ma' regoli kumplessi li jinkludu proċeduri ta' sejħiet għall-offerti u ta' għoti ta' kuntratti.

## *Id-DĠ RELEX*

6.8 In-nefqa ġestita mid-DĠ RELEX hija prinċipalment relatata ma' azzjonijiet implimentati skont il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), l-Istrument għall-Istabbiltà (IfS) u l-Istrument għall-Pajjiżi Industrijalizzati (ICI). L-objettivi prinċipali jirrigwardaw: iż-żamma tal-paċi; il-prevenzjoni ta' kunflitti; it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali u l-promozzjoni tal-interessi tal-UE mal-imsieħba prinċipali industrijalizzati u li jgawdu minn dħul għoli fir-rigward ta' politika estera, integrazzjoni ekonomika u kwestjonijiet globali.

6.9 Japplikaw il-modi tal-ġestjoni li ġejjin:

(a) ġestjoni ċentralizzata u indiretta, jew konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni;

(b) ġestjoni ċentralizzata u diretta kemm għar-relazzjonijiet kif ukoll għall-koperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati li mhumiex membri (Strument għall-Pajjiżi Industrijalizzati) u;

(c) ġestjoni ċentralizzata, u diretta konġunta għar-rispons għal kriżijiet u għal theddid globali għas-sigurtà (Strument għall-Istabbiltà). Il-proġetti huma implimentati jew mill-Kwartieri Ġenerali jew inkella mid-Delegazzjonijiet.

([2]) Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-UE kif modifikat mit-Trattat ta' Lisbona, id-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni saru d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.8.** *Il-maġġoranza tal-azzjonijiet taħt l-IfS jinvolvu r-risposta għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti, kif ukoll bini tal-kapaċità ta' qabel il-kriżi u ta' wara l-kriżi.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.10 Fil-każ tal-PESK, in-nefqa hija prinċipalment relatata mal-ħidma tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD) permezz ta' missjonijiet ċivili stabbiliti f'diversi pajjiżi u territorji li normalment ikunu soġġetti għal riskju politiku għoli u instabbiltà. Riskji simili japplikaw għall-Istrument għall-Istabbiltà.

6.11 L-istess bħall-EuropeAid, il-parti l-kbira tan-nefqa ġestita mid-DĠ RELEX hija implimentata abbażi ta' pagamenti bil-quddiem jew inkella ta' pagamenti interim. Dawn tal-aħħar normalment jitħallsu fuq kundizzjoni ta' sottomissjoni ta' evidenza li ċertu livell tal-implimentazzjoni tal-proġett ikun intlaħaq abbażi tan-nefqa mġarrba, filwaqt li l-pagamenti finali jitħallsu fuq kundizzjoni ta' sottomissjoni u validazzjoni tan-nefqa kollha tabilħaqq imġarrba għall-proġett kollu kemm hu.

## *Id-DĠ ELARG*

6.12 Id-DĠ ELARG iġesti n-nefqa marbuta mal-istrateġija u l-proċess ta' tkabbir prinċipalment fi ħdan l-istrument ta' assistenza qabel l-adeżjoni (IPA), il-programm Phare flimkien mal-assistenza qabel l-adeżjoni, CARDS [3], u l-assistenza qabel l-adeżjoni għat-Turkija.

6.13 Parti sinifikanti tan-nefqa hija implimentata abbażi tal-pagamenti li tħallsu direttament lill-awtoritajiet nazzjonali fil-pajjiżi benefiċjarji. Bħala regola l-ewwel trasferiment ta' fondi jseħħ hekk kif jiġu ffirmati l-programmi nazzjonali kkonċernati. Ir-rilaxx ta' ħlasijiet sussegwenti jsir fuq il-kundizzjoni li tiġi approvata dikjarazzjoni li tgħid li ċertu persentaġġ tal-fondi li ġew trasferiti preċedentement diġà ġie impenjat u li n-nefqa mġarrba hija eliġibbli għal finanzjament mill-UE.

6.14 Il-pagamenti huma ġeneralment magħmula fuq il-bażi ta' modi tal-ġestjoni ċentralizzati jew deċentralizzati. Fil-każ tal-ġestjoni deċentralizzata, il-kontrolli *ex-ante* ta' deċiżjonijiet tal-għoti ta' kuntratti huma mwettqa mid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li taħt kundizzjonijiet speċifiċi l-kontroll *ex-ante* jiġi rinunzjat.

## *Id-DĠ ECHO*

6.15 Id-DĠ ECHO huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tan-nefqa tal-UE relatata mal-għajnuna umanitarja skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 [4] li huwa jġesti mill-Kwartieri Ġenerali. Madwar nofs l-approprijazzjonijiet impenjati huma relatati mal-NGOs (ġestjoni ċentralizzata u diretta) u nofs l-ieħor man-Nazzjonijiet Uniti jew organizzazzjonijiet internazzjonali oħra (ġestjoni konġunta).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.10.** *F'każijiet fejn l-ambjent politiku mhux stabbli joħloq żieda fil-livell ta' riskju, jiġu stabbiliti miżuri ta' mitigazzjoni bħal missjonijiet ta' kontroll* ex-post *li se jitwettqu mill-Kwartieri Ġenerali jew Delegazzjonijiet flimkien mal-verifiki esterni obbligatorji organizzati mill-benefiċjarji fil-qafas tar-rekwiżiti kuntrattwali tagħhom.*

(3) Phare kien l-istrument finanzjarju prinċipali tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għall-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Il-programm CARDS huwa Għajnuna tal-Komunità Għar-Rikostruzzjoni, l-Iżvilupp u l-Istabbilizzazzjoni fil-Balkani.

(4) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.16 Il-pagamenti bil-quddiem u l-pagamenti interim jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tan-nefqa totali. Minħabba n-natura tagħhom huma jinsabu f'inqas riskju għar-regolarità mill-pagamenti finali. Normalment huma jkunu meħtieġa jikkonformaw biss ma' numru limitat ta' kondizzjonijiet, filwaqt li l-pagamenti finali normalment jitħallsu bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata u vvalidata n-nefqa kollha tabilħaqq imġarrba għall-proġett kollu kemm hu.

## L-ambitu u l-approċċ tal-verifika

6.17 L-approċċ ġenerali tal-verifika u l-metodoloġija tal-Qorti huma deskritti fil-***Parti 2 tal-Anness 1.1***. Għall-verifika tal-Għajnuna Esterna, l-Iżvilupp u t-Tkabbir għandhom jiġu kkunsidrati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) l-ittestjar ta' kampjun ta' 180 oġġett, inklużi 83 pagament bil-quddiem, 48 pagament interim u 49 pagament finali;

(b) il-valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Kummissjoni fil-Kwartieri Ġenerali kif ukoll fid-Delegazzjonijiet, inklużi:

(i) kontrolli *ex-ante*,

(ii) monitoraġġ u superviżjoni,

(iii) verifiki esterni ([5]),

(iv) verifika interna.

## IR-REGOLARITA TAT-TRANŻAZZJONIJIET

6.18 Mit-tranżazzjonijiet milquta minn żbalji 26 % (sitta minn 23) fihom żbalji kwantifikabbli u l-74 % li kien fadal ma kinux kwantifikabbli (17 minn 23). Ir-rata ta' żbalji l-aktar probabbli stmata mill-Qorti fil-qasam ivverifikat qiegħda bejn 2 % u 5 % (l-***Anness 6.1***).

6.19 L- iżbalji l-iktar sinifikanti li kienu identifikati huma dwar:

(a) żbalji ta' eliġibbiltà kwantifikabbli (eż. kondizzjonijiet essenzjali meħtieġa ma jintlaħqux, spiża mġarrba lil hinn mill-perijodu ta' eliġibbiltà, inklużjoni ta' nefqa ineliġibbli fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-proġett u irregolaritajiet fil-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti u tal-għoti ta' kuntratti mwettqa minn organizzazzjonijiet implimentattivi); u

(b) żbalji mhux kwantifikabbli (eż. irregolaritajiet fil-proċeduri għall-akkwist, nuqqas ta' konformità mal-kriterji għall-għoti tal-kuntratti kif stipulati fid-deċiżjonijiet dwar l-iffinanzjar li huma relatati magħhom, nuqqas ta' traċċa ta' verifika adegwata).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.17.**

**(a)** *Il-Kummissjoni tosserva li sinifikament aktar pagamenti finali ġew inklużi fil-kampjun tal-2009 milli kien il-każ fi snin preċedenti.*

**6.18.** *Il-Kummissjoni tilqa' ż-żieda fil-"frekwenza" ta' tranżazzjonijiet li l-Qorti tiġġudika bħala "regolari" għal kollox (f'87 %) meta mqabbla mal-figuri għall-2008 u l-2007.*

([5]) Kontrolli *ex-post* fir-rigward tad-DĠ RELEX

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.20 B'mod ġenerali, il-parti l-kbira tal-iżbalji identifikati mhumiex kwantifikabbli u nstabu fil-livell tad-Delegazzjonijiet tal-UE.

6.21 Instabu xi żbalji fil-pagamenti interim u għalhekk se jkunu soġġetti għal kontrolli sussegwenti fil-proċess intern ta' kontroll. Madankollu, il-Qorti sabet żbalji f'xi pagamenti finali li ma kinux instabu mill-kontrolli tal-Kummissjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.20.** *Delegazzjonijiet tal-UE huma responsabbli għall-maġġoranza kbira ta' pagamenti fuq il-portafoll tal-għajnuna esterna tal-Kummissjoni. Għal EuropeAid, 79 % tal-portafoll kontinwu tal-baġit tal-UE (impenji pendenti) ġie ġestit minn Delegazzjonijiet fl-2009.*

**6.21.** *Il-Kummissjoni temmen li miżuri ta' tkixxif u korrettivi minn qabel il-pagamenti finali (pereżempju sottomissjoni ta' rapporti, verifiki esterni, verifikazzjonijiet ta' infiq u kontrolli tranżazzjonali minn persunal tal-Kummissjoni) huma effettivi. Barra minn hekk, irregolaritajiet potenzjali għadhom jistgħu jiġu kkorreġuti* ex-post *permezz tat-tnedija ta' verifiki* ex-post *u irkupri xierqa. Madankollu, il-kontrolli ma jistgħux inaqqsu realistikament ir-riskju ta' żball finanzjarju għal żero.*

## L-EFFETTIVITA TAS-SISTEMI

6.22 Sommarju tar-riżultati tal-eżami tas-sistemi jinsab f'***Anness 6.2***. Il-valutazzjoni ġenerali tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll hija parzjalment effettiva.

**6.22.** *Il-Kummissjoni temmen li s-sistemi superviżorji u ta' kontroll multiannwali għall-grupp ta' politika ta' Għajnuna Esterna, Żvilupp u Tkabbir huma effettivi u tjiebu b'mod sinifikanti sena wara l-oħra kif rifless fiż-żieda fil-proporzjon ta' pagamenti regolari għal kollox misjuba mill-Qorti fil-kampjun tagħha.*

### *Il-EuropeAid*

6.23 Kif preżentat fir-rapport annwali tal-Qorti dwar it-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (rapport dwar il-FEI), il-valutazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-EuropeAid tikkonkludi li huma parzjalment effettivi.

**6.23.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-osservazzjoni tal-Qorti li "EuropeAid waqqaf strateġija tal-kontroll komprensiva" u li "fl-2009 EuropeAid kompla jwassal għal titjib sinifikanti fid-disinn u l-implimentazzjoni tas-sistemi superviżorji u ta' kontroll tiegħu" (ara paragrafu 54 tar-Rapport Annwali 2009 dwar il-FEŻ).*

### *Id-DĠ RELEX*

6.24 B'mod ġenerali, is-sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll tad-DĠ RELEX huma evalwati bħala sistemi li huma parzjalment effettivi.

**6.24.** *Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-Qorti tat-titjib li ġie introdott riċentement.*

6.25 Il-valutazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll tad-DĠ RELEX inkludiet segwitu tal-valutazzjoni tas-sistemi li twettqet fi snin preċedenti u eżami tar-riżultati tax-xogħol tal-verifika interna.

#### Kontrolli *ex-ante*

6.26 Il-proċeduri ta' kontrolli *ex-ante* fid-DĠ RELEX kienu ssaħħew fl-2009 bl-introduzzjoni ta' proċeduri u *checklists* ġodda, għalkemm il-valutazzjoni tal-effettività tal-bidliet se tkun possibbli biss fis-snin li ġejjin. Il-Qorti tosserva, madankollu, li ċerti dgħufijiet li ġew identifikati preċedentement għadhom ma ġewx korretti (eż. in-nuqqas ta' valutazzjoni *ex-ante* dwar il-missjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni hekk kif meħtieġ mill-Artikolu 56 tar-Regolament Finanzjarju).

**6.26.** *Il-proposta l-ġdida għar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju tinkludi r-rikonoxximent li valutazzjonijiet tal-Artikolu 56 jistgħu jitwettqu biss progressivament minħabba n-natura speċifika ta' dawn il-missjonijiet li jinħolqu* ad hoc *u* ex nihilo.

*Fir-rigward tal-listi ta' verifika ta' akkwist PESK, dawn ġew iffinalizzati u diġà qed jintużaw.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| **Monitoraġġ u Superviżjoni** | |
| 6.27 Il-Qorti sabet iktar dgħufijiet fir-rigward tal-monitoraġġ u s-sorveljanza tas-sistema ta' kontroll interna għalkemm wieħed jinnota titjib fir-rigward tal-għeluq ta' kuntratti antiki fejn l-attivitajiet kienu diġà ġew iffinalizzati (Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida, MRR). Fl-aħħar tas-sena, 16-il fajl ta' Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kienu għadhom ma ngħalqux u għal 20 kuntratt tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), li d-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tagħhom kienet diġà skadiet (għal ħafna minnhom fl-2008), baqa' ma wasal l-ebda rapport finali. | **6.27.** *Il-Kummissjoni fil-fatt diġà ħadet miżuri rigward l-għeluq ta' fajls qodma (kemm għall-RRM kif ukoll il-PESK) fl-2009. Dawn l-isforzi se jitkomplew matul l-2010.* |
| **Kontrolli *ex-post*** | |
| 6.28 Fir-rigward tal-kontrolli *ex-post*, id-Direttur Ġenerali inkluda fid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tiegħu riżerva sinifikanti li tirrigwarda l-effettività tagħhom fuq il-baġits operattivi għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Istrument għall-Istabbiltà abbażi tad-dgħufijiet identifikati mill-Qorti fl-2008 u fil-verifika interna (ara wkoll il-paragrafu 6.49). | **6.28.** *Id-Direttur Ġenerali ta' DĠ RELEX stabbilixxa Pjan ta' Azzjoni sabiex ikun hemm segwitu fuq ir-riżerva maħruġa fl-AAR 2009 u sabiex tittejjeb il-kwalità ta' assigurazzjoni għall-2010.* |
| 6.29 Madankollu, il-Qorti rrikonoxxiet li sar xi titjib fit-tħaddim tas-sistema ta' kontrolli *ex-post* meta din ġiet imqabbla ma' dik tal-2008. Strateġija għall-kontrolli *ex-post* ġiet żviluppata u implimentata u twettaq numru ikbar ta' kontrolli *ex-post*. L-effettività tat-tibdiliet tista' tiġi evalwata biss fis-snin li ġejjin. | **6.29.** *Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-Qorti tat-titjib introdott li kompla fl-2010. Il-miżuri meħuda din is-sena jinkludu metodoloġija mtejba għal kontrolli fuq il-post, l-għoti ta' taħriġ kif ukoll linji gwida mtejba għad-dokumentazzjoni ta' riżultati ta' kontrolli* ex-post. |
| **Verifika interna** | |
| 6.30 Il-funzjoni tal-verifika interna hija evalwata bħala waħda effettiva b'mod ġenerali. Fl-2009, il-ħidma tal-IAC laħqet il-kapaċità kollha tagħha u twettqu verifiki ta' suġġetti relevanti u bżonjużi. | |
| *Id-DĠ ELARG* | |
| **Kontrolli *ex-ante*** | |
| 6.31 Il-kontrolli *ex-ante* huma evalwati bħala parzjalment effettivi. Livell materjali ta' żbalji misjub mill-Qorti fil-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Pagament (ara l-paragrafu 6.19a)) ma ġiex evitat jew misjub u korrett mill-kontrolli *ex-ante* tad-delegazzjonijiet tal-UE. | **6.31.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra l-kontrolli* ex-ante *kemm fil-kwartieri ġenerali kif ukoll fid-Delegazzjonijiet tal-UE bħala effettivi. Kif rikonoxxut mill-Qorti, il-Kummissjoni tejbet aktar is-sistemi interni tagħha u lestiet is-sett ta' istruzzjonijiet. Fir-Rapport Annwali 2008, il-kontrolli* ex-ante *ġew ivvalutati bħala effettivi.* |
| 6.32 Il-Qorti identifikat numru ta' dgħufijiet fl-istabbiliment u fit-tħaddim tas-Sistema ta' Implimentazzjoni Deċentralizzata (DIS) għall-Kroazja u t-Turkija. Dawn jinkludu: | **6.32.** *Fl-2009, DĠ ELARG kompla jiżgura konformità mill-awtoritajiet nazzjonali fil-Kroazja u fit-Turkija mal-kondizzjonijiet tal-għoti (parzjali) ta' setgħat ġestjonali. Żamm il-kontrolli* ex-ante *mid-Delegazzjoni sabiex itaffi r-riskji.*<br><br>*Barra minn hekk l-ittestjar sostantiv tat-tranżazzjonijiet tal-Qorti ma żvelax kwalunkwe nuqqas sinifikanti lil hinn minn xi rekord għall-verifika sabiex jiġu spjegati kompletament id-deċiżjonijiet meħuda minn delegazzjonijiet.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(a) il-bżonn ta' gwida aktar speċifika għall-proċedura tal-"konferiment ta' setgħat tal-ġestjoni" [6] biex jiġu ċċarati aħjar l-irwoli tal-atturi differenti tal-Kummissjoni fil-proċess; u

(b) l-insuffiċjenza tal-evidenza tal-kontrolli mwettqa mid-delegazzjoni u ppreżentati lill-Kap tad-Delegazzjoni għall-approvazzjoni operazzjonali ta' talbiet għall-fondi.

6.33 Instabu wkoll dgħufijiet fil-ġestjoni ċentralizzata tal-Kummissjoni, inklużi każijiet ta' dokumentazzjoni insuffiċjenti u regoli li ma ġewx segwiti kif suppost.

6.34 Sal-aħħar tal-2009 mhux l-istruzzjonijiet kollha għall-għeluq u l-awtorizzazzjoni tal-programmi PHARE u CARDS (inkluż l-użu ta' rata fissa tal-korrezzjonijiet) kienu tlestew. Sadanittant, id-DĠ ELARG naqqas, imma ma eliminax, ix-xogħol b'lura tad-dikjarazzjonijiet finali għal PHARE u l-Faċilità tat-Tranżizzjoni fi stati membri ġodda u dewmien xorta għadhom jeżistu (sa ħames snin).

**Monitoraġġ u superviżjoni**

6.35 Il-monitoraġġ u s-superviżjoni huma evalwati bħala effettivi. Madankollu, il-Qorti osservat li d-dgħufijiet li diġà kienu ġew identifikati fis-snin preċedenti għadhom ma ġewx korretti b'mod komplet.

6.36 Dawn jinkludu l-bżonn ta' verifikazzjoni suffiċjenti tal-kwalità tad-*data* introdotta fis-sistemi ta' informazzjoni tal-ġestjoni (CRIS, i-Perseus) kif muri minn żbalji ta' kodifikazzjoni li nstabu matul l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet min-naħa tal-Qorti.

6.37 Barra minn hekk, il-Qorti osservat li fil-ġestjoni deċentralizzata ir-riżultati taż-żjarat ta' monitoraġġ tad-Delegazzjonijiet tal-UE lill-benefiċjarji mhux dejjem huma rreġistrati b'tali mod li jippermetti analiżi u segwitu effettivi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(a)** *Minħabba li aktar pajjiżi qed jitħejjew sabiex japplikaw għall-għoti ta' ġestjoni, DĠ ELARG aġġorna n-nota ta' gwida interna tiegħu tal-2008 sabiex jitqiesu l-lezzjonijiet mitgħallma minn għotjiet ta' ġestjoni fl-2008 u pprovda aktar gwida fl-2009 lill-atturi kollha involuti fil-proċess. Bħalissa qed jitħejja dokument shih dwar "Gwida għal Għoti ta' Ġestjoni" fil-ħin għall-applikazzjonijiet li se jiġu rċevuti fil-ftit snin li ġejjin.*

**b)** *Ir-rwol tal-Kap ta' Delegazzjoni li japprova talba għal fondi huwa speċifikat b'mod ċar f'noti ta' struzzjonijiet interni maħruġa minn DĠ ELARG. Il-kontrolli li jridu jitwettqu skont l-istruzzjonijiet tiegħu jipprovdu l-bażi meħtieġa għall-approvazzjoni ta' talba speċifika għal fondi.*

**6.33.** *Il-punti mqajma mill-Qorti jirrigwardjaw essenzjalment titjib possibbli tar-rekord għall-verifika imma mhux żbalji materjali fl-applikazzjoni tar-regoli. Il-maġġoranza tagħhom ġew ittrattati fil-bidu tal-2010 permezz ta' noti ta' struzzjonijiet interni u ta' kjarifika.*

**6.34.** *Mindu ġew modifikati r-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implimentazzjoni fl-2003, DĠ ELARG dejjem applika proċedura għall-approvazzjoni ta' kontijiet kif meħtieġ minn dan ir-Regolament Finanzjarju emendat. Din il-proċedura ġiet aġġornata b'mod regolari u issa ġiet sostitwita minn "Politika għal approvazzjoni ta' kontijiet fil-ġestjoni diċentralizzata – Phare u Faċilità ta' Tranżizzjoni" aktar sostanzjali u konsolidata, adottata f'Ġunju 2010, li elaborat f'ħafna aktar dettall kif korrezzjonijiet ta' rati fissi għal nuqqasijiet fis-sistema jistgħu jiġu applikati fejn meħtieġa (bħal fil-każ tal-approvazzjoni tal-kontijiet ta' programmi diġà taħt ġestjoni diċentralizzata estiża).*

*Fl-2009 biss, DĠ ELARG għalaq 375 Dikjarazzjoni Finali, jiġifieri numru ħafna ogħla minn programmi ġodda mnedija. Jibqgħu xi każijiet fejn il-proċedura kontradittorja tieħu ż-żmien u l-għeluq jista' jieħu numru ta' snin sabiex jitlesta.*

[6] Delegazzjoni tas-setgħa ta' ġestjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**Kontrolli *ex-post***

6.38 Il-kontrolli *ex-post* huma evalwati bħala ġeneralment effettivi.

**6.38.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kontrolli* ex-post *għal ġestjoni diċentralizzata huma effettivi għal kollox. Taċċetta li l-funzjoni ta' kontroll* ex-post *għal ġestjoni ċentralizzata għadha ma ġietx imnedija għal kollox.*

*Dawn il-verifiki* ex-post *ulterjuri mwettqa minn unità orizzontali separata u indirizzati f'din it-taqsima huma maħsuba biss sabiex jipprovdu lill-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni b'Delegazzjoni b'assigurazzjoni addizzjonali 'l fuq mir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju.*

6.39 Fl-2009, id-DĠ ELARG żviluppa strateġija speċifika sabiex jintroduċi verifiki *ex-post* ta' proġetti ġestiti b'mod ċentrali. L-istrateġija l-ġdida se tiġi implimentata biss mill-2010 'l quddiem.

**6.39.** *Din l-istrateġija ġdida żżid saff addizzjonali sabiex tagħti aktar assigurazzjoni mingħajr ma tkun meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju.*

**Verifika interna**

6.40 Il-funzjoni tal-verifika interna hija evalwata bħala waħda ġeneralment effettiva. Fl-2009, il-ħidma tal-IAC laħqet il-kapaċità kollha tagħha u twettqu verifiki ta' suġġetti relevanti u bżonjużi.

## *Id-DĠ ECHO*

**Kontrolli *ex-ante***

6.41 Il-kontrolli *ex-ante* huma evalwati bħala ġeneralment effettivi.

6.42 Fl-opinjoni tal-Qorti, iċ-ċirkwiti finanzjarji stabbiliti huma mfassla tajjeb biżżejjed biex isibu u jirranġaw żbalji mwettqa mill-imsieħba. Madankollu tinnota li dgħufijiet identifikati matul il-verifiki regolari tas-sistemi tal-imsieħba mhux dejjem jiġu indirizzati minnhom b'manjiera f'waqtha u mhux dejjem jiġu kkunsidrati matul ir-reviżjoni annwali tal-akkreditazzjoni tal-imsieħeb. Dan inaqqas is-sens ta' affidabbiltà li l-Kummissjoni għandha fir-rigward tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll interni tal-imsieħba għall-prevenzjoni tal-iżbalji u tal-irregolaritajiet.

**6.42.** *Ir-riżultati tal-verifika huma disponibbli għal u użati f'valutazzjonijiet ta' msieħba. L-akkreditazzjoni tal-imsieħba tirċievi wkoll input miġbur mill-monitoraġġ ta' proġetti li jkunu qed isiru u tagħti konsiderazzjoni fost affarijiet oħra għal aspetti finanzjarji, legali u operattivi tal-imsieħeb. Il-valutazzjoni u l-verifiki ħafna drabi jirriżultaw f'rakkomandazzjonijiet għall-imsieħba sabiex itejbu s-sistemi tagħhom ta' kontroll intern. Għalhekk, ħafna rapporti ta' verifika wasslu direttament għal bidliet fl-istatus mogħti lis-sistemi ta' kontroll tal-imsieħba. Is-sistema attwali ta' verifiki u valutazzjoni tal-imsieħba stabbilita minn DĠ ECHO irriżultat f'sistema ta' kontroll li tagħti opinjoni bbilanċjata u effettiva tas-sistemi ta' kontroll interni tal-imsieħba li tgħin fil-prevenzjoni ta' żbalji u irregolaritajiet.*

6.43 Barra minn hekk in-natura ġenerika tal-objettivi inklużi fid-deċizjonijiet dwar l-iffinanzjar, li fuqhom huma bbażati l-kuntratti jirrendu diffiċli valutazzjoni informata tal-proposti mressqa. Barra minn hekk, id-dokumentazzjoni tal-valutazzjonijiet li saru ma tippermettix paragun ġenerali tal-proposti mressqa.

**6.43.** *Għalkemm suffiċjenti għal kollox għall-istabbiliment ta' deċiżjoni ta' finanzjament, wieħed irid jara l-għanijiet stabbiliti f'deċiżjonijiet ta' finanzjament għal Għajnuna Umanitarja flimkien mat-tagħrif iddettaljat dwar ħtiġijiet identifikati, l-istrateġija proposta u l-komponenti meħtieġa ta' rispons konvinċenti li huma inklużi fid-dokument ta' appoġġ tad-deċiżjoni.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Fir-rigward tal-kumplessità ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-għadd kbir ta' ħtiġijiet u d-disponibbiltà ta' donaturi oħra, il-ħtiġijiet dettaljati li jridu jiġu indirizzati flimkien mar-rispons speċifikat huma stabbiliti fil-proposti sottomessi mill-imsieħba tad-DĠ ECHO skont id-deċiżjoni ta' finanzjament tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proċeduri tal-għażla tal-proġetti stabbiliti minn DĠ ECHO jirriflettu l-ispeċifiċitajiet ta' għajnuna umanitarja u jipprovdu garanziji għolja fir-rigward tal-kwalità tal-għajnuna mwassla mill-imsieħba tal-ECHO. Madankollu, il-Kummissjoni taċċetta li d-dokumentazzjoni tal-evalwazzjoni proposta tista' tiġi aktar mtejba, issimplifikata u standardizzata.*

**Monitoraġġ u superviżjoni**

6.44 B'mod ġenerali, is-sistemi ta' monitoraġġ u superviżjoni huma effettivi. Madankollu, il-Qorti tinnota li l-Kummissjoni ma tissorveljax safejn iċ-"Ċentri ta' Akkwist Umanitarju" ([7]) qed jintużaw mill-imsieħba tal-Ftehimiet ta' Sħubija ta' Qafas minkejja l-importanza ta' dawn iċ-ċentri għat-tnaqqis tar-riskju ta' żbalji fil-proċeduri ta' akkwist.

**6.44.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjoni ġenerali tal-Qorti.*

*Fir-rigward ta' Ċentri Umanitarji ta' Akkwist (HPC) il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-utilità ġenerali tagħhom.*

**Verifiki esterni**

6.45 L-attività tal-verifika *ex-post* hija evalwata bħala effettiva. Il-Qorti kkonfermat li l-progress li sar fl-2008 għadu għaddej għalkemm għalkemm għad hemm lok għal titjib fir-rigward tal-konsolidazzjoni tas-segwitu tas-sejbiet mill-verifika (b'mod partikolari dawk li jwasslu għall-irkupru tan-nefqa eliġibbli).

**6.45.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti u tikkonferma l-impenn tagħha sabiex tkompli t-titjib tal-proċedura ta' segwitu tagħha.*

**Verifiki interni**

6.46 Il-funzjoni tal-verifika interna hija evalwata bħala waħda ġeneralment effettiva. Fl-2009, il-ħidma tal-IAC laħqet il-kapaċità kollha tagħha u twettqu verifiki ta' suġġetti relevanti u bżonjużi.

## AFFIDABBILTA TAR-RAPPREZENTAZZJONIJIET TAL-MANIGMENT TAL-KUMMISSJONI

6.47 Sommarju tar-riżultati tar-reviżjoni tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni jinsab fl-***Anness 6.3***.

6.48 Il-Qorti tirrikonoxxi t-titjib li sar min-naħa tad-Direttorati Ġenerali kollha fil-grupp ta' politika fir-rigward tal-kwalità tal-informazzjoni provduta fir-rapporti ta' attività annwali tagħhom.

**6.48.** *Il-Kummissjoni wettqet stħarriġ sabiex tidentifika l-fatturi ta' suċċess li jinfluwenzaw il-kwalità ta' rapporti ta' attività annwali. Bħala reazzjoni għall-fatturi identifikati, ġew implimentati numru ta' miżuri sabiex tittejjeb il-kwalità tal-evidenza ppreżentata b'appoġġ għall-assigurazzjoni u l-leġibbiltà tar-rapporti. Il-Kummissjoni għalhekk tilqa' l-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti tar-rapporti ta' attività annwali u se tkompli taħdem sabiex ittejjibhom bħala sors ta' evidenza għall-DAS.*

([7]) Mhux għal organizzazzjonijiet bi skop ta' profitt speċjalizzati fil-ġestjoni teknika u kummerċjali ta' provvisti u servizzi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet umanitarji.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

6.49 Il-Qorti taqbel mal-valutazzjonijiet li twettqu mid-diretturi ġenerali għad-DĠ RELEX (riżerva waħda relatata mal-kontrolli *ex-post* dwar il-baġit operattiv għall-PESK u l-Istrument għall-Istabbiltà) u d-DĠ ELARG u d-DĠ ECHO (mingħajr riżerva).

6.50 Ir-riżultati tar-reviżjoni tar-rappreżentazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-EuropeAid huma inklużi fir-rapport dwar il-FEI. Il-Qorti tikkonsidra li d-dikjarazzjoni u r-rapport ta' attività annwali tad-Direttur Ġenerali jagħtu valutazzjoni parzjalment ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità.

**6.50.** *Il-Kummissjoni tilqa' s-sejba tal-Qorti li r-Rapport ta' Attività Annwali tal-EuropeAid huwa "ċar u informattiv, b'mod partikolari permezz tal-użu tiegħu ta' indikaturi kwantitattivi " (ara r-rapport FEŻ, paragrafu 50). Il-Kummissjoni temmen li l-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi stabbiliti fl-erba' moduli ta' "assigurazzjoni" għar-Rapport ta' Attività Annwali tal-EuropeAid fil-fatt jipprovdu l-evidenza meħtieġa sabiex tissaħħaħ id-dikjarazzjoni tad-Direttorat-Ġenerali ta' assigurazzjoni raġunevoli u sabiex tingħata valutazzjoni preċiża ta' ġestjoni finanzjarja f'EuropeAid b'rabta mar-regolarità.*

## KONKLUZJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

6.51 Abbażi tax-xogħol ta' verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li l-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għall-grupp tal-politika, l-Għajnuna Esterna, l-Iżvilupp u t-Tkabbir ġew milquta minn żbalji materjali.

6.52 Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għall-Għajnuna Esterna, l-Iżvilupp u t-Tkabbir huma parzjalment effettivi fl-assigurazzjoni tar-regolarità tal-pagamenti.

**6.52.** *Il-Kummissjoni ddisinjat il-kontrolli tagħha sabiex ikopru ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħa tal-proġetti multiannwali tagħha. Temmen li dawn is-sistemi superviżorji u ta' kontroll għall-grupp ta' politika ta' Għajnuna Esterna, Żvilupp u Tkabbir huma effettivi u tjiebu b'mod sinifikanti sena wara l-oħra kif rifless fiż-żieda fil-proporzjon ta' pagamenti regolari għal kollox misjuba mill-Qorti fil-kampjun tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti f'dawn l-aħħar snin ġew implimentati u ħafna minn dan it-titjib ġie rikonoxxut mill-Qorti, bir-riżultat li elementi sinifikanti tas-sistemi ewlenin ta' kontroll ġew iġġudikati bħala "effettivi".*

6.53 Għandhom jiġu kkonsidrati r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

(a) Id-DĠ RELEX għandu jikkonsolida l-metodoloġija ta' kontrolli *ex-post* tiegħu u jindirizza mingħajr dewmien ir-rakkomandazzjonijiet li jsiru mill-awditur intern f'dak ir-rigward;

(b) Id-DĠ RELEX għandu jalloka biżżejjed riżorsi għall-analiżi u l-għeluq ta' kuntratti antiki tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida (RRM - Rapid Reaction Mechanism) u tal-PESK li d-dati ta' skadenza għall-implimentazzjoni tagħhom diġà skadew;

(c) Id-DĠ ELARG għandu jagħti gwida aktar speċifika għall-proċedura tal-"konferiment tas-setgħat tal-ġestjoni" biex jiċċara aħjar l-irwoli tal-atturi differenti tal-Kummissjoni fil-proċess;

**6.53.**

**(a)** *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Qorti u tixtieq tispeċifika li diġà qed tieħu miżuri sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet kollha dwar kontrolli* ex-post *f'DĠ RELEX.*

**(b)** *Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti u tenfasizza li sforzi konsiderevoli diġà twettqu fl-2009 sabiex jitlesta x-xogħol fuq proġetti qodma li jridu jingħalqu. Fil-fatt, 75 % tal-kuntratti RRM kollha miftuħa fil-bidu tal-2009 ngħalqu sa tmien is-sena. Dawn l-isforzi se jkomplu matul l-2010.*

**(c)** *Minħabba li aktar pajjiżi qed jitħejjew sabiex japplikaw għal "għoti ta' ġestjoni", DĠ ELARG aġġorna n-nota ta' gwida interna tiegħu tal-2008 sabiex iqis il-lezzjonijiet mitgħallma minn għotjiet ta' ġestjoni fl-2008 u pprovda aktar pariri fl-2009 lill-atturi kollha involuti fil-proċess.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| (d) Id-DĠ ELARG għandu jirrevedi ċ-*checklists* tal-kontrolli interni tiegħu sabiex jiddokumenta l-kontrolli kollha mwettqa; | **(d)** *Il-Kummissjoni diġà ħadet il-passi meħtieġa sabiex tiżgura li l-kontrolli mwettqa minn persunal fis-sezzjonijiet operattivi u dawk tal-finanzi u tal-kuntratti jiġu dokumentati f'aktar dettall.* |
| (e) Id-DĠ ELARG għandu jieħu miżuri biex itejjeb il-kwalità tad-*data* mdaħħla fis-sistemi ta' informazzjoni tal-ġestjoni (eż. analiżi regolari u verifika tal-kwalità tad-*data*); | **(e)** *Hemm spezzjonijiet regolari fuq il-kwalità tad-dejta f'CRIS, b'mod partikolari qabel l-estrazzjoni ta' informazzjoni rilevanti għar-Rapport ta' Attività Annwali. L-għodda tal-ġestjoni tal-IT fejn tiddaħħal id-dejta tinkludi wkoll kontrolli integrati ta' kwalità tad-dejta. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tqiegħed enfasi kbira fuq it-taħriġ ta' utenti ta' CRIS.* |
| (f) Id-DĠ ELARG għandu jiżviluppa u jistabbilixxi mekkaniżmi biex jiffaċilita l-analiżi u s-segwitu tar-riżultati tal-missjonijiet ta' monitoraġġ imwettqa; | |
| (g) Id-DĠ ELARG għandu jkompli jalloka biżżejjed riżorsi għall-analiżi tad-dikjarazzjonijiet finali pendenti preżentati taħt PHARE u l-Faċilità ta' Tranżizzjoni fl-Istati Membri l-ġodda; | **(g)** *L-għeluq kien prijorità għal DĠ ELARG mill-2007. Fl-2009 biss, DĠ ELARG għalaq 375 Dikjarazzjoni Finali.* |
| (h) Id-DĠ ECHO għandu jtejjeb id-dokumentazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-proposti għal azzjonijiet għall-għajnuna umanitarja (eż. l-introduzzjoni ta' rapporti ta' valutazzjoni standardizzati); | **(h)** *Il-Kummissjoni diġà qed taħdem sabiex ittejjeb u tarmonizza aktar d-dokumentazzjoni ċentralizzata tal-valutazzjoni tagħha ta' proposti. L-introduzzjoni ta' rapport ta' evalwazzjoni standardizzata hija waħda mill-għażliet ikkunsidrati.* |
| (i) Id-DĠ ECHO għandu jiddefinixxi u jistabbilixxi mekkaniżmi għall-ġbir u l-analiżi ta' *data* dwar l-użu ta' "Ċentri ta' Akkwist Umanitarju" mill-imsieħba tiegħu. | **(i)** *Għalkemm is-suġġeriment tal-Qorti huwa utli l-prijoritajiet attwali u r-restrizzjonijiet tar-riżorsi ma jippermettux li din ir-rakkomandazzjoni tiġi segwita fil-futur qrib.* |
| 6.54 Rakkomandazzjonijiet dwar il-EuropeAid huma inklużi fir-rapport dwar il-FEI. | **6.54.** *Bħala tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti l-EuropeAid se:*<br>— *jikkunsidra metodoloġiji possibbli għal indikatur tal-impatt finanzjarju stmat tal-iżbalji residwali;*<br>— *jivvaluta l-effettività tal-ispejjeż tal-kontrolli tiegħu fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Riskju Tollerabbli ta' Żball;*<br>— *jiffinalizza u jxerred Għodda għall-Ġestjoni Finanzjarja għall-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni;*<br>— *ikompli l-isforzi sabiex jiżgura r-rekordjar korrett u f'waqtu ta' tagħrif ta' verifika;*<br>— *jirsisti sabiex itejjeb is-sistemi tat-teknoloġija tal-informatika li jappoġġjaw ix-xogħol ta' verifika tiegħu;*<br>— *itejjeb id-disinn u l-eżami analitiku ta' kriterji ta' pagament għall-appoġġ baġitarju permezz ta' linji gwida riveduti u proċessi ta' reviżjoni bejn il-pari (Grupp ta' Appoġġ għall-Kwalità);*<br>— *jimplimenta qafas ta' monitoraġġ u rapportar tal-ġestjoni riveduta tal-finanzi pubbliċi għal pagamenti għall-appoġġ baġitarju.* |
| 6.55 Sommarju tas-segwitu ta' osservazzjonijiet preċedenti jinsab f'***Anness 6.4***. | |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## SEGWITU TA' RAPPORT SPECJALI Nru 3/2006 DWAR IR-RISPONS TAL-GHAJNUNA UMANITARJA GHAT-TSUNAMI

### Introduzzjoni

6.56 Fl-2006, il-Qorti tal-Awdituri ppubblikat ir-Rapport Speċjali (SR) Nru 3/2006 dwar ir-rispons tal-Kummissjoni għall-għajnuna umanitarja għat-tsunami li seħħ wara t-terremot tas-26 ta' Diċembru 2004 lil hinn mill-kosta tal-Punent ta' Sumatra ta' Fuq. Il-verifika kopriet ir-rispons ta' emerġenza u x-xogħol ta' rijabilitazzjoni ta' skadenza qasira tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja (DG ECHO) ([8]).

6.57 F'SR 3/2006, il-Qorti għamlet numru ta' rakkomandazzjonijiet, li fil-fatt kienu ġew adottati kollha mill-Kunsill u l-Parlament. Il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha:

(a) tikkunsidra r-rwol li jista' jkollha biex tgħin lill-gvernijiet affettwati jġestu b'mod aktar effettiv il-koordinazzjoni tad-donaturi sabiex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet jiġu ssodisfati;

(b) tiċċara r-rwoli tad-DĠ ECHO u tad-DĠ għall-Ambjent (Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili) sabiex tiżgura approċċ koerenti;

(c) tikkunsidra perijodu ta' żmien itwal għall-operazzjonijiet ta' emerġenza (eż. disa' xhur minflok sitta) sabiex ikun hemm biżżejjed żmien disponibbli għall-implimentazzjoni;

(d) issaħħaħ is-sistema ta' monitoraġġ tagħha sabiex tinkludi l-elementi li ġejjin: rispons bil-miktub lill-imsieħba wara żjarat ta' monitoraġġ, żvilupp ta' informazzjoni dwar spejjeż komparattivi, spjegazzjoni aħjar ta' arranġamenti implimentattivi u informazzjoni dwar x'sar u fejn;

(e) tikkunsidra d-diffikultà li wieħed ikollu aċċess għad-dokumentazzjoni tal-proġetti implimentati mill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-kuntest tal-Ftehim ta' Qafas Finanzjarju u Amministrattiv.

6.58 Fit-tweġibiet tagħhom għar-rapport tal-Qorti, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja r-rwol ta' koordinazzjoni tal-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA), u l-Parlament insista dwar l-importanza tar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja fuq terminu ta' żmien qasir mar-rijabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni fuq terminu ta' żmien twil.

([8]) L-azzjonijiet tal-Kummissjoni fuq terminu ta' żmien twil f'dan il-qasam ġew eżaminati mill-Qorti tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali Nru 6/2008 dwar l-Għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea għar-Rijabilitazzjoni wara t-Tsunami u l-Uragan Mitch.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet

6.59 Fl-2007, wara proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-"Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja" (Kunsens), ġiet ippubblikata dikjarazzjoni konġunta ([9]) sabiex tinkoraġġixxi l-koordinazzjoni u l-promozzjoni tal-aqwa prattiki bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Fl-2008, il-Kummissjoni ħejjiet pjan ta' azzjoni mehmuż mal-Kunsens.

6.60 Il-Kummissjoni tappoġġja r-rwol prinċipali tal-OCHA tan-NU fir-rigward tal-koordinazzjoni tar-rispons għall-għajnuna umanitarja. Id-DĠ ECHO huwa membru tal-Grupp ta' Appoġġ għad-Donaturi tal-OCHA (ODSG) u fil-perijodu ta' bejn l-2007 u l-2009, il-Kummissjoni ffirmat 43 kuntratt fil-qasam ta' koperazzjoni mal-OCHA għal valur totali ta' madwar 30 miljun euro.

6.61 Il-Kummissjoni għandha l-għan li tikkoordina l-modalitajiet ta' għajnuna tal-UE ma' dawk tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Għajnuna Umanitarja u Alimentari (COHAFA) u l-Kumitat għall-Għajnuna Umanitarja (HAC). Il-Kummissjoni tejbet ukoll l-użu tas-"sistema ta' 14-il punt" għall-irrekordjar tal-finanzjament għall-għajnuna umanitarja tal-UE, u fl-2009, id-DĠ ECHO kkummissjona studju li jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sistema ta' koordinazzjoni tad-donaturi umanitarji fil-livell tal-qasam ([10]).

6.62 Abbażi ta' dan, matul l-2008 u l-2009, id-DĠ ECHO kkondivida mal-Istati Membri tal-UE u l-Parlament Ewropew madwar 250 Rapport ta' Sitwazzjoni (SitReps) li jitħejjew minn persunal ta' fuq il-post u jippreżentaw is-sitwazzjoni umanitarja fuq il-post filwaqt li kriżi tkun qiegħda tiżvolġi ruħha f'pajjiż jew reġjun partikolari.

6.63 Bħala tweġiba għar-rakkomandazzjoni tal-Qorti, fl-2009, il-Kummissjoni ħabbret il-migrazzjoni taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni (MIC) tal-Protezzjoni Ċivili mid-DĠ għall-Ambjent għad-DĠ ECHO, liema migrazzjoni se tkun effettiva minn Frar 2010.

6.64 Il-Kummissjoni iktar enfasizzat ir-rabta bejn l-Għajnuna, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp (LRRD) milli l-prolungament tal-operazzjonijiet ta' emerġenza, li hija kkunsidrat li jkollhom bżonn bidla sinifikanti fil-qafas kunċettwali u leġiżlattiv tal-politika ta' azzjoni esterna tal-UE fit-totalità tagħha. F'dan il-kuntest, il-qafas regolatorju tjieb u l-Kummissjoni ħadet miżuri biex tiżdied il-koperazzjoni bejn is-servizzi umanitarji u ta' żvilupp u atturi oħra ta' assistenza, b'mod partikolari fil-livell tal-qasam u f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' fraġilità statali.

([9]) Kunsill Ewropew, Dikjarazzjoni Konġunta — Il-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja (ĠU C 25, 30.1.2008).
([10]) Spaak, M. u Otto, R., Studju dwar l-immappjar tal-koordinazzjoni tad-donaturi (Għajnuna Umanitarja) fuq il-post, Channel Research, Lulju 2009.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 6.65 Il-Kummissjoni kellha l-għan li tindirizza d-dgħufijiet identifikati fis-sistema ta' monitoraġġ, bażikament permezz ta' applikazzjoni iktar stretta tal-proċeduri ta' kontroll interni tagħha kif ukoll permezz ta' reviżjoni tal-linji gwida ta' monitoraġġ. Approċċ iktar konkret ġie adottat għall-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni dwar l-ispiża komparattiva. Id-DĠ ECHO qed jaħdem fuq sistema globali ta' spejjeż għal kull unità kumparabbli li hija mistennija tinkludi massa kritika tad-*data* dwar l-ispiża attwali tal-unità. Minkejja dan, "L-Ispejjeż tar-Riżultati Osservati" (Cost Observed for Results - COR), kif inhi magħrufa s-sistema, hija mistennija li tiġi użata biss fil-pjattaforma tat-teknoloġija tal-informazzjoni "Hope/e-tool" sa mill-2012. | **6.65.** *Id-Disinn tal-Mudell tal-Ispiża tar-Riżultati Osservati (COR) se jibda fl-2011 ladarba jiġi integrat f'għodda tal-IT (Hope/e-tool). Wara l-ittestjar u d-dħul fis-sistema tad-dejta huwa mistenni li l-użu tal-mudell jista' jiġi ppjanat sabiex jibda fl-2012.* |
| 6.66 Il-Qorti skrutinizzat il-problema ta' aċċess għad-dokumentazzjoni ta' proġetti implimentati mill-aġenziji tan-NU fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 15/2009 ([11]). | **6.66.** *Il-Kummissjoni appoġġjat għal kollox it-talbiet tal-Qorti sabiex tinkiseb evidenza ta' appoġġ meħtieġa mill-organizzazzjonijiet tan-NU, u dan il-prinċipju huwa stipulat b'mod ċar fil-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA). Fejn il-Kummissjoni tiġi infurmata mill-Qorti bid-diffikultajiet li qamu f'dan ir-rigward, tista' tavviċina l-kontrapartijiet tagħha fin-NU sabiex issib soluzzjoni u tiżgura li l-Qorti tirċievi t-tagħrif meħtieġ.* |
| **Konklużjonijiet** | |
| 6.67 Il-Kummissjoni kkunsidrat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u tal-Awtoritajiet ta' Kwittanza, għalkemm xi titjib konkret tas-sistema ta' monitoraġġ għad irid jiġi ffinalizzat. B'mod iktar speċifiku: | **6.67.** |
| (a) il-Kummissjoni impenjat ruħha biex tiżgura li l-koordinazzjoni tad-donaturi tkun iktar effettiva permezz tal-Kunsens u tal-pjan ta' azzjoni, tal-appoġġ tagħha għall-OCHA tan-NU u permezz tal-interazzjoni kontinwa tagħha mal-Istati Membri. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-pjan ta' azzjoni tal-Kunsens, pjanata għall-2010, għandha tippreżenta b'mod sistematiku l-mod li bih il-Kummissjoni tagħmel l-aħjar użu minn ħames vantaġġi komparattivi elenkati fil-Kunsens, fir-rigward tal-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tad-donaturi umanitarji; | **(a)** *Ir-reviżjoni ta' nofs il-perjodu tal-Kummissjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Konsensus għadha għaddejja u r-riżultati finali għandhom ikunu disponibbli sa tmiem is-sena 2010.* |
| (b) il-migrazzjoni tal-MIC għad-DĠ ECHO hija mistennija li tindirizza kif suppost il-kwestjoni tal-koerenza tal-approċċ bejn iż-żewġ servizzi tal-KE; | **(b)** *L-integrazzjoni tal-MIC diġà qed tqajjem sinerġiji bħad-disponibbiltà ta' tagħrif f'ħin reali fil-bidu ta' diżastri naturali u oħrajn u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-esperti tekniċi tad-DĠ ECHO fil-post u esperti tal-Istati Membri mibgħuta għal attivitajiet tal-Protezzjoni Ċivili.* |
| (c) l-istrumenti l-ġodda tal-iffinanzjar introdotti fl-2007, jiġifieri l-Istrument għall-Iżvilupp u l-Koperazzjoni u l-Istrument għall-Istabbiltà, jipprovdu lill-Kummissjoni b'għodda biex tiġi miġġielda l-isfida tal-LRRD billi tiġi applikata taħlita ta' politiki fi Stati li jkunu ħerġin minn kriżi; | **(c)** *Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-Qorti tal-kontribuzzjoni tal-istrumenti ġodda għall-proċess ta' tranżizzjoni. Sabiex issaħħaħ dawn l-isforzi l-Kummissjoni stabbiliet grupp interservizz dwar it-tranżizzjoni sabiex titrawwem opinjoni komuni, approċċi koordinati u pożizzjonijiet komuni dwar politiki għal "sitwazzjonijiet ta' tranżizzjoni" fejn strumenti umanitarji, ta' żvilupp u ta' stabbilizzazzjoni huma preżenti. L-għan huwa li tittejjeb kemm il-politika kif ukoll l-implimentazzjoni ta' programmi fil-post u l-kontribuzzjoni għad-dibattitu internazzjonali dwar il-politika dwar sitwazzjonijiet ta' tranżizzjoni.* |

([11]) Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2009 dwar għajnuna tal-UE, implimentat minn organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti: Teħid ta' deċiżjonijiet u monitoraġġ.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(d) għalkemm l-iżvilupp tas-sistema COR huwa eżerċizzju rigoruż u promettenti, il-prestazzjoni u r-riżultati tagħha jistgħu jiġu evalwati biss wara li s-sistema tkun ġiet implimentata bis-sħiħ.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(d)** *Il-Kummissjoni taqbel ma' din id-dikjarazzjoni mill-Qorti u biħsiebha li tkun f'pożizzjoni li tipprovdi l-ewwel riżultati salaħħar tal-2011.*

## IS-SEGWITU TAR-RAPPORT SPECJALI Nru 6/2006 DWAR L-ASPETTI AMBJENTALI TAL-KOPERAZZJONI GHALL-IZVILUPP TAL-KUMMISSJONI

### Introduzzjoni

6.68 Fl-2006, il-Qorti ppubblikat Rapport Speċjali (SR) Nru 6/2006 dwar "L-Aspetti Ambjentali tal-Koperazzjoni għall-Iżvilupp tal-Kummissjoni" ([12]). Il-verifika eżaminat iż-żewġ programmi ambjentali ffinanzjati mill-Kummissjoni u kif hija gradwalment integrat l-ambjent fil-koperazzjoni tagħha kollha għall-iżvilupp.

6.69 Il-15-il rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni, li ntlaqgħu tajjeb mill-Kunsill u mill-Parlament, koprew tliet oqsma prinċipali: it-twaqqif ta' strateġija komprensiva għall-ambjent u s-segwitu tal-implimentazzjoni tagħha, it-titjib tal-effettività tal-integrazzjoni tal-aspett ambjentali, u t-titjib tal-effettività tal-proġetti ambjentali.

6.70 Barra minn hekk, il-Parlament irrakkomanda li l-Kummissjoni tagħmel aktar użu akbar mill-kompetenza rikonoxxuta tal-amministrazzjonijiet nazzjonali għall-għajnuna tal-Istati Membri u tal-kumpaniji privati li għandhom esperjenza stabbilita bħala msieħba ta' dawn l-amministrazzjonijiet fil-ġestjoni tal-proġetti ambjentali fil-kuntest tal-programmi nazzjonali ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ([13]).

### Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet

6.71 Abbażi tar-Rapport Speċjali tal-Qorti, is-servizzi tal-Kummissjoni taw prijorità lit-tħejjija ta' strateġija ambjentali komprensiva ġdida u pproduċew abbozz ta' strateġija salaħħar tal-2006. Madankollu, bidliet fil-prijoritajiet tal-Kummissjoni kkawżaw dewmien fix-xogħol sussegwenti firrigward tal-istrateġija, u għalhekk kien biss f'April 2009 li l-elementi biex tiġi żviluppata strateġija ġdida ġew preżentati f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ([14]). Il-Kunsill laqa' dan id-dokument u f'Ġunju 2009 stieden lill-Kummissjoni biex tipprepara dokument ġenerali ta' strateġija tal-UE għall-2011. F'Marzu 2010, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kienu fi stadju bikri tal-iżvilupp tal-programm ta' ħidma għat-tħejjija ta' strateġija ġdida.

**6.71.** *Id-dewmien fit-tħejjija tal-istrateġija kien minħabba bidla fil-prijoritajiet fejn l-istrateġija ambjentali ma kellhiex tinħareġ aktar bħala komunikazzjoni indipendenti, imma bħala anness għal komunikazzjoni aktar wiesgħa dwar l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet trasversali kollha (mhux biss ambjentali), skedat sabiex jiġi adottat salaħħar tal-2008. Dan l-approċċ ġie propost bil-ħsieb li jitnaqqas innumru ta' komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni. Madankollu, dan l-approċċ il-ġdid tneħħa eventwalment minħabba diffikultajiet fit-tqegħid ta' suġġetti differenti ta' integrazzjoni f'dokument wieħed u minħabba rikonoxximent tal-ħtieġa ta' approċċ aktar iffokat fuq l-ambjent. Saret laqgħa mal-Istati Membri (u s-soċjetà ċivili) f'Settembru 2009 sabiex tinbeda b'mod konġunt it-tħejjija tal-istrateġija l-ġdida.*

([12]) ĠU C 235, 29.9.2006, p. 1.

([13]) Il-Paragrafu 233 tar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament (ĠU L 187, 15.7.2008, p. 50).

([14]) "It-Titjib tal-Integrazzjoni Ambjentali fil-Koperazzjoni għall-Iżvilupp". (SEC(2009) 555, 21.4.2009).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 6.72 F'Settembru 2006, il-Kummissjoni stabbiliet qafas operattiv għat-tħejjija tal-istrateġija ambjentali l-ġdida tagħha billi stabbiliet grupp intraservizzi mmexxi mid-DĠ għall-Iżvilupp u li kien magħmul minn rappreżentanti tad-Direttorati Ġenerali relevanti. Il-Kummissjoni talbet assistenza teknika biex jiġu identifikati indikaturi possibbli ta' prestazzjoni għall-użu fl-istrateġija ambjentali ġdida fl-2006. Evalwazzjoni sħiħa tal-prestazzjoni tal-integrazzjoni ambjentali tal-Kummissjoni eventwalment saret mill-assistenza teknika għall-ewwel darba fl-2009 skont l-indikaturi u l-metodoloġija żviluppati. | **6.72.** *Indikaturi kwantitattivi ewlenin b'rabta mal-istrateġija ta' integrazzjoni ambjentali eżistenti ġew stabbiliti — kif mitlub mill-Qorti — u kienu soġġetti għall-monitoraġġ mill-2006. Dawn l-indikaturi huma relatati mal-applikazzjoni ta' strumenti bħal profili ambjentali fit-tħejjija ta' strateġiji ta' pajjiżi u reġjonali, u valutazzjonijiet ambjentali b'rabta ma' programmi u proġetti, l-ammont ta' taħriġ offrut u n-numru ta' persunal imħarreġ. Safejn huma kkonċernati indikaturi kwalitattivi sabiex tiġi evalwata l-integrazzjoni ambjentali fil-formulazzjoni tal-proġett, dawn ġew definiti u applikati fl-ewwel valutazzjoni pilota* ex-post *imwettqa fl-2009.* |
| 6.73 Ma twettqet l-ebda reviżjoni speċifika mill-Kummissjoni biex tevalwa l-kapaċità interna tagħha biex timplimenta l-istrateġija ambjentali tagħha. Il-mod ta' kif il-Kummissjoni irnexxielha żżid il-kapaċità tagħha stess prinċipalment kien permezz tal-programmi sostanzjali ta' taħriġ tagħha u l-formulazzjoni ta' gwida iktar iddettaljata għall-persunal tagħa. Barra minn hekk, unitajiet prinċipali fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni esperjenzaw żidiet limitati fil-persunal, l-iktar sabiex ikunu jistgħu jaħdmu fuq il-bidla fil-klima fil-kuntest tal-koperazzjoni tal-iżvilupp. | **6.73.** *Fil-kuntest tal-politika ta' "tkabbir żero" tal-persunal tal-Kummissjoni, u kif rikonoxxut mill-Qorti, EuropeAid enfasizza t-tisħiħ tal-ħiliet tal-persunal mhux speċjalizzat aktar milli t-twettiq ta' reviżjoni speċifika tal-kapaċità interna tagħha. Hu implimenta dan l-approċċ b'mod konsistenti matul il-perjodu ta' referenza.* |
| 6.74 Gwida għall-persunal sabiex kwistjonijiet ambjentali jiġu integrati fl-għajnuna għall-iżvilupp inħarġet fl-aħħar tal-2006 mbagħad ġiet aġġornata fl-2009 sabiex tiġi kkunsidrata aħjar il-bidla fil-klima. Madankollu, reviżjoni mwettqa fl-2009 mill-konsulenti għall-EuropeAid sabet li kien hemm lok għal titjib ulterjuri tal-integrazzjoni tal-aspetti ambjentali fl-istadju tal-fomulazzjoni tal-proġett f'madwar 50 % tal-proġetti eżaminati. | **6.74.** *Ir-reviżjoni* ex-post *— li kienet eżerċizzju pilota — kienet parti minn kampanja lejn titjib kontinwu fl-istadju tal-formulazzjoni tal-proġett.* |
| 6.75 Numru sinifikanti tal-persunal tal-Kummissjoni rċieva taħriġ fuq l-aspetti ambjentali tal-koperazzjoni tal-iżvilupp u l-Kummissjoni investiet finanzjament sostanzjali għal dan il-għan. Dan it-taħriġ sar mandatarju mill-2009 għal persunal operazzjonali fil-EuropeAid għalkemm mhux għad-DĠ Żvilupp u għad-DĠ Relazzjonijiet Esterni. | **6.75.** *Taħriġ ta' integrazzjoni ambjentali issa huwa obbligatorju għall-persunal operattiv kollu tal-Kwartieri Ġenerali tal-EuropeAid u għall-persunal operattiv kollu tal-EuropeAid li qed jitilqu f'delegazzjonijiet. Dan kien wieħed mill-korsijiet ta' taħriġ bl-aħjar attendenza matul l-2009 b'aktar minn 400 parteċipant. Programm kbir ta' seminars ta' taħriġ twettaq mill-2005, inklużi xi 50 seminar reġjonali miżmuma f'pajjiżi tal-kooperazzjoni u numru akbar waslu fil-Kwartieri Ġenerali.* |
| 6.76 Il-Kummissjoni għadha ma wettqitx valutazzjoni ġenerali tal-assistenza ambjentali tagħha li tkopri kemm il-programmi u kif ukoll l-integrazzjoni. Database ċentrali tal-proġetti ambjentali individwali kollha għadha trid tiġi stabbilita wkoll. Filwaqt li l-aspetti ambjentali tas-sistema ta' monitoraġġ infirxu, ma saret l-ebda valutazzjoni ta' dawn ir-rapporti ta' monitoraġġ minn perspettiva ambjentali. | **6.76.** *Evalwazzjoni ta' integrazzjoni ambjentali fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija ppjanata għall-2011. Bażi tad-dejta ċentrali ta' evalwazzjonijiet individwali tal-proġetti qed tiġi attwalment żviluppata u se tkun operattiva fl-2011. Twettqu rapporti ta' valutazzjoni ta' monitoraġġ orjentat għar-riżultati (ROM) li jiffokaw fuq proġetti ambjentali għall-Amerika Latina fl-2005 u l-2009. Evalwazzjonijiet mal-pajjiż kollu tal-kooperazzjoni tal-KE indirizzaw aspetti ambjentali bħala parti mill-kwistjonijiet trasversali.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.77 Il-Kummissjoni ħadet passi biex ittejjeb l-identifikazzjoni ta' proġetti relatati mal-ambjent iżda għadha mhix f'pożizzjoni li tivvaluta b'mod preċiż l-ammont ta' nfiq relatat mal-ambjent. Għal proġetti li huma relevanti għall-klima hija introduċiet sistema għal estimi approssimattivi ta' nfiq iżda dan ma twettaqx għal oqsma oħra, notevolment il-bijodiversità u d-deżertifikazzjoni.

6.78 Tħejjew Profili Ambjentali tal-Pajjiżi (CEPs) għal kważi d-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż (CSPs) kollha u ġew annessi magħhom u sezzjoni speċifika dwar l-ambjent hija inkluża fis-CSPs innifishom. Minkejja dan, il-kwalità tas-CEPs hija varjabbli u l-influwenza tagħhom fuq is-CSP għadha, b'mod ġenerali, limitata. Il-linji gwida għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tas-CSPs, li kienet qed tiġi mwettqa fi żmien ta' dan l-eżerċizzju ta' segwitu, jimmiraw li jżidu l-attenzjoni mogħtija lill-ambjent fis-CSPs u taw prijorità partikolari lill-fatt li jiġu inklużi kwestjonijiet ta' bidla fil-klima fis-CSPs reveduti.

6.79 Il-Kummissjoni stabbiliet gwida għall-integrazzjoni tal-kwestjonijiet ambjentali fl-operazzjonijiet għas-sostenn tal-baġit. Fil-prattika, madankollu, il-kondizzjonalità u l-indikaturi ambjentali rarament ikunu inklużi fi programmi ta' sostenn tal-baġit u huma ftit il-każijiet fejn twettqu Evalwazzjonijiet Ambjentali Strateġiċi.

6.80 Għalkemm il-linji gwida tal-Kummissjoni stabbilixxew proċeduri speċifiċi għall-evalwazzjoni ambjentali tal-proġetti kollha, il-EuropeAid ħalliet lid-Delegazzjonijiet jiddeċiedu jekk hemmx il-ħtieġa li jiġu stabbiliti punti fokali ambjentali biex jiġu ċċekkjati dawn il-proċeduri. Minħabba limitazzjonijiet fil-livell tal-persunal, l-ispeċjalisti ambjentali tal-EuropeAid stess ma jistgħux jirrevedu l-evalwazzjoni ambjentali tal-proposti kollha għal proġetti.

6.81 Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll linji gwida dwar kif għandhom jitwettqu l-Evalwazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali (EIAs) matul il-fażi ta' tħejjija tal-proġett kif ukoll dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-EIAs. Madankollu, skont ir-reviżjoni tal-EuropeAid 2009, li hemm referenza għaliha f'paragrafu 6.74, il-ħtieġa għal EIAs xorta ma tiġix issodisfata kull darba.

6.82 Għall-programm tematiku ambjentali ([15]), id-Delegazzjonijiet żiedu r-rwol tagħhom fil-valutazzjoni tal-proposti tal-proġetti. Fir-rigward ta' proġetti CSP, il-Manwal tal-Integrazzjoni Ambjentali fih linji gwida li għandhom l-għan li jiżguraw li kondizzjonijiet lokali jittieħdu inkonsiderazzjoni meta jkun qed jiġi ddiżinjat il-proġett.

([15]) Programm Tematiku għall-Ambjent u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluża l-Enerġija (ENRTP).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.77.** *EuropeAid tejjeb il-kapaċità tiegħu li jidentifika u jittraċċa infiq fuq proġetti ambjentali, imma jibqa' kompitu kumpless ħafna li jiġu kalkolati ammonti eżatti allokati għal għanijiet ambjentali f'azzjonijiet li jimmiraw primarjament lejn għanijiet tal-politika oħra. Diskussjonijiet ma OECD/DAC huma għaddejjin bħalissa sabiex wieħed jara kif id-dejta kwalitattiva bbażata fuq indikaturi ta' Rio tista' tinbidel bl-aħjar mod f'dejta finanzjarja.*

**6.78.** *Il-kwalità ta' Profili Ambjentali tal-Pajjiżi (CEPs) u l-influwenza tagħhom fuq Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi (DSPs) għadha fil-fatt varjabbli imma xi CEPs qed jiġu aġġornati abbażi tal-linji gwida ta' integrazzjoni ambjentali u sabiex jiġu indirizzati aħjar kwistjonijiet ta' bidla fil-klima filwaqt li l-linji gwida għar-reviżjoni ta' nofs il-perjodu wasslu wkoll għal aktar konsiderazzjoni tal-kwistjonijiet tal-bidla ambjentali u fil-klima fid-DSPs, speċjalment fil-pajjiżi koperti mill-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp.*

**6.79.** *Linji gwida ġodda dwar Appoġġ Baġitarju se jinħarġu fl-2011 u se jinkludu gwida ġdida dwar kwistjonijiet trasversali. Madankollu, minkejja l-inklużjoni ta' indikaturi ambjentali speċifiċi, djalogu ta' politika dwar kwistjonijiet ambjentali jseħħ f'ħafna pajjiżi fi ħdan l-Oqsfa Konġunti ta' Donaturi li jsegwu operazzjonijiet ta' Appoġġ Baġitarju Ġenerali. Valutazzjonijiet Ambjentali Strateġiċi jirrikjedu konsiderazzjoni ta' kuntest lokali u l-involviment ta' pajjiżi msieħba sabiex ikunu effettivi u għalhekk ma jistgħux jiġu mposti.*

**6.81.** *EuropeAid żviluppa noti ta' tagħrif u dokumenti ta' gwida li jagħmlu referenzi għall-ġestjoni tar-riżorsi naturali ta' appoġġ bbażati fil-komunità fost aspetti oħra. Numru ta' programmi tal-KE ippromwovu inizjattivi ta' ġestjoni ta' riżorsi naturali fuq livell lokali. Il-Programm Tematiku għall-Ambjent u l-Ġestjoni Sostenibbli ta' Riżorsi Naturali, inkluż l-Enerġija, jagħmel referenza speċifika għal ħidma ma' komunitajiet lokali u dan tkompla f'sejħiet għal proposti li stiednu noti ta' kunċett li qiesu "l-iżgurar ta' pussess u drittijiet ta' komunitajiet lokali, inkluż popolazzjonijiet indiġeni" fil-kuntest tal-governanza tal-foresti.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

6.83 Bħala parti mill-proċess tal-proċedura ta' simplifikazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni, saru xi tibdiliet fir-Regolament Finanzjarju u fil-Gwida Prattika bl-għan li l-proċeduri ta' akkwist isiru eħfef u jkunu iktar faċli li wieħed japplikahom.

6.84 Il-bżonn li tingħata attenzjoni għall-fatt li l-komunitajiet lokali jingħataw għajnuna biex isibu metodi sostenibbli li jużaw riżorsi naturali lokali tinsab fil-linji gwida ambjentali tal-EuropeAid, iżda ma ngħatat l-ebda gwida speċifika dwar kif dan għandu jsir.

**6.84.** *EuropeAid żviluppa numru ta' noti ta' tagħrif sabiex jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli b'enfasi fuq approċċi bbażati fil-komunità. Barra minn hekk, il-Programm Tematiku għall-Ambjent jagħmel referenza speċifika għal ħidma ma' komunitajiet lokali, u dan kien fost affarijiet oħra li tkomplew f'sejħiet għal proposti li stiednu noti ta' kunċett li qiesu "l-iżgurar ta' pussess u drittijiet ta' komunitajiet lokali, inkluż popolazzjonijiet indiġeni" fil-kuntest tal-governanza tal-foresti.*

6.85 Il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda valutazzjoni ġenerali dwar l-effettività ta' strumenti ta' għajnuna differenti li huma ta' appoġġ għall-ambjent. Madankollu, il-EuropeAid waslet biex tikkonkludi studju dwar l-iżvilupp ta' approċċi li jkopru s-settur kollu u qed tindirizza wkoll il-possibbiltà li jinħolqu Fondi ta' Trust UE (EU Trust funds) li jistgħu jintużaw biex ikunu ta' appoġġ għall-ambjent.

**6.85.** *L-istudju tal-KE fuq approċċi adattati għas-settur kollu f'riżorsi ambjentali u naturali issa tlesta f'kooperazzjoni mill-qrib ma' numru ta' aġenzji ta' żvilupp tal-UE u ftit programmi ta' appoġġ tal-politika tas-settur tal-KE f'dan il-qasam huma għaddejjin bħalissa. Dan huwa b'mod ċar żvilupp ġdid fir-rigward tal-imgħoddi. L-istabbiliment ta' Fondi Fiduċjarji tal-UE issa jista' jsir possibbli taħt il-proposta għal reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju u ġew stabbiliti Ftehimiet dwar it-Trasferiment sabiex jippermettu kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE lill-Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima (GCCA) ġestita mill-KE. Mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi għall-ambjent jinkludu wkoll l-istabbiliment ta' sħubiji pubbliċi u privati u t-taħlit ta' self u għotjiet.*

6.86 Il-Kummissjoni kompliet tagħmel użu mill-esperjenza tal-Istati Membri u tal-kumpaniji privati biex timplimenta l-programmi ambjentali tagħha u żiedet il-possibbiltajiet għas-settur privat li jipparteċipa fl-ENRTP.

**6.86.** *Il-Kummissjoni kompliet tagħmel użu mill-kompetenza tal-Istati Membri u kumpaniji privati fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ambjentali tagħha.*

## Konklużjonijiet

6.87 Il-Kummissjoni għamlet progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li jkopru firxa wiesgħa. B'mod partikolari, dan huwa l-każ fir-rigward tal-ħolqien ta' kapaċità interna permezz ta' taħriġ u linji gwida għall-persunal. Madankollu, reviżjoni tal-EuropeAid fl-2009 indikat diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta' xi whud mill-proċeduri l-ġodda ta' integrazzjoni ambjentali.

**6.87.** *Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxxoment tal-progress sinifikanti li sar fil-kwistjonijiet ta' integrazzjoni ambjentali fil-portafoll ta' għajnuna esterna tal-Kummissjoni. Ir-reviżjoni ex-post — li kienet eżerċizzju pilota — kienet parti minn kampanja lejn titjib kontinwu. Dan il-proċess inkluda r-reviżjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni bejn il-pari (Grupp ta' Appoġġ għall-Kwalità) li introduċew indikazzjonijiet aktar ċari dwar l-indirizzar ta' aspetti ambjentali fit-tħejjija ta' proposti għall-proġetti.*

6.88 Hemm diversi oqsma li fihom għad hemm iktar xogħol xi jsir sabiex ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati b'mod komplet. Strateġija ambjentali komprensiva ġdida għadha qed tiġi żviluppata iżda hemm bżonn li tkun lesta sal-2011 sabiex tintuża fl-eżerċizzju ta' programmar li jmiss. Din l-istrateġija għandha tkun appoġġjata b'iktar xogħol fuq l-indikaturi ta' prestazzjoni ambjentali u l-valutazzjoni ġenerali tal-effettività ta' integrazzjoni u programmi ambjentali, inkluż ir-rwol ta' strumenti differenti. Għandha wkoll tingħata attenzjoni għall-integrazzjoni ta' kwestjonijiet ambjentali fi programmi ta' sostenn tal-baġit.

**6.88.** *Il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE qed jaħdmu b'mod konġunt sabiex jipproduċu l-ewwel abbozz tal-istrateġija ambjentali fil-bidu tal-2011, għall-adozzjoni fit-tieni nofs tal-2011.*

*Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li twettaq aktar ħidma fuq indikaturi sabiex timmonitorja l-effettività ta' strateġija ambjentali ġdida u sabiex tivvaluta l-integrazzjoni ambjentali fl-operazzjonijiet tagħha. Evalwazzjoni ġenerali ta' integrazzjoni ambjentali fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija ppjanata għall-2011. Jekk ir-riżultati tal-evalwazzjoni huma disponibbli fil-ħin, se jiddaħħlu fid-disinn tal-istrateġija l-ġdida tal-UE. Linji gwida ġodda dwar Appoġġ Baġitarju huma ppjanati wkoll għall-2011 u se jinkludu gwida ġdida dwar kwistjonijiet trasversali. Fit-twettieq ta' dan ix-xogħol il-Kummissjoni se tkompli tfittex koordinazzjoni mill-qrib u armonizzazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, b'appoġġ tal-aġenda tal-effikaċja tal-għajnuna.*

ANNESS 6.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-GĦAJNUNA ESTERNA, L-IŻVILUPP U T-TKABBIR*

| | 2009 | | | | | | | | | | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Il-EuropeAid** | | **Ir-RELEX** | | **L-ELARG** | | **L-ECHO** | | **Total** | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | | | |
| Total tranżazzjonijiet (*li minnhom*): | 117 | | 11 | | 38 | | 14 | | **180** | | 180 | 145 |
| Pagamenti bil-quddiem | 57 | | 2 | | 13 | | 11 | | **83** | | 71 | 46 |
| Pagamenti Interim/Finali | 60 | | 9 | | 25 | | 3 | | **97** | | 109 | 99 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** *(f'% u għadd ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet mhux milquta minn żbalji | 90 % | {105} | 91 % | {10} | 79 % | {30} | 86 % | {12} | **87 %** | **{157}** | 73 % | 74 % |
| Tranżazzjonijiet milquta minn żbalji | 10 % | {12} | 9 % | {1} | 21 % | {8} | 14 % | {2} | **13 %** | **{23}** | 27 % | 26 % |
| **ANALIŻI TA' TRANŻAZZJONIJIET MILQUTA MINN ŻBALJI** *(f'% u għadd ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' nefqa** | | | | | | | | | | | | |
| Pagamenti bil-quddiem | 33 % | {4} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | **17 %** | **{4}** | 19 % | 19 % |
| Pagamenti Interim/Finali | 67 % | {8} | 100 % | {1} | 100 % | {8} | 100 % | {2} | **83 %** | **{19}** | 81 % | 81 % |
| **Analiżi skont it-tip ta' żball** | | | | | | | | | | | | |
| Żbalji mhux kwantifikabbli | 67 % | {8} | 100 % | {1} | 88 % | {7} | 50 % | {1} | **74 %** | **{17}** | 60 % | 73 % |
| Żbalji kwantifikabbli | 33 % | {4} | 0 % | {0} | 12 % | {1} | 50 % | {1} | **26 %** | **{6}** | 40 % | 27 % |
| *li jinkludu:* Eliġibbiltà | 100 % | {4} | n.a. | {0} | 100 % | {1} | 100 % | {1} | **100 %** | **{6}** | 79 % | 100 % |
| Okkorrenza | 0 % | {0} | n.a. | {0} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | **0 %** | **{0}** | 21 % | 0 % |
| Preċiżjoni | 0 % | {0} | n.a. | {0} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | **0 %** | **{0}** | 0 % | 0 % |
| **IMPATT STMAT TAL-IŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | | | | |
| Ir-rata ta' żball l-aktar probabbli: | | | | | | | | | | | | |
| < 2 % | | | | | | | | | | | | |
| 2 % sa 5 % | **X** | | | | | | | | | | **X** | **X** |
| > 5 % | | | | | | | | | | | | |

ANNESS 6.2

*RIŻULTATI TA’ EŻAMI TAS-SISTEMI GĦALL-GĦAJNUNA ESTERNA, L-IŻVILUPP U T-TKABBIR*

**Il-Valutazzjoni tas-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll magħżula**

| **Is-Sistemi kkonċernati** | | **Kontrolli intreni ewlenin (Kummissjoni)** | | | | **Valutazzjoni ġenerali** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Kontrolli *ex-ante* | Monitoraġġ u sorveljanza | Verifiki esterni | Verifika Interna | |
| Il-EuropeAid [1] | HQ | | | | | |
| | DEL | | | | N/A | |
| Id-DĠ RELEX | | | | [2] | | |
| Id-DĠ ELARG | | | | [2] | | |
| Id-DĠ ECHO | | | | | | |

[1] Din il-valutazzjoni tikkorrispondi ma’ dik ippubblikata fir-rapport dwar il-FEI.
[2] Kontrolli *ex post*.

**Il-Valutazzjoni ġenerali tas-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll**

| | **2009** | **2008** | **2007** |
|---|---|---|---|
| **Valutazzjoni ġenerali** | | | |

*Kodiċi:*

| | |
|---|---|
| | Effettiv |
| | Parzjalment effettiv |
| | Mhux effettiv |
| N/A | Mhux applikabbli: ma japplikax jew mhux evalwat |

ANNESS 6.3

*RIŻULTATI TAR-REVIŻJONI TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI GĦALL-GĦAJNUNA ESTERNA, L-IŻVILUPP U T-TKABBIR*

| Direttorati Ġenerali prinċipali kkonċernati | Natura tad-dikjarazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (*) | Riżervi mogħtija | Osservazzjonijiet tal-Qorti | Valutazzjoni ġenerali ta' affidabbiltà |
|---|---|---|---|---|
| **Il-EuropeAid** | **mingħajr riżervi** | N/A | Il-EuropeAid stabbiliet strateġija ta' kontroll komprensiva u kompliet tikkontribwixxi għal titjib sinifikanti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tagħha. Madankollu, il-verifika tal-Qorti sabet li għad fadal xi dgħufijiet f'ċerti kontrolli u li l-pagamenti sehhew bi żbalji materjali. | **B** |
| **Ir-RELEX** | **B'riżerva** | Dgħufijiet sinifikanti fir-rigward ta' kontrolli ta' mitigazzjoni inadegwati biex tiġi provduta assigurazzjoni dwar in-nefqa ġestita mill-missjonijiet tal-PESK u dgħufijiet importanti fir-rigward tal-adegwatezza ta' kontrolli *ex post* biex tiġi provduta assigurazzjoni addizzjonali li tikkumplimenta elementi oħra tas-sistema ta' kontroll. | Nuqqasijiet importanti identifikati fir-rigward tal-komponent tal-kontrolli *ex-post* tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tad-DĠ RELEX għall-iżgurar tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet għad iridu jingħelbu. | **A** |
| **L-ELARG** | **mingħajr riżervi** | N/A | | **A** |
| **L-ECHO** | **mingħajr riżervi** | N/A | | **A** |

(*) B'referenza għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali, hu/hi għandu/għandha assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll li twaqqfu jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

A: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni ġusta ta' ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

B: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni parzjalment ġusta ta' ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

C: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali ma jagħtux valutazzjoni ġusta ta' ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

ANNESS 6.4

IS-SEGWITU TA' OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-GĦAJNUNA ESTERNA, L-IŻVILUPP U T-TKABBIR

| L-Osservazzjoni tal-Qorti | L-Azzjoni Meħuda | L-Analiżi tal-Qorti |
|---|---|---|
| **Ir-Relazzjonijiet esterni u l-iżvilupp** | | |
| 1. *Monitoraġġ ta', u appoġġ lill-organizzazzjonijiet li huma responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE* | | |
| Fir-rigward ta' kontrolli *ex-ante*, ġew osservati dgħufijiet inkluż monitoraġġ insuffiċjenti ta', u appoġġ lill-organizzazzjonijiet li huma responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafi 8.22 u 8.35) | Tħejjija ta' Struzzjonijiet għall-Amministrazzjoni Finanzjarja għall-organizzazzjonijiet li jimplimentaw. | Ara r-rapport dwar il-FEI, l-Anness 4, il-filliera 2. |
| 2. *Il-pagamenti ta' sostenn mill-Baġit* | | |
| Fir-rigward ta' kontrolli *ex-ante*, ġew osservati dgħufijiet fil-każ ta' pagamenti ta' sostenn mill-baġit fil-proċessi tal-verifika tat-twettiq ta' kondizzjonijiet ta' pagament.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.22) | Għarfien mifrux fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ aktar strut-turat u aktar formali meta jiġu valutati l-pagamenti għas-sostenn tal-baġit, inkluż it-tisħiħ tar-rwol tal-verifikazzjoni mill-persunal tal-finanzi u l-kuntratti fil-proċess tal-approvazzjoni tal-ħlas. | Ara r-rapport dwar il-FEI, l-Anness 4, il-filliera 9. |
| 3. *Is-sistema ta' verifiki esterni* | | |
| Fir-rigward tal-użu ta' verifiki esterni, wieħed mill-aktar komponenti importanti tal-qafas ta' kontroll intern tal-EuropeAid, il-Qorti nnutat titjib fil-proċessi. Madankollu hija tikkonkludi li dawn il-kontrolli għadhom ġeneralment parzjalment effettivi.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafi 8.23 u 8.24) | Riformi introdotti mill-2007 għall-metodoloġija tal-verifika fis-seħħ, flimkien ma' reviżjoni sostanzjali tal-metodoloġija tal-pjan ta' verifika annwali. | Ara r-rapport dwar il-FEI, l-Anness 4, il-filliera 3. |
| 4. *Proċessi ta' Ġestjoni tar-Riskju* | | |
| Il-proċess tal-ġestjoni tar–riskji nstab li kien parzjalment effettiv.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.23) | Tkomplija tal-isforzi biex jiżdied l-għarfien tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskju. | Il-proċess tal-ġestjoni tar-riskju ġie evalwat bħala ġeneralment effettiv. |

| L-Osservazzjoni tal-Qorti | L-Azzjoni Meħuda | L-Analiżi tal-Qorti |
|---|---|---|
| *5. Il-kontrolli Ex-post* | | |
| Ġew identifikati nuqqasijiet importanti fir-rigward tal-komponent tal-kontrolli *ex-post* tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-DĠRELEX sabiex tiġi żgurata r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.25) | Monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet annwali għal kontrolli *ex-post*. | Minkejja l-isforzi u l-progress li saru s'issa, għad fadal dgħufijiet sinifikanti li jridu jingħelbu. |
| **It-Tkabbir** | | |
| *6. IAC* | | |
| Ġie osservat li l-programm multiannwali tal-IAC ma kienx żviluppat b'mod suffiċjenti.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.27) | IAC fl-2009 żviluppa programm multiannwali tal-attivitajiet tiegħu. | Il-Qorti tqis li din l-osservazzjoni ġiet indirizzata kif dovut mid-DĠ ELARG. |
| *7. Kontrolli Ex-post ta' proġetti ġestiti b'mod ċentrali* | | |
| Ġie osservat li d-DĠ ELARG ma kellux strategija speċifika għall-kontrolli *ex-post* ta' progetti ġestiti b'mod ċentrali.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.27) | Matul l-2009, id-DĠ ELARG żviluppa strateġija għall-kontroll *ex-post* ta' proġetti ġestiti b'mod ċentrali. | Il-Qorti tilqa' l-inizjattiva tad-DĠ ELARG, iżda l-istrateġija l-ġdida se tiġi implimentata biss fl-2010 u għadha trid tiġi ppruvata l-effettività tagħha. |
| *8. Possibbiltà ta' irregolaritajiet fil-gestjoni ta' fondi tal-Phare minn żewg aġenziji implimentattivi fil-Bulgarija* | | |
| Ġie nnutat li għad hemm dgħufijiet fundamentali fir-rigward ta' irregolaritajiet potenzjali fil-ġestjoni ta' fondi tal-Phare minn żewg aġenziji implimentattivi fil-Bulgarija.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.28) | Matul l-2009 u wara azzjonijiet korrettivi mill-awtoritajiet Bulgari, id-DĠ ELARG neħħa s-sospensjoni ta' pagamenti lill-Bulgarija. | Id-DĠ ELARG għad irid jiddedika attenzjoni speċjali għas-segwitu tal-implimentazzjoni tal-fondi ta' wara l-adeżjoni tal-Bulgarija. |
| **L-Ghajnuna Umanitarja** | | |
| *9. IAC* | | |
| Fl-2008, l-IAC kien għadu ma joperax fil-kapaċità kollha tiegħu minħabba t-trasferiment tal-attivitajiet mill-IAC tal-EuropeAid.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.29) | Matul l-2009, l-IAC kellu ammont adegwat ta' persunal u kien qed jimplimenta programm ta' ħidma għal sena sħiħa. | L-IAC ta' DĠ ECHO qed jiffunzjona kif suppost u qed jipprovdi assigurazzjoni lid-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECHO. |

## IL-KAPITOLU 7

## L-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza

WERREJ

| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 7.1-7.8 |
| Il-Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 7.2-7.5 |
| L-Ambitu u l-approċċ tal-verifika | 7.6-7.8 |
| Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 7.9-7.13 |
| L-effettività tas-sistemi | 7.14-7.16 |
| L-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni | 7.17 |
| Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet | 7.18-7.21 |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

7.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-evalwazzjoni speċifika tal-Qorti tal-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza li tinkludi l-oqsma tal-politika 15 — L-Edukazzjoni u l-Kultura, 16 — Il-Kommunikazzjoni; u 18 — Il-Ħelsien, is-Sigurtà u l-Ġustizzja. Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-pagamenti fl-2009 tingħata fit-***Tabella 7.1***.

**Tabella 7.1 — L-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza — Informazzjoni ewlenija**

*(miljun euro)*

| It-Titolu tal-Baġit | Il-Qasam tal-politika | Deskrizzjoni | Il-Pagamenti 2009 | Il-Mod ta' Ġestjoni |
|---|---|---|---|---|
| 15 | L-Edukazzjoni u l-Kultura | Nefqa amministrattiva | 118 | Ċentralizzat u dirett |
| | | It-Tagħlim Matul il-Ħajja, inkluż il-multilingwiżmu | 1 154 | Ċentralizzat u indirett |
| | | L-iżvilupp tal-koperazzjoni kulturali fl-Ewropa | 52 | Ċentralizzat u indirett |
| | | L-inkoraġġiment u l-promozzjoni għall-koperazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ u l-isports | 144 | Ċentralizzat u indirett |
| | | It-trawwim ta' Ċittadinanza Ewropea | 28 | Ċentralizzat u indirett |
| | | | **1 496** | |
| 16 | Il-Komunikazzjoni | Nefqa amministrattiva | 109 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-Komunikazzjoni u l-mezzi tax-xandir | 35 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-komunikazzjoni "Niffukaw fuq il-Lokal" | 39 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-analiżi u l-għodod ta' komunikazzjoni | 21 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **204** | |
| 18 | Il-Libertà, il-Ġustizzja u s-Sigurtà | Nefqa amministrattiva | 64 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Is-Solidarjetà — Il-fruntieri esterni, il-politika dwar il-viża u l-moviment liberu tal-persuni | 270 | Ġestjoni maqsuma / Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-flussi migratorji — Oqsma ta' politika komuni dwar l-immigrazzjoni u l-kenn | 254 | Maqsum/Ċentralizzat u dirett |
| | | Id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza | 34 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Is-sigurtà u s-salvagwardjar tal-libertajiet | 52 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-ġustizzja fi kwistjonijiet kriminali u ċivili | 50 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-prevenzjoni u l-informazzjoni dwar id-drogi | 16 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-istrateġija tal-politika u l-koordinazzjoni | 4 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **744** | |
| | | Nefqa amministrattiva totali ([1]) | 291 | |
| | | Nefqa operazzjonali totali *(magħmula minn):* | 2 153 | |
| | | — *pagamenti bil-quddiem* | *1 881* | |
| | | — *pagamenti interim/finali* | *272* | |
| | | **Pagamenti totali għas-sena** | **2 444** | |
| | | **Impenji totali għas-sena** | **2 788** | |

([1]) Hemm rapport dwar il-verifika tan-nefqa amministrattiva fil-Kapitolu 9.
*Sors:* Kontijiet Annwali, 2009.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Il-Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika

7.2. It-tliet titoli tal-baġit f'dan il-grupp tal-politika huma ġestiti kważi b'mod esklussiv minn tliet Direttorati Ġenerali korrispondenti (DĠ) tal-Kummissjoni. Dawn huma d-DĠ Edukazzjoni u Kultura (DĠ EAC) għal-linja tal-baġit 15, id-DĠ Komunikazzjoni (DĠ COMM) għal-linja tal-baġit 16 u d-DĠ Il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà (DĠ JLS) għal-linja tal-baġit 18. Il-parti l-kbira tan-nefqa f'dan il-qasam hija ġestita b'mod ċentralizzat u indirett jew permezz ta' ġestjoni maqsuma, bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-forma ta' programmi multiannwali ddelegati lill-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżwali u l-Kultura (EACEA), lill-Aġenziji Nazzjonali [1] jew lil strutturi ta' tmexxija simili fl-Istati Membri. L-entitajiet responsabbli fl-Istati Membri jallokaw għotjiet u kuntratti lil proġetti jew lil miżuri mwettqa minn benefiċjarji privati u pubbliċi.

7.3. L-għajnuna tal-UE fl-oqsma tal-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza hija kkaratterizzata bi kwantità kbira ta' skemi ta' finanzjament għal bosta oqsma tematiċi u tipi ta' proġetti bħal għotjiet għal azzjonijiet favur iċ-Ċittadinanza jew għall-mobbiltà fis-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Jitwettqu proġetti mhux biss minn organizzazzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ, imma wkoll minn organizzazzjonijiet oħra li ma jagħmlux qligħ, kumpaniji privati u amministrazzjonijiet pubbliċi. Il-benefiċjarji finali ta' azzjonijiet ta' mobbiltà huma individwi, l-aktar ċittadini tal-UE. Il-ġestjoni ta' xi programmi, jiġifieri l-Fond għall-Fruntieri Esterni, il-Fond ta' Integrazzjoni, il-Fond għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għar-Refuġjati, hija madanakollu fil-biċċa l-kbira maqsuma mal-Istati Membri.

7.4. Il-finanzjament f'dan il-grupp tal-politika jinkludi l-aktar pagamenti bil-quddiem lil aġenziji tal-UE u lil Aġenziji Nazzjonali tradizzjonali, minbarra kontribuzzjonijiet darba kull tliet xhur għall-ispejjeż operattivi tagħhom. Il-pagamenti lill-Aġenziji Nazzjonali jsiru wara l-iffirmar ta' kuntratt jew aċċettazzjoni ta' programm tax-xogħol, jew fil-każ tal-biċċa l-kbira mit-tieni jew mit-tielet finanzjamenti bil-quddiem, fuq l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni li 70 % tal-fondi diġà avvanzati ġew imħallsa. Dawn il-pagamenti bil-quddiem normalment jakkumulaw sa 100 % tal-massimu permess. Il-kondizzjonalità limitata permezz tagħha jitwasslu pagamenti bil-quddiem tfisser li r-riskju ta' żbalji huwa baxx ħafna. Ir-riskju tal-iżbalji għal pagamenti interim u finali huwa kkunsidrat ogħla minn dak għal pagamenti bil-quddiem. Pagamenti interim u finali huma bbażati fuq spejjeż attwali li għandhom jiġu rimborżati, għalhekk hemm riskju li spejjeż ineliġibbli, iddikjarati iżjed jew mhux sostanzjati jiġu inklużi fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-benefiċjarji u ma jinstabux mill-korp ta' ġestjoni jew mill-Kummissjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.4.** *Fil-qasam ta' politika tal-Edukazzjoni u l-Kultura, il-Kummissjoni waqqfet is-sistema tagħha ta' superviżjoni u kontroll ibbażata fuq l-approċċ ta' awditu waħdani bil-kontrolli primarji fil-livell tal-Aġenziji Nazzjonali, kontrolli sekondarji li jsiru mill-Awtoritajiet Nazzjonali u kontrolli superviżorji li jsiru fil-livell tal-Kummissjoni.*

*Sabiex ikun imminimizzat ir-riskju tan-nefqa mhux eliġibbli fuq il-ħlasijiet finali id-DĠ EAC estenda l-użu tas-somom f'daqqa u l-għotjiet b'rata fissa fil-ġenerazzjoni preżenti tal-programmi.*

*Kienu wkoll imposti kontrolli fil-livell tal-Aġenziji Nazzjonali, notevolment kontrolli fuq il-post, kontrolli mill-uffiċċju (desk checks) u awditi bi ħtiġijiet minimi bbażati fuq ir-riskju.*

[1] Li għandhom relazzjoni kuntrattwali mal-Kummissjoni.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 7.5. L-aġenziji Nazzjonali jidħlu għal ftehimiet ta' għoti ma' organizzazzjonijiet parteċipanti ([2]), u jikkunsmaw il-pagamenti bil-quddiem tal-Kummissjoni li jkunu rċevew billi jagħmlu pagamenti bil-quddiem ta' bejn 80 % u 100 % lil dawn l-organizzazzjonijiet, skont it-tip ta' programm. Dawn il-proġetti jitlestew f'perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin, u jwasslu għal rapporti finali u għeluq bejn l-aġenzija Nazzjonali u l-benefiċjarji. L-Aġenzija Nazzjonali tagħti Rapport Annwali tal-Aġenzija Nazzjonali lill-Kummissjoni li fih ir-rapporti finanzjarji għall-ftehimiet miftuħa kollha bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni. Wara li jkunu ngħalqu l-proġetti kollha ffinanzjati mill-baġit ta' sena partikolari, l-aġenzija Nazzjonali tippreżenta rapport finali konsolidat lill-Kummissjoni bħala parti mir-Rapport Annwali tal-Aġenzija Nazzjonali kkonċernata. Il-Kummissjoni tagħlaq il-ftehim mal-Aġenzija billi tapprova r-rapport, tikkalkola l-bilanċ finali u tagħmel il-pagament jew l-irkupru. | **7.5.** *Ir-Rapporti Annwali tal-Aġenziji Nazzjonali jippermettu li l-Kummissjoni jkollha ħarsa ġenerali tal-istat ta' implimentazzjoni tal-programm kif ukoll il-ġestjoni u l-kontrolli mwettqa mill-Aġenziji Nazzjonali.*<br><br>*L-informazzjoni fir-Rapporti Annwali tal-Aġenziji Nazzjonali hija ċċertifikata kull sena mill-Awtorità Nazzjonali tal-pajjiż ikkonċernat fil-qafas tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni lill-Kummissjoni.* |

## L-Ambitu u l-approċċ tal-verifika

| | |
|---|---|
| 7.6. L-approċċ ġenerali tal-verifika u l-metodoloġija tal-Qorti huma deskritti fil-***Parti 2 tal-Anness 1.1***. Għall-verifika tal-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza, għandhom jiġu kkunsidrati l-punti speċifiċi li ġejjin: | **7.6.** |
| (a) l-ittestjar ta' kampjun ta' 120 għeluq ta' programmi u proġetti fil-livell tal-Kummissjoni li minnhom 78 kienu marbuta mal-għeluq ta' programmi u proġetti għall-perjodu bejn is-sena 2000 u l-2006; | **(a)** *Il-benefiċċju tal-ġenerazzjoni attwali tal-programmi 2007-2013 b'regoli ssimplifikati u użu estensiv mill-iffinanzjar permezz ta' somma f'daqqa għandu jnaqqas ir-riskji marbuta mal-ħlasijiet finali.* |
| (b) l-ittestjar separat ta' kampjun ta' 30 pagament bil-quddiem, imħallsin fl-2009; | |
| (c) l-evalwazzjoni tas-sistemi kienet iffukata fuq sistemi ta' għeluq ta' programmi u proġetti mwettqa mill-Kummissjoni; | |
| (d) l-evalwazzjoni tar-rapporti ta' attività annwali, u tad-dikjarazzjonijiet li jakkumpanjawhom, għad-DĠ EAC u d-DĠ JLS. | |

([2]) L-organizzazzjonijiet parteċipanti normalment huma universitajiet, skejjel jew kulleġġi li jġestu l-pagamenti lil benefiċjarji bħal studenti jew għalliema.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 7.7. Għad-DAS 2009, il-Qorti ffukat il-verifika fuq in-nefqa ta' bażi mġarrba u approvata mill-Kummissjoni. Din il-verifika kienet tinkludi żjarat fuq il-post lil benefiċjarji finali bħal pereżempju gwardjani tal-fruntieri statali fi Stati Membri, ċentri tar-refuġjati, istituti kulturali u universitajiet li jamministraw pagamenti lil studenti u għalliema sabiex jiġu evalwati l-kalkolu korrett u l-konformità mar-regoli u r-regolamenti relevanti għan-nefqa. Il-verifika ta' kampjun ta' tranżazzjonijiet li fuqu għandu jkun ibbażat l-għeluq tipprovdi stampa tal-ġestjoni finanzjarja fil-livell tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru f'dan il-grupp tal-politika, li tkun aktar kompluta minn dik li tinkiseb kieku kellu jiġi ttestjat numru kbir ta' ħlasijiet bil-quddiem, li għalihom ir-riskju ta' żball huwa baxx ħafna (abbażi tal-verifiki preċedenti tal-Qorti) peress li waqt l-għeluq isir ċar jekk in-nefqa tkunx iġġarrbet skont il-kundizzjonijiet tal-iskema kkonċernata. Fil-verità, l-approċċ tal-verifika hija differenti minn dak tas-sena l-oħra u għalhekk ir-riżultati ma jistgħux jitqabblu b'mod dirett. | **7.7.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-kampjun tal-Qorti għad-DAS 2009 jikkonsisti minn 120 ħlas ta' għeluq u 30 ħlas bil-quddiem, waqt li 87 % tal-ammonti tal-ħlas għall-grupp ta' politika kollu huma ħlasijiet bil-quddiem (Ara t-Tabella 7.1).* |
| 7.8. Minħabba l-proċess ta' għeluq li jitwettaq f'diversi stadji, nefqa ta' bażi fil-livell tal-benefiċjarji finali tista' tiġi kkunsidrata biss għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni diversi snin wara li l-kuntratti inizjali jkunu ġew iffirmati. Fil-kampjun tal-pagamenti li l-Kummissjoni għamlet fl-2009, ħafna tranżazzjonijiet ta' bażi jirrigwardaw proġetti mibdija fl-2004 u fl-2005. Għalhekk il-proġetti huma marbuta mal-perjodu ta' programmar 2000-2006. Għan-nefqa mġarrba fil-perjodu 2007-2013 ġew introdotti regoli ta' finanzjament u sistemi ta' kontroll ġodda. L-għeluq relatat se jseħħ fis-snin li ġejjin. | **7.8.** *Il-Kummissjoni tenfasizza li s-sistemi attwali ta' ġestjoni u kontroll joqogħdu fuq netwerk stabbli ta' Aġenziji Nazzjonali li huma kkontrollati mill-qrib kemm fuq livell Nazzjonali kif ukoll tal-UE. Dan ifisser li l-għeluq ta' ftehimiet finanzjarji bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni mhux fattur ta' riskju partikulari, minħabba li hemm sistema solida ta' rapportar annwali, li biha l-Kummissjoni ssegwi l-implimentazzjoni baġitarja mill-Aġenziji fuq bażi annwali. Fil-każ ta' problemi nnutati waqt din l-analiżi annwali, il-Kummissjoni tista' u fil-fatt diġà tintervjeni mal-Aġenzija Nazzjonali u l-Awtorità Nazzjonali ferm qabel l-għeluq tal-ftehim finanzjarju ikkonċernat (cf. rispons fuq il-valutazzjoni finanzjarja pprovdut fl-ittri dwar il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni fi tmiem l-analiżi annwali mill-uffiċċju).* |

## IR-REGOLARITÀ TAT-TTRANŻAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| 7.9. Jingħata sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet fl-***Anness 7.1***. | **7.9.** *Id-deterjorazzjoni apparenti fil-proporzjon ta' tranżazzjonijiet affettwati minn żbalji fl-2009 hija spjegata mill-bidla fl-approċċ tal-Qorti li jiffoka biss fuq l-għeluq.* |
| 7.10. Pagamenti bil-quddiem jirrappreżentaw madwar 87 % tat-total tal-pagamenti magħmula fil-grupp tal-politika l-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza. Il-Qorti eżaminat kampjun każwali ta' 30 pagament bil-quddiem imħallsa matul l-2009. Il-valur ikkombinat ta' dawn il-pagamenti bil-quddiem kien ta' EUR 410 biljun, ekwivalenti għal 22 % tat-total tan-nefqa permezz ta' pagamenti bil-quddiem irreġistrati fil-kontijiet. Il-pagamenti bil-quddiem instabu ħielsa minn żbalji materjali. | **7.10.** *Il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Qorti ma sabet l-ebda żball fil-ħlasijiet bil-quddiem.* |
| 7.11. Il-Qorti sabet li r-rata ta' żbalji għall-għeluq kienet bejn 2 % u 5 %. | **7.11.** *Il-Kummissjoni tinnota li r-rata ta' żbalji għall-għeluq taqbeż bi ftit it-2 %.* |

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 7.12. Il-Qorti sabet li 29 mill-120 għeluq verifikat (24 %) kien fihom żbalji kwantifikabbli. L-aktar tip komuni ta' żball kwantifikabbli li nstab kien żbalji ta' eliġibbiltà; ara eżempju c). Eżempji ta' żbalji kwantifikabbli jinkludu: | **7.12.** *Il-Kummissjoni ser issegwi l-iżbalji li nstabu mill-Qorti, u fejn xieraq, il-ħlasijiet li saru bi żball jiġu rkuprati.* |
| (a) *Studenti mħallsa għal perjodi inkorretti ta' perjodi ta' mobbiltà ta' studenti (preċiżjoni)*<br><br>F'7 mis-36 tranżazzjoni verifikata tad-DĠ EAC Socrates II (20 %), li l-maġġoranza tagħhom kienu pagamenti lil universitajiet li jagħmlu użu minn fondi għal perjodi ta' studju tal-Erasmus, instabu każijiet fejn studenti tħallsu għal soġġorni itwal milli fil-fatt twettqu. | **(a)** *Il-Kummissjoni tenfasizza li s-sejbiet tal-Qorti huma relatati mat-tranżazzjonijiet ta' Socrates II li jkopru għotjiet għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja għas-snin akkademiċi 2004/5, 2005/6 u 2006/7. Bl-introduzzjoni tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, il-Kummissjoni żiedet il-gwida u l-appoġġ għall-Aġenziji Nazzjonali sabiex tiżgura ġestjoni tajba tal-fondi tal-UE kemm fil-livell tal-Aġenziji Nazzjonali kif ukoll f'dak tal-benefiċjarji u biex tistabbilixxi rendikont tal-entrati f'kull livell.* |
| (b) *Spejjeż mhux sostnuti minn fatturi jew xhieda ta' pagament (okkorrenza)*<br><br>Għal proġett tad-DĠ JLS Daphne II ([3]), l-ispejjeż klejmjati kienu jinkludu spejjeż mhux sostanzjati għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza. L-iżbalji li nstabu rrappreżentaw 10 % tal-ispejjeż dikjarati. | **(b)** *il-Kummissjoni ser issegwi u tirkupra kwalunkwe ħlasijiet dovuti fir-rigward tal-faxxikolu Daphne.* |
| (c) *Dikjarazzjoni ta' spejjeż ineliġibbli (eliġibbiltà)*<br><br>F'wieħed mill-proġetti għall-Iskambju taż-żgħażagħ tad-DĠ EAC li ġew verifikati, 27 minn 48 parteċipant kienu ikbar fl-età mill-età massima permessa, mingħajr ma ngħatat l-ebda ġustifikazzjoni. Dan wassal għal vjaġġi ineliġibbli, u spejjeż ta' viża u attivitajiet oħra li ammontaw għal EUR 12 460 (37 % tal-ispejjeż dikjarati). Għal proġetti oħra fejn instab li kien fihom żbalji u li kienu vverifikati taħt id-DĠ EAC Youth in Action (Żgħażagħ fl-azzjoni), ir-rati ta' żbalji kienu jvarjaw bejn 1 % u 13 %. | **(c)** *Skont il-Programm għaż-Żagħżagħ preċedenti li kien awditjat mill-Qorti, il-kriterji ta' eliġibiltà offrew ċerta flessibiltà. Il-kriterji ta' eliġibiltà saru iktar stretti skont il-Programm kurrenti Żgħażagħ fl-Azzjoni. Minħabba n-nuqqas ta' disponibilità ta' ġustifikazzjoni rigward dan il-faxxikolu antik, il-Kummissjoni ser tirkupra l-fondi kkonċernati.* |
| 7.13. Barra minn hekk, 38 tranżazzjoni (32 %) kien fihom żbalji mhux kwantifikabbli, li wħud minnhom jindikaw dgħufijiet fis-sistemi fil-livell tal-Kummissjoni. Pereżempju, kien hemm ħames każijiet ta' approvazzjoni tard mill-Kummissjoni tar-rapporti finali, wieħed fid-DĠ JLS, wieħed fl-EACEA u tlieta fid-DĠ EAC, li jvarjaw bejn 87 jum u sentejn wara d-data tal-iskadenza. | **7.13.** *Iż-żminijiet tal-approvazzjoni huma mmonitorjati f'rapportar regolari lill-maniġment anzjan Il-Kummissjoni tirrikonoxxi dewmien fl-għeluq tar-rapporti finali msemmija iżda tixtieq tenfasizza li dan ma kienx ta' impatt fuq il-benefiċjarji finali tal-programm. Sabiex tikkoreġi din is-sitwazzjoni, qed tiġi inkarigata task force speċjalizzata f'kull servizz biex tagħlaq tali faxxikoli u r-regoli tar-rapportar tal-programm kienu mmodifikati.* |

## L-EFFETTIVITÀ TAS-SISTEMI

7.14. Jingħata sommarju tar-riżultati tal-eżami tas-sistemi għall-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza fl-***Anness 7.2***.

([3]) Programm għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| 7.15. Il-verifika tas-sistemi tal-Qorti kienet ibbażata fuq sistemi fil-livell tal-Kummissjoni li huma marbuta mal-għeluq li wettqet fl-2009 (l-aktar abbażi tar-regoli 2000 – 2006, ara l-paragrafu 7.8). Abbażi ta' dan, wieħed jista' jikkonkludi jekk il-Kummissjoni għandhiex bażi soda għall-għeluq/pagament finali billi, fost l-oħrajn, jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni kinitx ivvalutat b'mod komplet ir-rapporti finali, inklużi l-aspetti finanzjarji u dawk li mhumiex, jekk l-ammont ta' pagament/irkupru kienx ġie ddeterminat b'mod korrett u l-finanzjament minn qabel ġiex approvat b'mod korrett, u jekk kienx hemm separazzjoni adegwata tad-dmirijiet. | **7.15.** *Il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjoni il-fatt li l-qorti ma tirrapurtax xi sejbiet sinifikanti mill-awditi tagħha tas-sistemi, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tar-rapporti finali, determinazzjoni ta' ħlasijiet u rkupri u approvazzjoni ta' prefinanzjament kif ukoll segregazzjoni adegwata tad-doveri. F'dan ir-rigward is-sistemi ta' kontroll huma kkunsidrati bħala effettivi mill-Kummissjoni.* |
| 7.16. Fir-Rapport Annwali tagħha għall-2008 l-Qorti ddikjarat li t-tfassil tas-sistema għall-perjodu l-ġdid – jekk applikat kif suppost - jista' jagħti bażi adegwata għall-assigurazzjoni fil-ġejjieni. Madankollu, għad-DĠ EAC s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fil-livell tal-Kummissjoni fl-2009 ħallew għadd sinifikanti ta' żbalji mhux misjuba u mhux korretti fl-għeluq li sar dik is-sena. Għad-DĠ JLS, il-Qorti sabet żbalji fi tranżazzjonijiet li kienu twettqu qabel ma kienu saru l-pagamenti korrispondenti. Pereżempju, għal tliet tranżazzjonijiet meħuda bħala kampjun għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u s-servizzi ta' sostenn tal-Unità Ċentrali tas-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku (BMS) u l-Unità Ċentrali ta' Riżerva għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ġew irreġistrati fl-impenn żbaljat. | **7.16.** *Regoli simplifikati u użu estensiv ta' finanzjament permezz ta' somma f'daqqa fil-ġenerazzjoni kurrenti tal-programmi (2007-2013) għandhom inaqqsu r-riskji marbuta mal-ħlasijiet finali fil-futur, ara t-tweġiba għal 7.6(a). Attwalment, DĠ EAC qed jagħmel studju dwar il-kost tal-kontrolli. Sakemm joħroġ ir-riżultat ta' dak l-istudju, il-Kummissjoni tikkunsidra li ma jkunx kost-effettiv li żżid il-kontrolli tagħha fid-dawl tar-rata baxxa ta' żbalji identifikati.*<br><br>*L-eżempju tal-Qorti li jirreferi għall-JLS jirrigwarda korrezzjonijiet/regolarizzazzjonijiet biex jibbilanċjaw żball wieħed preċedenti.* |
| **L-AFFIDABBILTÀ TAR-RAPPRŻENTAZZJONIJIET TAL-ĠESTJONI TAL-KUMMISSJONI** | |
| 7.17 Jingħata sommarju tar-riżultati tar-reviżjoni tar-rappreżentazzjonijiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni fl-***Anness 7.3***. | **7.17.** *Fir-Rigward tal-JLS, id-Direttur Ġenerali iddeċieda li ma jinkludix riżervi dwar iż-żewġ "riskji ta' reputazzjoni" imsemmija mill-Qorti (CEPOL u akkwist rigward il-Faċilità Schengen tal-Bulgarija) fir-Rapport Annwali tal-Attività għall-2009 għax analiżi dettaljata taċ-ċirkostanzi partikolari wasslet għall-konklużjoni li l-kriterji stabbiliti fil-linji gwida ġenerali biex ikunu inklużi riżervi ma ntlaħqux. Skont l-Istruzzjonijiet Eżistenti għar-Rapporti Annwali tal-Attività tal-2009, riskju ta' reputazzjoni ma jistax iwassal għal riżerva (irid ikun hemm "**avveniment**" li jwassal għal riżerva, u l-avveniment irid jissodisfa ċerti kriterji). Fl-opinjoni tal-Kummissjoni ma kienx hemm tali avveniment fil-JLS fl-2009.*<br><br>*Barra minn hekk, is-sitwazzjoni kienet l-istess fir-Rapport Annwali tal-Attività għall-2008.* |
| **IL-KONKLUŻJONIJIET U R-RAKKOMANDAZZJONIJIET** | |
| 7.18. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li l-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għall-grupp tal-politika L-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza kienu affettwati minn żbalji materjali. | **7.18.** *Il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Qorti ma sabet l-ebda żball fil-ħlasijiet bil-quddiem li koprew 87 % tan-nefqa operazzjonali totali għall-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza fl-2009 (ara t-tabella 7.1).*<br><br>*Il-Kummissjoni tinnota li r-rata ta' żbalji għall-għeluq taqbeż bi ftit it-2 %. Hija ser issegwi l-iżbalji fil-ħlasijiet ta' għeluq misjuba mill-Qorti, u fejn xieraq ser ikunu rkuprati l-fondi.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.19. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għall-grupp tal-politika L-Edukazzjoni u ċ-Ċittadinanza kienu parzjalment effettivi fl-iżgurar tar-regolarità tal-għeluq imwettaq fl-2009. Kif ġie spjegat fil-paragrafu 7.8, il-proċess ta' għeluq f'bosta stadji applikat mill-Kummissjoni jfisser li dan l-għeluq jirrigwarda tranżazzjonijiet ta' bażi li jmorru lura għall-2004/2005 iżda ġew approvati mill-Kummissjoni fl-2009.

7.20. Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ il-kontrolli fuq l-għeluq sabiex jiġi żgurat li żbalji jinstabu u jiġu kkorreġuti u sabiex jiġi evitat li żbalji identifikati preċedentement jerġgħu jseħħu.

7.21. Jingħata sommarju tas-segwitu ta' osservazzjonijiet preċedenti fl-***Anness 7.4***.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.19.–7.20.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li ddaħħlu għal perjodu 2007-2013 jipprovdu qafas b'saħħtu.*

*It-titjib tas-sistemi fil-qasam tal-Edukazzjoni u l-Kultura li sar fl-2009 (gwida aġġornata għall-Awtoritajiet Nazzjonali u żjarat imsaħħa ta' awditi fuq il-post) mhumiex riflessi hekk kif il-Qorti ffukat fuq ħlasijiet tal-għeluq relatati ma azzjonijiet mill-ġenerazzjoni ta' programmi preċedenti li ma kienux koperti mis-sistemi attwali (notevolment l-azzjonijiet awditjati relatati mas-snin akkademiċi 2004/5 u 2005/6).*

*Il-Kummissjoni tenfasizza li l-għeluq tagħha fl-2009 ta' proġetti mill-2004/5 hija proċedura normali. L-itwal minn dawn il-proġetti intemmu fl-2008 u tressqu għall-għeluq mill-Aġenziji Nazzjonali fir-Rapport Anwali tal-2008, li l-Kummissjoni rċeviet fl-2009.*

ANNESS 7.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-EDUKAZZJONI U Ċ-ĊITTADINANZA* (1)

| | 2009 | | | | | | | | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 15 L-Edukazzjoni u l-Kultura | | 16 Il-Komunikazzjoni | | 18 Il-Libertà, il-Ġustizzja u s-Sigurtà | | Total | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet *(li minnhom)*: | 92 | | 13 | | 45 | | **150** | | 150 | 150 |
| Pagamenti bil-quddiem | 20 | | 1 | | 9 | | **30** | | 129 | 95 |
| Għeluq | 72 | | 12 | | 36 | | **120** | | 21 | 55 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** | | | | | | | | | | |
| *(f'% u għadd ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet mhux milquta | 58 % | {53} | 100 % | {13} | 82 % | {37} | **69 %** | **{103}** | 90 % | 79 % |
| minn żbalji | 42 % | {39} | 0 % | {0} | 18 % | {8} | **31 %** | **{47}** | 10 % | 21 % |
| **ANALIŻI TA' TRANŻAZZJONIJIET MILQUTA MINN ŻBALJI** | | | | | | | | | | |
| *(f'% u għadd ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' nefqa** | | | | | | | | | | |
| Pagamenti bil-quddiem | 0 % | {0} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | **0 %** | **{0}** | 60 % | 35 % |
| Għeluq | 100 % | {39} | 0 % | {0} | 100 % | {8} | **100 %** | **{47}** | 40 % | 65 % |
| **Analiżi skont it-tip ta' żball** | | | | | | | | | | |
| Żbalji mhux kwantifikabbli | 33 % | {13} | 0 % | {0} | 67 % | {5} | **38 %** | **{18}** | 73 % | 68 % |
| Żbalji kwantifikabbli | 67 % | {26} | 0 % | {0} | 33 % | {3} | **62 %** | **{29}** | 27 % | 32 % |
| *li jinkludu:* Eliġibbiltà | 50 % | {13} | 0 % | {0} | 100 % | {3} | **55 %** | **{16}** | 50 % | 80 % |
| Okkorrenza | 15 % | {4} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | **14 %** | **{4}** | 25 % | 0 % |
| Preċiżjoni | 35 % | {9} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | **31 %** | **{9}** | 25 % | 20 % |
| **IMPATT STMAT TAL-IŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | | |
| Ir-rata ta' żball l-aktar probabbli għall-għeluq: | | | | | | | | | | |
| < 2 % | | | | | | | | | **X** | |
| 2 % sa 5 % | | | | | **X** | | | | | **X** |
| > 5 % | | | | | | | | | | |

(1) Bħalma ġie spjegat f'7.7, l-approċċ tal-verifika għall-2009 huwa differenti minn dak għall-2008 u għall-2007 u għalhekk ir-riżultati għall-2009 ma jistgħux jitqabblu b'mod dirett mar-riżultati għall-2008 u għall-2007. Barra minn hekk, wieħed irid jinnota li għall-2007 u għall-2008, il-kampjun tal-Qorti kien magħmul minn pagamenti interim/finali u pagamenti bil-quddiem filwaqt li għall-2009 l-kampjun kien magħmul minn *għeluq* u pagamenti bil-quddiem. Għalhekk, l-"għeluq" fl-ewwel kolonna għall-2007 u għall-2008 għandhom jinqraw bħala "pagamenti interim/finali".

ANNESS 7.2

*RIŻULTATI TAL-EŻAMI TAS-SISTEMI TAL-EDUKAZZJONI U Ċ-ĊITTADINANZA*

**Il-Valutazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll magħżula**

| Is-sistema kkonċernata | Valutazzjoni ġenerali |
|---|---|
| DĠ EAC | |
| DĠ JLS | |
| DĠ COMM | |

**Il-Valutazzjoni ġenerali tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll**

| Valutazzjoni ġenerali | 2009 | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|
| | ([1]) | ([2]) | ([3]) |

([1]) Sistemi vverifikati: L-għeluq ta' pagamenti u ħlasijiet tal-Kummissjoni
([2]) Sistemi vverifikati: Il-ġestjoni tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja fl-Awtoritajiet Nazzjonali, l-Aġenziji Nazzjonali u l-Kummissjoni.
([3]) Sistemi vverifikati: Valutazzjonijiet, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni *ex-ante* fil-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Fond Ewropew għar-Refuġjati II, kontrolli *ex-ante* tal-Kummissjoni fuq il-pagamenti, kontrolli/verifiki *ex-post* tal-Kummissjoni.

*Kodiċi*

| | |
|---|---|
| | Effettiv |
| | Parzjalment effettiv |
| | Mhux effettiv |

ANNESS 7.3

*RIŻULTATI TAR-REVIŻJONI TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI*

| Direttorati Ġenerali kkonċernati | Natura tad-dikjarazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (*) | Riżervi mogħtija | Osservazzjonijiet tal-Qorti | Valutazzjoni ġenerali ta' affidabbiltà |
|---|---|---|---|---|
| **EAC** | **b'riżerva** | Hemm "rata għolja wisq ta' żbalji fis-sehem żgħir tan-nefqa ġenerali ġestita permezz ta' ġestjoni ċentralizzata u diretta, minħabba nuqqas ta' dokumenti ta' ġustifikazzjoni għall-klejms tal-ispejjeż, fir-rigward ta' proġetti li twettqu matul il-perjodu tal-ipprogrammar preċedenti." | | **A** |
| **JLS** | **b'riżervi** | Ħsara għar-reputazzjoni minħabba dewmien fit-tlestija tal-proġett SIS II.<br><br>Ħsara għar-reputazzjoni minħabba dewmien fit-tlestija tal-proġett VIS.<br><br>Riskju finanzjarju li jikkorrispondi mar-rata ta' żbalji residwi (2,15 %) fil-popolazzjoni mhux verifikata tal-għotjiet fil-programmi taħt l-attività 1804 tal-ABB – Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza. | Żewġ riskji għar-reputazzjoni elenkati fir-RAA 2008 baqgħu preżenti fl-2009 iżda d-DĠ ma qiesx li kienu biżżejjed biex jeħtieġu r-riżervi. L-ewwel nett, għalkemm ittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-sistemi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija(CEPOL), dawn mhumiex se jseħħu qabel l-2010. It-tieni, ir-RAA 2009 jispjega li dgħufijiet jibqgħu jinsabu fl-akkwist fir-rigward tal-Faċilità Schengen fil-Bulgarija. | |

(*) B'referenza għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali, hu/hi għandu/għandha assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll li twaqqfu jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.
A: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni ġusta ta' ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità
B: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu valutazzjoni parzjalment ġusta ta' ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità
C: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali ma jagħtux valutazzjoni ġusta ta' ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

ANNESS 7.4

*IS-SEGWITU TA' OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-EDUKAZZJONI U Ċ-ĊITTADINANZA*

| L-Osservazzjoni tal-Qorti | L-Azzjoni meħuda | L-Analiżi tal-Qorti | Ir-Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| 1. **Dgħufijiet fis-sistemi stabbiliti fl-Istati Membri għall-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja (LLP)** | | | |
| Il-Qorti nnutat in-nuqqasijiet li ġejjin fis-sistemi stabbiliti fl-Istati Membri għall-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja:<br><br>— għall-kontrolli primarji f'xi każijiet ma kien hemm ebda evidenza li ddokumentat l-analiżi jew id-desk-checks imwettqa,jew l-ebda verifika tas-sistemi magħmula fl-universitajiet, minkejja li l-Kummissjoni stabbiliet rekwiżiti dwar in-numri minimi ta' verifiki bħal dawn biex jitwettqu qabel l-aħhartal-2008, l-ebda reġistri tal-eċċezzjonijiet jew politika tat-teżor li żgurat li l-fondi tpoġġew f'kontijiet li jrendu l-interessi; | Skont ir-RAA 2009 tad-DĠEAC, is-sejbiet tal-Qorti fir-rigward tal-kontrolli primarjihuma segwiti individwalment matul il-valutazzjoni tad-dikjarazzjoni annwali tal-assigurazzjoni u kontrollati matul iż-żjarat fuq il-post. Is-segwitu individwali jitlesta permezz ta' seminars ta' taħriġ u informazzjoni u komunikazzjoni permanenti mal-Aġenziji Nazzjonali. | Il-Qorti tirrikonoxxi t-tibdiliet fil-proċeduri, iżda f'dan l-istadju, l-impatt tal-azzjonijiet deskritt fir-RAA tal-2009 ma jistax ikun aċċertat.<br><br>Għall-2009, disa' dikjarazzjonijiet u rapporti (23 % b'kollox) mill-Aġenziji Nazzjonali waslu fil-ħin(tliet kopji elettroniċi addizzjonali waslu sas-6 ta' Mejju). | *DĠ EAC żviluppa sistema għall-assigurazzjoni permanenti. L-analiżi ta' din id-dikjarazzjoni annwali ta' assigurazzjoni hija element wieħed biss li fuqu l-Kummissjoni tibbaża l-assigurazzjoni ġenerali tagħha. Addizzjonalment, żjarat ta' monitoraġġ u kontrolli superviżorji jitwettqu mis-servizzi tad-DĠ EAC u minn awditur estern. Dan jiżgura li l-Kummissjoni tista' tittestja r-riżultati tal-analiżi mill-uffiċju tagħha tad-dikjarazzjonijiet ta' kull sena tal-assigurazzjoni u ssegwi mill-qrib il-każijiet problematiċi potenzjali.* |
| — il-preżentazz-joni ta' rapporti annwali mill-aġenziji nazzjonali lill-Kummissjoni saret tard; | Fir-rigward tal-preżentazzjoni tard ta' rapporti annwali mill-aġenziji nazzjonali u tad-dikjarazzjonijiet annwali *ex-post* tal-Awtoritajiet Nazzjonali għall-Kummissjoni, ir-RAA 2009 tad-DĠ EAC jiddikjara li l-formoli u l-linji gwida tar-rapport għat-tlestija kienu ppubblikati f'Diċembru2009, biex b'hekk ġie żgurat li kemm l-Aġenziji Nazzjonali kif ukoll l-Awtoritajiet Nazzjonali jkollhom aktar ħin għad-dispożizzjoni tagħhom għat-tlestija u għall-kontrolli ta' sorveljanza neċessarji fid-dawl tal-iskadenza għall-bgħit tat-30/4/2010. Barra minn hekk, formoli tar-rapport finanzjarju ġew issimplifikati sostanzjalment sabiex inaqqsu r-riskju ta' rappurtar żbaljat u l-inkoerenzi bejn ir-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar il-kontrolli primarji. | Il-paragun mal-2008 (sitt dikjarazzjonijiet waslu fil-ħin) juri biss ftit progress f'termini ta' preżentazzjoni fil-ħin tad-dikjarazzjonijiet u r-rapporti. | *Il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjon l-analiżi tal-Qorti li l-gwida aġġornata tagħha tikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tas-sena preċedenti.* |
| — għall-kontrolli sekondarji l-verifika tal-Qorti sabet approċċi ta' kwalità li kienet tvarja, użati mill-awtoritajiet nazzjonali biex jiksbu bażi għad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni *ex-ante* u *ex-post* u d-diffe-renzi fil-grad ta' informazzjoni mogħtija dwar il-proċeduri mwettqa minn dawn l-awtoritajiet; | | Il-gwida aġġornata għall-Awtoritajiet Nazzjonali tikkunsidra l-kwestjonijiet indikati fis-sejbiet tal-Qorti. Madankollu, ladarba din il-gwida mhux se tiġi implimentata mill-Istati Membri qabel l-2010, f'dan l-istadju mhuwiex possibbli li ssir valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq il-kontrolli sekondarji mwettqa mill-Awtoritajiet Nazzjonali. | |
| — 10 biss mill-40 dikjarazzjoni *ex-post* għall-2007 ntbagħtu mill-awtoritajiet nazzjonali lill-Kummissjoni qabel l-iskadenza tat-30 ta' April 2008. Ma kienx sar titjib fir-rata ta' konformità sa Marzu 2009. Id-dikjarazzjonijiet *ex-post* għall-2008 kienu mistennija għat-30 ta' April 2009 iżda sitt dikjarazzjonijiet biss waslu fil-ħin; | | | |

| L-Osservazzjoni tal-Qorti | L-Azzjoni mehuda | L-Analiżi tal-Qorti | Ir-Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| — filwaqt li l-gwida għall-aġenziji nazzjonali hija żviluppata sew, kemm f'termini leġiżlattivi u kif ukoll fil-“Gwida għall-aġenziji nazzjonali lijimplimentaw il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja” maħruġa mill-Kummissjoni, dan mhuwiex il-każ għall-Awtoritajiet Nazzjonali. Għalkemm inħarġet gwida mill-Kummissjoni biex tiċċara r-responsabilitajiet, m'hemm l-ebda gwida preskrittiva dettaljata biżżejjed li fiha proċeduri speċifiċi biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jsegwuhom.<br><br>(Ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafi 9.16, 9.19 sa 9.21 u 9.33) | Skont ir-RAA 2009 tad-DĠEAC, bħala segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, hemm pjanata gwida aġġornata għall-Awtoritajiet Nazzjonali u din ġiet ikkomunikata fl-aħħar tal-2009. Abbażi ta' dawn il-linji gwida riveduti, flimkien ma' seminar ta' taħriġ għall-Awtoritajiet Nazzjonali fit-2 ta' Marzu2010, huwa mistenni li d-Dikjarazzjonijiet ta' Assigurazzjoni tal-2009se jkunu aħjar u ta' kwalità aktar omoġenja minn dawk tas-snin li għaddew. (p. 35). Rappreżentant mill-QEA attenda għas-seminar organizzat għall-Awtoritajiet Nazzjonali msemmi fir-RAAu l-Qorti rċeviet kopja tal-gwida l-ġdida. | | |
| 2. **Dgħufijiet fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni tad-dikjarazzjonijiet *ex-ante* u *ex-post* għal-LLP** | | | |
| Il-Qorti sabet li l-appli-kazzjoni tal-proċedura kemm tad-dikjarazzjonijiet *ex-ante* għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 kif ukoll tad-dikjarazzjoni *ex-post* għall-2007 pprovdiet assigurazzjoni limitata dwar il-kwalità tal-ġestjoni tannefqa. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq desk review tas-sistemi u tal-kontrolli u żjarat ta' sorveljanza tas-sistemi fi 11-il pajjiż fl-2008. Iżda, f'xi wħud mill-każijiet biss il-Kummissjoni vverifikat ir-realtà u l-kwalità tal-kontrolli primarji u sekondarji msemmija fid-dikjarazzjonijiet annwali u l-informazzjoni ppreżentata fir-rapporti annwali.<br><br>Huwa rrakkomandat li l-Kummissjoni twettaq sorveljanza aktar mill-qrib tal-proċess annwali tad-dikjarazzjoni *ex-post* b'verifikazzjoni diretta li l-kontrolli deskritti huma adegwati u applikati b'mod komplet. | Skont ir-RAA 2009 tad-DĠEAC, f'konformità mal-Politika ta' Superviżjoni Strateġika tiegħu, id-DĠEAC diġà saħħaħ iż-żjarat fuq il-post li jiffukaw fuq l-eżistenza u l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' ġestjoni u kontrolli kif deskritti mill-Istati Membri. Il-pjan ta' verifika tal-2010 se jkompli għaddej f'din il-perspettiva'.<br><br>Fl-2009, id-DĠEAC wettaq ħames verifiki finanzjarji ta' disa' ftehimiet ta' azzjoni deċentralizzati 2000-2006 jew2007-2008 (kontra l-14-il verifika finanzjarja fi tmien pajjiżi, li twettqu fl-2008) u11-il żjara għall-verifika tas-sistema lill-Awtoritajiet Nazzjonali. Wettaq ukoll58 żjara ta' monitoraġġ lill-Aġenziji Nazzjonali (kontra41 fl-2008). | Fl-2009, in-numru ta' verifiki finanzjarji kien inqas minn dak tal-2008, għalkemm id-DĠEAC wettaq verifiki ta' sistemi addizzjonali fl-Awtoritajiet Nazzjonali. Żjarat ta' monitoraġġ lill-Aġenziji Nazzjonali żdiedu fl-2009. | *It-tnaqqis fin-numru ta' awditi finanzjarji fl-2009 meta mqabbla mal-2008 huwa spjegat mir-riżultati tajba ta' awditi simili fl-2008, li wrew rati baxxi ta' żbalji.*<br><br>*Dawn l-awditi ma jistgħux ikunu kkunsidrati iżolati miż-żjarat ta' kontroll superviżorju u l-monitoraġġ tas-sistemi mwettqa mis-servizzi tad-DĠ EAC fl-2009.* |

| L-Osservazzjoni tal-Qorti | L-Azzjoni meħuda | L-Analiżi tal-Qorti | Ir-Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| Abbażi tal-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet *ex-ante* u kif ukoll dawk *ex-post*, ir-rapporti annwali mill-aġenziji nazzjonaliu r-riżul-tati taż-żjarat ta' monitoraġġ lill-aġenziji nazzjonaliu lill-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni stab-biliet lista ta' kwalifiki li jridu jiġu rimedjati mill-aġenziji nazzjonali u mill-awtoritajiet nazzjonali. Segwitu kontinwu tal-kwalifiki, fil-forma ta' żjarat ta' monitoraġġaktar bir-reqqa, u sorveljanza aktar mill-qrib mill-Kummissjoni tal-proċedura ta' dikjarazzjoni *ex-post* annwali huma meħtieġa biex jagħtuassigurazzjoni għas-snin li ġejjin li l-aġenziji nazzjonali jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-rigward tal-ġestjoni u tal-kontroll tan-nefqa.<br><br>(Ir-Rapport Annwali dwar l-2008, il-paragrafi 9.22 sa 9.24, 9.25 u 9.34) | | | |
| 3. **Kontrolli *ex-post* parzjalment effettivi fid-DĠ EAC** | | | |
| Ir-Rapport tal-Attività Annwali għall-2008 tad-DĠ EAC jirrapporta li r-riżultati tal-verifiki finanzjarji tal-proġetti, imwettqa minn ditta privata tal-verifika f'isem il-Kummiss-joni, juru medja ta' żbalji ta' 0,01 % fil-kuntratti vverifikati għal-LLP. Madankollu, rata ta' żbalji kkalkolata fuq il-proġetti magħluqa matul is-sena tkun ħafna ogħla. Barra minn hekk, minħabba li dawn il-verifiki ġew prinċipalment imwettqa fil-livell tal-aġenzija nazzjonali, li normalment ma jirċevix id-dokumenti kollha ta' ġustifikazzjoni, dawn ma jkoprux il-kriterji kollha tal-eliġibbiltà.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 9.26) | Ir-rata ta' żbalji għal-LLP għall-2009 kienet ta' 0,65 %. | L-ambitu tal-verifiki finanzjarji mwettqa ma nbidilx mill-2008 għall-2009 u għalhekk, l-osservazzjoni tal-Qorti dwar il-limitazzjonijiet tal-verifika tinżamm. | *L-iskop tal-awditi finanzjarji tal-2009 mqabbla ma' dak tal-awditi tal-2008 kien kemxejn mibdul u saret iktar enfasi fuq l-awditjar ta' kampjun ta' kontrolli primarji mwettqa minn jew f'isem l-Aġen-zija Nazzjonali. Dawn l-awditi inkludew l-analiżi ta' kontrolli ta' rutina ta' rapporti finali, kontrolli mill-uffiċju ta' dokumenti ta' prova, kontrolli fuq il-post matul l-azzjoni u kontrollifinanzjarji fuq il-post wara li jkun irċevut ir-rapport finali.* |

# KAPITOLU 8

## L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Ħarsa ġenerali | 8.1 |
| L-evalwazzjoni speċifika fil-kuntest tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni | 8.2-8.34 |
| Introduzzjoni | 8.2-8.9 |
| Il-karatteristiċi speċifiċi tal-grupp ta' politika | 8.3-8.8 |
| L-ambitu u l-approċċ tal-verifika | 8.9 |
| Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 8.10-8.12 |
| L-effettività tas-sistemi | 8.13-8.27 |
| Il-kontrolli *ex-ante* | 8.15-8.18 |
| Iċ-ċertifikazzjoni tal-verifika | 8.19-8.21 |
| Il-kontrolli *ex-post* | 8.22-8.27 |
| L-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni | 8.28-8.29 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 8.30-8.34 |
| Ir-riżultati tal-verifika tal-fond ta' garanzija għal azzjonijiet esterni | 8.35-8.39 |
| Ir-riżultati tal-verifika tal-KEFA f'likwidazzjoni | 8.40-8.44 |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## ĦARSA ĠENERALI

8.1. Il-Kapitolu 8 jikkonsisti fi tliet partijiet. L-ewwel, fih l-evalwazzjoni speċifika tal-grupp ta' politika l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni (ara l-paragrafi 8.2 sa 8.34). Din hija segwita mir-riżultati tal-verifiki rikorrenti dwar il-Fond ta' Garanzija għal Azzjonijiet Esterni (ara l-paragrafi 8.35 sa 8.39) u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (ara l-paragrafi 8.40 sa 8.44). Dan il-kapitolu jikkonkludi b'segwitu tal-osservazzjonijiet tas-sena ta' qabel (ara l-***Anness 8.4***).

## L-EVALWAZZJONI SPEĊIFIKA FIL-KUNTEST TAD-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

### Introduzzjoni

8.2. Din il-parti tippreżenta l-evalwazzjoni speċifika tal-Qorti tal-grupp ta' politika l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, li tkopri l-oqsma ta' politika li ġejjin: 01-L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, 02-L-Intrapriża, 03-Il-Kompetizzjoni, 12-Is-Suq Intern, u 20-Il-Kummerċ. L-informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2009 hija pprovduta fit-***Tabella 8.1***.

#### *Il-karatteristiċi speċifiċi tal-grupp ta' politika*

8.3. Il-programmi ewlenin f'dan il-grupp ta' politika, li jirrappreżentaw kważi 83 % (jew EUR 605 miljun) tat-total tan-nefqa operazzjonali tal-grupp, huma ffinanzjati mill-oqsma ta' politika 01-L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji 02-L-Intrapriża. Dawn il-programmi huma:

a) is-Seba' u s-Sitt Programm ta' Qafas għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7, FP6) *(EUR 222 miljun)*;

b) il-finanzjament ta' Aġenziji tal-UE [1] *(EUR 116-il miljun)*;

c) il-Fond ta' Garanzija għal Azzjonijiet Esterni (ara l-paragrafi 8.35 sa 8.39) *(EUR 92 miljun)*; u

d) il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP - Competitiveness and Innovation Framework Programme) u l-Programm Multiannwali għall-Intrapriża u l-Intraprenditorjat (MAP - Multiannual Programme for Enterprise and Entrepreneurship) *(EUR 175 miljun)*.

---

[1] Iż-żewġ aġenziji tal-UE huma l-Aġenzija Ewropea tal-Kimika (ECHA - European Chemicals agency) u l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMA - European Medicines agency). Il-Qorti toħroġ rapporti tal-verifika annwali dwar iż-żewġ aġenziji.

**Tabella 8.1 — L-Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji — Informazzjoni ewlenija**

*(f'miljuni ta' euro)*

| Titolu Baġitarju | Qasam ta' politika | Deskrizzjoni | Pagamenti tal-2009 | Mod tal-Ġestjoni |
|---|---|---|---|---|
| 1 | L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji | In-nefqa amministrattiva ([1]) | 63 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-Unjoni ekonomika u monetarja | 13 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali | 17 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-operazzjonijiet u strumenti finanzjarji | 235 | Ċentralizzat u dirett/ġestjoni konġunta mal-EIF/ ċentralizzat u indirett permezz tal-EIF |
| | | | **328** | |
| 2 | L-Intrapriża | In-nefqa amministrattiva ([1]) | 114 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-kompetittività, il-politika industrijali, l-innovazzjoni u l-intraprenditorjat | 71 | Ċentralizzat u dirett/ċentralizzat u indirett permezz tal-EACI |
| | | Is-Suq intern għall-prodotti u l-politika settorjali | 145 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-Koperazzjoni - spazju u sigurtà | 228 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **558** | |
| 3 | Il-Kompetizzjoni | In-nefqa amministrattiva ([1]) | 91 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-Kartels, l-anti-trust u l-liberalizzazzjoni | 3 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **94** | |
| 12 | Is-Suq Intern | In-nefqa amministrattiva ([1]) | 58 | Ċentralizzat u dirett |
| | | L-Istrateġija tal-politika u koordinazzjoni għad-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern | 8 | Ċentralizzat u dirett |
| | | | **66** | |
| 20 | Il-Kummerċ | In-nefqa amministrattiva ([1]) | 65 | Ċentralizzat u dirett |
| | | Il-politika tal-kummerċ | 12 | Ċentralizzat u dirett/ġestjoni konġunta mal-IO |
| | | | **77** | |
| | | In-nefqa amministrattiva totali ([1]) | 391 | |
| | | In-nefqa operazzjonali totali *(li tikkonsisti minn):* | 732 | |
| | | — *pagamenti bil-quddiem* ([2]) | *273* | |
| | | — *pagamenti interim/finali* ([3]) | *459* | |
| | | **Pagamenti totali għas-sena** | **1 123** | |
| | | **Impenji totali għas-sena** | **1 373** | |

([1]) Il-verifika tan-nefqa amministrattiva hija rrappurtata fil-Kapitolu 9.
([2]) Il-pagamenti bil-quddiem skont is-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2013) kienu jammontaw għal EUR 100 miljun.
([3]) Il-Pagamenti Interim/Finali skont is-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2013) u s-Sitt Programm ta' Qafas (2002-2006) kienu jammontaw għal EUR 9 miljun u EUR 32 miljun rispettivament.

*Sors*: Il-Kontijiet Annwali 2009.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.4. Il-programmi CIP u MAP iffinanzjati mill-qasam ta' politika 01-L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji għandhom il-għan li jsostnu l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) permezz ta' strumenti finanzjarji Komunitarji mħaddma f'isem il-Kummissjoni mill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament. Il-pagamenti li saru mill-Kummissjoni lill-FEI jirrelataw mat-trasferiment tal-fondi fil-kontijiet fiduċjarji li jintużaw mill-FEI għall-implimentazzjoni tal-programmi. Ir-riskju ta' pagamenti illegali jew irregolari mill-Kummissjoni huwa wieħed baxx.

8.5. L-għan tal-programm FP7 fl-ambitu ta' dan il-qasam ta' politika huwa li jappoġġja l-azzjonijiet imwettqa fil-qasam tar-riċerka tal-ispazju u tas-sigurtà filwaqt li l-FP6 jappoġġja azzjonijiet li jippromwovu l-innovazzjoni tekonoloġika, l-isfruttament tar-riżultati tar-riċerka u t-twaqqif ta' negozji tat-teknoloġija fi ħdan il-Komunità u r-reġjuni kollha tagħha. L-għan tal-programm CIP, iffinanzjat mill-qasam ta' politika 02-L-Intrapriża, huwa li jitrawmu azzjonijiet favur il-kompetittività tal-intrapriżi u partikolarment l-SMEs, permezz tal-innovazzjoni.

8.6. Għall-maġġoranza tal-azzjonijiet tat-tliet programmi msemmija hawn fuq ([2]), il-finanzjament jingħata permezz ta' ftehim ta' għotja mal-Kummissjoni. L-għotjiet jitħallsu bin-nifs: pagament bil-quddiem mal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja, segwit b'pagamenti interim u finali li jirrimborżaw in-nefqa eliġibbli fuq il-bażi tar-rendikonti tal-ispejjeż ippreżentati mill-benefiċjarji.

8.7. Ir-riskju ewlieni għar-regolarità huwa li l-ispejjeż eliġibbli fir-rendikonti tal-ispejjeż jiġu ddikjarati iżjed u li dan ma jinstabx mis-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kummissjoni. Minħabba l-għadd sinifikanti ta' rendikonti tal-ispejjeż, il-Kummissjoni mhix f'pożizzjoni li tiċċekkja kull wieħed fuq il-post fil-livell tal-benefiċjarju. Għalhekk ir-riskju tar-regolarità tal-pagamenti li jsiru abbażi ta' rendikonti tal-ispejjeż jitqies mill-Qorti bħala wieħed għoli ([3]). Il-kundizzjonijiet għall-pagamenti bil-quddiem huma inqas kumplessi billi dawn jibdew mal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja jew mad-deċiżjoni dwar finanzjament. Madankollu, fis-snin ta' qabel il-pagamenti bil-quddiem kienu soġġetti għal żbalji, għalkemm dawn ġeneralment mhumiex kwantifikabbli u kienu relatati ma' nuqqasijiet proċedurali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.7.** *Il-Kummissjoni waqqfet strateġija tal-kontroll u żviluppat verifiki ex post sabiex timmitiga r-riskju fir-rigward tar-regolarità tal-pagamenti li jkunu saru. L-azzjoni korrettiva li ttieħdet hija mmirata biex tnaqqas ir-rata tal-iżball. Il-Kummissjoni tirkupra kwalunkwe ammont imħallas żejjed lill-benefiċjarji verifikati.*

([2]) Il-programmi FP6, FP7 u CIP iffinanzjati mill-politika 02-L-Intrapriża.

([3]) Il-pagamenti interim jew finali magħmula fl-2009 skont il-programmi FP6, FP7 u CIP iffinanzjati mill-politika 02-L-Intrapriża jammontaw għal EUR 142 miljun.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.8. Fil-qafas tal-FP7 il-Kummissjoni daħlet ukoll fi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ASE) ([4]) bl-għan li tiffinanzja l-Komponent Spazjali tal- Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES - Global Monitoring for Environment and Security) mill-2008 sal-2013. Skont l-Artikolu 53d tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni ddelegat il-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit lill-ASE. Skont dan il-ftehim, total ta' EUR 624 miljun jiġu allokati lill-ASE, li minnhom ammont ta' EUR 68 miljun tħallas matul l-2009.

*L-ambitu u l-approċċ tal-verifika*

8.9. L-approċċ u l-metodoloġija ġenerali tal-verifika tal-Qorti huma deskritti fil-***Parti 2 tal-Anness 1.1***. Għall-verifika tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, il-punti speċifiċi li ġejjin għandhom jiġu nnutati:

— ġie ttestjat kampjun ta' 80 pagament, li 51 minnhom kienu pagamenti interim jew finali inklużi 15 li jirrelataw mat-tliet programmi msemmija hawn fuq ([5]) (ara l-paragrafu 8.5);

— il-pagamenti bil-quddiem ġew inklużi fil-kampjun għax huma f'riskju li jkun fihom l-iżbalji; u

— l-evalwazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll kienet tkopri:

  — spezzjonijiet *ex-ante* għall-pagamenti magħmula mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (EACI - Executive Agency for Competitiveness and Innovation) ([6]), prinċipalment permezz ta' eżami ta' kampjun ta' 30 pagament;

  — ċertifikazzjoni tal-verifika ta' rendikonti tal-ispejjeż tal-proġetti mogħtija minn awdituri indipendenti; u

  — kontrolli *ex-post*, b'mod partikolari dawk tad-Direttorati Ġenerali tal-Intrapriża u l-Industrija u l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.8.** *Il-pagament li sar lil ESA (Aġenzija Spazjali Ewropea) fl-2009 kien l-ewwel kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE lill-programm, ġestit b'mod konġunt, tal-GMES (Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà). Il-Ftehim ta' Delega ġie ffirmat bejn il-Kummissjoni u l-ESA taħt it-termini tal-"Ġestjoni Konġunta", fejn ċerti kompiti tal-implimentazzjoni huma delegati lil organizzazzjonijiet internazzjonali.*

([4]) L-ASE hija organizzazzjoni internazzjonali tas-settur pubbliku mwaqqfa bi ftehim intergovernattiv barra mill-qafas tal-UE. L-ASE għandha l-kwartieri ġenerali tagħha f'Pariġi u ċentri speċjalizzati fl-Olanda, il-Ġermanja, l-Italja u Spanja.

([5]) Għal 14-il pagament interim jew finali, il-verifika twettqet fil-livell tal-benefiċjarji finali.

([6]) L-EACI hija inkarigata mill-Kummissjoni bil-ġestjoni tal-azzjonijiet tal-programm CIP iffinanzjat mill-politika 02-L-Intrapriża.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet

8.10. Jingħata sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet fl-***Anness 8.1***. Il-Qorti sabet li f'26 % tal-pagamenti (21 minn 80) (7) kien hemm 25 żball. Fi 62 % ta' dawn il-pagamenti (13 minn 21) kien hemm żbalji kwantifikabbli li jirrigwardaw l-eliġibbiltà jew il-preċiżjoni tan-nefqa ddikjarata. Fil-bqija tal-pagamenti (tmienja minn 21) kien hemm żbalji mhux kwantifikabbli u prinċipalment jirrelataw ma' ksur tal-proċeduri ta' akkwist tal-Kummissjoni jew ta' regoli interni oħra (8). Il-Qorti sabet li ġeneralment il-pagamenti ttestjati kienu ħielsa minn żball materjali.

8.11. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-iżbalji kienu relatati ma' azzjonijiet iffinanzjati minn dawn it-tliet programmi msemmija hawn fuq (ara l-paragrafu 8.5) u jikkonċernaw ir-rimborż mill-Kummissjoni tal-ispejjeż ineliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarji fir-rendikonti tal-ispejjeż tagħhom. Dan ir-riżultat huwa kkorroborat mis-sejbiet tal-kontrolli *ex-post* tal-Kummissjoni (9).

8.12. Fil-biċċa l-kbira, l-iżbalji kienu kkawżati minn spejjeż ineliġibbli marbutin mal-persunal u spejjeż indiretti, evidenza ta' sostenn inadegwata jew nieqsa. It-tliet eżempji li ġejjin juru t-tipi ta' proġetti bi żbalji li l-Qorti ssib fil-verifiki tagħha fil-livell tal-benefiċjarji finali.

(7) Sebgħa minn dawn il-21 għandhom x'jaqsmu mal-ewwel kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE lill-programm tal-GMES li huwa ġestit b'mod konġunt.

(8) Billi m'hemm l-ebda impatt finanzjarju, dawn huma kkunsidrati bħala żbalji mhux kwantifikabbli.

(9) Ara r-riżerva dwar ir-rata ta' żbalji residwi fir-rigward tal-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż f'għotjiet tal-FP6 fid-Dikjarazzjoni tal-Uffiċjal li Jawtorizza b'Delega fir-Rapport ta' Attività Annwali 2009 tad-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.10.** *Il-Kummissjoni qed taħdem biex tnaqqas u tikkoreġi ulterjorment l-iżbalji safejn dan ikun ekonomikament possibbli.*

**8.11.** *Il-kumplessità tar-regoli hija sors kbir ta' żbalji u pretensjonijiet tal-kost mhux eliġibbli. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-issimplifikar tal-programmi ta' qafas għar-riċerka tipproponi azzjonijiet biex jiġi indirizzat dan ir-riskju. Peress li dawn il-proposti se jiġu implimentati biss taħt il-programm qafas li jmiss, u peress li l-Kummissjoni teħtieġ li tindirizza l-problemi kkawżati minn rekwiżit ta' eliġibbiltà kumplessi għall-benefiċjarji tal-għotja, fis-26 ta' Mejju 2010 hija adottat Komunikazzjoni (1) għall-istituzzjonijiet l-oħrajn li tipproponi livell, ta' bejn 2 % u 5 %, għar-riskju tollerabbli ta' żball fil-qasam tar-riċerka. Il-livell propost ta' riskju tollerabbli ta' żball huwa stabbilit b'kunsiderazzjoni tal-kost-effettività tal-kontrolli u l-livell aċċettabbli tal-iżball residwu li huwa ġġustifikat fid-dawl ta' dawn il-kostijiet.*

**8.12.** *Rigward dawn it-tliet każi l-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li ġej:*

*(1) COM(2010) 261.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Eżempji ta' spejjeż ineliġibbli**

(a) Is-sitt Programm ta' Qafas

Il-proġett li saritlu l-verifika kien immaniġġjat minn benefiċjarju li b'kollox kien qed jimplimenta ħames proġetti FP6 iffinanzjati minn żewġ Direttorati Ġenerali differenti tal-Kummissjoni. Meta ġew eżaminati l-iskedi tal-proġetti kollha, ġie nnutat li l-benefiċjarju kien qed jiddikjara spejjeż żejda u saħansitra jibbukkja sigħat doppji fuq dawn il-proġetti ffinanzjati mill-Komunità. Barra minn hekk, il-benefiċjarju ddikjara ammont sinifikanti ta' spejjeż indiretti żejda. L-iżball totali li nstab kien jammonta għal 21 % tal-ispejjeż iddikjarati (jew madwar 146 000 euro). Dawn in-nuqqasijiet serji fir-rendikonti tal-ispejjeż ma nstabux mill-kumpanija li pprovdiet iċ-ċertifikat tal-verifika, u lanqas ma nstabu matul iż-żewġ kontrolli *ex-post* imwettqa minn kumpanija oħra tal-verifika esterna f'isem il-Kummissjoni.

(b) Is-seba' Programm ta' Qafas

Mill-2004 'l hawn, il-benefiċjarju pparteċipa f'sitt proġetti tal-FP6 u fi tmien proġetti ffinanzjati bl-FP7. Il-fondi totali tal-Komunità li waslu mill-2006 'l hawn huma madwar miljun euro. Il-benefiċjarju applika metodoloġija għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-persunal li ma kenitx tikkonforma la mar-regoli FP6 u lanqas tal-FP7. Konsegwentement, għall-uniku proġett li vverifikat, l-ispejjeż żejda iddikjarati kienu ta' iktar minn 17 % (jew madwar 7 800 euro). Din il-metodoloġija ġiet applikata wkoll lit-13-il proġett l-ieħor.

(c) Is-seba' Programm ta' Qafas – Il-Ġestjoni konġunta

L-ASE tippreżenta rapporti finanzjarji annwali li juru l-użu li jsir mill-fondi tal-UE (ara l-paragrafu 8.8). Il-Qorti eżaminat ir-Rapport Annwali 2008, li ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fid-19 ta' Marzu 2009, u n-nefqa kienet tammonta għal EUR 20,2 miljun. Il-Qorti nnutat li ġew inklużi spejjeż li m'għandhomx ikunu ffinanzjati mill-Komunità u spejjeż li ma ngħatawx biżżejjed sostenn li ammontaw għal kważi 10 % tal-kampjun li saritlu verifika (jew madwar EUR 1,3 miljun), kif ukoll nuqqasijiet serji fir-regoli u l-proċeduri tal-akkwist ([10]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Eżempji ta' spejjeż ineliġibbli***

**(a)** *Il-Kummissjoni se tinvestiga ulterjorment il-każ u se tirkupra kwalunkwe ammont imħallas żejjed.*

*Il-kontrolli ex post li twettqu f'isem il-Kummissjoni sabu numru ta' nuqqasijiet fid-dikjarazzjonijiet tal-kostijiet. Madankollu, il-konklużjoni tagħhom rigward l-eliġibbiltà tal-kostijiet indiretti kienu differenti mill-osservazzjonijiet tal-Qorti.*

*Filwaqt li huwa veru li ċertu sigħat kienu magħdudin darbtejn rigward proġetti differenti, instab li kien dovut biss għal ġestjoni ħażina tal-proġett mill-benefiċjarju u ma kinetx intenzjonata.*

**(b)** *L-iżball osservat huwa relatat ma' interpretazzjoni ħażina tar-regoli ta' eliġibbiltà tal-FP7 rigward is-sigħat produttivi standard. Il-Kummissjoni se tagħmel il-korrezzjoni meħtieġa u l-osservazzjoni se tiġi estrapolata għal proġetti oħrajn ġestiti minn dan il-benefiċjarju.*

**(c)** *Il-pagament li sar lil ESA fl-2009, li kien ġie vverifikat mill-Qorti, kien l-ewwel kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE lill-programm, ġestit b'mod konġunt, tal-GMES . Taħt it-termini tal-Ftehim ta' Delega ffirmat bejn il-Kummissjoni u l-ESA, it-trasferiment annwali tal-fondi mill-Kummissjoni huwa indipendenti mill-ammont irrapportat fir-rapport finanzjarju annwali mressaq mill-ESA. Żbalji possibbli li nsabu fir-rapport finanzjarju annwali tal-ESA ma' affettwax il-legalità u r-regolarità tal-pagament. Il-Kummissjoni tqis li, filwaqt li tqis ukoll il-kostijiet li ma ġewx inklużi fil-bidu fir-rapport finanzjarju, il-kostijiet irrapportati mill-ESA kienu 2 % ogħla. Dan se jiġi korrett qabel ma jsir il-pagament finali fit-tmiem tal-programm.*

([10]) Ara r-riżerva dwar l-affidabbiltà tar-rappurtar finanzjarju mill-ASE fid-Dikjarazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali fir-Rapport ta' Attività Annwali 2009 tad-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Filwaqt li l-Kummissjoni taqbel li ċerti proċeduri ta' akkwist għandhom ikunu saħansitra eqreb għar-regoli tal-KE, għandha titqies in-natura speċifika ta' kuntratti fil-qasam Spazjali. Il-Kummissjoni tqis li r-regoli u l-proċeduri ta' akkwist tal-ESA jiżguraw l-aħjar valur għall-flus fil-qasam speċifiku ta' proġetti Spazjali*

## L-effettività tas-sistemi

8.13. Il-Kummissjoni stabbiliet diversi kontrolli li jkopru ċ-ċiklu sħiħ tan-nefqa sabiex jittaffa r-riskju ta' pagamenti inkorretti jew irregolari. Il-Qorti evalwat l-effettività tal-operazzjoni tal-kontrolli *ex-ante* fuq il-pagamenti, l-affidabbiltà tas-sistema ta' ċertifikazzjoni tal-verifika u l-kontrolli *ex-post* tal-Kummissjoni tan-nefqa rimborżata.

8.14. Jingħata sommarju tar-riżultati tal-eżami tas-sistemi fl-***Anness 8.2***.

### *Il-kontrolli* ex-ante

8.15. L-għan tal-kontrolli *ex-ante* huwa li jivverifikaw ir-regolarità u l-validità tal-ġestjoni finanzjarja tal-pagamenti. Huma jkopru kemm l-aspetti operazzjonali kif ukoll dawk finanzjarji, b'mod partikolari l-kwalità tar-riżultati mistennija, il-konformità mar-rekwiżiti kuntrattwali u l-korrettezza tal-kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas.

8.16. Fir-rigward kemm tal-FP6 u kif ukoll tal-FP7, il-pagamenti interim jew finali huma bbażati biss fuq ir-rendikonti tal-ispejjeż u għalhekk il-kontrolli *ex-ante* standard fuq l-ispiża ddikjarata fir-rendikonti tal-ispejjeż jippermettu biss is-sejba ta' żbalji klerikali jew aritmetiċi. Sabiex tiġi kkunsidrata n-natura limitata inerenti ta' dawn il-kontrolli *ex-ante*, id-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija tejjeb l-istrateġija tal-kontrolli *ex-ante* tiegħu, speċjalment bit-twettiq ta' spezzjonijiet dettaljati tad-dokumenti (*desk checks*) ([11]) u verifiki *ex-ante* tas-sistemi tal-benefiċjarji.

([11]) Billi pereżempju jintalbu dokumenti ta' sostenn bħalma huma fatturi qabel ma jsir il-pagament.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.17. Il-verifika tal-kampjun tat-80 pagament imsemmi fil-paragrafu 8.9 ma wriet l-ebda nuqqas sinifikanti fl-operat tal-ispezzjonijiet tad-dokumenti *ex-ante*. Madankollu, għall-qasam ta' politika 02-L-Intrapriża, il-Qorti nnutat li mit-48 pagament ttestjati 24 kienu milquta minn nuqqasijiet fil-kontrolli *ex-ante*. Fil-każ tal-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka ([12]), il-kontrolli *ex-ante* ma sabux ħames żbalji relatati mar-regolarità. Fil-każ tal-ASE, qabel l-iffirmar tal-ftehim għall-finanzjament tal-GMES (ara l-paragrafu 8.8), il-Kummissjoni ma ddefinietx b'mod ċar l-ispejjeż eliġibbli tal-attivitajiet iffinanzjati b'mod konġunt, u ma indirizzatx in-nuqqasijiet relatati mal-akkwist. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma fformalizzat l-ebda strateġija għall-kontrolli *ex-ante* sa Frar 2010 (ara l-paragrafu 8.26).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.17.** *Il-Kummissjoni taqbel mal-valutazzjoni tal-Qorti li l-kontrolli* ex ante *taħt il-qasam ta' politika 02 — L-Intrapriża ma turi l-ebda dgħjufijiet sinifikanti.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-kontrolli* ex ante *taħt il-qasam ta' politika 02 — L-Intrapriża huma kif proporzjonati u effettivi. Diskrepanzi żgħar ma jaffetwawx l-effikaċja tal-kontrolli* ex ante. *Mil-lat finanzjarju mhux ekonomikament vijabbli li dawn id-diskrepanzi żgħar jiġu eliminati.*

*Rigward l-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka, tlieta mill-ħames każi msemmija huma relatati mal-istess awtorizzazzjoni għall-inklużjoni ta' aġent fil-fluss tax-xogħol tal-pagament li l-Qorti qieset bħala żbaljata. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-opinjoni tal-Qorti li hemm żbalji ta' legalità/regolarità relatati mal-għotja ta' awtorità mill-uffiċjal li jawtorizza tal-persunal li jkunu servew fiċ-ċirkwit finanzjarju, peress li m'hemm l-ebda rekwiżit regolatorju sabiex persunal jinħatar b'mod formali fil-funzjonijiet varji.*

*Il-fatt li l-kostijiet eliġibbli ta' attivitajiet iffinanzjati b'mod konġunt mhumiex speċifikati f'kull dettall, huwa inerenti mal-attivitajiet taħt l-Ġestjoni Konġunta b'mod ġenerali u man-natura tal-programm tal-GMES partikolarment. Il-programm jinvolvi proġett spazjali li huwa teknikament kumpless li jinkludi l-iżvilupp tas-satelliti ta' tip Sentinel, li jagħmilha diffiċli biex jiġu separati elementi li ġew iffinanzjati permezz ta' sorsi differenti fil-proċess ta' żvilupp u akkwist.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni* ex ante *tar-rekwiżiti għal "Ġestjoni Konġunta" li twettqet qabel ma jidħlu fil-ftehim kienet suffiċjenti.*

*It-tfassil tal-qafas ta' monitoraġġ u ta' kontroll għall-finanzjament tal-GMES diġà beda fl-2008, iżda kellu jiġi adattat u jitlesta fid-dawl tal-esperjenza mal-implimentazzjoni tal-proġett. Mill-2010 l-Kummissjoni infurzat u formalizzat l-attivitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' kontroll.*

8.18. Il-Qorti għażlet kampjun addizzjonali ta' 30 pagament bil-quddiem sabiex tevalwa l-konfigurazzjoni tas-sistema *ex-ante* u l-effettività tal-operat tagħha fl-EACI fir-rigward tal-ġestjoni tas-CIP ([13]). Ma ġew innutati l-ebda nuqqasijiet sinifikanti. Madankollu, il-Qorti sabet li l-manwal finanzjarju jeħtieġ jiġi aġġornat u li d-dokumentazzjoni ta' partijiet tal-kontrolli mwettqa kienet insuffiċjenti.

**8.18.** *L-EACI (Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni) tirrikonoxxi li mhux il-partijiet kollha tal-Manwal tal-Proċeduri huma kompletament aġġornati għall-programmi kollha. Fl-2010 l-kapitoli differenti tal-Manwal kienu suġġetti għal reviżjoni u aġġornament.*

([12]) L-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka twaqqfet fl-2008 biex timmaniġġja partijiet tal-FP7 u saret awtonoma f'Ġunju 2009.

([13]) B'mod speċifiku l-proġetti ta' għarfien u ta' infurzar tan-Netwerk Intrapriża Ewropa (EEN - Enterprise Europe Network) u tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (IPR- - Intellectual Property Rights).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| *Iċ-ċertifikazzjoni tal-verifika* | |
| 8.19. Ir-Regolament Finanzjarju tal-UE ([14]) jirrikjedi l-ħruġ ta' ċertifikat minn awditur approvat għar-rendikonti tal-ispejjeż 'il fuq minn ċertu limitu, li jikkonferma l-preċiżjoni, l-okkorrenza u l-eliġibbiltà tal-ispejjeż iddikjarati. Dawn iċ-ċertifikati tal-verifika huma kontroll ewlieni tal-Kummissjoni fi proġetti ffinanzjati taħt il-qasam ta' politika 02-L-Intrapriża, b'mod speċjali taħt l-FP6 u l-FP7. | |
| 8.20. Għall-pagamenti kollha li saritilhom verifika fil-livell tal-benefiċjarju u li ngħata ċertifikat għalihom, il-Qorti qabblet ir-riżultati tal-verifika tagħha stess maċ-ċertifikat ipprovdut. Fil-każijiet kollha li għalihom kienet ħarġet opinjoni mingħajr kwalifika mill-awditur approvat, il-Qorti sabet żbalji. Filwaqt li fi tnejn mill-każijiet l-iżbalji ma kellhomx impatt finanzjarju sinifikanti ([15]), fl-erba' każijiet l-oħra kellhom dan l-impatt, jew kienu jikkonċernaw metodoloġija tal-allokazzjoni tal-ispejjeż inkompatibbli mar-regoli applikabbli. Din is-sejba tikkonferma r-riżultati tas-sena preċedenti u r-riżultati tal-Kapitolu 5, u tindika li dan il-kontroll huwa biss parzjalment effettivi biex jidentifika l-iżbalji fl-ispejjeż iddikjarati. | **8.20.** *Il-Kummissjoni tikkondividi t-tħassib tal-Qorti rigward il-korrettezza taċ-ċertifikati ta' verifika tal-FP6, li f'dan il-każ ma pprovdewx bi sħiħ l-garanzija addizzjonali li kienet mistennija fil-bidu. Madankollu, il-Kummissjoni żżomm li dan l-istrument ta kontribuzzjoni sinifikanti għall-prevenzjoni tal-iżbalji, li rriżulta fi tnaqqis sinifikanti tar-rati tal-iżbalji fil-verifiki tal-FP6 mqabbla mal-FP5.*<br><br>*Il-Kummissjoni ħadet azzjoni ta' rimedju sabiex ittejjeb il-kwalità taċ-ċertifikati ta' verifika fl-FP7.*<br><br>*Iċ-ċertifikazzjoni tal-verifika fl-FP7 hija bbażata fuq "proċeduri miftiehma", li jeħtieġu li l-awditur li jiċċertifika jgħaddi minn proċeduri definiti minn qabel u jirrapporta fuq dik il-bażi dwar l-osservazzjonijiet fattwali. Dan l-approċċ għandu jwassal għal tnaqqis fl-iżbalji tal-interpretazzjoni tar-regoli ta' eliġibbiltà mill-awdituri li seħħew fl-FP6. Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-affidabbiltà taċ-ċertifikati ta' verifika matul il-verifiki finanzjarji proprji.* |
| 8.21. Rigward l-FP6, il-preżentazzjoni ta' mill-inqas ċertifikat tal-verifika wieħed għall-ispejjeż ta' proġett kienet fil-prinċipju obbligatorja għal kull benefiċjarju. Għall-FP7, il-benefiċjarji huma rikjesti biss li jippreżentaw ċertifikati tal-verifika meta l-finanzjament kumulattiv tal-UE jkun jammonta għal EUR 375 000 jew iktar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni introduċiet is-sistema taċ-ċertifikazzjoni *ex-ante* tal-metodoloġiji tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-benefiċjarji. Madankollu, in-numru ta' benefiċjarji li rċevew ċertifikazzjoni tal-metodoloġija tagħhom tal-kalkolu tal-ispejjeż huwa wieħed żgħir. Dan, flimkien mat-tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' ċertifikati tal-verifiki meħtieġa, iżid ir-riskju ta' żbalji (ara wkoll il-paragrafi 5.28 sa 5.31). | **8.21.** *L-intensità tas-sottomissjonijiet tat-ċertifikat ta' verifika taħt l-FP7 tnaqqset biex ittaffi l-piż amministrattiv fuq il-parteċipanti.*<br><br>*Madankollu, xorta waħda għad hemm il-ħtieġa ta' Ċertifikat dwar Stqarrijiet Finanzjarji (CFS) għall-benefiċjarji li rċevew ċertifikazzjoni tal-metodoloġiji tagħhom ta' kostijiet, peress li dan ineħħi biss l-obbligu tal-benefiċjarju li jressaq CFS intermedjarju. CFS irid jitressaq għall-aħħar perjodu ta' rrapportar jekk il-kontribuzzjoni totali mitluba taqbeż l-ammont ta' EUR 375 000. Wara l-kampanji intensivi ta' verifika tal-FP6, ħafna benefiċjarji għaddew minn effett ta' tagħlim u l-Kummissjoni tistenna li l-benefiċjarji, bħala riżultat ta' dan, x'aktarx se japplikaw prattiki mtejba tal-kontabbiltà tal-kostijiet tal-proġett.*<br><br>*Fis-sitwazzjoni ta' bħalissa, mhux possibbli li jiġi konkluż jekk ir-rata tal-iżbalji kumplessiva mhiex se togħla, hekk kif ir-riskji identifikati jistgħu jiġu żbilanċjati minn miżuri oħrajn.* |

([14]) L-Artikolu 180 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, kif emendat (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1).

([15]) Pereżempju l-klassifikazzjoni ħażina tal-ispejjeż.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-kontrolli* ex-post

8.22. Id-Direttorati Ġenerali inkarigati mill-implimentazzjoni tal-oqsma ta' politika 01-L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u 02-L-Intrapriża stabbilew funzjonijiet differenti tal-kontrolli *ex-post*, l-aktar minħabba l-għadd kbir ta' pagamenti u l-kumplessità tal-programmi ġestiti.

8.23. Rigward il-qasam ta' politika 01-L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, il-Qorti sabet li l-programm ta' xogħol tal-kontrolli *ex-post* li jkopri l-2009 ma ġiex ifformalizzat qabel Diċembru 2009. Fl-2009 ġew ippubblikati tliet rapporti *ex-post* u tnejn minnhom kienu jirrigwardaw kontrolli mibdija fl-2006 iżda li ma ġewx iffinalizzati qabel l-2009.

**8.23.** *Id-dewmien fl-ifformalizzar tal-programm ta' ħidma għall-2009 huwa rikonoxxut. Madanollu, dan il-programm ġie definit u miftiehem l-aktar mill-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Kontroll Intern (ICMG) fi Frar 2009 u l-implimentazzjoni tiegħu bdiet minn dakinhar. Il-programm għas-sena li tkun tmiss ġie miftiehem mill-ICMG f'Jannar 2010 u ġie formalizzat f'Marzu 2010.*

*Fis-snin ta' qabel, il-parti l-kbira tar-riżorsi tal-kontroll* ex-post *ġiet dedikata għal kontroll estremament importanti u, minħabba dan, l-iffinalizzar ta' kontrolli oħrajn iddewwem.*

8.24. Rigward il-qasam ta' politika 02-L-Intrapriża, is-sistema ta' kontroll interna tan-nefqa tar-riċerka tiegħu sserraħ l-iktar fuq is-sistema ta' kontroll *ex-post* tiegħu (jiġifieri l-verifiki finanzjarji għand il-benefiċjarji wara r-rimborż). Dawn il-verifiki jitwettqu direttament minn awdituri tal-Kummissjoni jew minn kumpaniji tal-verifika esterna taħt is-sorveljanza tal-Kummissjoni. Rigward l-FP6 u l-FP7, ġiet definita strateġija speċifika ta' verifika bl-għan li:

(a) tevalwa r-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji u tirreaġixxi għad-dikjarazzjoni annwali tal-assigurazzjoni (ara l-paragrafi 8.28 u 8.29); u

(b) tipprovdi l-bażi għal mekkaniżmi korrettivi u ta' rkupru.

8.25. Is-sistema ta' kontroll *ex-post* imwaqqfa mid-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija ġiet evalwata bħala effettiva anki jekk huwa mixtieq iktar titjib fir-rigward tal-kontrolli *ex-post* kuntrattati lill-kumpaniji tal-verifika esterna. Il-parti tal-qasam ta' politika 02-L-Intrapriża ddelegata lill-REA u lill-EACI ma kinitx koperta mill-programmi ta' xogħol tal-Aġenziji Eżekuttivi u ma kienu twettqu ebda kontrolli *ex-post*.

**8.25.** *Il-valutazzjoni tal-Qorti hija relatata esklussivament mal-2009.*

*Għall-EACI, il-volum u t-tempestività tal-ewwel pagamenti interim abbażi l-pretensjonijiet tal-kostijiet fl-2009 relatati mal-qasam ta' politika 02-Intrapriża ma ġġustifikawx it-tnedija tal-verifiki* ex post *sa mill-2009.*

*Ir-REA qed timplimenta l-istrateġija komuni tal-verifika multiannwali tal-FP7. B'konformità ma' din l-istrateġija, u kif iddettaljat ulterjorment fir-Rapport Annwali ta' Attività, il-volum tal-pagamenti li saru fl-2009 u li jaqgħu fi ħdan l-ambitu ta' din l-istrateġija, kien wisq żgħir biex jiġġustifika l-ewwel għażla u t-tnedija sussegwenti tal-verifiki* ex post *fl-2009. Madankollu, dawn il-pagamenti tal-2009 xorta waħda se jitqiesu fil-popolazzjoni tal-pagamenti li minnhom il-verifiki* ex post *se jintgħażlu fl-2010.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.26. Rigward il-ftehim għall-finanzjament tal-GMES (ara l-paragrafu 8.8) li kien iffirmat fi Frar 2008, il-qafas tal-istrateġija tal-monitoraġġ u l-kontroll ma ġiex iffinalizzat qabel Frar 2010. L-Artikolu 6 tal-ftehim jistipula li l-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli fuq id-dokumentazzjoni u kontrolli fuq il-post dwar l-użu tal-fondi Komunitarji u tista' twettaq verifika sħiħa. Fi tmiem l-2009, il-Kummissjoni ma kenitx wettqet kontrolli jew verifiki bħal dawn u ma talbet l-ebda dokumenti ta' sostenn li jiġġustifikaw ir-rapport finanzjarju annwali tal-ASE.

8.27. Il-Qorti nnutat ukoll li għalkemm l-istrateġija tal-verifika *ex-post* tal-FP7 għall-2009 sal-2016 ġiet iffinalizzata f'Settembru 2009, ma kien hemm ebda manwal tal-verifika tal-FP7 speċifiku disponibbli fi tmiem l-2009.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.26.** *Taħt it-termini tal-Ftehim ta' Delega ffirmat bejn il-Kummissjoni u l-ESA, it-trasferiment annwali tal-fondi mill-Kummissjoni huwa indipendenti mill-ammont irrapportat fir-rapport finanzjarju annwali mressaq mill-ESA. Fl-2009 l-Kummissjoni diġà kienet ipprevediet kontrolli fuq il-post, u dawn saru fl-2010.*

*It-tfassil tal-qafas ta' monitoraġġ u ta' kontroll għall-finanzjament tal-GMES diġà beda fl-2008, iżda kellu jiġi adattat u miżjud fid-dawl tal-esperjenza mal-implimentazzjoni tal-proġett. Dan l-aħħar il-Kummissjoni infurzat u formalizzat l-attivitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' kontroll.*

**8.27.** *Is-servizzi ta' verifika tal-Familja ta' Riċerka tad-DGs għandhom l-għodda meħtieġa biex jimplimentaw l-ewwel verifiki tal-FP7. Mudelli standard ġew applikati mal-kundizzjonijiet tal-FP7, u aġġornament simili huwa skedat fir-rigward il-Manwal ta' Verifika tal-FP7. Madankollu, għandu jitqies li t-termini prinċipali ta' referenza tal-awditur huma r-regoli fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja li qegħdin taħt verifika, jiġifieri r-Regoli għall-Parteċipazzjoni tal-FP7, id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' għotja, u kwalunkwe gwida rilevanti.*

## L-affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni

8.28. Il-Qorti evalwat ir-rapporti ta' attività annwali u d-dikjarazzjonijiet li jakkumpanjawhom għall-ħames Direttorati Ġenerali inkarigati mill-oqsma ta' politika koperti fil-kapitolu l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji kif ukoll il-partijiet rilevanti tar-rapporti ta' attività annwali taż-żewġ Aġenziji Eżekuttivi ([16]) li huma parzjalment responsabbli mill-implimentazzjoni tal-qasam ta' politika 02-L-Intrapriża.

8.29. Jingħata sommarju tar-riżultati tar-reviżjoni ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment fl-***Anness 8.3***.

**8.29.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti għar-Rapporti Annwali kollha ta' Attività koperti minn dan il-kapitolu.*

*Filwaqt li d-DĠ COMP ma' fformalizzax il-valutazzjoni tal-impatt, ir-riskji assoċjati mal-irkupru inkwistjoni ġew ivvalutati fid-dettall fuq il-livell amministrattiv matul il-proċedimenti. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni segwiet il-każ mill-qrib billi żammet kuntatt mad-DĠ BUDG u mas-Servizz Legali tal-Kummissjoni biex tiddeċiedi kif jirnexxilha tirkupra l-fondi b'suċċess.*

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

8.30. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li l-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji kienu ħielsa minn żbalji materjali. Madankollu, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għat-tip u l-firxa tal-iżbalji li nstabu fin-nefqa tal-qafas tar-riċerka, għalkemm dawn ma kinux materjali għar-regolarità tal-grupp ta' politika fit-totalità tagħha.

([16]) L-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 8.31. Il-Qorti eżaminat tliet sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-grupp ta' politika -Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji. Filwaqt li tnejn minnhom kienu evalwati bħala effettivi (01 – L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u 03 – Il-Kompetizzjoni, 12 – Is-Suq Intern u 20 – Il-Kummerċ), wieħed minnhom relatat mal-qasam ta' politika 02 – L-Intrapriża kien evalwat bħala parzjalment effettiv biss fl-assigurazzjoni tar-regolarità tal-pagamenti. | **8.31.** *Ara 8.17.*<br><br>*Il-Kummissjoni tqis li l-kontrolli* ex ante *taħt il-qasam ta' politika 02-Intrapriża huma kif proporzjonati u effettivi.* |
| 8.32. Il-Kummissjoni ħadet passi biex tissimplifika l-applikazzjoni tar-regoli tal-eliġibbiltà u biex tkabbar l-għarfien tal-benefiċjarji. Il-Qorti tirrakkomanda li madankollu l-Kummissjoni għandha: | **8.32.** |
| (a) tħeġġeġ lill-benefiċjarji biex jippreżentaw il-metodoloġija tagħhom għall-kalkolu tal-ispejjeż għaċ-ċertifikazzjoni *ex-ante*; u | **(a)** *Dan l-aħħar il-Kummissjoni ħadet azzjoni sabiex iċ-ċertifikazzjoni* ex ante *tal-metodoloġija ta' kostijiet tal-benefiċjarji tkun aktar attraenti. Il-Kummissjoni espremiet l-opinjonijiet tagħha f'dan ir-rigward fil-Komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' April 2010 dwar is-simplifikazzjoni, kif ukoll fil-proposta tagħha għal reviżjoni ta' kull tliet snin tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-implimentazzjoni tiegħu adottati fit-28 ta' Mejju 2010. Simplifikazzjoni ġenwina tista' tinkiseb billi jiġu permessi metodoloġiji li huma applikati bħala prattika tal-kontabilità abitwali, dejjem jekk ikunu bbażati fuq l-kostijiet reali tal-persunal reġistrati fil-kontijiet.* |
| (b) tkabbar l-għarfien tal-awdituri li jiċċertifikaw dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa bl-għan li titjieb l-affidabbiltà taċ-ċertifikati tal-verifika li joħorġu. | **(b)** *Il-Kummissjoni qed issegwi politika li tittrasferixxi b'mod attiv l-osservazzjonijiet minn verifiki* ex post *lill-benefiċjarji u l-awdituri li joħorġu ċ-ċertifikati sabiex jiżguraw – fejn ikun meħtieġ – titjib fuq il-livell tal-awdituri li qed joħorġu ċ-ċertifikati ta' verifika. Il-kumplessità inerenti tal-kriterji tal-eliġibbiltà għandha impatti fuq il-ħidma li tkun saret minn ħafna awdituri esterni maħtura mill-benefiċjarji sabiex joħorġu ċertifikati ta' verifika. Għall-FP7 huwa mistenni li, b'dipendenza fuq proċeduri miftiehma qabel, se jonqos sinifikatament il-grad tal-iżbalji li jseħħu minħabba tali interpretazzjoni ħażina.* |
| 8.33. Il-Kummissjoni għandha tkompli ttejjeb il-kwalità tal-kontrolli *ex-ante* fuq il-proċeduri ta' akkwist u l-pagamenti interim/finali tagħha u tiżgura li l-funzjonijiet ta' kontroll *ex-post* ikunu koperti minn programmi ta' xogħol. Għall-ġestjoni konġunta mal-ASE, il-Kummissjoni għandha tissorvelja mill-qrib il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' kontroll tal-ASE u l-affidabbiltà tar-rapport finanzjarju annwali tagħha li jkopri l-implimentazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati skont il-ftehim ta' delega tal-GMES. | **8.33.** *Il-Kummissjoni se tispezzjona liema azzjoni addizzjonali tista' tittieħed biex tnaqqas l-iżbalji, tilwaqt li tqis il-kunsiderazzjoni għall-benefiċċju tan-nefqa.*<br><br>*Rigward il-ġestjoni konġunta mal-ESA, mill-2010, il-Kummissjoni infurzat l-attivitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' kontroll.* |
| 8.34. Segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti jingħata fil-qosor fl-***Anness 8.4.*** | |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## IR-RIŻULTATI TAL-VERIFIKA TAL-FOND TA' GARANZIJA GĦAL AZZJONIJIET ESTERNI

8.35. L-għan tal-Fond ta' Garanzija għal Azzjonijiet Esterni ([17]) (il-Fond), li jiggarantixxi self lill-pajjiżi terzi, huwa li jagħti rimborż lill-kredituri Komunitarji ([18]) f'każ li l-benefiċjarju ma jħallasx u sabiex jiġu evitati sejħiet diretti mill-baġit Komunitarju. It-tmexxija amministrattiva tal-Fond hija mwettqa mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN) waqt li l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) huwa responsabbli mill-ġestjoni tat-teżor.

8.36. Fil-31 ta' Diċembru 2009, it-total tar-riżorsi tal-Fond kien ta' EUR 1 240 miljun, meta mqabbel ma' EUR 1 091 miljun fil-31 ta' Diċembru 2008. Ma saret l-ebda sejħa għall-garanzija mill-Fond fis-sena tar-reviżjoni.

8.37. Il-BEI u l-Kummissjoni jużaw indiċi standard biex jirrevedu l-prestazzjoni annwali tal-Fond. Id-dħul fuq il-portafoll tal-Fond fl-2009 ammonta għal 4,6 %, meta mqabbel mad-dħul standard ta' 3,78 %.

8.38. Il-portafoll tal-investiment tal-Fond ta' Garanzija huwa mmaniġġjat mill-BEI f'isem il-Komunitajiet Ewropej ([19]) filwaqt li l-portafoll tal-investimenti tal-KEFA f'L. huwa mmaniġġjat minn unità ddedikata tad-DĠ ECFIN. L-objettivi ta' investiment taż-żewġ portafolli huma pjuttost simili – eż. it-teħid ta' riskji, it-tip u l-kwalità tal-investimenti kif ukoll ir-restrizzjonijiet tal-investimenti. Il-benefiċċji finanzjarji taż-żewġ fondi mmaniġġjati mill-unità tad-DĠ ECFIN ma ġewx evalwati.

**8.38.** *Il-BEI u kif ukoll il-Kummissjoni għandhom il-kapaċità li jamministraw l-assi tal-Fond f'mod simili u b'riżultati finanzjarji simili. Għalhekk, m'hemm l-ebda raġuni relatata mal-prestazzjoni biex tiġi proposta emenda tal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 (verżjoni kkodifikata) li permezz tagħha l-ġestjoni tal-assi tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni ngħatat lill-BEI.*

*Il-Kummissjoni tqis li hemm benefiċċji operattivi u finanzjarji tad-diversifikazzjoni tar-riskju li jirriżultaw mill-fatt li l-fondi huma ġestiti minn żewġ istituzzjonijiet. Fil-fatt din hija prattika segwita mill-ministeri tal-finanzi u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' ħafna mill-Istati Membri li jinkarigaw lil partijiet terzi biex jamministraw uħud mill-fondi tagħhom.*

8.39. B'mod ġenerali, il-Qorti tikkunsidra li matul l-2009, il-Fond ta' Garanzija kien immaniġġjat b'mod sodisfaċenti u li ttieħdu azzjonijiet xierqa biex jiġi ssorveljat l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq il-portafoll tal-Fond.

([17]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 89/2007 (ĠU L 22, 31.1.2007, p. 1).

([18]) Prinċipalment il-BEI, iżda wkoll is-self estern tal-Euratom u s-self tal-assistenza makrofinanzjarja tal-KE (MFA - macro financial assistance) lill-pajjiżi terzi.

([19]) L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2728/94 u l-BEI jirċievi miżata maniġerjali annwali għas-servizzi pprovduti.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## IR-RIŻULTATI TAL-VERIFIKA TAL-KEFA F'LIKWIDAZZJONI

8.40. Wara li skada t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar fit-23 ta' Lulju 2002, l-attiv u l-passiv tal-KEFA kienu trasferiti lill-Komunità Ewropea ([20]). Il-valur nett tagħhom, li ssir referenza għalih bħala l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (KEFA f'L.), huwa allokat għar-riċerka fl-industrija tal-faħam u l-azzar.

8.41. Fil-31 ta' Diċembru 2009, it-total tal-attiv tal-KEFA f'L. kien ta' EUR 2 011 miljun, meta mqabbel ma' EUR 2 045 miljun fil-31 ta' Diċembru 2008. Il-qligħ nett għall-2009 kien ta' EUR 13,9 miljun meta mqabbel ma' telf nett ta' EUR 14,8 miljun fl-2008.

8.42. Il-valur nett tal-investimenti tal-KEFA f'L. fl-2009 ammonta għal EUR 68 miljun u se jkun disponibbli għall-baġit Komunitarju għall-finanzjament tar-riċerka għal progetti tal-faħam u tal-azzar. Il-Qorti nnutat li fil-31 ta' Diċembru 2009 l-baġit mhux użat li kien disponibbli għall-finanzjament tar-riċerka tal-faħam u tal-azzar kien akkumula għal EUR 238 miljun ([21]).

8.43. Il-prestazzjoni tal-portafoll tal-KEFA f'L. kienet 5,85 % għas-sena 2009 filwaqt li d-dħul tal-istandard, li serva bħala rata ta' referenza għall-KEFA f'L., kien 4,41 %.

8.44. L-istralċ tal-operat finanzjarju tal-KEFA f'L. qed isir f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti, inklużi l-linji gwida finanzjarji multiannwali. Il-Qorti nnutat li kienu ttieħdu azzjonijiet xierqa għall-monitoraġġ tal-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq l-attiv tal-KEFA f'L.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.42.** *Il-baġit mhux użat ta' EUR 238 M jinkludi:*

— *l-allokazzjoni għall-2010, li għadha ma ġietx impenjata (EUR 54 M)*

— *l-allokazzjoni għall-2011 (EUR 61 M)*

— *l-ammonti pendenti (EUR 123 M) relatati mal-kuntratti ffirmati sa mill-2003, li fir-rigward tagħhom l-għeluq tal-kontijiet għadu ma tlestiex għall-imsieħba kollha tal-proġett. Id-diżimpenn jista' jiġi pproċessat xahrejn wara l-aħħar għeluq tal-kontijiet tal-kuntratt. Id-dewmien medju ta' kutratt tal-RFCS huwa tliet snin, u bosta mill-ammont pendenti huwa relatat ma' kuntratti li għadhom ma' spiċċawx jew li għalihom ir-rapport tekniku finali għadu ma ġiex approvat (kundizzjoni għall-aħħar pagament u għall-għeluq tal-kontijiet).*

*Għalhekk, huwa biss naturali li l-ammont ta' EUR 238 M kien għadu ma ntużax sal-31 ta' Diċembru 2009.*

([20]) Protokoll dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-għeluq taż-żmien tat-Trattat tal-KEFA u l-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (ĠU C 80, 10.3.2001. p. 67).

([21]) Inklużi l-allokazzjonijiet ta' EUR 61 miljun għall-2011 u ta' EUR 54 miljun għall-2010.

ANNESS 8.1

*IR-RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET TAL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

| | 2009 | | | | | | | | | | | | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Qasam ta' Politika 02 — L-Intrapriża | | Qasam ta' Politika 01 — L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji | | Qasam ta' Politika 03 — Il-Kompetizzjoni | | Qasam ta' Politika 12 — Is-Suq Intern | | Qasam ta' Politika 20 — Il-Kummerċ | | Total | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet totali *(li minnhom)*: | 48 | | 27 | | 1 | | 0 | | 4 | | **80** | | 80 | 55 |
| Pagamenti bil-quddiem | 28 | | 0 | | 0 | | 0 | | 1 | | **29** | | 35 | 15 |
| Pagamenti Interim/Finali | 20 | | 27 | | 1 | | 0 | | 3 | | **51** | | 45 | 40 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** | | | | | | | | | | | | | | |
| *(f'% u numru ta' tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet mhux milquta minn żball | 54 % | {28} | 100 % | {27} | 100 % | {1} | N/A | N/A | 75 % | {3} | **74** % | **{59}** | 86 % | 93 % |
| Tranżazzjonijiet milquta minn żball | 46 % | {20} | 0 % | {0} | 0 % | {0} | N/A | N/A | 25 % | {1} | **26** % | **{21}** | 14 % | 7 % |
| **IMPATT STMAT TAL-IŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | | | | | | |
| L-iktar rata ta' żbalji probabbli: | | | | | | | | | | | | | | |
| < 2 % | **X** | | | | | | | | | | | | | **X** |
| 2 % sa 5 % | | | | | | | | | | | | | **X** | |
| > 5 % | | | | | | | | | | | | | | |

## ANNESS 8.2

*IR-RIŻULTATI TAL-EŻAMI TAS-SISTEMI TAL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

### Evalwazzjoni ta' sistemi magħżula ta' sorveljanza u kontroll

| Sistema kkonċernata | Kontrolli *ex-ante* | Ċertifikazzjoni tal-verifika | Verifika finanzjarja ex-post | Evalwazzjoni ġenerali |
|---|---|---|---|---|
| Qasam ta' politika 01-L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji | | M/A | | |
| Qasam ta' politika 02-L-Intrapriża | | | ([1]) | |
| Qasam ta' politika 03-Il-Kompetizzjoni<br>Qasam ta' politika 12-Is-Suq Intern<br>Qasam ta' politika 20-Il-Kummerċ | | M/A | M/A | |

([1]) Effettiva għad-DĠ għall-Intrapriża u l-Industrija u mhux effettiva għall-ASE u r-REA.

### Evalwazzjoni ġenerali tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll

| | 2009 | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|
| Evalwazzjoni ġenerali | | | |

*Spjegazzjoni*

| | |
|---|---|
| | Effettiva |
| | Parzjalment effettiva |
| | Mhux effettiva |
| M/A | Mhux applikabbli: ma japplikax jew mhux evalwat |

ANNESS 8.3

*IR-RIŻULTATI TAR-REVIŻJONI TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI TAL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

| Id-DĠs ewlenin ikkonċernati | In-natura tad-dikjarazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (*) | Riżervi magħmula | Osservazzjonijiet tal-Qorti | Evalwazzjoni ġenerali tal-affidabbiltà |
|---|---|---|---|---|
| **COMP** | **bla riżervi** | M/A | Fl-2009 id-DĠ COMP ħareġ ordni ta' rkupru li kien jirrappreżenta iktar minn 70 % tal-baġit operazzjonali tiegħu. Fi tmiem l-2009 dan l-ordni ta' rkupru kien għadu ma ssarrafx għalkemm kien dovut f'Ottubru 2009.<br><br>Minkejja l-fatt li din il-partita taqbeż b'mod sinifikanti l-limitu ta' materjalità ta' 2 % u li r-riskju tar-reputazzjoni jista' jkun marbut ma' dan l-irkupru, id-DĠ COMP ma wettaqx evalwazzjoni tal-impatt biex jiġi stabbilit jekk għandhiex issir riżerva. | **A** |
| **ECFIN** | **bla riżervi** | M/A | Ir-riżerva preċedenti dwar il-problemi bl-implimentazzjoni tar-'rekwiżiti tal-addizzjonalità' għal programm finanzjarju tneħħiet. Il-Qorti rrevediet it-tlestija tal-pjan ta' azzjoni u kisbet evidenza li l-kontrolli finali dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll imtejba daħlu fis-seħħ. | |
| **ENTR** | **bir-riżervi** | 1) Riżerva dwar ir-rata ta' żbalji residwi fir-rigward tal-preċiżjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż fis-Sitt Programm ta' Qafas għar-Riċerka (FP6)<br><br>2) Riżerva dwar l-affidabbiltà tar-rappurtar finanzjarju mill-Aġenzija Spazjali Ewropea dwar l-implimentazzjoni konġunta tal-komponent tal-ispazju tal-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) | L-ammont f'riskju fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP7 ġie evalwat mid-DĠ ENTR bħala mhux materjali fl-2009 u għaldaqtsant ma saret l-ebda riżerva. Madankollu, il-Qorti nnutat l-iżbalji materjali potenzjali fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-FP7 għall-2010. | **A** |
| **MARKT** | **bla riżervi** | M/A | — | |
| **TRADE** | **bla riżervi** | M/A | — | |

(*) B'referenza għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali, hu/hi għandu/għandha assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll li twaqqfu jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet.
A: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu evalwazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità
B: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali jagħtu evalwazzjoni parzjalment ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità
C: Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport ta' attività annwali ma jagħtux evalwazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

ANNESS 8.4

*SEGWITU TA' OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI TAL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

| Osservazzjoni tal-Qorti | Azzjoni meħuda | Analiżi tal-Qorti | Tweġiba tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|
| 1. **Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi** | | | |
| Fl-2007, il-Qorti identifikat żbalji relatati jew mal-legalità u/jew mar-regolarità fi tliet pagamenti ffinanzjati skont il-ħames inkella skont is-sitt Programmi ta' Qafas għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku. L-iżbalji li nstabu kienu prinċipalment dovuti għal: inadegwatezza jew nuqqas ta' evidenza ta' sostenn li tiġġustifika l-ispiża kklejmjata; l-użu ta' estimi baġitarji li ma jikkonformax mar-rekwiżiti kuntrattwali li skonthom għandhom jintużaw l-ispejjeż attwali; u l-inklużjoni ta' diversi spejjeż ineliġibbli.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2007, il-paragrafi 10.16 u 10.17) | Il-Kummissjoni għamlet korrezzjonijiet finanzjarji għall-iżbalji identifikati fil-kampjun, jew billi ħarġet ordni ta' rkupru inkella billi aġġustat il-pagamenti lill-benefiċjarji fil-perjodi sussegwenti. | Il-Kummissjoni baqgħet issegwi l-iżbalji identifikati mill-Qorti u ħadet l-azzjoni korrettiva adegwata. | *Il-Kummissjoni se tkompli tikkoreġi l-iżbalji identifikati u miftiehma dwarhom.* |
| 2. **Iċ-ċertifikazzjoni tal-verifika tar-rendikonti tal-ispejjeż tal-proġetti** | | | |
| Ir-regoli finanzjarji tal-UE jirrikjedu li r-rendikonti tal-ispejjeż li jaqbżu ċertu limitu għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat ta' verifika. Għal tliet proġetti, l-awditur li jiċċertifika ħareġ opinjoni mingħajr kwalifika filwaqt li l-Qorti sabet żbalji kwantifikabbli serji.<br><br>(Ir-Rapport Annwali 2007, il-paragrafi 10.27 sa 10.30) | Għall-FP7 il-Kummissjoni kellha l-għan li tkompli ttejjeb l-affidabbiltà taċ-ċertifikati ta' verifika billi tuża "proċeduri miftiehma", billi tispjega fid-dettall ix-xogħol ta' verifika li għandu jitwettaq mill-awdituri li jiċċertifikaw u li joħorġu "ċ-ċertifikat tar–rendikonti finanzjarji"u tħeġġeġ iċ-ċertifikazzjoni *ex-ante* tal-metodoloġija tal-kalkolu tal–ispejjeż. | Dawn il-miżuri x'aktarx ma jkollhomx impatt pożittiv fuq in-numru ta' rendikonti tal-ispejjeż li jkun fihom l–iżbalji fuq terminu ta' żmien qasir, għax fi tmiem l-2009, id-DĠ ENTR ma kienx għadu wettaq pagament akkumpanjat b'ċertifikat bħal dan, u l-Kummissjoni kienet aċċettat il-metodoloġiji tal-kalkolu tal–ispejjeż ta'11-il benefiċjarju biss. | *L-FP7 jistabbilixxi limitu fil-livell ta' EUR 375 000 (il-kontribuzzjoni tal-UE f'termini kumulattivi għal kull parteċipant għal kull proġett) biex jagħti bidu għas-sottomissjoni ta' ċertifikat ta' verifika. Bosta mill-proġetti tal-FP7 huma biss fl-ewwel perjodu ta' rapportar tagħhom, dan jispjega n-numru limitat ta' ċertifikati dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji fit-tmiem tal-2009. Rigward iċ-ċertifikazzjoni* ex ante *tal-metodoloġija tal-kost, fit-tmiem ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni aċċettat il-metodoloġija tal-kost ta' 25 benefiċjarju.* |

# KAPITOLU 9

## In-Nefqa Amministrattiva u Nefqiet Oħra

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 9.1-9.8 |
| Il-karatteristiċi speċifiċi tal-grupp ta' politika | 9.3-9.5 |
| L-ambitu u l-approċċ tal-verifika | 9.6-9.8 |
| Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 9.9 |
| Il-konformità tas-sistemi mar-regolament finanzjarju | 9.10 |
| L-affidabilità tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-kummissjoni | 9.11 |
| Osservazzjonijiet dwar istituzzjonijiet speċifiċi | 9.12-9.27 |
| Il-Parlament | 9.13-9.16 |
| Il-Kunsill | 9.17 |
| Il-Kummissjoni | 9.18-9.20 |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja | 9.21 |
| Il-Qorti tal-Awdituri | 9.22 |
| Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew | 9.23 |
| Il-Kumitat tar-Reġjuni | 9.24 |
| L-Ombudsman Ewropew | 9.25 |
| Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data | 9.26-9.27 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 9.28-9.31 |
| L-Aġenziji u l-aġenziji eżekuttivi tal-Unjoni Ewropea | 9.32-9.34 |
| L-Iskejjel Ewropej | 9.35-9.37 |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

9.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-evalwazzjoni speċifika tal-Qorti dwar in-nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni prinċipali dwar l-Istituzzjonijiet u l-korpi koperti, u dwar l-infiq fl-2009 hija pprovduta fit-***Tabella 9.1***.

**It-Tabella 9.1 — Nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet — Informazzjoni prinċipali**

*(miljun euro)*

| Titolu tal-Baġit | Il-Qasam tal-Politika | Deskrizzjoni | Pagamenti 2009 | Il-Mod ta' Ġestjoni |
|---|---|---|---|---|
| It-taqsimiet I, II u IV-IX. Għat-Taqsima III, il-Kapitolu 1 tat-Titoli kollha u t-Titoli 14, 24-27 u 29 | Nefqa amministrattiva u nefqiet oħra | Il-Parlament Ewropew | 1 466 | Ċentralizzat dirett |
| | | Il-Kunsill | 659 | Ċentralizzat dirett |
| | | Il-Kummissjoni | 6 358 | Ċentralizzat dirett |
| | | Il-Qorti tal-Ġustizzja | 307 | Ċentralizzat dirett |
| | | Il-Qorti tal-Awdituri | 123 | Ċentralizzat dirett |
| | | Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali | 117 | Ċentralizzat dirett |
| | | Il-Kumitat tar-Reġjuni | 86 | Ċentralizzat dirett |
| | | L-Ombudsman Ewropew | 8 | Ċentralizzat dirett |
| | | Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data | 5 | Ċentralizzat dirett |
| | | Nefqa amministrattiva totali | 9 129 | |
| | | Nefqa operattiva totali | | |
| | | **Pagamenti totali għas-sena** | **9 129** | |
| | | **Impenji totali għas-sena** | **9 224** | |

*Sors:* Kontijiet annwali tal-2009.

9.2. Dan il-kapitolu jagħti wkoll informazzjoni dwar ir-riżultati tal-verifiki tal-Qorti tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea u korpi deċentralizzati oħra kif ukoll tal-Iskejjel Ewropej.

## Il-karatteristiċi speċifiċi tal-grupp ta' politika

9.3. In-nefqa amministrattiva tinkludi prinċipalment in nefqa għar-riżorsi umani (salarji, konċessjonijiet u pensjonijiet) u n-nefqa għal bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjoni u teknoloġija tal-informazzjoni.

9.4. Dan il-kapitolu jkopri wkoll in-nefqa kkunsidrata bħala operattiva fil-baġit ġenerali, għalkemm fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-iskop u l-objettiv tagħha huma l-funzjonament tal-amministrazzjoni tal-Kummissjoni aktar milli t-twettiq tal-politika. Din in-nefqa tinkludi t-titoli tal-baġit ġenerali li ġejjin: it-Titolu 14 ("tassazzjoni u unjoni doganali"), it-Titolu 24 ("ġlieda kontra l-frodi"), it-Titolu 25 ("koordinazzjoni tal-politika u tal-pariri legali tal-Kummissjoni"), it-Titolu 26 ("amministrazzjoni tal-Kummissjoni"), it-Titolu 27 ("baġit") u t-Titolu 29 ("statistika"). Uħud minn dawn it-titoli jinkludu wkoll in nefqa operattiva. It-titolu 27 għall-2009 jinkludi ammont ta' 200 miljun euro bħala "Kumpens temporanju u ħlas f'ammont wieħed għall-Istati Membri l-ġodda".

9.5. Ir-riskji ewlenin fil-grupp ta' politika tan-nefqa amministrattiva u nefqiet oħra huma n-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist, l-implimentazzjoni tal-kuntratti, il-proċeduri tar-reklutaġġ u l-kalkolu tas-salarji u l-konċessjonijiet.

## L-ambitu u l-approċċ tal-verifika

9.6. L-approċċ u l-metodoloġija tal-verifika ġenerali tal-Qorti huma deskritti fil-***Parti 2 tal-Anness 1.1***. Għall-verifika tan-nefqa Amministrattiva:

— ġie ttestjat kampjun ta' 57 tranżazzjoni, meħuda każwalment min-nefqa amministrattiva kollha msemmija fil-paragrafi 9.3 u 9.4;

— il-Qorti evalwat il-konformità tas-sistemi superviżorji u ta' kontroll ([1]) applikati minn kull Istituzzjoni mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju;

— il-Qorti rrevediet ukoll ir-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment ta' erba' Direttorati Ġenerali u Uffiċċji tal-Kummissjoni li huma primarjament responsabbli għan-nefqa amministrattiva.

9.7. Il-Qorti vverifikat ukoll is-suġġetti magħżula mniżżla hawn taħt abbażi ta' kampjuni speċifiċi:

(a) l-impjegar ta' aġenti temporanji u kuntrattwali fl-Istituzzjonijiet kollha,

(b) il-ħlas ta' konċessjonijiet soċjali lill-persunal fl-Istituzzjonijiet kollha f'oqsma ta' riskju ogħla (konċessjoni domestika għal familji li m'għandhomx tfal dipendenti, konċessjonijiet nazzjonali mhux imnaqqsa minn dawk ta' natura simili mħallsa mill-Istituzzjonijiet meta wieħed/waħda mill-konjugi j/tkun intitolat/a li j/tirċievi dħul jew benefiċċji barra mill-Istituzzjonijiet, konċessjonijiet nazzjonali mnaqqsa minn dawk ta' natura simili mħallsa mill-Istituzzjonijiet u li ilhom ma jiġu aġġornati aktar minn sena),

(c) il kuntratti ta' akkwist fl-Istituzzjonijiet kollha minbarra l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

(d) il kuntratti ta' akkwist mogħtija wara proċedura negozjata minħabba urġenza fl-Istituzzjonijiet kollha minbarra l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

([1]) Il kontrolli *ex-ante* u *ex-post*, il funzjoni tal verifika interna, ir-rappurtar tal eċċezzjonijiet u l-istandards tal-kontroll intern. Barra minn hekk, il-Qorti għamlet valutazzjoni profonda ta' sistemi ta' sorveljanza u kontroll fil-Qorti tal-Ġustizzja, l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. Il-valutazzjoni kienet tinkludi l-eżaminazzjoni ta' kampjun addizzjonali ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas relatati mar-riżorsi umani u ma' nefqiet amministrattivi oħrajn.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

9.8. Il-verifika tal Qorti tal-Awdituri ssir minn kumpanija tal-verifika esterna indipendenti ([2]) li ħarġet rapport ta' verifika dwar ir-rendikonti finanzjarji għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 u rapport ta' assigurazzjoni li jikkonċerna r-regolarità tal-użu tar-riżorsi tal-Qorti, u l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 (ara l-paragrafu 9.22).

## IR-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

9.9. Ir-riżultati tal-ittestjar ta' tranżazzjonijiet huma miġbura fil qosor fl-***Anness 9.1***. Abbażi ta' kampjun ta' 57 tranżazzjoni, il-verifika sabet li fit-totalità tagħhom, il-pagamenti ma fihomx żbalji materjali.

**9.9.** IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni tilqa' tajjeb il-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti tal-Awdituri li n-nefqa amministrattiva ma kellha l-ebda żball materjali.*

## IL-KONFORMITÀ TAS-SISTEMI MAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

9.10. Ir-riżultati tal-eżami tas-sistemi huma miġbura fil-qosor fl-***Anness 9.2***. Il-verifika tal-Qorti dwar il-konformità tas-sistemi mfassla biex jiżguraw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju (ara l-paragrafu 9.6) ma sabet ebda nuqqasijiet materjali.

## L-AFFIDABILITÀ TAR-RAPPREZENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI

9.11. Ir-riżultati tar-reviżjoni tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni huma miġbura fil qosor fl-***Anness 9.3***.

## OSSERVAZZJONIJIET DWAR ISTITUZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

9.12. L-osservazzjonijiet speċifiċi segwenti u li huma ppreżentati minn Istituzzjoni jew korp tal-Unjoni Ewropea huma bbażati fuq il-verifika tal-Qorti (a) tas-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll applikati minn kull Istituzzjoni u (b) dwar is-suġġetti magħżula (ara l-paragrafi 9.6 u 9.7). Dawn is-sejbiet ma jpoġġux f'diskussjoni l-evalwazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 9.9 u 9.10 billi mhumiex relevanti għan-nefqa amministrattiva b'mod ġenerali iżda huma sinifikanti fil-kuntest tal-Istituzzjoni individwali kkonċernata.

([2]) PricewaterhouseCoopers, Société à responsabilité limitée, Réviseur d'Entreprises (Kumpanija b'responsabilità limitata, Kumpanija tal-verifika tal-kumpaniji).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Il-Parlament

**L-impjegar ta' aġenti temporanji u kuntrattwali**

9.13. L-eżami tal-proċeduri għall-impjegar ta' aġenti oħra tal-Istituzzjonijiet (persunal temporanju u kuntrattwali) stabbilixxa li, f'ħames każijiet minn 20, ma ġewx ipprovduti dokumenti li juru l-konformità mar-regoli li għandhom x'jaqsmu mas-sodisfazzjon tal-obbligi militari jew oħrajn.

**9.13.** TWEĠIBIET TAL-PARLAMENT EWROPEW

*Rigward id-dokumenti li jridu jitressqu għall-ivverifikar tar-rispett tal-obbligi militari, il-Parlament jixtieq jiċċara l-fatti li ġejjin:*

*Il-Parlament jirrikonoxxi li, minħabba t-tneħħija progressiva tal-obbligi militari fl-Istati Membri differenti, ir-rispett ta' dawn l-obbligi ma ġiex iċċekkjat b'mod sistematiku waqt ir-reklutaġġ tal-aġenti temporanji u kuntrattwali sal-bidu tat-tieni semestru tal-2008.*

*Madankollu, minn din id-data 'l hawn, id-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà qed jitlob lill-kandidati iressqu prova li rrispettaw l-obbligi militari. L-Unità tar-Reklutaġġ u t-Trasferiment tal-Persunal tiddisponi għalhekk minn bażi ta' data li tiddeskrivi l-obbligi militari ta' kull pajjiż u tivverifika, b'mod sistematiku, ir-rispett tal-imsemmija obbligi waqt li jkunu qed jiġu stabbiliti l-kuntratti tal-aġenti.*

*L-eżempji ta' nonkonformità li ġew irrivelati mill-Qorti jikkorrispondu ma' aġenti temporanji/kuntrattwali li kienu ġew irreklutati għall-ewwel darba mal-Parlament Ewropew qabel ma ddaħħal dan l-ivverifikar sistematiku.*

**Pagament ta' allowances soċjali lill-membri tal-persunal**

9.14. Il-verifika sabet li, f'16-il każ minn 30, l-informazzjoni disponibbli għas-servizzi tal-Parlament, sabiex jiġi żgurat li l-allowances li jingħataw skont ir-Regolamenti dwar il-Persunal jiġu mħallsa lill-persunal skont ir-regolamenti tal-Unjoni,ir-regolamenti nazzjonali ma kinux aġġornati. Din is-sitwazzjoni tagħti lok għar-riskju li jsiru pagament żbaljati jew mhux mistħoqqa jekk iċ-ċirkostanzi tal-individwu jkunu nbidlu. Il-persunal għandu jiġi mitlub, fi żmien xieraq, jibgħat dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tiegħu. Kif ukoll, il-Parlament għandu jimplimenta sistema biex jimmonitorja fil-ħin u jikkontrolla dawn id-dokumenti.

**9.14.** TWEĠIBIET TAL-PARLAMENT EWROPEW

*Kif hemm previst fl-Artikoli 67, punt 2, u 68 tal-Istatut, hija r-responsabilità tal-benefiċjarji tal-allowances li jinnotifikaw dwar kwalunkwe tibdil tas-sitwazzjoni. Din is-sistema, ibbażata fuq "dikjarazzjoni spontanja", tista' twassal għall-possibilità ta' dewmien fl-aġġornament tad-drittijiet individwali.*

*Sabiex jirrimedja dan ir-riskju, il-Parlament dejjem wettaq kampanji regolari ta' vverifikar tas-sitwazzjoni tal-aġenti tiegħu. Mill-2010 'l quddiem, din il-verifika issa hija awtomatizzata permezz tal-"formola elettronika". Din il-proċedura minn issa 'l quddiem "proattiva" trid tippermetti verifika għall-anqas darba fis-sena tad-data personali u amministrattiva tal-aġenti. Hija għandha l-għan għalhekk li lill-aġent ikkonċernat tħallih jivverifika s-sitwazzjoni tiegħu f'jum partikolari u jinnotifika dwar kull bidla li jista' jkun hemm billi jibgħat id-dokumenti ġustifikattivi meħtieġa lis-servizz ikkonċernat.*

*L-ammonti totali irċevuti żbaljatament mill-uffiċjali li ma jkunux innotifikaw dwar it-tibdil fis-sitwazzjoni tagħhom għandhom jinġabru lura.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**L-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-gruppi politiċi**

9.15. L-Artikolu 12.9 tar-Regoli Interni tal-Parlament dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, adottati fis-27 ta' April 2005, jistipula li l-qasam ta' kompetenza tal-Awditur Intern ma jinkludix l-approprijazzjonijiet mill-baġit Parlamentari ġestiti mill-gruppi politiċi. Ir-regoli speċifiċi dwar l-użu ta' dawn l-approrijazzjonijiet ([3]) jirrikjedu li kull grupp politiku jistabbilixxi r-regoli finanzjarji interni tiegħu u jimplimenta sistema ta' kontroll intern. Il-funzjoni tal verifika interna ma tissemmiex. Ir-regoli ta' wieħed biss minn seba' gruppi politiċi jistipulaw il-ħatra ta' awditur intern. L-indipendenza funzjonali tal-gruppi politiċi ma tiġġustifikax li ma jiġux applikati d-dispożizzjonijiet regolatorji dwar il-funzjoni tal-verifika interna fir-rigward tal-użu tal-fondi mill-gruppi politiċi.

**9.15.** TWEĠIBIET TAL-PARLAMENT EWROPEW

*Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti u konsegwentement għandu l-ħsieb li jiddiskuti l-ipotesi possibbli:*

— *li jiġi integrat fir-regolamentazzjoni dwar l-utilizzazzjoni tal-krediti tal-Partita 4 0 0 0 l-obbligu li fir-regoli finanzjarji, deċiżi mill-gruppi, tiġi pprovduta sistema li jkollha l-għan li tkopri l-ambitu ta' attivitajiet u l-funzjonijiet ta' awditur intern, kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 85 tar-Regolament Finanzjarju;*

— *li tiġi prevista l-possibilità li l-gruppi jirrikorru kemm għand awditur intern (jekk id-daqs tagħhom ikun jippermetti), kemm li jafdaw dawn il-funzjonijiet f'idejn awditur estern bil-kundizzjoni, sintendi, li dan ma jkunx l-awditur estern inkarigat mill-eżami tal-kontijiet tal-grupp.*

9.16. L-istess regolamenti speċifiċi dwar l-użu ta' approprijazzjonijiet jistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-trasferiment tal-approprijazzjonijiet tal-baġit tal-Parlament li huma ġestiti mill-gruppi politiċi. Dawn jippermettu lill-gruppi politiċi jittrasferixxu l-approprijazzjonijiet mhux użati ta' sena partikolari għas-snin finanzjarji ta' wara, mingħajr il-bżonn li tiġi ġġustifikata din id-deċiżjoni ([4]). Dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi, li introduċew eċċezzjoni għall-prinċipju baġitarju tal-annwalità, ma għandhomx bażi legali fir-Regolament Finanzjarju.

**9.16.** TWEĠIBIET TAL-PARLAMENT EWROPEW

*Hemm lok għad-divrenzjar tal-operazzjonijiet baġitarji tal-uffiċjal awtorizzanti ddelegat — li jimpenja u jillikwida l-krediti tal-Partita baġitarja 4 0 0 0 fir-rispett sħiħ tar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-annwalità — mill-ġestjoni tar-riżorsi ta' kull grupp politiku li joqgħod għar-regolament speċifiku deċiż mill-Bureau fid-data tat-30 ta' Ġunju 2003. Din ir-regolamentazzjoni ġiet żviluppata biex jitqiesu l-esiġenzi tal-ispeċifiċità tal-funzjonijiet tal-gruppi politiċi u tipprevedi b'mod espliċitu l-proċedura ta' rapport imsemmija mill-Qorti.*

## Il-Kunsill

**L-akkwist**

9.17. Fi tnejn minn sitt proċeduri ta' akkwist verifikati, ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju dwar il-pubblikazzjoni tar-riżultat tal-proċedura fl-avviżi tal-għoti tal kuntratti ma kinux irrispettati.

**9.17.** IR-RISPOSTA MILL-KUNSILL

*F'konformità mal-Artikolu 149.1 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni (RI), is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jinforma sistematikament u mingħajr dewmien lill-kandidati kollha li jipparteċipaw fi proċedura ta' tfigh ta' offerti dwar l-eżitu tal-proċedura hekk kif l-awtorità kuntrattwali tkun iddeċidiet dwar l-għoti tal-kuntratt.*

*Barra minn hekk, l-avviż tal-għoti tal-kuntratt imsemmi fl-Artikolu 118.4 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni jintbagħat mid-dipartiment ċentrali ta' akkwist għall-pubblikazzjoni mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet hekk kif il-kuntratt jiġi ffirmat mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni. Sfortunatament, fiż-żewġ każijiet identifikati mill-Qorti, l-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni informa tard wisq lid-dipartiment ċentrali ta' akkwist u l-perijodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 118.4 tar-RI ma ġiex irrispettat.*

([3]) Regoli adottati mill-Bureau tal-Parlament Ewropew fit-30 ta' Ġunju 2003, kif emendati mid-deċiżjonijiet tat-22 ta' Marzu 2006 u l-11 ta' Lulju 2007.

([4]) Fi tmiem is-sena finanzjarja 2008, l-approprijazzjonijiet trasferiti mill-gruppi politiċi ammontaw għal 22 miljun euro, jiġifieri 42,5 % tal-approprijazzjonijiet annwali għall-2008.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Għandu jiġi nnotat li fiż-żewġ każijiet ċitati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (it-tnejn b'għadd limitat ħafna ta' kandidati), dawn tal-aħħar ma għandhom l-ebda raġuni għal ilment minħabba li dawn ġew informati individwalment u immedjatament dwar id-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt.*

## Il-Kummissjoni

### Il-pagament ta' konċessjonijiet u benefiċċji soċjali lill-membri tal-persunal

9.18. Il-verifika ta' għaxar tranżazzjonijiet sabet li, f'erba' każijiet, l-Uffiċċju għall-Amminstrazzjoni u l-Ħlas ta' Intitolamenti Individwali (PMO) ma naqqasx mill-konċessjonijiet soċjali pprovduti mir-Regolamenti tal-Persunal il-konċessjonijiet tal-familja li l-persunal huwa intitolat li jirċievi mill-awtoritajiet nazzjonali. F'erba' każijiet oħra, l-ammonti mnaqqsa ma kinux jirriflettu l-aħħar valur applikabbli tal-benefiċċji mħallsa mill-awtoritajiet nazzjonali. Is-sistemi tal-IT użati għall-ġestjoni ta' dawn il-pagamenti għandhom jiġu żviluppati aktar biex jiżguraw li l-ammonti tal-konċessjonijiet imħallsa mill-awtoritajiet nazzjonali jiġu aġġornati awtomatikament.

**9.18.** IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*L-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u l-Pagamenti ta' Drittijiet Individwali (il-PMO) diġà ħa azzjoni biex jirkupra d-dewmien fil-kontroll tal-allowances soċjali nazzjonali u se jsegwi l-każijiet misjubin. Bejn nofs Ottubru 2009 u tmiem April 2010, infetħu 348 fajl minn 598 u diġà ngħalqu 243 fajl. Se jkomplu jsiru aktar kontrolli.*

*Hemm il-ħsieb li fis-sistema l-ġdida tinbena l-possibbiltà li l-allowances nazzjonali jiġu aġġornati awtomatikament, iżda mhux se jkun possibbli li dan il-modulu jibda jitħaddem qabel tibda l-2011. Madanakollu, minn dak il-mument 'il quddiem, l-allowances se jiġu kkoreġuti b'lura u rkuprati skont l-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal.*

9.19. Il-verifika sabet li, f'ħames każijiet minn 15, l-informazzjoni disponibbli għas-servizzi tad-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni (DĠ RELEX) sabiex jiġi żgurat li l-konċessjonijiet previsti fir-Regolamenti tal-Persunal jitħallsu lill-persunal li jaħdem fid-Delegazzjonijiet f'konformità mar-regolamenti komunitarji relevanti, ma kinitx aġġornata. Din is-sitwazzjoni twassal għar-riskju li jsiru pagamenti inkorretti jew mhux dovuti. Il-persunal għandu jintalab jissottometti lis-servizzi tal-Kummissjoni, f'intervalli xierqa, id dokumenti li jagħtu prova tas-sitwazzjoni personali tiegħu. Barra minn hekk, id-DĠ RELEX għandu jimplimenta sistema għall-monitoraġġ u l-kontroll f'waqthom ta' dawn id-dokumenti.

**9.19.** IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni (DG RELEX) tieħu nota ta' din l-osservazzjoni u se tindirizza din il-problema permezz tal-għoti ta' tagħrif f'waqtu u adegwat lill-uffiċjali u permezz ta' kontrolli regolari. Isiru kontrolli fuq il-qagħda personali tal-persunal meta jaslu membri ġodda tal-persunal biex jidħlu fil-karigi tagħhom. Jistgħu jsiru wkoll kontrolli regolari fuq membri tal-persunal li jkunu servew għal xi żmien, bħala parti minn kontrolli magħmulin mill-unitajiet responsbabli għall-ġestjoni tad-drittijiet u tal-obbligi tal-persunal fid-Delegazzjonijiet.*

*B'mod partikulari, il-ħolqien dalwaqt tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (is-SEAE) se jitlob li jkun hemm ċirkulazzjoni tal-informazzjoni u l-adozzjoni, fejn ikun meħtieġ, ta' dokumenti standard għas-servizz il-ġdid. L-adattament tar-Regolamenti tal-Persunal tal-KE se jipprovdi l-opportunità li jfakkar lill-membri tal-persunal li, fost affarijiet oħrajn, fejn iċ-ċirkustanzi personali tagħhom jinbidlu jridu jgħarrfu lis-servizzi tas-SEAE u li jridu jipprovdu d-dokumenti li jagħtu prova tas-sitwazzjoni tagħhom.*

*Rigward il-ħames każijiet identifikati l-Kummissjoni se ssegwihom kif għandu jkun u jekk ikun hemm impatt finanzjarju, se jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtiġin.*

9.20. L-Artikolu 81a tar-Regolament tal-Persunal jistipula limitazzjonijiet fuq l-ammont tal-pensjonijiet tas-superstiti. Dawn jiġu applikati meta d-drittijiet għal pensjoni tas-superstiti jiġu stabbiliti inizjalment. Il-verifika sabet li dawn il-limitazzjonijiet ma ġewx riveduti f'intervalli regolari biex jirriflettu l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni personali u finanzjarja tal-benefiċjarju, u dan irriżulta f'pagamenti żejda.

**9.20.** IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*L-aġġornament tal-fajls kollha fejn hija applikabbli din id-dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal beda fi Frar 2010. Malli jkun ġie indirizzat ix-xogħol lura, il-PMO se jirrevedi l-fajls ikkonċernati kull meta jkun hemm modifika fis-sitwazzjoni tal-benefiċjarji jew meta jkunu japplikaw il-kriterji msemmijin fl-Artikolu 81a. Il-PMO se jeżamina wkoll jekk is-sistema l-ġdida tal-IT li qed tiġi żviluppata biex jiġu ddeterminati l-pensjonijiet tistax tintuża għal aġġornament awtomatiku tal-fajls.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Il-Qorti tal-Ġustizzja ([5])

### L-akkwist

9.21. Għax-xiri tas-servizzi ta' pubblikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma antiċipatx l-iskadenza ta' kuntratt qafas, u ordnat servizzi li jammontaw għal 102 000 euro mingħajr ma applikat proċeduri ta' akkwist kompetittivi. Din is-sitwazzjoni tikkonferma l-ħtieġa ta' thejjija u koordinazzjoni aħjar tal-proċeduri ta' akkwist ([6]).

([5]) Ara n-nota nru 1 f'qiegħ il-paġna.

([6]) Ara wkoll ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 11.14 (ĠU C 269, 10.11.2009).

**9.21.** IR-RISPOSTA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

*Bħalma tindika l-Qorti tal-Awdituri ([1]), fl-2009, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet is-suġġett ta' kontroll estensiv. Il-kontrolli twettqu fuq kampjun każwali ta' 54 tranżazzjoni ([2]) li jkopru firxa wiesgħa ta' attivitajiet u servizzi tal-Qorti tal-Ġustizzja u li jirrappreżentaw parti kbira ħafna mill-baġit annwali tagħha, bl-għan li tiġi eżaminata l-effettività tas-sistemi ta' kontroll u ta' sorveljanza stabbiliti mill-istituzzjoni.*

*F'dan ir-rapport annwali, il-Qorti tal-Awdituri ma tippreżenta ebda konklużjoni ġenerali fir rigward tar-riżultati ta' dawn il-kontrolli fil-fond.*

*Madankollu, il-konklużjonijiet dettaljati mibgħuta mill-Qorti tal-Awdituri lill-Qorti tal-Ġustizzja f'Marzu 2010, matul il-proċedura ta' qabel it-tfassil tar-rapport annwali, huma fil-parti l-kbira tagħhom pożittivi u juru li s-sistemi ta' kontroll u ta' sorveljanza eżistenti ħadmu b'mod effettiv sabiex isibu l-iżbalji u l-eċċezzjonijiet possibbli.*

*Għaldaqstant, għall-ispejjeż marbuta mar-riżorsi umani (li jirrappreżentaw iktar minn 70 % tal-baġit tal-istituzzjoni), il-Qorti tal-Awdituri tikkonstata espressament li "s-sistemi ta' kontroll u ta' sorveljanza li jirrigwardaw il-ġestjoni u l-ħlas tar-remunerazzjonijiet u tal-allokazzjonijiet huma, inġenerali, kapaċi jsibu żbalji jew irregularitajiet possibbli".*

*Għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż amministrattivi l-oħra, il-Qorti tal-Awdituri ma għamlet ebda osservazzjoni fuq 9 minn kull 10 tranżazzjonijiet ikkontrollati, jiġifieri, fid-dawl tal-valur ta' kull tranżazzjoni tal-kampjun, fuq iktar minn 99 % tal-ispejjeż ikkontrollati.*

*Fl-aħħar nett, għal dak li jirrigwarda l-operazzjonijiet ta' għoti ta' kuntratti, il-konklużjonijiet dettaljati dwar il-kontrolli tal-Qorti tal-Awdituri rreferew b'mod espliċitu għas-serje ta' azzjonijiet diġà meħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Awdituri f'Novembru 2009 u li kienu intiżi għat-titjib fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti fi ħdan l-istituzzjoni u għal għajnuna lid-dipartimenti li jawtorizzaw f'dan il-qasam. B'mod iktar importanti, dawn il-konklużjonijiet indikaw li, wara eżami ta' kampjun ta' tliet kuntratti ffirmati fl-2009 tal-valur ta' EUR 20,5 miljun, dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-għoti ta' kuntratti kinux konformi mar-Regolament Finanzjarju, "ma kien hemm bżonn ta' ebda osservazzjoni".*

([1]) *Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna tal-punt 9.6.*

([2]) *Il-kontrolli twettqu fuq 41 tranżazzjoni li jirrigwardaw il-ġestjoni tal-ispejjeż marbuta mar-riżorsi umani u 13-il tranżazzjoni marbuta mal-ġestjoni ta' spejjeż oħra ta' natura amministrattiva (3 operazzjonijiet ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi u 10 tranżazzjonijiet oħra).*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Madankollu, fl-istess konklużjonijiet dettaljati, il-Qorti tal-Awdituri għamlet osservazzjoni dwar tranżazzjoni ta' EUR 10 944 ([3]) li tirrigwarda kuntratt għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fl istampa tal-Istati Membri, ta' ammont relattivament żgħir (EUR 102 000), parti anċillari ta' kuntratt prinċipali ta' traduzzjoni legali esterna li minn naħa tiegħu kien ta' ammont rilevanti ħafna (EUR 28 miljun). Din hija l-unika osservazzjoni li hija rriprodotta fir-rapport annwali preżenti. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tixtieq tiċċara dan li ġej bl-għan li jinftiehem aħjar il-kuntest li fih dan il-kuntratt anċillari ġie awtorizzat.*

*Fit-tnedija tal-proċeduri ta' sejħa għal offerti sabiex jiġġeddu l-kuntratti ta' traduzzjoni esterna fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien meħtieġ li jiġu ppubblikati, fil-gazzetti tad-diversi Stati Membri, avviżi intiżi li jinformaw lill-pubbliku b'dawn is-sejħiet għal offerti. Għal dan il-għan, hija għamlet ordni mal-kumpannija li kienet użat fil-passat sabiex isservi bħala intermedjarja mal-gazzetti. Madankollu, id-dipartiment ta' verifika tal-Qorti tal-Ġustizzja sab li l-kuntratt qafas li kien jeżisti preċedentement ma' din l-intermedjarja kien skada (fatt li ma kinux jafu bih id-dipartimenti kkonċernati mill-ġestjoni tal-kuntratti ta' traduzzjoni esterna).*

*F'dan il-waqt, l-uffiċjal li jawtorizza, li seta' jillimita ruħu għall-pubblikazzjoni tas-sejħiet għal offerti fil-Ġurnal Uffiċjali, qies li l-pubblikazzjoni tal-avviżi fil-gazzetti kienet kruċjali sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni wiesgħa (kif meħtieġ mill-Artikolu 89(2) tar-Regolament Finanzjarju) fid-dawl tal-pubbliku mmirat, dak tat-tradutturi esterni, bil-pubblikazzjoni biss fil-Ġurnal Uffiċjali kien hemm riskju li jkun hemm risposta fqira wisq.*

*Fil-fatt, l-avviżi fil-gazzetti laħqu bis-sħiħ l-għan tagħhom u, bis-saħħa ta' kompetizzjoni qawwija, il-prezz medju tal-paġna tradotta li jirriżulta mill-kuntratti l-ġodda ta' traduzzjoni esterna huwa 7,5 % inqas mill-prezz medju tal-kuntratti preċedenti, u dan jirrappreżenta ffrankar sinjifikattiv ħafna fil-baġit tal-Qorti tal-Ġustizzja (madwar EUR 2,4 miljun fuq 4 snin).*

*Minn dak li ntqal jirriżulta li, minn naħa, is-sistemi interni ta' kontroll tal-Qorti tla-Ġustizzja ħadmu b'mod effettiv billi sabu li l-kuntratt qafas kien skada u, min-naħa l-oħra, din l-eċċezzjoni għall-proċeduri stabbiliti, li f'dan il-każ hija aċċettabbli fl-aħjar interess tal-baġit tal-istituzzjoni u konformi mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, ġiet identifikata u dokumentata kif previst fl-istandards interni ta' kontroll tal-istituzzjoni ([4]).*

---

([3]) *Din it-tranżazzjoni tagħmel parti mill-kampjun ta' 10 tranżazzjonijiet li jammontaw għal EUR 30.86 miljun u li hija intiża għall-kontroll tal-ġestjoni tal-ispejjeż amministrattivi (minbarra r-riżorsi umani u l-proċedura għall-għoti ta' kuntratti li ġew eżaminati separatament).*

([4]) *L-istandard ta' kontroll Nru 13 tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jgħid li "id-dipartimenti għandhom jieħdu passi xierqa sabiex jiżguraw li f'kull każ fejn, minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali, issir deroga mill-kontrolli jew jiġu evitati l-politiki u l-proċeduri stabbiliti, isiru bil-miktub, ikunu ġġustifikati u approvati fuq il-livell xieraq qabel ma miżuri jiġu adottati" ġie osservat fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali rrilevati.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Hemm lok li jingħad ukoll li l-azzjonijiet meħuda diġà bl-għan li jittejbu l-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti fi ħdan din l-istituzzjoni, b'mod partikolari, it-tisħiħ tal-ġestjoni tad-data dwar il kuntratti direttament fis-sistema kompjuterizzata tal-ġestjoni finanzjarja tal-istituzzjoni, ser jippermettu li fil-futur tiġi evitata s-sitwazzjoni li hija s-suġġett ta' din l-osservazzjoni tal Qorti tal-Awdituri.*

*Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li diversi riżoluzzjonijiet* [5] *reċenti tal-Parlament Ewropew jenfasizzaw il-kumplessità u l-ispiża amministrattiva tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju dwar il-kuntratti pubbliċi għal ċerti istituzzjonijiet - bħall-Qorti tal-Ġustizzja - u jistiednu lill-Kummissjoni tieħu dan inkunsiderazzjoni waqt ir-reviżjoni li jmiss ta' dawn ir-regoli. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax ħlief tispera li dawn ir-rakkomandazzjonijiet għas-simplifikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju jkunu jistgħu jiġu implementati fil-kuntest tar-reviżjoni li għaddejja attwalment.*

## Il-Qorti tal-Awdituri

9.22. Ir-rapport tal-awditur estern [7] jiddikjara li, fl-opinjoni tal-awdituri, "dawn ir-rendikonti finanzjarji jagħtu stampa reali u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-31 ta' Diċembru 2009, kif ukoll tal-prestazzjoni finanzjarja tagħha u l-likwidità tagħha għas-sena li għalqet f'dik id-data, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi u r-Regoli tal-Kontabilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri". Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

## Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

9.23. Il-verifika ma identifikat ebda nuqqas li jista' jiġi rrappurtat rigward is-suġġetti vverifikati.

## Il-Kumitat tar-Reġjuni

9.24. Il-verifika ma identifikat ebda nuqqas li jista' jiġi rrappurtat rigward is-suġġetti vverifikati.

(7) Ara r-rapport ta' verifika dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 9.8.

(5) *Ara l-punt 17 tar-riżoluzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-23 ta' April 2009, dwar il-kwittanza 2007 [2008/2278(DEC)] u l-punt 45 tar-riżoluzzjoni, tat-18 ta' Mejju 2010, dwar l-istimi tad-dħul u tal-nfiq tal-Parlament Ewropew għall-2011 [2010/2005(BUD)].*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## L-Ombudsman Ewropew ([8])

**L-impjegar ta' aġenti temporanji u kuntrattwali**

9.25. L-Artikolu 12(5) tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Persunal Ieħor tal-Komunitajiet jirrikjedi li kull Istituzzjoni għandu jkollha dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-proċeduri tar-reklutaġġ ta' persunal temporanju. Dispożizzjonijiet bħal dawn għadhom ma ġewx adottati mill-Ombudsman Ewropew minkejja li 47 minn 63 post mogħti fil-baġit tal-2009 huma postijiet temporanji.

**9.25.** IR-RISPOSTI MILL-OMBUDSMAN EWROPEW

*L-Ombudsman Ewropew ħa nota tal-osservazzjoni tal-Qorti u s-servizzi tiegħu ġew infurmati biex jabbozzaw dispożizzjonijiet fuq il-proċeduri għal reklutaġġ ta' persunal temporanju li jridu jiġu adottati qabel l-aħħar tat-tielet kwart tal-2010.*

## Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ([9])

**Il-ħlas ta' konċessjonijiet soċjali lill-membri tal-persunal**

9.26. Il-verifika sabet li, f'erba' każijiet minn għaxra, l-informazzjoni disponibbli għas-servizzi tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, sabiex jiġi żgurat li l-konċessjonijiet previsti fir-Regolamenti tal-Persunal jingħataw lill-persunal f'konformità mar-regolamenti komunitarji u l-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti, ma kinitx aġġornata. Din is-sitwazzjoni twassal għar-riskju li jsiru pagamenti inkorretti jew mhux dovuti. Il-persunal għandu jintalab jibgħat lis-servizzi tal-Kummissjoni, f'intervalli xierqa, id dokumenti li jagħtu prova tas-sitwazzjoni personali tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jtejjeb is-sistema tiegħu għall-monitoraġġ u l-kontroll f'waqthom ta' dawn id-dokumenti.

**9.26.** RISPOSTI TAL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

*Attwalment, minħabba d-daqs żgħir tiegħu, il-KEPD huwa mgħejjun mill-PMO fit-trattament tal-fajls tal-benefiċċji soċjali. Darba fis-sena l-informazzjoni relatata mal-benefiċċji tal-familja u tat-tfal dipendenti tiġi aġġornata mill-PMO abbażi tal-formoli speċifiċi indirizzati lill-persunal ikkonċernat permezz tal-KEPD. Dawn il-formoli tħejjew mill-PMO għal dan il-għan. Abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' dawn il-formoli l-benefiċċji soċjali jinżammu aġġornati.*

*Bil-ħsieb tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti, il-KEPD ser itejjeb is-sorveljanza tal-informazzjoni pertinenti għall-benefiċċji soċjali msemmijin mill-Qorti.*

**L-istandards tal-kontroll intern**

9.27. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ma kienx daħħal fis-seħħ sistema ta' verifikazzjoni *ex-post*, fejn xieraq, kif rikjesta mir-Regolament Finanzjarju. Barra minn hekk, l-istandards tal-kontroll intern adottati mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ma kinux jipprovdu li l-eċċezzjonijiet għall-proċeduri finanzjarji standard għandhom jiġu rreġistrati f'reġistru ċentrali.

**9.27.** RISPOSTI TAL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

*It-tranżazzjonijiet kollha mwettqin mill-KEPD, inkluż ir-rimbors tal-ħlasijiet diretti li ġew ipproċessati minn istituzzjonijiet oħrajn f'isem il-KEPD, diġà huma soġġetti għal kontroll ex-ante estensiv.*

*Bil-ħsieb tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti, il-KEPD ser jeżamina kif jista' jiġi implimentat proċess ta' verifika* ex-post *għas-sena 2011 'il quddiem. Minħabba d-daqs żgħir tal-istituzzjoni u l-partikolarità tat-trattament kondiviż tal-fajls skont id-diversi ftehimiet ta' kooperazzjoni u fl-livell ta' servizz, tista' tkun meħtieġa aktar għajnuna interistituzzjonali li tippermetti lill-KEPD jissodisfa dan il-kompitu.*

([8]) Ara n-nota nru 1 f'qiegħ il-paġna.
([9]) Ara n-nota nru 1 f'qiegħ il-paġna.

*Il-KEPD ddeċieda li jimplimenta t-tieni osservazzjoni tal-Qorti dwar l-istandards ta' kontroll intern bil-ħolqien ta' lista ċentrali ta' eċċezzjonijiet irreġistrati.*

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

9.28. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti kkonkludiet li fit totalità tagħhom, il-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għan-nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet ma kienx fihom żbalji materjali (ara l-paragrafu 9.9).

9.29. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti kkonkludiet li s-sistemi superviżorji u ta' kontroll għan-nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju (ara l-paragrafi 9.13 sa 9.27).

9.30. Segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti huwa miġbur fil qosor fl ***Anness 9.4***.

9.31. Fil-qasam tal-ħlas ta' konċessjonijiet soċjali, il-Qorti rrakkomandat li lill-Istituzzjonijiet u lill-korpi kkonċernati (ara l-paragrafi 9.14, 9.19, 9.26) biex jitolbu lill-persunal tagħhom jippreżenta, f'intervalli xierqa, id dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tiegħu, u biex jimplimentaw sistema ta' monitoraġġ f'waqtu ta' dawn id-dokumenti.

## L-AĠENZIJI U L-AĠENZIJI EŻEKUTTIVI TAL-UNJONI EWROPEA

9.32. Il-verifiki tal-Aġenziji u tal-Aġenziji Eżekuttivi tal-Unjoni Ewropea huma s-suġġett ta' Rapporti Annwali Speċifiċi li huma ppubblikati b'mod separat fil-Ġurnal Uffiċjali ([10]). Il-Qorti vverifikat 30 Aġenzija għas-sena finanzjarja 2009. Il-baġits tagħhom ammontaw għal EUR 1 500,6 miljun fl-2009. Id-data prinċipali li tikkonċerna l-Aġenziji hija spjegata fit-***Tabella 9.2.***

9.33. Għal kull aġenzija, il-Qorti ħarġet rapport għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 bl-opinjoni tagħha dwar l-affidabilità tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Dawn ir-rapporti se jkunu ppubblikati separatament fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sal-aħħar tas-sena.

9.34. Fir-rigward tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li f'kontradizzjoni mal-Istatut tagħha, l-Aġenzija ma kellhiex baġit għas-sena 2009 u konsegwentement in-nefqa kollha tal-Aġenzija, ħlief għall-prezzijiet tas-servizzi bankarji, ġiet imħallsa mill-Kummissjoni. Din-is-sitwazzjoni rrepetiet dik li ġiet osservata diġà fl-2008. Il-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha għandha tanalizza l-miżuri possibbli biex din is-sitwazzjoni tiġi rettifikata.

**9.34.** IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Meta kienet qed tħejji l-baġit tal-2008, il-Kummissjoni pproponiet baġit għall-Aġenzija tal-Provvisti tal-Euratom (l-ESA). Dan ġie rrifjutat mill-Awtorità tal-Baġit, u għalhekk il-Kummissjoni ħadet fuqha l-ispejjeż kollha li kienet għamlet l-ESA fl-2008. Il-Kummissjoni kompliet tieħu fuqha l-ispejjeż tal-ESA fil-baġits tal-2009 u tal-2010 u pproponiet li terġa' tagħmel l-istess għall-2011.*

([10]) Ir-rapporti annwali tal-Qorti dwar il-kontijiet tal-Aġenziji huma ppreżentati fuq is-sit tagħha (http://www.eca.europa.eu) u se jkunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

**It-Tabella 9.2 — L-Aġenziji u l-Aġenziji Eżekuttivi tal-Unjoni Ewropea — Id-*Data* Prinċipali**

| L-Aġenziji u l-Aġenziji Eżekuttivi tal-Unjoni Ewropea | Il-Kwartieri Ġenerali | L-ewwel sena ta' awtonomija finanzjarja | Baġit [1] (*miljun euro*) | | Karigi awtorizzati | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 2009 | 2008 | 2009 | 2008 |
| **L-Aġenziji** | | | | | | |
| L-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom [2] | Lussemburgu | 1960 | — | — | — | — |
| Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali | Tessaloniki | 1977 | 18,6 | 18,3 | 101 | 99 |
| Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | Dublin | 1977 | 20,2 | 21,0 | 101 | 101 |
| L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent | Copenhagen | 1994 | 39,8 | 37,1 | 133 | 123 |
| Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ | Turin | 1994 | 21,8 | 22,4 | 96 | 96 |
| Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi | Lisbona | 1995 | 14,7 | 15,1 | 82 | 82 |
| L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini | Londra | 1994 | 194,4 | 182,9 | 530 | 481 |
| Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni tal-Korpi tal-Unjoni Ewropea | Lussemburgu | 1995 | 62,6 | 59,9 | 233 | 233 |
| L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti | Angers | 1995 | 13,2 | 12,5 | 46 | 43 |
| L-Uffiċċju Ewropew għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern | Alicante | 1995 | 338,1 | 318,4 | 658 | 643 |
| L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | Bilbao | 1996 | 15,0 | 14,9 | 44 | 44 |
| L-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali | Vjenna | 1998 | 17,2 | 15,0 | 61 | 49 |
| L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni [3] | Tessaloniki | 2000 | — | 235,0 | — | 93 |
| Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija | Bramshill | 2006 | 8,8 | 8,7 | 26 | 22,5 |
| Il-Eurojust | L-Aja | 2002 | 27,6 | 24,8 | 185 | 175 |
| L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni | Cologne | 2003 | 122,0 | 102,0 | 506 | 452 |
| L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima | Lisbona | 2003 | 53,3 | 50,2 | 192 | 181 |
| L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel | Parma | 2003 | 71,0 | 66,4 | 355 | 335 |
| L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni | Heraklion | 2005 | 8,1 | 8,4 | 44 | 44 |
| L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji | Valenciennes | 2006 | 21,0 | 18,0 | 124 | 116 |
| Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard | Stokkolma | 2005 | 49,3 | 40,6 | 170 | 130 |
| L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni | Varsavja | 2006 | 88,8 | 71,2 | 119 | 94 |
| L-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS [4] | Brussell | 2006 | 44,4 | 10,5 | 23 | 50 |
| L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd | Vigo | 2007 | 10,1 | 9,5 | 45 | 47 |
| L-Aġenzija Ewropea tal-Kimika | Ħelsinki | 2008 | 70,4 | 66,4 | 324 | 220 |
| **L-Aġenziji Eżekuttivi** | | | | | | |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni | Brussell | 2006 | 13,3 | 11,5 | 37 | 36 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni u l-Awdjoviżwali u l-Kultura | Brussell | 2006 | 47,7 | 38,2 | 99 | 92 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumatur | Lussemburgu | 2007 | 64 | 4,4 | 12 | 9 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk ta' Trasport Trans-Ewropew | Brussell | 2008 | 8,9 | 5,2 | 32 | 32 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka [5] | Brussell | 2009 | 21,6 | — | 88 | — |
| L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka | Brussell | 2009 | 14,5 | — | 100 | — |
| | | **Total** | **1 500,6** | **1 488,5** | **4 566** | **4 122,5** |

(1) Approprijazzjonijiet tal-pagament.
(2) Ara l-paragrafu 9.34.
(3) L-Aġenzija ngħalqet fl-2008.
(4) Kwartieri provviżorji.
(5) L-aġenzija akkwistat l-indipendenza finanzjarja tagħha fl-2009.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## L-ISKEJJEL EWROPEJ

9.35. Ir-Rapport Annwali Speċifiku tal-Qorti dwar l-Iskejjel Ewropej (mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali) huwa ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi bħala awtorità ta' kwittanza ([11]). Il-baġit tal-Iskejjel għall-2009 ta' EUR 267,2 miljun kien iffinanzjat prinċipalment minn għotja tal-Kummissjoni (EUR 151,9 miljun) u minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri (EUR 53,7 miljun) ([12]). Id-*data* prinċipali li tikkonċerna lill-Iskejjel Ewropej hija spjegata fit-***Tabella 9.3***.

9.36. Il-Qorti ma sabet ebda zball materjali li jista' jixħet dubju fuq l-affidabilità tal-kontijiet li hija kienet ivverifikat (l-iskejjel ta' Munich u tal-Lussemburgu I u l-Uffiċċju Ċentrali), li ġew ippreparati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-24 ta' Ottubru 2006 applikabbli għall-baġit tal-Iskejjel Ewropej, u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn il-kontijiet.

9.37. Abbażi tar-reviżjoni mwettqa l-Qorti ma nnutat xejn li jġiegħlha taħseb li l-kontijiet ikkonsolidati mhumiex ippreżentati b'mod ġust, fir-rispetti materjali kollha, skont l-istandards tal-kontabilità relevanti, bl-eċċezzjonijiet segwenti li jirriżultaw mill-applikazzjoni insodisfaċenti tal-prinċipju tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti: (a) ma saru ebda proviżjonijiet għal każijiet legali pendenti kontra l-Iskejjel, (b) ma saru ebda proviżjonijiet dovuti għal aġġustamenti fis-salarji fl-2009, (c) proviżjonijiet għan-nefqiet futuri li mhumiex relatati mas-sena kurrenti kienu inklużi fil-karta tal-bilanċ meta dawn suppost li nkixfu biss fin-noti ta' spjegazzjoni.

**9.37.** IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti qed tiġi eżaminata f'analiżi bil-ħsieb li ssir reviżjoni, li għaddejja bħalissa, tar-Regolament Finanzjarju tal-Iskejjel Ewropej. Il-proposti li se jirriżultaw minn din l-analiżi se jitressqu lill-Bord tal-Gvernaturi aktar tard din is-sena.*

([11]) Il-Qorti tagħmel reviżjoni ta' kontijiet konsolidati u barra minn dan tagħmel verifika annwali tal-Uffiċċju Ċentrali u verifika ċiklika ta' tnejn minn erbatax-il skola Ewropea kull sena.

([12]) Sors: L-Iskejjel Ewropej, *clôtures des comptes 2009 (għeluq tal-kontijiet 2009).*

**Tabella 9.3 — L-iskejjel Ewropej — Id-data prinċipali**

| Skola Ewropea | Pajjiż | Baġit (1) (2) *(miljun euro)* | | Ghotja rċevuta mill-Kummissjoni (2) *(miljun euro)* | | Popolazzjoni Skolastika (3) | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2009 | 2008 | 2009 | 2008 | 2009 | 2008 |
| Uffiċċju | Il-Belġju | 9,6 | 9,2 | 8,3 | 7,0 | — | — |
| Lussemburgu I | Il-Lussemburgu | 39,8 | 37,4 | 26,0 | 22,8 | 3 468 | 3 437 |
| Lussemburgu II | Il-Lussemburgu | 7,6 | 7,0 | 4,5 | 3,4 | 910 | 888 |
| Brussell I (Uccle) | Il-Belġju | 33,1 | 32,1 | 23,1 | 22,7 | 3 112 | 3 057 |
| Brussell II (Woluwé) | Il-Belġju | 32,4 | 31,5 | 22,2 | 21,5 | 3 030 | 2 904 |
| Brussell III (Ixelles) | Il-Belġju | 29,7 | 29,1 | 20,8 | 19,8 | 2 811 | 2 649 |
| Brussell IV | Il-Belġju | 5,4 | 5,5 | 2,7 | 3,4 | 594 | 438 |
| Mol | Il-Belġju | 12,0 | 11,3 | 6,9 | 6,0 | 752 | 718 |
| Varese | L-Italja | 19,8 | 18,7 | 10,2 | 9,3 | 1 304 | 1 341 |
| Karlsruhe | Il-Ġermanja | 13,4 | 12,9 | 3,8 | 2,4 | 976 | 979 |
| Munich | Il-Ġermanja | 20,9 | 19,5 | 0,4 | 0,6 | 1 848 | 1 756 |
| Frankfurt | Il-Ġermanja | 11,5 | 10,6 | 6,5 | 3,9 | 1 085 | 1 053 |
| Alicante | Spanja | 12,5 | 11,9 | 6,8 | 5,2 | 1 020 | 1 029 |
| Bergen | Il-Pajjiżi l-Baxxi | 9,8 | 9,8 | 4,8 | 5,1 | 586 | 565 |
| Culham | Ir-Renju Unit | 9,7 | 11,4 | 4,9 | 5,7 | 835 | 835 |
| | **Total** | **267,2** | **258,0** | **151,9** | **138,9** | **22 331** | **21 649** |

(1) Id-dħul u n-nefqa totali hekk kif prevvisti fil-Baġit ta' kull Skola Ewropea u tal-Uffiċċju inklużi l-modifiki kollha li saru fil-baġits inizjalment adottati.
(2) *Sors:* L-Iskejjel Ewropej, *clôture des comptes 2009 (għeluq tal-kontijiet 2009).*
(3) *Sors:* Ir-Rapport Annwali tal-2009 tas-Segretarju Ġenerali lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej.
N. B.: Varjazzjonijiet fit-totali huma minħabba fl-effetti taż-żieda jew it-tnaqqis għall-eqreb figura.

ANNESS 9.1

*IR-RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TA' TRANŻAZZJONIJIET TAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA*

| | 2009 | | | | | | | | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Spejjeż relatati mal-persunal tal-Istituzzjonijiet | | Spejjeż relatati mal-bini | | Spejjeż oħra | | Total | | | |
| **ID-DAQS U L-ISTRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet totali (*fosthom*): | 38 | | 7 | | 12 | | **57** | | 57 | 56 |
| Pagamenti bil-Quddiem | 0 | | 1 | | 1 | | **2** | | 0 | 0 |
| Pagamenti Interim/Finali | 38 | | 6 | | 11 | | **55** | | 57 | 56 |
| **IR-RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** | | | | | | | | | | |
| *(f'% u numri tat-tranżazzjonijiet)* | | | | | | | | | | |
| Tranżazzjonijiet regolari mhux milquta minn żball | 97 % | {37} | 100 % | {7} | 75 % | {9} | **93 %** | **{53}** | 91 % | 95 % |
| Tranżazzjonijiet irregolari milquta minn żball | 3 % | {1} | 0 % | {0} | 25 % | {3} | **7 %** | **{4}** | 9 % | 5 % |
| **STIMA TAL-IMPATT TAL-IŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | | |
| Ir-rata ta' żbalji l-aktar probabbli: | | | | | | | | | | |
| < 2 % | X | | | | | | | | X | X |
| 2% sa 5% | | | | | | | | | | |
| > 5 % | | | | | | | | | | |

ANNESS 9.2

*IR-RIŻULTATI TAL-EŻAMI TA' SISTEMI TAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA*

**Evalwazzjoni ġenerali tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll**

| | 2009 | 2008 | 2007 |
|---|---|---|---|
| **Evalwazzjoni ġenerali** | (aħdar) | (aħdar) | (aħdar) |

*Kodiċi*

| | |
|---|---|
| (aħdar) | Konformi |
| (isfar) | Konformi parzjalment |
| (aħmar) | Mhux konformi |
| M/A | Mhux applikabbli: ma japplikax jew mhux evalwat |

ANNESS 9.3

*IR-RIŻULTATI TAR-REVIŻJONI TAR-RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-MANIĠMENT TAL-KUMMISSJONI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA*

| Id-DĠs prinċipali kkonċernati | In-natura tad-dikjarazzjonijiet mogħtija mid-Direttur-ġenerali (*) | Riżervi mogħtija | Osservazzjonijiet tal-Qorti | Evalwazzjoni ġenerali tal-affidabilità |
|---|---|---|---|---|
| **PMO** | **bla riżervi** | N/A | — | **A** |
| **OIB** | **bla riżervi** | N/A | — | |
| **OIL** | **bla riżervi** | N/A | — | |
| **DIGIT** | **bla riżervi** | N/A | — | |

(*) B'referenza għad-Dikjarazzjoni tal-Assigurazzjoni tad-Direttur-Ġenerali, hu/i għandu/ha assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri tal-kontroll fis-seħħ jipprovdu l-garanziji meħtieġa fir-rigward ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

A: id-dikjarazzjoni u r-rapport tal-attività annwali tad-Direttorat-ġenerali jagħtu evalwazzjoni ġusta tal-amministrazzjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

B: id-dikjarazzjoni u r-rapport tal-attività annwali tad-Direttorat-ġenerali jagħmlu evalwazzjoni parzjalment ġusta tal-amministrazzjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

C: id-dikjarazzjoni u r-rapport ta' attività annwali tad-Direttorat-ġenerali ma jagħmlux evalwazzjoni ġusta tal-amministrazzjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità

ANNESS 9.4

*SEGWITU TAL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI TAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA*

| Osservazzjoni tal-Qorti | Azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | It-tweġiba tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|
| 1. **Fattur multiplikatur applikabbli għas-salarji** | | | |
| Ir-Rapport Annwali 2007, il-paragrafi 11.7 sa 11.11, l-aktar riċenti l-Anness 11.2 tar-Rapport Annwali 2008: | | | Risposti tal-Parlament Ewropew |
| Il-Parlament u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal firrigward tal-fattur multiplikatur bħall-istituzzjonijiet l-oħra. Dan irriżulta f'vantaġġ finanzjarju favur il-persunal tagħhom li ma jingħatax mill-istituzzjonijiet l-oħra, u fi spejjeż ogħla. | Il-Parlament u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jkomplu japplikaw il-prattika attwali tagħhom waqt li jistennew id-deċiżjonijiet finali tal-Qorti tal-Ġustizzja f'każijiet imressqa f'dan ir-rigward mill-persunal tal-Istituzzjonijiet. | Il-Qorti tal-Awdituri tikkontrolla s-segwitu tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. | *Il-Parlament Ewropew għandu l-istess approċċ proċedurali tal-Qorti tal-Awdituri u se jistenna d-deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Ġustizzja.* |
| 2. **Rimborż tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni mġarrba waqt missjoni** | | | |
| Ir-Rapport Annwali 2004 u 2007, l-aktar riċenti l-Anness 11.2 tar-Rapport Annwali 2008: | | | Risposti tal-Parlament Ewropew |
| Ir-Regolamenti tal-Persunal emendati, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004, jistipulaw li l-ispejjeż tal- akkomodazzjoni mġarrba waqt missjoni jiġu rimborżati sal-massimu ffissat għal kull pajjiż, suġġetti għall-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' appoġġ (l-Artikolu 13 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal).<br><br>Għall-kuntrarju ta' din ir-regola, il-Parlament, fir-regoli interni tiegħu, ipprovda għall-pagament ta' somma b'rata fissa ta' 60% tal-ammont massimu permess lil persunal li ma jipproduċi l-ebda evidenza ta' spejjeż ta' akkomodazzjoni mġarrba. | Ir-Regoli Interni li jiggvernaw il-Missjonijiet u l-Ivvjaġġar fuq Xogħol tal-Uffiċjali u Ħaddiema Oħra tal-Parlament Ewropew ġew adottati b'deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali fl-10 ta' Diċembru 2009. Minbarra l-arranġamenti għall-missjonijiet, dawn ir-Regoli Interni jistipulaw arranġamenti speċifiċi applikabbli għall-ivvjaġġar fuq xogħol fit-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament (il-Lussemburgu, Strasburgu u Brussell) inkluż rimborż tal-ispejjeż abbażi ta' somma f'daqqa mingħajr ma jiġu ppreżentati d dokumenti ta' appoġġ. B'riżultat ta' dan, il-Parlament ikompli jħallas l-ispejjeż tal akkomodazzjoni abbażi ta' somma f'daqqa għall-klejms relatati ma' waqfiet ta' lejl fil Lussemburgu, Strasburgu u Brussell. | Ir regoli aġġornati mhumiex konformi mar-Regolamenti tal-Persunal. Il-Parlament għandu jiżgura li l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni mġarrba fil missjonijiet jiġu rimborżati f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal. | *Il-Parlament jieħu nota tal-pożizzjoni tal-Qorti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet regolamentarji l-ġodda espressament adottati wara l-osservazzjonijiet preċedenti, imma jibqa' jsostni l-opinjoni tiegħu dwar il-ħtieġa ta' trattamenti iddivrenzjat skont jekk l-aġenti humiex meqjusa "qed jiċċaqilqu bejn it-tliet lokali tax-xogħol" jew "fuq missjoni". Il-Parlament għandu l-ħsieb għalhekk li japprofitta minn reviżjoni li jmiss tal-Istatut u mir-rwol tiegħu ta' koleġiżlatur f'din il-proċedura biex jemenda dispożizzjonijiet statutorji u jdaħħal distinzjoni bejn il-missjonijiet u ċ-ċaqliq tal-aġenti tiegħu bejn it-tliet lokali tax-xogħol.* |

| Osservazzjoni tal-Qorti | Azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | It-tweġiba tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|
| | | | *Għal dan il-għan, l-Awtorità Baġitarja diġà mmodifikat l-isem u l-kummentarju baġitarju li jirrigwarda l-partita l-antika 3 0 0 0 "Spejjeż ta' missjoni tal-persunal". Din il-partita minn issa 'l quddiem jisimha "Spejjeż ta' missjonijiet u ta' ċaqliq bejn it-tliet lokali tax-xogħol tal-persunal" u l-kummentarju tagħha jipprovdi espliċitament li l-krediti huma maħsuba biex ikopru n-nefqiet marbuta maċ-ċaqliqiet tal-persunal tal-istituzzjoni, tal-esperti nazzjonali ssekondati u tal-uffiċjali taħt prova bejn il-lokal tas-sede tas-servizz u wieħed mit-tliet lokali tax-xogħol tal-Parlament Ewropew (Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu) u mal-missjonijiet lejn kull post ieħor minbarra t-tliet lokali tax-xogħol, u b'hekk tpoġġi l-bażi baġitarja tar-regolamentazzjoni li l-Parlament japplika għaċ-ċaqliq bejn it-tliet lokali tax-xogħol.* |
| 3. **Konċessjonijiet għall-assistenza lill-Membri Parlamentari Ewropej (MEPs)** | | | |
| Ir-Rapport Annwali 2006, il-paragrafi 10.10 sa 10.12, u l-Anness 11.2 tar-Rapport Annwali 2008: | | | Risposti tal-Parlament Ewropew |
| Fir-Rapport Annwali 2006 tagħha, il-Qorti tal-Awdituri qieset li ma kienx hemm dokumentazzjoni biżżejjed li turi li l-MEPs fil-fatt għamlu użu minn servizzi tal-assistenti, u li d-doveri jew is-servizzi msemmija fil-kuntratti ffirmati mill-MEPs fil-fatt twettqu. Il-Bureau għandu jieħu azzjoni sabiex jikseb id-dokumenti meqjusa bħala essenzjali biex jiġi ppruvat li n-nefqa kienet ġustifikata.<br><br>Skont ir-regoli emendati ta' Diċembru 2006 tal-Bureau, m'għadx hemm il-ħtieġa li l-MEPs jippreżentaw il-fatturi u r-rendikonti tal-miżati maħruġa mill-aġenti tal-ħlas u l-fornituri tas-servizzi, iżda għandhom jinżammu minnhom. Minflok l-MEPs huma meħtieġa li jippreżentaw kopji tar-"rendikonti tan-nefqa" u tar-"rendikonti tal-ammonti ffatturati" maħruġa mill-aġenti tal-ħlas u l-fornituri tas-servizzi. Dawn ir-regoli l-ġodda japplikaw għal perjodi | L-approvazzjoni tal-ispejjeż tal-assistenza parlamentari għas-snin finanzjarji 2004 - 2007 tlestiet kompletament.<br><br>Fir-rigward tas-sena finanzjarja 2008, l-amministrazzjoni tal-Parlament kisbet aktar minn 98 % tar-rendikonti tan-nefqa u l-ammonti ffatturati.<br><br>Fir-rigward tas-sena finanzjarja 2009, l-amministrazzjoni tal-Parlament attwalment qed tipproċessa r-rendikonti rċevuti matul ix-xhur li għaddew. | Il-Qorti tikkontrolla l-approvazzjoni mill-Parlament tar-rendikonti tan-nefqa tal-MEPs relatati mas-snin finanzjarji 2008 u 2009.<br><br>L-amministrazzjoni tal-Parlament għandha twettaq kontrolli fuq l irċevuti oriġinali li jappoġġjaw ir-rendikonti tan-nefqa. | *Ir-regolarizzazzjoni tal-ispejjeż tal-assistenza parlamentari għas-snin finanzjarji 2008-2009 (l-ewwel semestru) qed issir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-Regoli li jirregolaw il-ħlas ta' spejjeż u allowances lill-Membri (HSAM). Għas-sena 2008, 99,79% tal-valur totali tal-ħlasijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-proċedura ta' regolarizzazzjoni kienu ġew regolarizzati b'suċċess. Iż-0,2% li kien fadal bħalissa qed jiġu ttrattati fuq il-bażi ta' każijiet individwali u fejn hu xieraq jiġi kkunsidrat ir-rimbors obbligatorju tal-ammonti.*<br><br>*Għall-ewwel nofs tas-sena 2009 ([1]), ir-rata ta' regolarizzazzjoni b'suċċess f'din il-fażi issa hija kważi ta' 92,31% (jiġifieri EUR 94 227 604 minn EUR 102 074 881). Is-7,6% li fadal huma prinċipalment komposti minn dokumenti li bħalissa qed jiġu eżaminati (6,28%). Id-dokumenti li jirrigwardaw il-1,4% tal-ħlasijiet li jaqgħu taħt il-proċedura ta' regolarizzazzjoni għadhom mistennija jaslu.* |

| Osservazzjoni tal-Qorti | Azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | It-tweġiba tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|
| minn Lulju 2004 'l hawn. Ir-Rapport Annwali 2007 inkluda rakkomandazzjoni li l-Parlament għandu jkompli jtejjeb il-kontrolli fuq il-konċessjoni għall-assistenza parlamentari, inklużi kontrolli każwali fuq fatturi li l-MEPs ikollhom fil-pussess tagħhom. | | | *F'kull wieħed mill-każijiet fejn kienu jeżistu dubji dwar it-tagħrif, is-servizzi talbu mingħand il-Membri spjegazzjonijiet xierqa, inkluża l-preżentazzjoni ta' kontijiet u fatturi.*<br><br>*Qabel tmiem is-sena, meta l-bqija tad-dokumenti se jiġu eżaminati bir-reqqa, mistenni li r-rata finali ta' regolarizzazzjoni b'suċċess se tkun kważi laħqet il-livelli li rajna għas-snin l-oħra.* |
| 4. **Skema ta' pensjoni addizzjonali għall-Membri tal-Parlament Ewropew** | | | |
| Ir-Rapport Annwali 2006, it-Tabella 10.2, u l-Anness 11.2 tar-Rapport Annwali 2008: | | | Risposti tal-Parlament Ewropew |
| Il-Qorti tfakkar l-osservazzjonijiet li saru dwar din il-kwistjoni fir-Rapport Annwali 2008 tagħha:<br><br>a) għandu jsir studju attwarjali ġdid sabiex jiġi evalwat l-impatt tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Bureau dwar il-miżuri applikabbli għall-membri tal-iskema;<br><br>b) il-Parlament għandu jiċċara r-rwol tiegħu fil-maniġment u s-superviżjoni tal-attiv tal-Fondi; | Skont l-istudju attwarjali previst mill-Parlament, il-Fond jidħol għal deficit attwarjali ta' EUR 84,5 miljun sal-31 ta' Diċembru 2009, abbażi tar-regoli l-ġodda stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Bureau fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' April 2009. | Mill-Fond il-Parlament għandu jikseb it-twaqqif ta' strateġija ta' investiment ibbażata fuq il-linji gwida stipulati mill-Parlament. | *Il-Parlament ifakkar li fl-1 ta' April 2009 il-Bureau ħa deċiżjonijiet importanti mmirati biex tiġi ddefinita l-pożizzjoni tal-Parlament lejn il-Fond u biex tiġi żgurata ċ-ċertezza fl-obbligi u r-relazzjonijiet tiegħu miegħu.*<br><br>*Rigward ir-rwol tal-Parlament fl-istrateġija tal-investimenti, il-Parlament wera r-rieda tiegħu li jissuġġerixxi linji gwida ġenerali lill-amministrazzjoni tal-Fond. Madankollu m'għandux il-ħsieb li jieħu parti attiva f'deċiżjonijiet ta' investiment preċiżi, u l-anqas ma jista' jagħmel dan għax il-Fond huwa entità separata u indipendenti. Diġà ingħataw linji gwida permezz ta' ittra tal-President tal-PE lill-Fond fl-4 ta' Mejju 2009, fejn saret talba biex jiġi evitat li l-Fond jiġi espost għal riskji ta' fluttwazzjoni fir-rati tal-kambju u biex tiġi adottata strateġija ta' investiment prudenti.*<br><br>*L-effett ikkombinat tad-deċiżjonijiet tal-Bureau, il-linji gwida mogħtija u l-irkupru tas-swieq finanzjarji ppermetta lill-Fond li jnaqqas l-iżbilanċ attwarju minn 121,84 miljun euro (31 ta' Diċembru 2008) għal 84,56 miljun euro (31 ta' Diċembru 2009).* |

| Osservazzjoni tal-Qorti | Azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | It-tweġiba tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|
| | | | *Barra minn hekk, il-Parlament wettaq aġġornament tal-istudji attwarjali indipendenti bil-għan li jevalwa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Fond ta' Pensjoni wara d-dħul fis-seħħ tal-Istatut u tad-deċiżjonijiet tal-Bureau tad-9 ta' Marzu u l-1 ta' April 2009 li jimmodifikaw is-sistema ta' pensjoni komplementarja volontarja. Minħabba li l-Parlament irrikonoxxa r-responsabilità tiegħu f'każ ta' żbilanċ, l-ammont totali ta' dan huwa inkluż fil-baġit, kif mitlub mill-Qorti. Għalhekk huma previsti aġġornamenti annwali tal-evalwazzjoni attwarjali fil-kuntest tal-preżentazzjoni tar-rendikonti finanzjarji annwali.* |
| 5. **Id-data tat tlestija tas-Sistema Ewropea Protetta għall-Messaġġi Awtomatiċi (SESAME)** | | | |
| Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 11.10:<br><br>Sistema Ewropea Protetta għall-Messaġġi Awtomatiċi (SESAME) użata biex jiġu ppreparati l-baġits annwali tal-Kunsill kienet ottimista żżejjed b'mod konsistenti. Kien hemm bosta bidliet fit-tfassil inizjali tal-proġett u ma kienx hemm qbil fost l-Istati Membri fuq kif għandhom jiġu trattati ċerti tipi ta' informazzjoni sensittiva. Bħala riżultat il-baġit annwali għas-SESAME kien stmat iżżejjed kull sena. | Fl-2009, il-baġit ta' 2,7 miljun euro għas-SESAME għal darba oħra ġie stmat iżżejjed bi 2,4 miljun euro. Madankollu, l-implimentazzjoni tas-Sezzjoni ta' messaġġi bi Klassifikazzjoni Baxxa tas-SESAME ġiet awtorizzata mill-Istati Membri fil-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà f'Ottubru 2009. Għalhekk il-proġett jista' jingħata bidu. Madankollu, għandu jintlaħaq ftehim ieħor dwar it-tfassil tas-Sezzjoni ta' messaġġi bi Klassifikazzjoni Għolja tal-proġett. | Il-Kunsill għandu jiżgura li l-approprijazzjonijiet baġitarji li saru disponibbli għall-proġett SESAME huma konformi mal-istat ta' implimentazzjoni tal-proġett. | Ir-risposta mill-Kunsill<br><br>*Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jaċċetta l-analiżi tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-segwitu tal-osservazzjoni tal-2008 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-proġett SESAME.*<br><br>*Sabiex jiġi żgurat li l-approprjazzjonijiet baġitarji għall-proġett SESAME huma f'konformità mal-istat ta' implimentazzjoni tal-proġett, l-ammonti previsti fil-baġit 2010 u l-abbozz ta' baġit 2011 ġew imnaqqsa għal EUR 400 000 fis-sena.* |

| Osservazzjoni tal-Qorti | Azzjoni meħuda | L-analiżi tal-Qorti | It-tweġiba tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|
| 6. **L-implimentazzjoni tas-Sistema tal-Informazzjoni tad-Drittijiet Individwali** | | | |
| Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 11.11: | | | Ir-risposta tal-Kummissjon |
| F'Ġunju 2008 l-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u l-Ħlas ta' Intitolamenti Individwali (PMO) implimenta sistema ġdida msejħa s-Sistema ta' Informazzjoni dwar id-Drittijiet Individwali (IRIS Individual Rights Information System) għall-ġestjoni ta' intitolamenti tal-persunal, inklużi s-salarji. Il-migrazzjoni lejn l-IRIS wasslet għal ħafna problemi fil-kalkolu tas-salarji. Il miżuri ta' emerġenza għall-korrezzjoni tal-inkonsistenzi inkludew interventi manwali fis-sistema tal-kalkolu tas-salarji li ma kinux sorveljati b'mod adegwat. Ma kienx hemm biżżejjed ittestjar tas-sistema tal IRIS, u s-sistema l-qadima u dik ġdida ma tħaddmux b'mod parallel sakemm ngħatat prova li s-sistema l-ġdida kienet qed topera b'mod sodisfaċenti. | Wara l-problemi li nstabu, l-iżvilupp tal-IRIS twaqqaf. Ġew imnedija żewġ proġetti ġodda: wieħed għall-ġestjoni tal-intitolamenti individwali u wieħed għall-ġestjoni tal-assigurazzjoni fuq il-mard. Matul l-iżvilupp ta' dawn l-applikazzjonijiet, il-kalkolu tad-drittijiet individwali huwa bbażat fuq id-data mdaħħla manwalment fis-sistema tal-kalkolu tas-salarju. | Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-applikazzjonijiet il-ġodda jiġu implimentati biss meta tingħata prova li r-riżultati tal-ittestjar tas-sistema huma sodisfaċenti. | *Il-PMO diġà beda bl-ittestjar tal-moduli żviluppati mill-ġdid għall-ġestjoni tad-drittijiet individwali. Il-programm intensiv ta' ttestjar li tfassal jagħti kas tal-lezzjonijiet li nkisbu minn esperjenzi mgħoddijin.* |
| 7. **Skema tal-Pensjonijiet għall-persunal lokali fid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni** | | | |
| Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 11.13: | | | Ir-risposta tal-Kummissjon |
| Sa mill-1996, l-iskema tal-pensjonijiet għall-persunal lokali tad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni stabbilita mid-Direttorat tas-Servizzi Esterni tad-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni ġiet amministrata abbażi ta' regoli provviżorji. Dawn ir-regoli ma jindirizzawx il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-Kummissjoni għas-salvagwardja u għar-ritorn tal-attiv tal-fond, u lanqas ma jiddefinixxu d-dispożizzjonijiet dettaljati għall-ħlasijiet tad-drittijiet tal-persunal. | Il-Kummissjoni qablet li tesplora kif din l-iskema tista' ssir waħda permanenti. Hija kkonfermat ukoll il-ħtieġa li tiġi stabbilita proposta leġiżlattiva u li jsir studju attwarjali. | Il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni biex tadotta r-regoli għall-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' din l-iskema. | *Biex l-iskema kumplimentari ta' bħalissa ssir permanenti hemm bżonn li jkollha bażi legali. Dan jitlob li ssir emenda għall-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Impjegati l-Oħrajn, li l-Kummissjoni inkludietha fil-proposta lill-Kunsill u lill-Parlament dwar is-SEAE.* |

([1]) Mis-26 ta' Lulju 2010

*ANNESS I*

# Informazzjoni finanzjarja dwar il-baġit ġenerali

WERREJ

INFORMAZZJONI TA’ SFOND DWAR IL-BAĠIT

1. Oriġini tal-baġit
2. Bażi legali
3. Prinċipji baġitarji kif stabbiliti fit-Trattati u fir-Regolament Finanzjarju
4. Kontenut u struttura tal-baġit
5. Finanzjament tal-baġit (dħul baġitarju)
6. Tipi ta’ approprijazzjonjiet mill-baġit
7. Implimentazzjoni tal-baġit
   - 7.1. Responsabbilità għall-implimentazzjoni
   - 7.2. Implimentazzjoni tad-dħul
   - 7.3. Implimentazzjoni tan-nefqa
   - 7.4. Ir-rendikonti konsolidati tal-implimentazzjoni tal-baġit u d-determinazzjoni tal-bilanċ tas-sena finanzjarja
8. Preżentazzjoni tal-kontijiet
9. Verifika esterna
10. Kwittanza u segwitu

NOTI TA’ SPJEGA

Sorsi ta’ data finanzjarja

Unità monetarja

Abbrevjazzjonijiet u simboli

DIJAGRAMMI

## INFORMAZZJONI TA' SFOND DWAR IL-BAĠIT

### 1. ORIĠINI TAL-BAĠIT

Il-baġit jinkludi l-infiq tal-Unjoni Ewropea. Huwa jinkludi wkoll in-nefqa amministrattiva tal-koperazzjoni fl-oqsma tal-"ġustizzja u affarijiet interni" u tal-politika komuni tal-affarijiet barranin u s-sigurtà, kif ukoll kwalunkwe nefqa oħra illi l-Kunsill jikkunsidra bħala waħda illi għandha tiġi sostnuta mill-baġit bl-iskop tal-implimentazzjoni ta' din il-politika.

### 2. BAŻI LEGALI

Il-baġit huwa rregolat mid-dispożizzjonijiet finanzjarji tat-Trattati ([1]) ([2]) (l-Artikoli 310 sa 325 TFUE) u 106a KEEA u mir-regolamenti finanzjarji ([3]).

### 3. PRINĊIPJI BAĠITARJI KIF STABBILITI FIT-TRATTATI U FIR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Id-dħul u l-infiq kollu tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi inkluż ġo baġit wieħed (unità u preċiżjoni). Il-baġit huwa awtorizzat għal sena finanzjarja waħda biss (annwalità). Id-dħul u l-infiq tal-baġit għandhom jibbilanċjaw (ekwilibriju). Il-kontijiet huma stabbiliti, implimentati u ppreżentati fl-euro (unità ta' kont). Id-dħul għandu jiġi użat mingħajr distinzjoni sabiex jiffinanzja n-nefqa kollha u, bħan-nefqa, għandu jiġi rreġistrat sħiħ fil-baġit u sussegwentement fir-rendikonti finanzjarji mingħajr l-aġġustament ta' punt partikolari kontra ieħor (universalità). L-approprijazzjonijiet huma mmirati għal skopijiet speċifiċi skond it-titolu u l-kapitolu, il-kapitoli huma suddiviżi f'artikoli u punti (speċifikazzjoni). L-approprijazzjonijiet baġitarji għandhom jintużaw skond il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività (ġestjoni finanzjarja tajba). Il-baġit huwa stabbilit u implimentat u l-kontijiet huma ppreżentati fl-osservanza tal-prinċipju tat-trasparenza (trasparenza). Hemm ċerti eċċezzjonijiet għal dawn il-prinċipji ġenerali.

### 4. KONTENUT U STRUTTURA TAL-BAĠIT

Il-baġit jikkonsisti f'Rendikont sommarju tad-dħul u l-infiq' u f'taqsimiet diviżi f'Rendikonti tad-dħul u l-infiq' għal kull istituzzjoni. It-tmien taqsimiet huma: (I) il-Parlament; (II) il-Kunsill; (III) il-Kummissjoni; (IV) il-Qorti tal-Ġustizzja; (V) il-Qorti tal-Awdituri; (VI) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali; (VII) il-Kumitat tar-Reġjuni (VIII) l-Ombudsman Ewropew u (IX) l-Uffiċjal Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

F'kull taqsima, punti ta' dħul u ta' nfiq huma klassifikati taħt intestaturi tal-baġit (titoli, kapitoli, artikoli, u fejn applikabbli, punti) skond it-tip tagħhom jew skond l-użu li għalih ikunu ser jiġu applikati.

### 5. FINANZJAMENT TAL-BAĠIT (DĦUL BAĠITARJU)

Il-baġit huwa ffinanzjat prinċipalment mir-riżorsi tal-Unjoni Ewropea stess: riżorsi proprji bbażati fuq id-DGN, riżorsi proprji li jiġu mill-VAT, dazji doganali, dazji agrikoli u imposti fuq iz-zokkor u l-isoglukosju ([4]).

Minbarra r-riżorsi proprji, hemm ukoll punti oħra ta' dħul marġinali; (ara d-***Dijagramma I***).

### 6. TIPI TA' APPROPRIJAZZJONIJIET MILL-BAĠIT

Sabiex tiġi koperta n-nefqa stmata, it-tipi ta' approprijazzjonijiet mill-baġit li ġejjin huma distinti fil-baġit:

(a) approprijazzjonijiet differenzjati (DA) jintużaw sabiex jiġu ffinanzjati attivitajiet multi-annwali f'ċerti oqsma tal-baġit. Huma jinkludu approprijazzjonijiet ta' impenji (CA) u approprijazzjonijiet ta' pagamenti (PA):

— l-approprijazzjonijiet ta' impenji jippermettu illi jiġu kuntrattati obbligazzjonijiet legali waqt sena finanzjarja għal attivitajiet illi l-implimentazzjoni tagħhom tkun testendi fuq numru ta' snin finanzjarji;

— l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti jippermettu illi tiġi koperta nefqa illi toħroġ minn impenji li jkunu ġew assunti waqt is-snin finanzjarji kurrenti jew preċedenti;

([1]) It-Trattat ta' Ruma (il-25 ta' Marzu 1957): It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU).
([2]) It-Trattat ta' Ruma (il-25 ta' Marzu 1957): It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (KEEA).
([3]) Prinċipalment ir-Regolament Finanzjarju (FINREG) tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).
([4]) Atti legali prinċipali dwar ir-riżorsi proprji: id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom (ĠU L 163, 23.06.2007, p. 17); id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom (ĠU L 253, 7.10.2000, p. 42); ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

(b) approprijazzjonijiet mhux differenzjati (NDA) jippermettu illi jiġi assigurat l-impenn u l-pagament tan-nefqa relatata mal-attivitajiet annwali waqt kull sena finanzjarja.

Għalhekk huwa importanti illi jiġu stabbiliti żewġ somom totali li ġejjin għal kull sena finanzjarja:

(a) it-total ta' approprijazzjonijiet għall-impenji (AFC) ([5]) = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati (NDA) + approprijazzjonjiet ta' impenji (CA) ([5]);

(b) it-total ta' approprijazzjonijiet għall-pagament (AFP) ([5]) = approprijazzjonijiet mhux differenzjati (NDA) + approprijazzjonijiet ta' pagamenti (PA) ([5]).

Id-dħul miġbur fil-baġit huwa ntiż sabiex jiġu koperti l-approprijazzjonijiet għall-pagamenti kollha. L-approprijazzjonijiet ta' impenji m'għandhomx bżonn jiġu koperti mid-dħul.

Il-preżentazzjoni simplifikata li ġejja (bl-ammonti illustrattivi) turi l-impatt ta' dawn it-tipi ta' approprijazzjonijiet f'kull sena tal-baġit.




**Sommarju tat-tipi kollha ta' appropjazzjonijiet:**

| Budget / Tipi ta' appropjazzjonijiet | Appropjazzjonijiet mhux differenzjati (NDA) | Appropjazzjonijiet differenzjati (DA): Appropjazzjonijiet impenjati (CA) | Appropjazzjonijiet differenzjati (DA): Appropjazzjonijiet ta' pagament (PA) | Appropjazzjonijiet għall-impenji (AFC) | Appropjazzjonijiet għall-pagamenti (AFP) |
|---|---|---|---|---|---|
| | (1) | (2) | (3) | (1) + (2) | (1) + (3) |
| Sena 1 | 100 | 50 | 27 | 150 | 127 |
| Sena 2 | 120 | 60 | 38 | 180 | 158 |
| Sena 3 | 150 | 65 | 75 | 215 | 225 |

([5]) Huwa importanti li wieħed jinnota d-differenzi bejn "approprijazzjonijiet għall-impenji" u "approprijazzjonijiet ta' impenji" u bejn "approprijazzjonijiet għall-pagamenti" u "approprijazzjonijiet ta' pagament". Dawn iż-żewġ termini "approprijazzjonijiet ta' impenji" u "approprijazzjonijiet ta' pagamenti" huma użati esklussivament fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

## 7. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

### 7.1. **Responsabbilità għall-implimentazzjoni**

Il-Kummissjoni timplimenta l-baġit taħt ir-responsabbiltà tagħha stess skond ir-Regolament Finanzjarju u fil-parametri tal-approprijazzjonijiet allokati; hija wkoll tikkonferixxi lill-istituzzjonijiet l-oħra l-poteri neċessarji għall-implimentazzjoni tat-taqsimiet tal-baġit relatati magħhom ([6]). Ir-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi l-proċeduri tal-implimentazzjoni u, partikolarment, ir-responsabbilitajiet tal-uffiċċjali li jawtorizzaw, l-uffiċjali tal-kontabilità, l-amministraturi ta' kontijiet *imprest* u l-awdituri interni tal-istituzzjonijiet. Fl-akbar żewġt oqsma tan-nefqa (il-Garanzija FAEGG u l-Fondi Strutturali), il-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni Ewropea hija maqsuma mal-Istati Membri.

### 7.2. **Implimentazzjoni tad-dħul**

Id-dħul stmat jiġi mdaħħal fil-baġit soġġett għal tibdil li joħroġ minn baġits ta' emenda.

L-implimentazzjoni baġitarja tad-dħul tikkonsisti fl-istabbiliment ta' intitolazzjonijiet u l-irkupru tad-dħul dovut lill-Unjoni Ewropea (riżorsi proprji u dħul ieħor). Hija rregolata minn ċerti dispożizzjonijiet speċjali ([7]). Id-dħul reali ta' sena finanzjarja jikkonsisti fit-total tas-somom miġbura kontra l-intitolazzjonijiet stabbiliti waqt is-sena finanzjarja kurrenti, u s-somom miġbura kontra l-intitolazzjonijiet illi għad iridu jiġu rkuprati minn snin finanzjarji preċedenti.

### 7.3. **Implimentazzjoni tan-nefqa**

In-nefqa stmata hija mdaħħla fil-baġit.

L-implimentazzjoni baġitarja tan-nefqa, jiġifieri l-evoluzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-approprijazzjonijiet, tista' tiġi deskritta fil-qasir b'dan il-mod:

(a) approprijazzjonijiet għall-impenji:

(i) *evoluzzjoni ta' approprijazzjonijiet:* l-approprijazzjonijiet totali għall-impenji disponibbli f'sena finanzjarja huma magħmulha kif ġej: baġit inizjali (NDA u CA) + baġits ta' emenda + dħul assenjat + trasferimenti + approprijazzjonijiet ta' impenji trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti + trasferimenti mhux awtomatiċi mis-sena finanzjarja preċedenti li għadhom ma ġewx impenjati + approprijazzjonijiet ta' impenji meħlusa minn snin finanzjarji preċedenti u li saru disponibbli mill-ġdid;

(ii) *utilizzazzjoni ta' approprijazzjonijiet:* l-approprijazzjonijiet finali għall-impenji huma disponibbli fis-sena finanzjarja għall-użu taħt forma ta' impenji assunti (approprijazzjonijiet għall-impenji utilizzati = l-ammont ta' impenji assunti);

(iii) *approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem minn sena finanzjarja għas-sena finanzjarja li jmiss:* approprijazzjonjiet ta' sena finanzjarja li ma ġewx użati jistgħu jinġiebu 'l quddiem għas-sena finanzjarja li jmiss wara deċiżjoni mill-istituzzjoni kkonċernata. Approprijazzjonijiet disponibbli bħala dħul assenjat huma awtomatikament miġjuba 'l quddiem;

(iv) *annullament ta' approprijazzjonijiet:* il-bilanċ huwa annullat;

(b) approprijazzjonijiet għall-pagament:

(i) *evoluzzjoni tal-approprijazzjonijiet:* it-total tal-approprijazzjonijiet għall-pagament disponibbli għas-sena finanzjarja huma magħmulin kif ġej: baġit inizjali (NDA u PA) + baġits ta' emenda + dħul assenjat + trasferimenti + approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti fil-forma ta' ammonti miġjuba 'l quddiem awtomatikament jew ammonti miġjuba 'l quddiem mhux awtomatikament.

(ii) *l-użu ta' approprijazzjonijiet tas-sena finanzjarja:* l-approprijazzjonijiet għall-pagament tas-sena finanzjarja huma disponibbli fis-sena finanzjarja għall- użu bħala pagamenti. Huma ma jinkludux approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti (approprijazzjonijiet użati għall-pagamenti = ammont tal-pagamenti mwettqa kontra l-approprijazzjonijiet tas-sena finanzjarja);

(iii) *approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem minn sena finanzjarja għas-sena finanzjarja li jmiss:* approprijazzjonijiet mhux użati tas-sena finanzjarja jistgħu jinġiebu 'l quddiem għas-sena finanzjarja li jmiss wara deċiżjoni tal-istituzzjoni kkonċernata. Approprijazzjonijiet disponibbli bħala dħul assenjat jinġiebu 'l quddiem awtomatikament;

---

([6]) Ara l-Artikoli 317 TFUE, 106a KEEA u 50 tar-REGFIN.

([7]) Ara l-Artikoli 69 sa 74 tar-REGFIN u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

(iv) *annullament ta' approprijazzjonijiet:* il-bilanċ huwa annullat;

(v) *pagamenti totali waqt is-sena finanzjarja:* pagamenti kontra approprijazzjonijiet għall-pagamenti tas-sena finanzjarja + pagamenti kontra approprijazzjonijiet għall-pagamenti miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti;

(vi) *nefqa reali attribwita għal sena finanzjarja:* nefqa fir-rendikonti konsolidati fuq l-implimentazzjoni baġitarja (ara l-paragrafu 7.4) = pagamenti kontra approprijazzjonijiet għall-pagamenti tas-sena finanzjarja + approprijazzjonijiet għall-pagamenti tas-sena finanzjarja miġjuba 'l quddiem għas-sena finanzjarja li jmiss.

7.4. **Ir-rendikonti konsolidati tal-implimentazzjoni tal-baġit u d-determinazzjoni tal-bilanċ tas-sena finanzjarja**

Ir-rendikonti konsolidati tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu ppreparati wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja. Huma jiddeterminaw il-bilanċ tas-sena, li jiddaħħal fil-baġit tas-sena finanzjarja li jmiss permezz ta' baġit ta' emenda.

8. PREŻENTAZZJONI TAL-KONTIJIET

Il-kontijiet għal sena finanzjarja partikolari jiġu mibgħuta lill-Parlament, il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri; dawn il-kontijiet jinkludu rendikonti finanzjarji u rendikonti fuq l-implimentazzjoni tal-baġit, flimkien ma' rapport fuq il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja. Il-kontijiet provviżorji jintbagħtu mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara; ir-rendikonti finali jridu jiġu ppreżentati sal-31 ta' Lulju ta' dik is-sena.

9. VERIFIKA ESTERNA

Sa mill-1977 il-verifika esterna tal-baġit ġiet imwettqa mill-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea ([8]). Il-Qorti tal-Awdituri teżamina l-kontijiet tad-dħul u tan-nefqa kollha tal-baġit. Hija għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u fuq il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Hija tikkunsidra wkoll jekk id-dħul ġiex irċevut u n-nefqa ġietx magħmula b'mod legali u regolari, u jekk il-ġestjoni finanzjarja kinitx waħda tajba. Il-verifiki jistgħu jsiru qabel l-għeluq tas-sena finanzjarja involuta u jiġu magħmula fuq bażi ta' reġistri u, fejn hemm bżonn, fuq il-post mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi. Il-Qorti tal-Awdituri tagħmel rapport annwali għal kull sena finanzjarja u tista' wkoll, fi kwalunkwe żmien, tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha fuq kwistjonijiet speċifiċi u tagħti opinjonijiet fuq talba ta' kwalunkwe istituzzjoni tal-Unjoni.

10. KWITTANZA U SEGWITU

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma applikabbli sa mill-1977 ([9]): il-Parlament, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, qabel it-30 ta' April tat-tieni sena li ssegwi s-sena finanzjarja kkonċernata, jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħha tal-baġit. Għal dan il-għan, il-Kunsill u l-Parlament wara xulxin jeżaminaw il-kontijiet ippreżentati mill-Kummissjoni u r-rapport annwali u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri. L-isitituzzjonijiet għandhom jieħdu l-azzjoni adattata b'risposta għall-kummenti li jidhru fid-deċiżjonijiet ta' kwittanza u jirrappurtaw fuq il-miżuri li jkunu ttieħdu.

([8]) Ara l-Artikoli 285 sa 287 TFUE, 160a KEEA, u l-Artikoli 139 sa 147 tal-REGFIN.
([9]) Ara l-Artikoli 319 TFUE u 106a KEEA.

## NOTI TA' SPJEGA

SORSI TA' DATA FINANZJARJA

Id-*data* finanzjarja li tinsab f'dan l-Anness ġiet meħuda mill-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea u minn reġistri finanzjarji oħra pprovduti mill-Kummissjoni. Id-distribuzzjoni ġeografika hija skond il-kodiċi tal-pajjiżi fis-sistema ta' informazzjoni tal-kontabilità tal-Kummissjoni (ABAC). Kif tinnota l-Kummissjoni, il-figuri kollha mogħtija mill-Istati Membri - kemm għad-dħul kif ukoll għall-infiq, - huma r-riżultat ta' aritmetika illi tagħti stampa inkompleta tal-benefiċċji illi kull Stat jieħu mill-Unjoni. Għalhekk huma għandhom jiġu interpretati bi prudenza.

UNITÀ MONETARJA

Id-*data* finanzjarja kollha hija ppreżentata f'miljuni ta' euro. It-totali huma mqarrba sal-eqreb numru sħiħ u għalhekk ma jirrappreżentawx neċessarjament is-somma taċ-ċifri proprja.

ABBREVJAZZJONIJIET U SIMBOLI

| | |
|---|---|
| AFC | Approprijazzjonijiet għall-impenji |
| AFP | Approprijazzjonijiet għall-pagament |
| AT | L-Awstrija |
| BE | Il-Belġju |
| BG | Il-Bulgarija |
| CA | Approprijazzjonijiet ta' impenji |
| CY | Ċipru |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka |
| DA | Approprijazzjonijiet Differenzjati |
| DE | Il-Ġermanja |
| DIA | Dijagramm li ssir referenza għalih f'dijagrammi oħrajn (eż. DIA III) |
| DK | Id-Danimarka |
| KE | Komunità Ewropea/Komunitajiet Ewropej |
| EE | L-Estonja |
| KEE | Komunità Ekonomika Ewropea |
| KEEA jew Euratom | Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika |
| EFTA | Assoċjazzjoni Ewropea ta' Kummerċ Ħieles |
| EL | Il-Greċja |
| ES | Spanja |
| UE | L-Unjoni Ewropea |
| UE-27 | Total għas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea |
| FI | Il-Finlandja |
| FR | Franza |
| FINREG | Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 |
| GNI | Dħul Gross Nazzjonali |

| | |
|---|---|
| HU | L-Ungerija |
| IE | L-Irlanda |
| IT | L-Italja |
| LT | Il-Litwanja |
| LU | Il-Lussemburgu |
| LV | Il-Latvja |
| MT | Malta |
| NDA | Approprijazzjonjiet mhux differenzjati |
| NL | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| ĠU | Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea |
| PA | Approprijazzjonijiet ta' pagamenti |
| PL | Il-Polonja |
| PT | Il-Portugall |
| RO | Ir-Rumanija |
| S | Taqsima tal-Baġit |
| SE | L-Iżvezja |
| Sl | Is-Slovenja |
| SK | Is-Slovakkja |
| T | Titolu tal-baġit |
| UK | Ir-Renju Unit |
| VAT | Taxxa fuq il-Valur Miżjud |
| 0,0 | *Data* bejn 0 u 0,05 |
| — | Nuqqas ta' *data* |

**DIJAGRAMMI**

BAĠIT GĦAS-SENA FINANZJARJA 2009 U IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT WAQT IS-SENA FINANZJARJA 2009

| | |
|---|---|
| DIA I | Baġit 2009 – Dħul stmat u approprijazzjonijiet għall-pagamenti finali |
| DIA II | Baġit 2009 – Approprijazzjonijiet għall-impenji |
| DIA III | Approprijazzjonijiet għall-impenji disponibbli fl-2009 u l-użu tagħhom, |
| DIA IV | Approprijazzjonijiet għall-pagamenti disponibbli fl-2009 u l-użu tagħhom, |
| DIA V | Rizorsi propji fl-2009, mill-Istat Membru |
| DIA VI | Pagamenti mwettqa fl-2009, f'kull Stat Membru |

IL-KONTIJIET KONSOLIDATI GĦAS-SENA FINANZJARJA 2009

| | |
|---|---|
| DIA VII | Karta tal-bilanċ konsolidata |
| DIA VIII | Kont tar-riżultat ekonomiku konsolidat |

## Dijagramma I

## Baġit 2009 — Dħul stmat u approprijazzjonijiet finali għall-pagamenti

[għall-kriterji tad-dħul, ara "Informazzjoni ta' sfond dwar il-baġit", il-paragrafu 7.2; għall-kriterji tan-nefqa, ara "Informazzjoni ta' sfond dwar il-baġit ġenerali", il-paragrafu 7.3 u għal informazzjoni iktar dettaljata, ara d-Dijagramma IV, il-kolonna (a)]

*(miljun euro u %)*

**DĦUL stmat:**

**NEFQA stmata:**
(approprijazzjonijiet għall-pagament finali)




### Diviżjoni tad-dħul

| | | |
|---|---|---|
| Total tar-riżorsi proprji (ta' kull Stat Membru) | | |
| Dazji agrikoli | — | (0 %) |
| Imposti fuq "zokkor" u "isoglukosju" | 139,4 | (0,1 %) |
| Dazji ta' dwana | 14 441,1 | (12,8 %) |
| Riżorsi proprji ġejjin mill-VAT | 12 714,0 | (11,2 %) |
| Riżorsi proprji bbażati fuq id-DGN | 81 557,1 | (72,2 %) |
| Dħul ieħor | 2 387,7 | (2,1 %) |
| Bilanċ favur disponibbli mis-sena preċedenti | 1 796,2 | (1,6 %) |

### Diviżjoni tan-nefqa
### Intestaturi tal-qafas finanzjarju

| | | |
|---|---|---|
| 1. Tkabbir Sostenibbli | 47 520,1 | (38,1 %) |
| 2. Preżervazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali | 57 106,9 | (45,8 %) |
| 3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja | 2 174,4 | (1,7 %) |
| 4. L-UE bħala parteċipanta globali | 8 804,1 | (7,1 %) |
| 5. Amministrazzjoni | 8 754,0 | (7 %) |
| 6. Kumpens | 209,1 | (0,2 %) |
| Approprijazzjonijiet disponibbli għal istituzzjonijiet oħra | 3 333,9 | (2,7 %) |
| Approprijazzjonijiet disponibbli għall-Kummissjoni | 121 234,7 | (97,3 %) |
| li minnhom, approprijazzjonijiet għan-nefqa | 115 814,6 | (93 %) |

(1) Wara l-baġits ta' emenda.
(4) Kontribuzzjoni tad-dħul minn CZ, RO, HU, SK, SI, LU, BG, LT, LV, EE, CY, MT kienet gruppata flimkien.

(2) Wara l-baġits ta' emenda u trasferimenti bejn l-intestaturi tal-baġit.
(3) Dħul assenjat u approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem.

## Dijagramma II
## Baġit 2009 — Approprijazzjonijiet għall-impenji

[wara l-baġits ta’ emenda; għal iktar informazzjoni, ara d-Dijagramma III, il-kolonna (b)]

*(miljun euro u %)*

**Nota:**
L-approprijazzjonijiet totali għall-impenji mhumiex ibbilanċjati mid-dħul baġitarju tal-2009 minħabba li l-approprijazzjonijiet tal-impenji jinkludu wkoll l-ammonti li jridu jkunu ffinanzjati mid-dħul baġitarju minn snin sussegwenti.




**Diviżjoni tan-nefqa**

**Intestaturi tal-qafas finanzjarju:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Tkabbir Sostenibbli | 63 923,3 | (43,8 %) |
| 2. Preżervazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali | 62 718,4 | (43 %) |
| 3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja | 2 327,7 | (1,6 %) |
| 4. L-UE bħala parteċipant globali | 8 713,5 | (6 %) |
| 5. Amministrazzjoni | 8 024,7 | (5,5 %) |
| 6. Kumpens | 209,1 | (0,1 %) |

**Dijagramma III**

**Approprijazzjonijiet għall-impenji disponibbli fl-2009 u l-użu tagħhom**

*(miljuni ta' euro u %)*

| | Taqsimiet (S.) u Titoli (T.) li jikkorrispondu man-nomenklatura baġitarja tal-2009 u intestaturi tal-qafas finanzjarju | Approprijazzjonijiet finali [1] | Użu tal-approprijazzjonijiet | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji irreġistrati | Rata ta' utilizzazzjoni (%) | miġjuba 'l quddiem għall-2010 | Rata (%) | Annullamenti | Rata (%) |
| | | (a) | (b) | (b)/(a) | (c) | (c)/(a) | (d) = (a) – (b) – (c) | (d)/(a) |
| | **Nomenklatura baġitarja** | | | | | | | |
| I | Parlament (S. I) | **1 596,1** | **1 467,4** | **91,9** | **26,3** | **1,6** | **102,4** | **6,4** |
| II | Kunsill (S. II) | **642,1** | **592,8** | **92,3** | **37,7** | **5,9** | **11,5** | **1,8** |
| III | Kummissjoni (S. III) | **142 946,7** | **139 778,5** | **97,8** | **2 486,7** | **1,7** | **681,5** | **0,5** |
| III.1 | Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji (T.01) | 444,6 | 439,7 | 98,9 | 1,5 | 0,3 | 3,4 | 0,8 |
| III.2 | Intrapriża (T.02) | 757,3 | 697,6 | 92,1 | 55,5 | 7,3 | 4,2 | 0,6 |
| III.3 | Kompetizzjoni (T.03) | 94,1 | 91,6 | 97,3 | 1,8 | 2,0 | 0,7 | 0,8 |
| III.4 | Impjiegi u affarijiet soċjali (T.04) | 11 255,1 | 11 195,6 | 99,5 | 46,0 | 0,4 | 13,4 | 0,1 |
| III.5 | Agrikoltura u żvilupp rurali (T.05) | 61 260,4 | 60 054,0 | 98,0 | 1 180,3 | 1,9 | 26,1 | 0,0 |
| III.6 | Enerġija u trasport (T.06) | 4 859,0 | 4 803,4 | 98,9 | 44,0 | 0,9 | 11,5 | 0,2 |
| III.7 | Ambjent (T.07) | 487,8 | 459,8 | 94,2 | 18,7 | 3,8 | 9,4 | 1,9 |
| III.8 | Riċerka (T.08) | 5 388,0 | 5 083,5 | 94,3 | 301,2 | 5,6 | 3,3 | 0,1 |
| III.9 | Soċjetà tal-informazzjoni u media (T.09) | 1 609,3 | 1 555,8 | 96,7 | 52,3 | 3,3 | 1,2 | 0,1 |
| III.10 | Riċerka diretta (T.10) | 795,3 | 432,6 | 54,4 | 360,8 | 45,4 | 1,9 | 0,2 |
| III.11 | Sajd u affarijiet marittimi (T.11) | 985,4 | 976,2 | 99,1 | 4,5 | 0,5 | 4,7 | 0,5 |
| III.12 | Suq intern (T.12) | 68,5 | 66,2 | 96,6 | 1,1 | 1,6 | 1,2 | 1,8 |
| III.13 | Politika reġjonali (T.13) | 38 559,9 | 38 523,1 | 99,9 | 22,0 | 0,1 | 14,8 | 0,0 |
| III.14 | Tassazzjoni u unjoni doganali (T.14) | 133,6 | 126,2 | 94,5 | 1,6 | 1,2 | 5,8 | 4,3 |
| III.15 | Edukazzjoni u kultura (T.15) | 1 691,0 | 1 566,1 | 92,6 | 123,5 | 7,3 | 1,4 | 0,1 |
| III.16 | Komunikazzjoni (T.16) | 217,4 | 213,7 | 98,3 | 1,4 | 0,6 | 2,3 | 1,0 |
| III.17 | Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur (T.17) | 695,2 | 675,5 | 97,2 | 11,1 | 1,6 | 8,6 | 1,2 |
| III.18 | Qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (T.18) | 1 032,1 | 1 008,0 | 97,7 | 14,7 | 1,4 | 9,4 | 0,9 |
| III.19 | Relazzjonijiet esterni (T.19) | 4 167,5 | 4 105,3 | 98,5 | 53,8 | 1,3 | 8,4 | 0,2 |
| III.20 | Kummerċ (T.20) | 80,8 | 77,7 | 96,2 | 1,3 | 1,6 | 1,8 | 2,2 |
| III.21 | Żvilupp u relazzjonijiet mal-pajjiżi AkP (T.21) | 2 429,9 | 2 324,9 | 95,7 | 100,0 | 4,1 | 5,0 | 0,2 |
| III.22 | Tkabbir (T.22) | 1 131,6 | 1 119,9 | 99,0 | 10,3 | 0,9 | 1,4 | 0,1 |
| III.23 | Għajnuna umanitarja (T.23) | 915,0 | 913,0 | 99,8 | 1,0 | 0,1 | 0,9 | 0,1 |
| III.24 | Ġlieda kontra l-frodi (T.24) | 78,4 | 77,4 | 98,6 | 0,0 | 0,0 | 1,1 | 1,4 |
| III.25 | Politika ta' koordinazzjoni u parir legali tal-Kummissjoni (T.25) | 193,7 | 187,3 | 96,7 | 3,8 | 2,0 | 2,7 | 1,4 |
| III.26 | Amministrazzjoni tal-Kummissjoni (T.26) | 1 092,5 | 1 047,9 | 95,9 | 36,5 | 3,3 | 8,1 | 0,7 |
| III.27 | Baġit (T.27) | 274,3 | 271,7 | 99,1 | 2,0 | 0,7 | 0,5 | 0,2 |
| III.28 | Verifika (T.28) | 10,9 | 10,5 | 96,8 | 0,2 | 1,9 | 0,1 | 1,3 |
| III.29 | Statistika (T.29) | 143,4 | 133,0 | 92,7 | 7,1 | 4,9 | 3,3 | 2,3 |
| III.30 | Pensjonijiet (T.30) | 1 135,9 | 1 117,3 | 98,4 | — | — | 18,7 | 1,6 |
| III.31 | Servizzi tal-Lingwa (T.31) | 455,8 | 424,0 | 93,0 | 28,5 | 6,2 | 3,4 | 0,7 |
| III.40 | Riżervi (T.40) | 503,0 | — | — | — | — | 503,0 | 100,0 |
| IV | Qorti tal-Ġustizzja (S. IV) | **317,6** | **312,8** | **98,5** | **1,2** | **0,4** | **3,6** | **1,1** |
| V | Qorti tal-Awdituri (S. V) | **188,2** | **173,5** | **92,2** | **0,4** | **0,2** | **14,3** | **7,6** |
| VI | Kumitat Ekonomiku u Soċjali (S. VI) | **122,3** | **119,9** | **98,0** | **0,4** | **0,3** | **2,0** | **1,6** |
| VII | Kumitat tar-Reġjuni (S. VII) | **88,2** | **86,8** | **98,4** | **0,1** | **0,1** | **1,4** | **1,6** |
| VIII | L-Ombudsman Ewropew (S. VIII) | **9,0** | **8,3** | **92,0** | — | — | **0,7** | **8,0** |
| IX | Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (S. IX) | **6,7** | **5,4** | **81,4** | — | — | **1,2** | **18,6** |
| | **Total ġenerali tal-approprijazzjonijiet għall-impenji** | **145 916,8** | **142 545,4** | **97,7** | **2 552,7** | **1,7** | **818,7** | **0,6** |
| | **Qafas Finanzjarju** | | | | | | | |
| 1 | Tkabbir Sostenibbli | 63 923,3 | 62 444,5 | 97,7 | 972,1 | 1,5 | 506,7 | 0,8 |
| 2 | Preżervazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali | 62 718,4 | 61 484,4 | 98,0 | 1 192,8 | 1,9 | 41,3 | 0,1 |
| 3 | Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja | 2 327,7 | 2 264,1 | 97,3 | 49,9 | 2,1 | 13,7 | 0,6 |
| 4 | L-UE bħala parteċipanta globali | 8 713,5 | 8 481,4 | 97,3 | 166,3 | 1,9 | 65,8 | 0,8 |
| 5 | Amministrazzjoni | 8 024,7 | 7 661,9 | 95,5 | 171,6 | 2,1 | 191,2 | 2,4 |
| 6 | Kumpens | 209,1 | 209,1 | 100,0 | — | — | — | — |
| | **Total ġenerali tal-approprijazzjonijiet għall-impenji** | **145 916,8** | **142 545,4** | **97,7** | **2 552,7** | **1,7** | **818,7** | **0,6** |
| | | | | | | | | |
| | **Total ġenerali tal-approprijazzjonijiet għall-pagamenti** | **124 568,6** | **118 361,0** | **95,0** | **4 519,1** | **3,6** | **1 688,5** | **1,4** |

([1]) Approprijazzjonijiet tal-baġit finali wara li ttieħed kont tat-trasferimenti bejn l-intestaturi tal-baġit, approprijazzjonijiet li jikkorrispondu mad-dħul assenjat jew simili u approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel.

**Dijagramma IV**

**Approprijazzjonijiet għall-pagamenti disponibbli fl-2009 u l-użu tagħhom**

*(miljuni ta' euro u %)*

| | Taqsimiet (S) u titoli (T) li jikkorrispondu man-nomenklatura baġitarja tal-2009 u intestaturi tal-qafas finanzjarju | Approprijazz-jonijiet finali (1) | Użu tal-approprijazzjonijiet | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Pagamenti magħmula fl-2009 | Rata ta' użu (%) | Trasferimenti għall-2010 | Rata (%) | Kanċellazzjonijiet | Rata (%) |
| | | (a) | (b) | (b)/(a) | (c) | (c)/(a) | (d) = (a) − (b) − (c) | (d)/(a) |
| | **Nomenklatura tal-baġit** | | | | | | | |
| I | Parlament (S. I) | **1 798,8** | **1 466,1** | **81,5** | **211,9** | **11,8** | **120,8** | **6,7** |
| II | Kunsill (S. II) | **762,2** | **658,8** | **86,4** | **82,8** | **10,9** | **20,6** | **2,7** |
| III | Kummissjoni (S. III) | **121 234,7** | **115 589,9** | **95,3** | **4 127,4** | **3,4** | **1 517,3** | **1,3** |
| III.1 | Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji (T.01) | 345,2 | 327,4 | 94,8 | 14,1 | 4,1 | 3,7 | 1,1 |
| III.2 | Intrapriża(T.02) | 705,0 | 558,4 | 79,2 | 88,6 | 12,6 | 58,0 | 8,2 |
| III.3 | Kompetizzjoni (T.03) | 107,0 | 94,5 | 88,3 | 10,1 | 9,4 | 2,4 | 2,3 |
| III.4 | Impjiegi u affarijiet soċjali (T.04) | 9 929,4 | 8 906,4 | 89,7 | 754,7 | 7,6 | 268,3 | 2,7 |
| III.5 | Agrikoltura u żvilupp rurali (T.05) | 56 412,6 | 55 208,9 | 97,9 | 954,2 | 1,7 | 249,5 | 0,4 |
| III.6 | Enerġija u trasport (T.06) | 2 480,5 | 2 253,2 | 90,8 | 176,5 | 7,1 | 50,7 | 2,0 |
| III.7 | Ambjent (T.07) | 408,6 | 356,1 | 87,2 | 30,2 | 7,4 | 22,2 | 5,4 |
| III.8 | Riċerka (T.08) | 5 644,1 | 4 825,8 | 85,5 | 788,6 | 14,0 | 29,7 | 0,5 |
| III.9 | Soċjetà tal-informazzjoni u media (T.09) | 1 552,0 | 1 374,7 | 88,6 | 172,7 | 11,1 | 4,6 | 0,3 |
| III.10 | Riċerka diretta (T.10) | 734,7 | 410,5 | 55,9 | 313,9 | 42,7 | 10,3 | 1,4 |
| III.11 | Sajd u affarijiet marittimi (T.11) | 714,9 | 592,5 | 82,9 | 19,2 | 2,7 | 103,3 | 14,4 |
| III.12 | Suq intern (T.12) | 75,5 | 65,6 | 86,9 | 7,2 | 9,5 | 2,8 | 3,6 |
| III.13 | Politika reġjonali (T.13) | 26 792,8 | 26 739,5 | 99,8 | 14,9 | 0,1 | 38,4 | 0,1 |
| III.14 | Tassazzjoni u unjoni doganali (T.14) | 131,5 | 120,4 | 91,5 | 8,6 | 6,5 | 2,5 | 1,9 |
| III.15 | Edukazzjoni u kultura (T.15) | 1 654,2 | 1 495,1 | 90,4 | 153,4 | 9,3 | 5,7 | 0,3 |
| III.16 | Komunikazzjoni (T.16) | 228,6 | 203,9 | 89,2 | 16,4 | 7,2 | 8,3 | 3,6 |
| III.17 | Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur (T.17) | 632,2 | 526,4 | 83,3 | 35,3 | 5,6 | 70,6 | 11,2 |
| III.18 | Qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (T.18) | 830,4 | 744,4 | 89,6 | 15,7 | 1,9 | 70,3 | 8,5 |
| III.19 | Relazzjonijiet esterni (T.19) | 3 804,5 | 3 673,4 | 96,6 | 72,5 | 1,9 | 58,7 | 1,5 |
| III.20 | Kummerċ (T.20) | 87,9 | 77,4 | 88,1 | 7,5 | 8,6 | 2,9 | 3,4 |
| III.21 | Kummerċ u relazzjonijiet mal-Istati AKP (T.21) | 1 872,1 | 1 697,7 | 90,7 | 137,9 | 7,4 | 36,6 | 2,0 |
| III.22 | Tkabbir (T.22) | 1 436,5 | 1 308,4 | 91,1 | 17,9 | 1,2 | 110,2 | 7,7 |
| III.23 | Għajnuna umanitarja (T.23) | 858,7 | 799,7 | 93,1 | 46,6 | 5,4 | 12,4 | 1,4 |
| III.24 | Ġlieda kontra l-frodi (T.24) | 80,1 | 71,0 | 88,6 | 6,8 | 8,5 | 2,3 | 2,8 |
| III.25 | Politika ta' Koordinazzjoni u parir legali tal-Kummissjoni (T.25) | 211,6 | 184,7 | 87,3 | 19,7 | 9,3 | 7,2 | 3,4 |
| III.26 | Amministrazzjoni tal-Kummissjoni(T.26) | 1 225,6 | 1 033,7 | 84,3 | 163,6 | 13,4 | 28,2 | 2,3 |
| III.27 | Baġit (T.27) | 284,6 | 270,9 | 95,2 | 12,2 | 4,3 | 1,5 | 0,5 |
| III.28 | Verifika (T.28) | 11,5 | 10,4 | 90,0 | 0,9 | 7,4 | 0,3 | 2,5 |
| III.29 | Statistika (T.29) | 137,8 | 120,3 | 87,3 | 14,7 | 10,6 | 2,9 | 2,1 |
| III.30 | Pensjonijiet (T.30) | 1 135,9 | 1 117,3 | 98,4 | — | — | 18,7 | 1,6 |
| III.31 | Servizzi tal-Lingwa (T.31) | 479,5 | 421,5 | 87,9 | 52,8 | 11,0 | 5,1 | 1,1 |
| III.40 | Riżervi (T.40) | 229,0 | — | — | — | — | 229,0 | 100,0 |
| IV | Qorti tal-Ġustizzja (S. IV) | **332,2** | **307,2** | **92,5** | **19,4** | **5,8** | **5,6** | **1,7** |
| V | Qorti tal-Awdituri (S. V) | **200,5** | **123,0** | **61,3** | **61,7** | **30,8** | **15,8** | **7,9** |
| VI | Kumitat Ekonomiku u Soċjali (S. VI) | **128,0** | **117,3** | **91,7** | **7,6** | **5,9** | **3,0** | **2,4** |
| VII | Kumitat tar-Reġjuni (S. VII) | **95,0** | **85,6** | **90,1** | **6,4** | **6,7** | **3,0** | **3,2** |
| VIII | L-Ombudsman Ewropew (S. VIII) | **9,6** | **8,1** | **84,6** | **0,7** | **7,6** | **0,8** | **7,9** |
| IX | Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (S. IX) | **7,6** | **4,9** | **64,2** | **1,1** | **15,0** | **1,6** | **20,7** |
| | **Total ġenerali tal-approprijazzjonijiet għall-pagamenti** | **124 568,6** | **118 361,0** | **95,0** | **4 519,1** | **3,6** | **1 688,5** | **1,4** |
| | **Qafas Finanzjarju** | | | | | | | |
| 1 | Tkabbir Sostenibbli | 47 520,1 | 44 683,5 | 94,0 | 2 380,6 | 5,0 | 455,9 | 1,0 |
| 2 | Preżervazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali | 57 106,9 | 55 877,3 | 97,8 | 985,7 | 1,7 | 243,9 | 0,4 |
| 3 | Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja | 2 174,4 | 1 993,0 | 91,7 | 75,2 | 3,5 | 106,2 | 4,9 |
| 4 | L-UE bħala parteċipanta globali | 8 804,1 | 7 982,9 | 90,7 | 220,0 | 2,5 | 601,2 | 6,8 |
| 5 | Amministrazzjoni | 8 754,0 | 7 615,3 | 87,0 | 857,5 | 9,8 | 281,3 | 3,2 |
| 6 | Kumpens | 209,1 | 209,1 | 100,0 | — | — | — | — |
| | **Total ġenerali tal-approprijazzjonijiet għall-pagamenti** | **124 568,6** | **118 361,0** | **95,0** | **4 519,1** | **3,6** | **1 688,5** | **1,4** |

(1) Approprijazzjonijiet finali tal-baġit wara li ttiehdu in konsiderazzjoni trasferimenti bejn l-intestaturi tal-baġit, approprijazzjonijiet li jikkorrispondu ma' dħul assenjat jew simili u approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel.

## Dijagramma V

## Riżorsi proprji fl-2009, mill-Istati Membri

### Ir-riżultat tad-dħul

*(miljun euro u %)*



| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | IT | CY | LV | LT |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| — Riżorsi proprji tradizzjonali | 1 423,0 | 52,9 | 166,8 | 282,8 | 2 945,9 | 24,0 | 176,6 | 190,8 | 1 001,8 | 1 263,0 | 1 505,4 | 34,5 | 18,5 | 40,3 |
| — Riżorsi mill-VAT | 349,4 | 51,0 | 170,0 | 274,9 | 1 705,0 | 19,9 | 201,4 | 328,3 | 1 527,9 | 2 545,6 | 1 378,6 | 24,8 | 22,5 | 41,8 |
| — Riżorsi mid-DGN | 2 409,2 | 240,9 | 860,8 | 1 599,7 | 17 112,6 | 94,0 | 947,4 | 1 578,5 | 7 211,7 | 13 629,3 | 10 395,4 | 117,6 | 147,5 | 202,6 |
| — Korrezzjoni għar-Renju Unit | 251,1 | 25,1 | 95,4 | 172,8 | 311,7 | 10,9 | 106,6 | 184,1 | 762,2 | 1 421,2 | 1 082,8 | 12,5 | 14,0 | 18,8 |
| — Tnaqqis għall-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja (2) | 24,1 | 2,4 | 9,2 | 16,9 | 171,1 | 1,0 | 10,0 | 16,9 | 73,7 | 137,7 | 106,5 | 1,2 | 1,4 | 2,0 |
| — Aġġustamenti għall-2007 u l-2008 (3) | 204,6 | 17,4 | 71,9 | 143,8 | – 1 736,4 | 8,7 | 91,6 | 126,2 | 592,5 | 1 096,2 | 949,4 | 8,8 | 11,7 | 16,7 |
| **TOTAL** | **4 661,4** | **389,6** | **1 374,1** | **2 490,9** | **20 509,9** | **158,5** | **1 533,6** | **2 424,8** | **11 169,9** | **20 093,0** | **15 418,1** | **199,4** | **215,6** | **322,3** |
| | 4,3 % | 0,4 % | 1,3 % | 2,3 % | 18,8 % | 0,1 % | 1,4 % | 2,2 % | 10,3 % | 18,4 % | 14,2 % | 0,2 % | 0,2 % | 0,3 % |

| | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK (1) | EU-27 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| — Riżorsi proprji tradizzjonali | 10,8 | 92,9 | 9,6 | 1 721,1 | 156,9 | 299,5 | 117,6 | 124,3 | 68,8 | 83,6 | 114,9 | 370,1 | 2 232,0 | **14 528,2** |
| — Riżorsi mill-VAT | 41,1 | 113,2 | 8,2 | 264,2 | 270,7 | 427,6 | 227,7 | 156,6 | 53,9 | 77,0 | 237,2 | 152,9 | 2 124,7 | **12 796,2** |
| — Riżorsi mid-DGN | 194,5 | 589,1 | 38,8 | 3 992,0 | 1 872,2 | 2 031,9 | 1 078,0 | 902,1 | 256,1 | 463,1 | 1 204,1 | 2 045,4 | 10 773,5 | **81 988,2** |
| — Korrezzjoni għar-Renju Unit | 21,5 | 56,5 | 4,2 | 92,9 | 27,7 | 208,7 | 113,1 | 89,7 | 27,2 | 46,3 | 134,6 | 45,1 | – 5 657,7 | **– 321,1** |
| — Tnaqqis għall-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja (2) | 2,0 | 6,1 | 0,4 | – 624,4 | 19,4 | 20,1 | 11,1 | 8,7 | 2,5 | 4,7 | 12,8 | – 148,7 | – 115,3 | **– 4,1** |
| — Aġġustamenti għall-2007 u l-2008 (3) | 16,9 | 51,1 | 3,0 | – 2 108,7 | – 31,0 | 146,1 | 89,1 | 61,0 | 19,0 | 36,9 | 110,4 | – 609,4 | 523,7 | **– 88,7** |
| **TOTAL** | **286,7** | **908,9** | **64,3** | **3 337,0** | **2 315,8** | **3 133,9** | **1 636,7** | **1 342,3** | **427,7** | **711,6** | **1 813,9** | **1 855,4** | **10 111,6** | **108 906,9** |
| | 0,3 % | 0,8 % | 0,1 % | 3,1 % | 2,1 % | 2,9 % | 1,5 % | 1,2 % | 0,4 % | 0,7 % | 1,7 % | 1,7 % | 9,3 % | 100,0 % |

(1) Għar-Renju Unit, tiġi applikata korrezzjoni (5 657,7 miljun euro) fuq l-ammont gross tar-riżorsi proprji (15 769,3 miljun euro). Il-finanzjament ta' dan l-aġġustament jiġġarrab mill-Istati Membri l-oħra.
(2) Għall-Pajjiżi l-Baxxi u għall-Isvezja tnaqqis gross għall-kontribuzzjoni tad-DGN annwali tagħhom jingħata għall-perijodu 2007-2013. Għall-2009 l-ammonti tagħhom huma rispettivament 624,4 u 148,7 miljun euro.
(3) Wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436 KE/Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ġie kkalkolat aġġustament għall-implimentazzjoni tagħha fir-rigward tas-snin finanzjarji 2007 u 2008.

## Dijagramma VI

### Pagamenti mwettqa fl-2009, f'kull Stat Membru ([1])

Nota: Pagamenti mwettqa fl-2009 = pagamenti kontra approprijazzjonijiet operattivi tal-2009 flimkien ma' pagamenti kontra ammonti miġjuba 'l quddiem mill-2008.

**Intestaturi tal-qafas finanzjarju**

*(miljun euro u %)*



| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | IT | CY | LV | LT |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| — Tkabbir Sostenibbli | 1 136,8 | 301,6 | 2 034,6 | 191,3 | 4 352,7 | 540,2 | 241,5 | 2 451,5 | 4 816,0 | 3 546,8 | 3 094,8 | 88,4 | 485,3 | 1 278,6 |
| *Kompetittività* | *766,1* | *34,6* | *59,7* | *134,8* | *1 041,2* | *22,9* | *120,1* | *192,3* | *641,9* | *1 626,4* | *681,4* | *14,3* | *15,6* | *101,9* |
| *Koeżjoni* | *370,8* | *267,0* | *1 974,9* | *56,5* | *3 311,4* | *517,3* | *121,3* | *2 259,2* | *4 174,2* | *1 920,4* | *2 413,3* | *74,1* | *469,7* | *1 176,8* |
| — Preż. tar-Riżorsi Nazzjonali | 1 012,2 | 363,6 | 928,5 | 1 192,4 | 7 388,7 | 158,4 | 1 685,2 | 2 956,7 | 6 938,6 | 10 393,5 | 5 838,6 | 59,6 | 237,3 | 490,8 |
| — Ċitt., libertà, sigurtà u ġustizzja | 143,0 | 16,3 | 16,5 | 13,0 | 96,2 | 10,8 | 13,1 | 37,1 | 93,3 | 247,0 | 653,6 | 15,5 | 10,3 | 28,6 |
| — L-UE bħala parteċipanta globali | 172,3 | 221,2 | 8,6 | 3,3 | 26,9 | 1,0 | 0,6 | 5,0 | 26,6 | 40,6 | 37,7 | 33,4 | 0,0 | 4,9 |
| — Kumpens | — | 64,7 | — | — | — | — | — | — | — | — | — | — | — | — |
| **TOTAL** | **2 464,3** | **967,3** | **2 988,3** | **1 400,0** | **11 864,6** | **710,4** | **1 940,3** | **5 450,3** | **11 874,5** | **14 227,9** | **9 624,6** | **196,9** | **732,9** | **1 802,8** |
| | 2,2 % | 0,9 % | 2,7 % | 1,3 % | 10,7 % | 0,6 % | 1,8 % | 4,9 % | 10,7 % | 12,8 % | 8,7 % | 0,2 % | 0,7 % | 1,6 % |

| | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Pajjiżi terzi u varji. ([2]) | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| — Tkabbir Sostenibbli | 92,8 | 2 235,8 | 41,5 | 655,8 | 427,9 | 6 202,3 | 2 565,4 | 963,7 | 390,9 | 632,2 | 386,2 | 445,3 | 2 212,2 | 2 871,4 | **44 683,5** |
| *Kompetittività* | *85,7* | *61,4* | *6,2* | *413,5* | *189,6* | *120,2* | *131,9* | *45,6* | *22,7* | *47,4* | *192,3* | *233,0* | *937,3* | *2 813,5* | ***10 753,6*** |
| *Koeżjoni* | *7,1* | *2 174,4* | *35,3* | *242,3* | *241,2* | *6 082,0* | *2 433,6* | *918,1* | *368,3* | *584,8* | *193,9* | *212,2* | *1 274,9* | *57,9* | ***33 932,9*** |
| — Preż. tar-Riżorsi Nazzjonali | 54,5 | 1 508,9 | 8,1 | 1 274,2 | 1 340,2 | 3 176,0 | 1 120,9 | 1 170,6 | 221,6 | 568,4 | 818,7 | 910,8 | 3 884,2 | 175,1 | **55 876,3** |
| — Ċitt., libertà, sigurtà u ġustizzja | 11,1 | 23,2 | 15,4 | 65,1 | 37,1 | 117,3 | 32,2 | 36,6 | 12,1 | 8,6 | 20,3 | 85,3 | 90,9 | 44,4 | **1 993,9** |
| — L-UE bħala parteċipanta globali | 7,9 | 7,3 | — | 11,5 | 16,6 | 47,9 | 5,6 | 620,0 | 11,2 | 26,8 | 5,1 | 21,7 | 23,9 | 6 595,5 | **7 982,9** |
| — Kumpens | — | — | — | — | — | — | — | 144,4 | — | — | — | — | — | — | **209,1** |
| **TOTAL** | **166,3** | **3 775,3** | **65,1** | **2 006,6** | **1 821,9** | **9 543,4** | **3 724,1** | **2 935,3** | **635,9** | **1 236,0** | **1 230,3** | **1 462,9** | **6 211,2** | **9 686,4** | **110 745,8** |
| | 0,2 % | 3,4 % | 0,1 % | 1,8 % | 1,6 % | 8,6 % | 3,4 % | 2,7 % | 0,6 % | 1,1 % | 1,1 % | 1,3 % | 5,6 % | 8,7 % | 100,0 % |

([1]) L-analiżi ġeografika mhix skont il-pagamenti magħmula lill-Istati Membri imma skont in-nefqa skond id-data fis-sistema ta' kontabilità kompjuterizzata ABAC tal-Kummissjoni.
([2]) L-ammonti taħt "Pajjiżi Terzi u varji" prinċipalment jinkludu nefqa relatata mal-proġetti implimentati barra l-Unjoni u parteċipazzjoni minn pajjiżi terzi. Nefqa li ma setgħetx issir distribuzzjoni ġeografika dwarha hija inkluża wkoll.

**Dijagramma VII**

**Karta tal-bilanċ konsolidata**

*(miljun euro)*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti:** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 72 | 56 |
| Proprjetà, impjanti u apparat | 4 859 | 4 881 |
| Investimenti ta' skandenza twila | 2 379 | 2 078 |
| Self | 10 764 | 3 565 |
| Prefinanzjament ta' skadenza twila | 39 750 | 29 023 |
| Riċevibbli ta' skadenza twila | 55 | 45 |
| | **57 879** | **39 648** |
| **Attiv kurrenti:** | | |
| Inventarji | 77 | 85 |
| Investimenti ta' skadenza qasira | 1 791 | 1 553 |
| Prefinanzjament ta' skadenza qasira | 9 077 | 10 262 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 8 663 | 11 920 |
| Flus likwidi u ekwivalenti | 23 372 | 23 724 |
| | **42 980** | **47 544** |
| **Attiv totali** | **100 859** | **87 192** |
| **Passiv mhux kurrenti:** | | |
| Pensjonijiet tal-persunal | – 37 242 | – 37 556 |
| Proviżjonijiet ta' skadenza twila | – 1 469 | – 1 341 |
| Passiv finanzjarji ta' skadenza twila | – 10 559 | – 3 349 |
| Passiv ieħor fit-tul | – 2 178 | – 2 226 |
| | **– 51 448** | **– 44 472** |
| **Passiv kurrenti:** | | |
| Proviżjonijiet ta' skadenza qasira | – 213 | – 348 |
| Passiv finanzjarji ta' skadenza qasira | – 40 | – 119 |
| Kontijiet pagabbli | – 93 884 | – 89 677 |
| | **– 94 137** | **– 90 144** |
| **Passiv totali** | **– 145 585** | **– 134 616** |
| **Attiv nett** | **– 44 726** | **– 47 424** |
| Riżervi | 3 323 | 3 115 |
| Ammonti li għandhom jinġabru mill-Istati Membri: | | |
| *Benefiċċji tal-impjegati* | *– 37 242* | *– 37 556* |
| *Ammonti oħrajn* | *– 10 807* | *– 12 983* |
| **Attiv nett** | **– 44 726** | **– 47 424** |

**Dijagramma VIII**

**Kont tar-riżultat ekonomiku konsolidat**

*(miljun euro)*

| | 31.12.2009 | 31.12.2008 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Dħul minn riżorsi proprji u kontribuzzjonijiet | 110 537 | 112 713 |
| Dħul operattiv ieħor | 7 532 | 9 731 |
| | **118 069** | **122 444** |
| **Spejjeż operattivi** | | |
| Spejjeż amministrattivi | – 8 133 | – 7 720 |
| Spejjeż operattivi | – 104 934 | – 97 214 |
| | **– 113 067** | **– 104 934** |
| **Bilanċ favur minn attivitajiet operattivi** | **5 002** | **17 510** |
| Dħul finanzjarju | 835 | 698 |
| Spejjeż finanzjarji | – 594 | – 467 |
| Moviment fl-obbligi tal-pensjonijiet tal-impjegati | – 683 | – 5 009 |
| Sehem tal-bilanċ favur (kontra) nett ta' intrapriżi assoċjati u konġunti | – 103 | – 46 |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena** | **4 457** | **12 686** |

*L-ANNESS II*

**Lista ta' Rapporti Speċjali adottati mill-Qorti tal-Awdituri sa mill-aħħar Rapport Annwali:**

— Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2009 — Assistenza tal-UE implimentata permezz ta' organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti: it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-monitoraġġ

— Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2009 — It-tmexxija tal-Kummissjoni Ewropea tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni lit-Turkija

— Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2009 — L-azzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali għan-nisa kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew

— Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2009 — L-effettività tal-appoġġ tal-FEI għall-Integrazzjoni Ekonomika Reġjonali fl-Afrika tal-Lvant u fl-Afrika tal-Punent

— Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2010 — Il-proċeduri ssimplifikati doganali għall-importazzjoni huma kkontrollati b'mod effettiv?

— Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2010 — L-effettività tal-iskemi ta' sostenn għall-Istudji fid-Disinn u l-Kostruzzjoni ta' Infrastrutturi Ġodda taħt is-Sitt Programm ta' Qafas għar-Riċerka

— Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2010 — Il-Valutazzjonijiet tal-Impatt fl-istituzzjonijiet tal-UE huma ta' appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet?

— Ir-Rapport Speċjali Nru 4/2010 — Hemm probabbiltà li t-tfassil u l-ġestjoni tal-iskema ta' mobbiltà tal-programm Leonardo da Vinci jwasslu għal riżultati effettivi?

— Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2010 — L-implimentazzjoni tal-approċċ Leader għall-iżvilupp rurali

— Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2010 — Ir-riforma tas-suq taz-zokkor laħqet l-għanijiet prinċipali tagħha?

— Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2010 — Verifika tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet

— Ir-Rapport Speċjali Nru 8/2010 — It-titjib tal-prestazzjoni tat-trasport fuq l-assi ferrovjarji trans-Ewropej: L-investiment tal-UE fl-infrastruttura ferrovjarja kien effettiv?

— Ir-Rapport Speċjali Nru 9/2010 — L-infiq tal-Miżuri Strutturali tal-UE fuq il-provvista tal-ilma għall-konsum domestiku qed jintużaw bl-aqwa mod?

Aċċess għal dawn ir-rapporti biex jiġu kkonsultati jew biex jitniżżlu minn fuq l-Internet huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: www.eca.europa.eu

Verżjoni stampata tista' tinkiseb fuq talba lill-Qorti tal-Awdituri:

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri**
**Unità Komunikazzjoni u Rapporti**
**12 rue Alcide De Gasperi**
**1615 Luxembourg**
**LUXEMBOURG**
**Tel: + (352) 4398-1**
**e-mail: euraud@eca.europa.eu**

jew billi timtela formola ta' ordni elettronika fuq l-EU-Bookshop.